

L-OMBUDSMAN EWROPEW

IR-RAPPORT ANNWALI **2004**

L-OMBUDSMAN
EWROPEW

IR-RAPPORT ANNWALI **2004**

© L-Ombudsman Ewropew 2005

Id-drittijiet kollha huma miżmuma.

Hu permess li jkun hemm riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali sakemm jingħata għarfien lis-sorsi.

Ir-ritratti fuq il-qoxra ta` wara ġie meħuda minn Ms Glory Rozakis.

It-test shiħ tar-rapport hu ppubblikat fl-*internet* fis-sit:
<http://www.euro-ombudsman.eu.int/report/mt/default.htm>

L-OMBUDSMAN
EWROPEW
IR-RAPPORT ANNWALI 2004

L-OMBUDSMAN EWROPEW



P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Is-Sur Josep BORRELL FONTELLES
President
Parlament Ewropew
Rue Wiertz
1047 Brussel
BELĠJU

Strasburg, 8 ta' Marzu 2005

Sur President,

Bi qbil ma' l-Artikolu 195 (1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u ma' l-Artikolu 3 (8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li Jirregolaw l-Eżerċitar tad-Dmirijiet ta' l-Ombudsman, qiegħed hawn nippreżenta r-Rapport tiegħi għas-sena 2004.

Dejjem tiegħek,

P. Nikiforos DIAMANDOUROS



| | | |
|--|-----|--|
| DAĦLA | 17 | DAĦLA |
| 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV | 25 | SOMMARJU EŻEKUTTIV |
| 2 ILMENTI U INKJESTI | 37 | ILMENTI U INKJESTI |
| 3 DEĊIŻJONIJET LI JSEGWU INKJESTA | 55 | DEĊIŻJONIJET LI JSEGWU INKJESTA |
| 4 RELAZZJONIJET MA' ISTITUZZJONIJET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | 109 | RELAZZJONIJET MA' ISTITUZZJONIJET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA |
| 5 RELAZZJONIJET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA | 115 | RELAZZJONIJET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA |
| 6 KOMUNIKAZZJONIJET | 129 | KOMUNIKAZZJONIJET |
| 7 ANNESSI | 165 | ANNESSI |



| | |
|---|-----------|
| DAĦLA | 17 |
| 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV | 25 |
| 2 ILMENTI U INKJESTI | 37 |
| 2.1 IL-BAŻI LEGALI GĦALL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN | 37 |
| 2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW | 38 |
| 2.2.1 Ilmenti mhux awtorizzati | 38 |
| 2.2.2 Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji | 38 |
| 2.2.3 Amministrazzjoni ħażina | 39 |
| 2.3 AMMISSIBILITÀ U BAŻI GĦAL INKJESTI | 40 |
| 2.4 ANALIŻI TA' ILMENTI EŻAMINATI FL-2004 | 41 |
| 2.5 TRASFERIMENTI U PARIRI | 42 |
| 2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN | 43 |
| 2.6.1 Il-bidu ta' inkjesta | 43 |
| 2.6.2 Proċedura ġusta | 44 |
| 2.6.3 Spezzjoni tal-fajls u smiegħ ta' xhieda | 44 |
| 2.6.4 Proċedura miftuħa | 45 |
| 2.7 IR-RIŻULTATI TA' INKJESTI | 45 |
| 2.7.1 L-ebda amministrazzjoni ħażina | 45 |
| 2.7.2 Każijiet irranġati mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli | 46 |
| 2.7.3 Rimarki ta' kritika, abbozzi ta' rakkomandazzjoni u rapporti speċjali | 46 |
| 2.8 DEĊIŻJONIJET LI JIĠU ARKIVJATI TA' KAŻIJET FL-2004 | 47 |
| 2.8.1 Access għal dokumenti u protezzjoni ta' 'data' | 47 |
| 2.8.2 Il-Kummissjoni bħala "Gwardjan tat-Trattat" | 49 |
| 2.8.3 Kuntratti u għotjiet | 50 |
| 2.8.4 Reklutaġġ u kwistjonijiet ta' staff | 51 |
| 2.8.5 It-tweġib tal-Kummissjoni għall-inkjesti ta' l-Ombudsman | 51 |



| | | |
|--------------|---|-----------|
| 3 | DEĊIŻJONIJET LI JSEGWU INKJESTA | 55 |
| 3.1 | KAŻIJET FEJN MA NSTABET L-EBDA AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA | 55 |
| 3.1.1 | Il-Parlament Ewropew | 55 |
| | IR-REGOLI TAL-PARLAMENT EWROPEW FUQ IT-'TRAINEESHIPS' | 55 |
| | SKEMA TA' PENSJONI GĦAL MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 56 |
| 3.1.2 | Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea | 57 |
| | HAIRA TA' MEMBRI TAL-BORD GĦALL-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIKUREZZA TA' L-IKEL | 57 |
| | AĊĊESS GĦALL-OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI | 58 |
| 3.1.3 | Il-Kummissjoni Ewropea | 59 |
| | ESKLUŻJONI MINN PROĠETT TAS-SOĊJETÀ INFORMATIKA | 59 |
| | TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVI DWAR L-ASSIGURAZZJONI FIL-LIĠI GRIEGA..... | 60 |
| | LEĠIŻLAZZJONI PORTUGIŻA DWAR IL-ĠLIED MAT-TORU | 61 |
| | AĊĊESS GĦAL ABBOZZ TA' STQARRIJA TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA..... | 62 |
| | AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI RELATTIVI GĦAN-NEGOZJATI TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAL-KUMMERĊ..... | 63 |
| | AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' L-UFFIĊĊJU GĦALL-AFFARIJET TA' L-IKEL U VETERINARJI DWAR IR-RUMANIJA..... | 64 |
| | AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' MISSJONI TAL-FOND SOĊJALI EWROPEW | 65 |
| | IL-PROGRAMM "LEONARDO DA VINCI" | 66 |
| | PROĊEDURA TA' GĦAŻLA GĦAL PROĠETT TAL-"EUROPEAID" | 66 |
| | ALLEGAZZJONI TRATTAMENT IRREGOLARI TA' LMENTI DWAR INFRAZZJONI | 67 |
| | AĊĊESS GĦAL STIMA TAS-SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-ĠERMANJA..... | 68 |
| 3.1.4 | L-Uffiċċju Ewropew għas-SELEZZJONI tal-Persunal | 69 |
| | NUQQAS ALLEGAT TA' SPJEGAZZJONI RAĠUNATA FI PROĊEDURA TA' GĦAŻLA | 69 |
| 3.2 | KAŻI DEĊIŻI MILL-ISTITUZZJONI | 69 |
| 3.2.1 | Il-Parlament Ewropew | 69 |
| | DEĊIŻJONI TAL-BORD TA' SELEZZJONI DWAR APPLIKAZZJONI..... | 69 |
| 3.2.2 | Il-Kummissjoni Ewropea | 70 |
| | NUQQAS LI JSIR ĦLAS GĦAL SERVIZZI | 70 |
| | NUQQAS LI JSIR ĦLAS TA' GĦOTJA..... | 70 |
| | AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR PJAN TA' LINJA TAL-FERROVIJA..... | 71 |
| | ĦLAS TARD GĦAL SERVIZZI | 71 |
| 3.2.3 | L-Uffiċċju Anti-Frodi Ewropew | 72 |
| | AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR KAŻ TA' SIGURTÀ NUKLEARI..... | 72 |
| 3.3 | SOLUZZJONIJET AMIKEVOLI MIKSUBA MILL-OMBUDSMAN | 73 |
| | AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR NEGOZJATI TA' KUMMERĊ | 73 |
| | AĊĊESS GĦAR-RIŻULTATI TA' L-EŻAMI TAS-SEWQAN..... | 74 |
| 3.4 | KAŻI MAGĦLUQA B'RIMARKA TA' KRITIKA MILL-OMBUDSMAN | 75 |
| 3.4.1 | Il-Parlament Ewropew | 75 |
| | L-IMPLIMENTAZZJONI TA' REGOLI DWAR IT-TIPJIP | 75 |



| | |
|---|------------|
| 3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea | 76 |
| AĊĊESS GĦAL FAJLS PERSONALI F'KAŻ TA' RTIRAR KMIENI | 76 |
| 3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea | 77 |
| KLASSIFIKAZZJONI INQAS FAVOREVOLI BĦALA RIŻULTAT TA' DEWMIEN FIR-REKLUTAĠĠ | 77 |
| NUQQAS TA' ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAL SOSPENSJONI FIL-PAGAMENTI | 78 |
| ĊAĦDA TA' RADD LURA TA' SPEJJEŻ TAS-SEGRETARJA | 79 |
| NUQQAS TA' REĠISTRAZZJONI TA' L-ILMENTI TAĦT ARTIKOLU 226 | 79 |
| ITTRATTAR TA' LMENT DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT | 80 |
| NUQQAS LI JIĠI ŻĠURAT LI GĦALLIEMA TAL-LINGWA JIĠU DDIKJARATI BĦALA ĦADDIEMA FULL-TIME | 81 |
| TRATTAMENT INĠUST TA' ORGANIZZAZZJONI AMBJENTALI | 82 |
| AĊĊESS GĦALL-PROFESSIONI TA' AVUKAT FL-ITALJA | 83 |
| INFORMAZZJONI INSUFFIĊJENTI DWAR GĦOTI TA' FONDI POTENZJALI GĦAL ĊENTRU TA' RKIB | 84 |
| TABELLA TA' ĦINIJET BIEX JIĠU MFASSLA RAPPORTI DWAR STAFF | 85 |
| KSUR TAL-PRINĊIPJU TA' NUQQAS TA' DISKRIMINAZZJONI FIR-REKLUTAĠĠ | 86 |
| NUQQAS TA' TIĠDID TA' KUNTRATT GĦAL ESPERT | 87 |
| ĊAĦDA MHUX ĠUSTIFIKATA GĦAL AĊĊESS GĦAL FAJL TA' NGO | 87 |
| NUQQAS TA' RISPOSTA GĦAL ITTRA MINN APPLIKANT GĦAL GĦOTJA BLA SUĊĊESS | 89 |
| DEWMIEN FL-ITTRATTAR TA' LMENT DWAR KSUR | 89 |
| 3.4.4 Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea | 90 |
| TMIEM MHUX ĠUSTIFIKAT TA' KUNTRATTI TA' TRADUZZJONI | 90 |
| 3.4.5 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni ta' l-Istaff | 91 |
| INĠUSTIZZJA ALLEGATA U NUQQAS TA' TRASPARENZA FIL-PROĊEDURA TAS-SELEZZJONI | 91 |
| ĠUSTIFIKAZZJONI INADEGWATA GĦALL-POLITIKA TAL-LINGWA F'KOMPETIZZJONI MIFTUĦA | 92 |
| 3.4.6 Europol | 93 |
| NUQQAS TA' RISPETT GĦAR-REGOLAMENTI TA' L-ISTAFF FIR-REKLUTAĠĠ TA' ASSISTENT AMMINISTRATTIV | 93 |
| 3.5 ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI | 94 |
| 3.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea | 94 |
| TABELLA TA' ĦIN QASIRA WASSLET GĦAL ŻBALJI FIL-PROPOSTA TA' RIĊERKA | 94 |
| DEWMIEN MHUX F'WAQTU FL-ITTRATTAR TA' KAŻ TA' KSUR TA' REGOLAMENT | 95 |
| 3.5.2 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi | 96 |
| ALLEGAZZJONIJIET TA' FRODI FIL-KAŻ «BLUE DRAGON» | 96 |
| 3.6 KAŻIJET MAGĦLUQA GĦAL RAĠUNIJIET OĦRA | 98 |
| 3.6.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea | 98 |
| NUQQAS TA' INTITOLAMENT TA' WILD GĦAL KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA TA' L-UE | 98 |
| 3.6.2 Il-Kummissjoni Ewropea | 99 |
| ĊAĦDA TA' PAGAMENT TA' RĊEVUTI PREŻENTATI TAĦT KUNTRATT TA' SERVIZZ TACIS | 99 |
| KLASSIFIKAZZJONI TA' GĦOTJIET GĦAL ĦMAR NANU | 100 |
| 3.6.3 L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Istaff | 101 |
| ALLEGAT NUQQAS TA' RISPOSTA MILL-AWTORITÀ LI GĦANDHA S-SETGĦA LI TAĦTAR | 101 |
| 3.6.4 Il-Kumitat tar-Reġjuni | 102 |
| PREZZIJET TA' IKLIET GĦAL NIES LI QEĠHDIN JITĦARRĠU | 102 |



| | | |
|-------|--|-----|
| 3.6.5 | L-Istitut Ewropew għall-Università | 103 |
| | LIMITI TA' ŻMIEN FIR-REKLUTAĠĠ | 103 |
| 3.7 | KAŻ MAGĦLUQ WARA RAPPORT SPEĊJALI | 104 |
| | KLASSIFIKAZZJONI TAX-XOGĦOL TA' UFFIĊJAL GĦALL-ISTAMPA FID-DELEGAZZJONI TAL-KUMMISSJONI F'PAJJIŻI TERZI..... | 104 |
| 3.8 | INKJESTI FUQ INIZJATTIVA PERSONALI TA' L-OMBUDSMAN | 105 |
| | NUQQAS TA' PROĊEDURA GĦALL-ILMENT GĦAL ESPERTI NAZZJONALI SSEKONDATI..... | 105 |
| | IL-KWALITÀ TA' AMMINISTRAZZJONI FL-ISKEJJEL EWROPEJ..... | 106 |
| 4 | RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | 109 |
| 4.1 | IL-PARLAMENT EWROPEW | 110 |
| 4.2 | IL-KUMMISSJONI EWROPEA | 111 |
| 4.3 | ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA | 111 |
| 5 | RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA | 115 |
| 5.1 | IN-NETWERK EWROPEW TA' OMBUDSMEN | 115 |
| 5.2 | SEMINARJI U KONFERENZI OĦRA TA' L-OMBUDSMAN | 118 |
| 5.3 | OKKAŻJONIJIET OĦRA MA' L-OMBUDSMEN U L-ISTAFF TAGĦHOM | 123 |
| 6 | KOMUNIKAZZJONIJIET | 129 |
| 6.1 | AVVENIMENTI MPORTANTI TAS-SENA | 129 |
| 6.2 | ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI | 132 |
| 6.3 | KONFERENZI OĦRA U LAQGĦAT | 145 |
| 6.4 | RELAZZJONIJIET MAL-MEDJA | 153 |
| 6.5 | PUBBLIKAZZJONIJIET | 160 |
| 6.6 | KOMUNIKAZZJONIJIET 'ONLINE' | 161 |
| 7 | ANNESSI | 165 |
| A | STATISTIĊI | 165 |
| B | IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN | 174 |
| C | PERSUNAL | 176 |
| D | INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET | 182 |

DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJIET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJIET

7 ANNESSI



DAHILA

Is-sena 2004 kienet sena sinjura f'dak li jikkonċerna d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej. Dawn id-drittijiet saru realtà għal 75 miljun persuna oħra meta pajjiżhom fl-1 ta' Mejju sar membru ta' l-Unjoni Ewropea. Waħda mill-ewwel opportunitajiet għall-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet ġiet kmieni f'Ġunju bl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. U sintendi, f'nofs Ġunju ġie adottat it-Trattat li stabbilixxa Kostituzzjoni għall-Ewropa u li jinkludi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-25 Stat Membru l-proċess ta' ratifikazzjoni tal-Kostituzzjoni għandu żgur iqajjem dibattitu u diskussjoni mqajma dwar xi fjiżer tkun ċittadin ta' l-Unjoni.

Mill-perspettiva ta' l-Ombudsman Ewropew, l-2004 mmarkat it-tmien tat-tieni mandat ta' l-istituzzjoni. Minn tim ta' tnejn min-nies fi Strasburgu f'Settembru 1995, din kibret f'istituzzjoni li hi rispettata mill-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE u hija fdata miċ-ċittadini li qed iduru lejha f'numru li dejjem qed jiżdied. Is-sena li għaddiet rat żieda mingħajr preċedenti ta' 'l fuq minn 50% fl-ilmenti mressqa - sinjal ċar li ċ-ċittadini qed isiru aktar konxji tad-dritt tagħhom li jressqu lmenti lill-ombudsman dwar amministrazzjoni ħażina.

Għalija personalment, l-2004 kellha tiddeċiedi dwar jekk jien stajt inwettaq il-wegħdiet li kont għamilt meta bdejt ix-xogħol ta' Ombudsman Ewropew. Minħabba l-fatt li l-mandat tiegħi haġbat ma' l-aħħar parti tal-mandat leġiżlattiv 1999-2004, kont ħerqan haġba biex inwettaq il-prijoritajiet li kont semmejt fl-1 ta' April 2003. Dawn kienu t-titjib fl-effettività ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman, il-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u li nilħaq iċ-ċittadini madwar l-Ewropa kollha. It-tkabbir ta' l-Unjoni kien it-tema ċentrali tat-tliet priyoritajiet, filwaqt li l-filosofija li biha mxejt biex nindirizzahom kienet kemm "reattiva", jiġifieri kienet tirrispondi għall-ilmenti, u kemm "proattiva", jiġifieri kienet tilħaq il-kostitwenti differenti ta' l-Ombudsman permezz ta' inizjattivi differenti mfassla biex iżidu kemm jista' jkun is-servizz għal min jutilizzah.

Twettiq tal-wegħdiet tiegħi

Uffiċċju ta' l-Ombudsman għandu jaħdem biex jiżgura li ċ-ċittadini li jiduru lejha biex jirċievu għajjnuna jew parir, jinqdew fil-ħin u b'mod xieraq. B'dan f'moħħna, fl-2004 stinkajna biex nibdlu l-istituzzjoni f'waħda li kienet lesta biex taqdi ċ-ċittadini ta' 25 Stat Membru fil-21 ilsien tat-Trattat. Sa l-1 ta' Mejju, konna f'pożizzjoni li nagħmlu dan. Aħna impjegajna l-istaff legali u amministrattivi neċessarju u żgurajna li d-database il-ġdid ta' l-ilmenti kien qed jaħdem kif suppost. Dan għamilha possibbli li nirrispondu għaż-żieda mingħajr preċedenti fit-talba għas-servizzi tagħna.

U ksibna riżultati! Fl-2004, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentaturi fi kważi 70% tal-każi billi fetaħ inkjesta fuq il-każ, ittrasferieh lill-korp kompetenti, jew billi ta pariri dwar fejn wieħed għandu jfittex soluzzjoni f'waqtha u effettiva tal-problema. Imma aktar minn hekk! Wara li saru l-inkjesti mill-Ombudsman, l-istituzzjonijiet ħallu l-kontijiet u l-imgħaxijiet, ħarġu dokumenti u taw spjegazzjonijiet, sewwew inġustizzji u skużaw ruħhom għall-iżbalji. Fi ftit kliem, l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE kellhom ħeġġa biex juru r-rieda tagħhom biex jaħdmu ma' l-Ombudsman għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Din l-attitudini hija importanti biex tinbena l-kunfidenza fis-servizz li jipprovdi l-ombudsman. Iċ-ċittadini m'humix se jiġu għandi bil-problemi tagħhom jekk ma jkollhom fiduċja li l-ilment tagħhom se jagħmel differenza. Fl-2004, komplejna nagħtu prova li jagħmel hekk.

It-tieni prijorità tiegħi kienet tinvolvi t-tiżiħ ta' relazzjonijiet ma' l-ombudsmen madwar l-Ewropa sabiex jiġu promossi l-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. B'dan f'moħħi, jiena wessajt il-vjaġġ informattiv tiegħi u wara li żort l-għaxar pajjiżi li kellhom jissiebh fl-1 ta' Mejju, mort ir-Rumanija, l-Olanda, il-Portugall u Franza sa tmiem is-sena. Dawn iż-



żjarat kienu utli ħafna. Kull żjara kienet tinkludi laqgħat maċ-ċittadini u ma' lmentaturi potenzjali biex nispjega l-irrwol ta' l-ombudsman, kien hemm skambju ta' opinjonijiet ma' uffiċjali pubbliċi biex nenfasizzaw l-importanza ta' rimedji mhux ġudizzjarji u diskussjonijiet ma' l-ombudsman korrispondenti biex jiġi determinat kif jistgħu jiġu mħarsa u promossi bl-aħjar mod id-drittijiet taċ-ċittadini. Biex nippromwovi aktar il-kunċett ta' l-ombudsman, jien żort it-Turkija u s-Serbja u l-Montenegro biex nagħti pariri dwar it-twaqqif hemmhekk ta' l-istituzzjoni. Kollox ma' kollox, matul il-vjaġġ informattiv u żjarat oħra, jien tajt aktar minn 30 lezzjoni u preżentazzjoni u għamilt aktar minn 150 laqgħa, ma' Ombudsmen, uffiċjali pubbliċi u interlokuturi oħra.

Iż-żjarat ta' informazzjoni kienu importanti wkoll biex naħdem fuq it-tielet prijorità tiegħi. Lezzjonijiet pubbliċi, laqgħat u intervisti mal-midja offrewli ħafna opportunitajiet biex ninforma ċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u dwar l-aħjar mod biex jużawhom. Aħna komplejna nżidu l-isforzi tagħna biex nimmiraw l-informazzjoni lejn l-utilizzaturi li potenzjalment jistgħu jagħmlu użu mis-servizz ta' l-Ombudsman billi permezz ta' seminars, laqgħat u konferenzi aħna kellimna organizzazzjonijiet mhux governattivi, kmamar tal-kummerċ, dipartimenti legali u ta' amministrazzjoni pubblika fil-qasam akkademiku u gruppi oħra interessati. Is-sensiela ta' pubblikazzjonijiet tagħna f'25 lingwa tqasmet sew u kienet disponibbli elettronikament biex tagħmel liċ-ċittadini ta' l-Ewropa aktar konxji dwar l-ombudsman.

Għandi nifhem li d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew biex nerġa' niġi elett fil-11 ta' Jannar din is-sena tikkostitwixxi approvazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. B'mod aktar ġenerali, jien nikkunsidra s-sostenn qawwi għall-kandidatura tiegħi virtwalment mill-gruppi politiċi kollha bħala evidenza tanġibbli ta' l-istima li sar għandu l-Parlament Ewropew għal din l-istituzzjoni. Dan l-appoġġ minn kullimkien u mill-partiti kollha huwa ta' importanza fundamentali issa li l-istituzzjoni miexja lejn it-tieni deċennju tagħha.

Rapport Annwali b'dehra ġdida

Il-Parlament jissorvelja x-xogħol ta' l-Ombudsman fil-biċċa l-kbira fuq il-bażi tar-Rapport Annwali li jien nissottomentti kull sena. Ir-Rapport Annwali huwa l-aktar pubblikazzjoni importanti ta' l-Ombudsman. Billi jipprovdi deskrizzjoni tal-mod kif jien nittratta l-ilmenti f'sena partikulari, dan iżid il-kapaċità tal-Parlament biex jitlob l-istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni biex jagħtu kont ta' ħidmiethom. Billi jiġu enfasizzati oqsma fi ħdan l-amministrazzjoni, dan iservi bl-istess mod bħala għodda utli biex l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jirregolarizzaw lilhom infushom. Iżda barra minn hekk, ir-rapport ta' l-Ombudsman jinteressa firxa wiesgħa ta' gruppi u individwi f'livelli differenti - kollegi ombudsmen, politiċi, uffiċjali pubbliċi, professjonisti u akkademiki, gruppi b'ċerti interessi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ġurnalisti u ċittadini b'mod indaqs fill-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali.

Bil-għan li nirrispondu bl-aħjar mod għall-aspettattivi differenti ta' dawn il-kostitwenti varji, aħna tajna kunċett ġdid lir-Rapport Annwali u bdejna sensiela ta' pubblikazzjonijiet assoċjati. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-Rapport Annwali, deċiżjonijiet sħaħ ġew sostitwiti b'taqsiriet li jifgħu dawl fuq il-punti ewlenin. Analiżi tematika tissottolinea l-aktar konklużjonijiet importanti tad-dritt u tal-fatti f'erba' oqsma ta' ħidma l-aktar importanti. Il-kapitoli li jkopru l-kommunikazzjonijiet u r-relazzjonijiet ma' korpi oħra ġew reveduti biex dawn jenfasizzaw il-benefiċċji ta' dawn l-attivitajiet u biex juru dan permezz ta' dettalji tal-ġrajjet li seħħu. Aħna nemmnu li r-riżultat huwa dokument li hu aktar faċli biex jintuża u li jżid il-valur reali. Dawk familjari max-xogħol ta' l-Ombudsman jistgħu jsiru midħla mill-ewwel ta' l-aktar żviluppi importanti, waqt li dawk li qed jiltaqgħu ma' l-Ombudsman permezz tar-Rapport Annwali għandhom ikunu kapaċi jifhmu x'jinvolvi dan l-irwol fi żmien qasir u faċilment. Flimkien max-xewqa tagħna li nagħmlu x-xogħol ta' l-Ombudsman aktar aċċessibbli hemm l-impenn tagħna li nagħmlu l-aħjar użu mill-flus pubbliċi u li nirrispettaw l-ambjent. Billi qassarna r-Rapport, aħna nisperaw illi aġixxejna fl-aqwa interess taċ-ċittadin. Din hija preokkupazzjoni kostanti ta' l-Ombudsman!

Kien b'din il-preokkupazzjoni f'moħħna li fl-2004 introduċejna l-pubblikazzjoni tas-Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi. Dan is-Sommarju jipprovdi d-deskrizzjoni fil-qosor ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudsman f'sena partikulari. Biex nikkumplementaw bl-aktar mod sħiħ il-firxa ta' materjal li noffru, u l-aktar



b'risposta għal dawk li jridu jistudjaw ix-xogħol ta' l-Ombudsman f'aktar dettall, din is-sena se jkun hemm l-introduzzjoni ta' pubblikazzjoni elettronika aktar dettaljata li fiha d-deċiżjonijiet sħaħ tal-każi li huma inklużi fil-Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Din għandha tkun disponibbli bħala dokument elettroniku waħdieni fil-*website* ta' l-Ombudsman fit-tieni nofs ta' l-2005, waqt li kopja stampata jew CD-ROM jistgħu jintalbu mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman. U naturalment, deċiżjonijiet li jagħtu tmiem għal każi jibqgħu jiġu pubblikati fil-*website* ta' l-Ombudsman bl-Ingliż u bil-lingwa ta' min ressaq l-ilment jekk din tkun differenti. B'din il-firxa kompleta ta' materjal, aħna nisperaw li nissodisfaw bl-aħjar mod il-bżonnijiet differenti ta' l-udjenza tagħna.

Is-snin li ġejjin

Wieħed ma jistax jiċċad li fl-iżvilupp ta' Ewropa taċ-ċittadini ninsabu f'fażi delikata. Il-Kostituzzjoni, li jien nispera li tiġi approvata miċ-ċittadini u mill-Parlamenti fil-25 Stat Membru, tirrappreżenta pass importanti 'l quddiem f'numru kbir ta' oqsma. Bħala osservatur fil-Konvenzjoni Ewropea li pproduċiet l-abbozz tal-Kostituzzjoni, jien iġġildt ħafna biex niżgura li l-interessi taċ-ċittadini jitpoġġew fil-qalba tad-dibattitu. Tabilħaqq id-dritt li jsir ilment lill-Ombudsman jikkupa pożizzjoni importanti fit-test. Lil hinn minn hekk, jien nemmen li abbozz ta' drittijiet li jobbliga legalment jikkostitwixxi wieħed mill-progressi l-aktar sinifikattivi għaċ-ċittadini.

Biex jinkiseb il-potenzjal kontenut fil-Karta hemm bżonn ta' intervent proattiv sabiex iċ-ċittadini jsiru jafu bil-possibilitajiet ġodda li nfetħulhom u biex iħajru u jgħinu l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha ta' l-Unjoni biex iqiegħdu d-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-Karta fiċ-ċentru ta' l-azzjonijiet tagħhom. B'mod partikulari huwa dmir ta' l-Ombudsman li jqajjem kuxjenza dwar il-Karta hekk kif id-dibattitu dwar il-Kostituzzjoni qed jiżdied madwar l-Unjoni. Jien diġà tajt indikazzjoni lill-interlokutori tiegħi fl-istituzzjonijiet ta' l-UE u fl-Istati Membri dwar ir-rieda u l-impenn tiegħi li nwettaq dan ix-xogħol. Jien nara dan bħala parti integrali tat-tliet sfidi li se jiffaċċja l-Ombudsman fis-snin li ġejjin.

L-ewwel sfida hija li jiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini skond il-liġi ta' l-UE jitħarsu f'kull livell ta' l-Unjoni.

Sabiex dan iseħħ, iċ-ċittadini għandhom ikunu konxji tad-drittijiet tagħhom. Bħala Ombudsman Ewropew, jien inkompli naħdem sabiex intejeb il-kwalità ta' l-informazzjoni għaċ-ċittadini u l-ilmentaturi potenzjali għal dak li jikkonċerna d-drittijiet tagħhom. Iż-żieda sostenibbli fl-ilmenti u fit-talbiet għal informazzjoni li rċieva l-ombudsman tindika li mexxin fid-direzzjoni t-tajba, iżda fadal ħafna xi jsir.

F'dan ir-rigward huwa ta' importanza ugwali l-fatt li amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli Ewropej, nazzjonali u lokali jagħtu kas b'mod sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini fix-xogħol ta' kuljum tagħhom. L-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-UE hija, wara kollox, fil-biċċa l-kbira r-responsabilità ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri. Meta dawn l-amministrazzjonijiet pubbliċi jonqsu milli jagħtu kas b'mod sħiħ ta' dawn id-drittijiet, ombudsmen nazzjonali u reġjonali jassumu rwol fundamentali, aktar u aktar minħabba li l-Karta torbot legalment. Jien għandi intenzjoni li nsaħħaħ aktar il-koperazzjoni tiegħi mal-kontropartijiet tiegħi fl-Istati Membri billi neżamina l-possibilità ta' inkjesti konġunti, kif ukoll billi nesplora l-fattibilità ta' numru tat-telefown wieħed minn naħa għal oħra ta' l-Unjoni għal nies li jixtiequ jagħmlu kuntatt man-network ta' ombudsmen. Dan jista' jkun utli b'mod speċjali għal ċittadini li qed jeżerċitaw id-dritt li jivvjaġġaw u jkun jgħixu fejn iridu fl-Unjoni.

Meta tiġi ratifikata l-Kostituzzjoni, nixtieq ukoll nesplora mal-Parlament kif niżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar ksur tad-drittijiet tal-Karta jista' jiġi investigat mill-aktar fis possibbli u b'mod effettiv, u possibilment jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk kwistjoni importanti dwar prinċipju ma' tistax tiġi riżolta b'ebda mod ieħor.



It-tieni sfida hija li niżgura li f'kull ma jagħmlu, l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jkunu konformi ma' l-ogħla standards ta' amministrazzjoni.

Id-disponibilità li dejjem tiżdied ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE li jaħdmu miegħi għal soluzzjoni ta' lmenti taċ-ċittadini hija sors kostanti ta' inkoraġġiment. Dan jidher aktar minħabba li l-mod kif jirreaġixxu għall-ilmenti huwa indikazzjoni ċara ta' kemm huma kkonċentrati fuq iċ-ċittadini. Aktar ma istituzzjoni tkun lesta li ssolvi l-ilmenti jew li taċċetta soluzzjonijiet ta' ħbiberija mressqa mill-Ombudsman, aktar ikun jaqbel għal dawk kollha kkonċernati. Għal din ir-raġuni, jien għandi intenzjoni li nwettaq analiżi estensiva tas-soluzzjonijiet ta' ħbiberija miksuba mill-Ombudsman mit-twaqqif ta' l-istituzzjoni, bi tfittxija għal karatteristiċi komuni li jistgħu jgħinu għall-identifikazzjoni ta' aktar ilmenti li jistgħu jwasslu għal dan ir-riżultat fejn jirbaħ kulħadd.

Dan jagħmel parti mill-isforzi tiegħi li navvanza r-rwol ta' l-Ombudsman bħala riżorsa kapaċi li tikkontribwixxi għat-titjib fil-kwalità tas-servizzi offruti mill-amministrazzjoni ta' l-Unjoni. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jistgħu jitgħallmu kif joffru servizzi aħjar permezz ta' l-ilmenti. Ir-riżultat huwa li dawk kollha li jistgħu f'xi stadju jkollhom kuntatt ma' l-istituzzjonijiet – mhux biss dawk li jressqu lment – jibbenefikaw mix-xogħol ta' l-Ombudsman, filwaqt li l-istituzzjonijiet għadhom isibu ruħhom b'anqas ilmenti fil-futur. Jien għandi intenzjoni li nintroduċi aktar inkjesti fuq inizjattiva tiegħi sabiex nidentifika problemi u nħeġġeġ l-aħjar Prattika. Ir-riżultati pożittivi ta' l-inkjesti li saru fuq inizjattiva tiegħi dwar l-amministrazzjoni tajba ta' l-Iskejjel Ewropej u t-twaqqif ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwimiet fil-każ ta' esperti nazzjonali sekondati jgħinu biex juru dak li jista' jinkiseb f'dan ir-rigward. Kien bl-istess skop ta' promozzjoni ta' l-ogħla standards ta' amministrazzjoni li jien għamilt numru ta' kummenti oħra lill-istituzzjonijiet u lill-korpi fl-2004. Dan ġara fejn, għalkemm ma nsabx li kien hemm amministrazzjoni ħażina, jien ħassejt li kien hemm opportunità għall-istituzzjonijiet biex itejbu l-amministrazzjoni tagħhom fil-futur, kemm dwar l-aċċess għal dokumenti, Prattiki ta' impjegati u kemm dwar proċeduri ta' l-għoti ta' offerti.

Kien hemm ftit każi fl-2004 fejn ir-risposta ta' l-istituzzjoni għal sħarriġ ta' l-Ombudsman setgħat kienet aħjar. Jien ħejjejt l-ewwel rapport speċjali tiegħi lill-Parlament wara li l-Kummissjoni naqset milli ttipprovdi spjegazzjoni konvinċenti għad-differenzi fil-grad ta' l-uffiċjali ta' l-Istampa fid-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi tat-tielet dinja u wara li rrifjutat abbozz ta' rakkomandazzjoni sabiex terġa' tikkunsidra r-regoli kkonċernati. Dan ġie segwit minn ilment li kien jallega diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità. Jien nispera li waqt li jkun qed jirrevedi x-xogħol ta' l-Ombudsman fl-2004, il-Parlament jieħu kont tal-koperazzjoni pożittiva ħażna li l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra wrew fil-parti l-kbira tal-każi u jħajjarhom biex jestendu dan għall-każi kollha fil-futur. B'dan il-mod, nistgħu naħdmu flimkien biex nippromwovu l-ogħla standards ta' amministrazzjoni.

It-tielet sfida hija l-garanzija li l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman isservi liċ-ċittadin bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli.

L-Ombudsman Ewropew huwa l-gwardjan ta' l-amministrazzjoni tajba. F'dan ir-rigward, strument prinċipali f'idejha huwa l-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. Kif ġie msejjaħ mill-Parlament Ewropew meta dan approva t-test fl-2001, l-Ombudsman juża dan il-Kodiċi meta jeżamina jekk hemmx amministrazzjoni ħażina.

Il-Kodiċi jservi wkoll bħala gwida utli u bħala riżorsa għall-impjegati ċivili. Jiena ninsab kuntent li ninnota li l-impatt tal-Kodiċi ma ġiex limitat għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni u li ġie adottat minn numru ta' Stati Membri u pajjiżi kandidati. Fi sforz li ċ-ċittadini jsiru aktar konxji, jien aċċertajt ruħi li fl-2004 l-Kodiċi jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali kollha u fil-lingwi tal-pajjiżi kandidati. Verżjoni għdida għandha tiġi ppubblikata matul l-2005 sabiex iċ-ċittadini fl-Ewropa kollha jkunu jistgħu jsiru jafu aktar dwar id-drittijiet miġbura fih.

Minkejja l-inflwenza pożittiva li kellu l-Kodiċi, jien inkompli nemmen li liġi dwar amministrazzjoni tajba, applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE fiha ħażna vantaġġi. L-adozzjoni tagħha kieku tenfasizza l-importanza tal-prinċipji inklużi fil-Kodiċi kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-uffiċjali. Din kieku tgħin biex tiġi eliminata l-konfużjoni li hemm bħalissa minħabba l-eżistenza parallela ta' kodiċi differenti dwar imġiba amministrattiva tajba għal ħażna mill-istituzzjonijiet u l-korpi. Fl-aħħar u fuq kollox, din kieku tagħti kontribut kbir biex jiġi rrealizzat id-dritt fundamentali taċ-ċittadini



għal amministrazzjoni tajba kif stipulat fl-Artikolu 41 tal-Karta (Artikolu I-101 tal-Kostituzzjoni). Jien għalhekk inkompli bl-isforzi tiegħi biex inħajjar lill-Kummissjoni Ewropea sabiex din tipproponi, mill-aktar fis possibbli, liġi għall-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba mill-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE.

Konklużjoni

Nixtieq nagħti fil-qosor il-viżjoni tiegħi ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew għall-ħames snin li ġejjin. L-ambizzjoni tiegħi hija li ċ-ċittadini kollha ta' l-UE jkollhom il-mezzi sabiex jagħrfu d-drittijiet tagħhom u jkunu kapaċi jiżguraw li d-drittijiet tagħhom ta' l-UE jiġu rrispettati kollha kemm huma. Dan il-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' koperazzjoni mill-qrib kemm ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, b'mod speċjali mal-Parlament Ewropew kif ukoll ma' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri. Jien ninsab aktar konvint minn dan għax naf li nista' noqgħod fuq l-entużjażmu u d-dedikazzjoni tan-nies li hemm jaħdmu miegħi. Bil-ħsieb tar-responsabilitajiet konsiderevoli li l-approvazzjoni reċenti tal-Parlament tefgħet fuqi, jien anzjuż li nagħmel dik l-ambizzjoni realtà, hekk kif l-istituzzjoni tidħol fit-tieni deċennju, billi nkompli naqdi liċ-ċittadini ta' l-UE b'mod diliġenti, dinamiku, effettiv u fuq kollox b'ġustizzja u imparzjalità.

P. Nikiforos DIAMANDOUROS

DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJIET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJIET

7 ANNESSI



1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-għaxar Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jipprovdi rendikont ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudsman matul l-2004. Dan huwa t-tieni Rapport Annwali ppreżentat mis-Sinjur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, li beda x-xogħol ta' Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003.

STRUTTURA TAR-RAPPORT

Ir-Rapport jikkonsisti minn sitt kapitoli u erba' annessi. Jibda b'introduzzjoni personali mill-Ombudsman, li fiha hu jirrevedi l-attivitajiet u l-kisbiet u jagħti ħjiel tal-prijoritajiet tiegħu għall-futur. Dan is-sommarju eżekuttiv jikkostitwixxi l-kapitolu 1.

Il-Kapitolu 2 jiddeskrivi l-proċeduri ta' l-Ombudsman fl-immaniġġjar u fit-twettiq ta' l-inkjesti. Dan il-kapitolu jenfasizza żviluppi ġodda importanti u jagħti ħjiel ta' l-ilmenti li ġew trattati matul is-sena, inkluża analiżi tematika tar-riżultati tal-każi li ġew konklużi wara inkjesta. Din l-analiżi tkopri l-aktar elementi sinifikanti fir-rigward tad-dritt u l-fatti inklużi fid-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman fl-2004.

Il-Kapitolu 3 jikkonsisti f'għażla ta' sommarji ta' dawk id-deċiżjonijiet u juri l-varjetà ta' suġġetti u istituzzjonijiet involuti fl-ilmenti u fl-inkjesti li saru fuq inizzjattiva personali. Dan jinkludi sommarji tad-deċiżjonijiet kollha msemmija fl-analiżi tematika tal-Kapitolu 2. Is-sommarji ta' deċiżjonijiet dwar ilmenti huma l-ewwel imqassma skond it-tip i ta' konklużjoni jew riżultat u wara skond l-istituzzjoni konċernata. Sommarji tad-deċiżjonijiet wara inkjesti li saru fuq inizzjattiva personali qegħdin fl-aħħar tal-kapitolu.

Il-kapitolu 4 jikkonċerna r-relazzjonijiet ma' isituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea. Dan jibda billi jiddeskrivi l-valur tar-relazzjonijiet okkupazzjonali kostruttivi ta' l-Ombudsman ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi, qabel ma jsemmi l-laqgħat varji u l-avvenimenti li seħħu f'dan ir-rigward fl-2004.

Il-kapitolu 5 jirrigwarda r-relazzjonijiet ta' l-Ombudsman Ewropew mal-komunità ta' l-ombudsman nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa u barra mill-Ewropa. L-attivitajiet tan-network Ewropew ta' l-ombudsman jiġu deskritti fid-dettal filwaqt li tiġi deskritta wkoll il-parteċipazzjoni ta' l-Ombudsman f'seminars, konferenzi u laqgħat.

Il-kapitolu 6 jipprovdi wkoll deskrizzjoni ta' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman. Dan il-kapitolu huwa maqsum f'sitt partijiet li jkopru l-avvenimenti importanti tas-sena, iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman, konferenzi u laqgħat li jinvolvu l-Ombudsman u l-istaff tiegħu, ir-relazzjonijiet mal-midja, pubblikazzjonijiet u komunikazzjonijiet online.

L-Anness A fih statistiċi dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew matul l-2004. L-Annessi B u Ċ jagħtu dettalji dwar il-baġit u l-istaff ta' l-Ombudsman rispettivament. L-Anness D jagħti indiċi tad-deċiżjonijiet inklużi fil-Kapitolu 3 skond in-numru tal-każ, skond is-suġġett u skond it-tip ta' amministrazzjoni ħażina li ġiet allegata.



ĠABRA FIL-QOSOR

Il-missjoni ta' l-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew għe stabbilit permezz tat-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea. L-Ombudsman jinvestiga lmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti ta' Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman iddefinixxa 'amministrazzjoni ħażina' b'tali mod li din tinkludi r-rispett tad-drittijiet umani, ta' l-istat tad-dritt u tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Minbarra li jirrispondi għall-ilmenti mill-individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman jaħdem b'mod proattiv billi jintroduċi inkjesti fuq inizjattiva tiegħu u jikkomunika maċ-ċittadini biex jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom u l-mod kif jistgħu jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

Id-dritt li jsir ilment lill-Ombudsman huwa inkluż fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li preżentement tinsab fil-proċess ta' ratifikazzjoni mill-Istati Membri ta' l-UE.

Ilmenti u inkjesti fl-2004

In-numru totali ta' lmenti li saru fl-2004 kien 3 726. Dan jirrappreżenta żieda ta' 53% meta pparagunat ma' l-2003. Minn din iż-żieda globali ta' 53%, 51% jirrappreżentaw ilmenti mill-10 Stati Membri ġodda li ssieħbu fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004. L-49% l-oħra jirrappreżentaw żieda fl-ilmenti mibgħuta mill-15-il Stati Membru l-antik u minn postijiet oħra fid-dinja u dan juri li ċ-ċittadini huma aktar konxji ta' l-Ombudsman Ewropew fl-UE u barra minnha.

Għall-ewwel darba, aktar minn nofs l-ilmenti ntbagħtu lill-Ombudsman b'mod elettroniku, jew permezz ta' l-e-mail jew permezz tal-formola għall-ilmenti li tinsab fil-website ta' l-Ombudsman. L-ilmenti ntbagħtu direttament minn ċittadini individwali fi 3 536 każ, filwaqt li 190 ilment saru minn assoċjazzjonijiet jew kumpaniji.

Fi kważi 70% tal-każi, l-Ombudsman kien kapaċi jgħin lill-ilmentatur billi fetahinkjesta tal-każ, għaddieh lill-korp kompetenti, jew ta parir dwar fejn dan għandu jmur għal soluzzjoni mill-aktar fis u effettiva tal-problema. Infetħu total ta' 351 inkjesta ġdida matul is-sena, inklużi tmien inkjesti fuq inizjattiva personali ta' l-Ombudsman.

Ħafna mill-ilmenti li wasslu għal inkjesta kienu kontra l-Kummissjoni Ewropea bi 375 każ li jirrappreżentaw 69% ta' l-inkjesti kollha li nfetħu. Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni prinċipali tal-Komunità li tfassal deċizzjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa normali li din għandha tkun l-oġġett prinċipali ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 58 ilment kontra l-Uffiċċju għar-Reklutaġġ ta' l-Impjegati tal-Komunitajiet Ewropej (EPSO), 48 kontra l-Parlament Ewropew u 22 kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tipi prinċipali ta' amministrazzjoni ħażina li ġew allegati kienu nuqqas ta' trasparenza, inkluż rifjut ta' informazzjoni (127 każ), diskriminazzjoni (106 każ), dewmien li seta' għe evitat (67 każ), proċeduri mhux sodisfaċenti (52 każ), nuqqas ta' ġustizzja jew abbuż ta' poter (38 każ), nuqqas ta' sodisfazzjon ta' l-obbligazzjonijiet, li jfisser nuqqas mill-Kummissjoni li teżerċita l-irwol tagħha bħala "Gwardjan tat-Trattat" fil-konfronti ta' l-Istati (37 każ), negliġenza (33 każ), u interpretazzjoni ħażina tal-liġi (26 każ).

Is-sena 2004 rat l-akbar żieda fit-talbiet lill-Ombudsman għal informazzjoni. Aktar minn 3 200 talba individwali ntbagħtu permezz ta' l-e-mail, meta mqabblai ma' madwar 2000 fl-2003 u fl-2002.

Ir-riżultati ta' l-inkjesti ta' l-Ombudsman

Fl-2004, l-Ombudsman għalaq 251 inkjesta. Minn dawn, 247 kienu inkjesti dwar ilmenti u erbgħa kienu inkjesti fuq inizjattiva personali. Ir-riżultati kienu kif ġej:



Ma nstabitx amministrazzjoni ħażina

F'113-il każ, l-inkjesta ta' l-Ombudsman uriet li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. Dan ma jfissirx neċessarjament riżultat negattiv għall-ilmentatur, li għallinqas jirċievi l-benefiċċju ta' spjegazzjoni kompleta mill-istituzzjoni jew mill-korp ikkonċernat dwar dak li ġara jew jirċievi apoloġija. Per eżempju:

- Il-Kummissjoni Ewropea rrispondiet malajr u b'mod kostruttiv sabiex tikkoreġi żball li kien wassalha biex tirrifjuta pre-proposta minn konsulent Ġermaniż minħabba li ma' rrispettax l-iskadenza. Il-pre-proposta ntagħżlet u wara l-intervent ta' l-Ombudsman, l-ilmentatur ingħata l-istess numru ta' ġranet bħal promoturi l-oħra biex jipprepara l-proposta kompleta. (221/2004/GG)
- Il-Kummissjoni tat spjegazzjoni utli dwar il-qafas legali kkonċernat b'risposta għal allegazzjonijiet minn kumpanija ta' l-assikurazzjoni Ġermaniża li l-Kummissjoni naqset milli tiżgura traspożizzjoni korretta ta' ċerti direttivi fil-liġi nazzjonali Griega. Id-direttur tal-kumpanija kiteb lill-Ombudsman biex jirringrazzjah għall-istħarriġ tiegħu, liema stħarriġ kien ġibidlu l-attenzjoni dwar il-possibiltajiet disponibbli biex jieħu azzjoni ulterjuri dwar materji ta' sustanza. (841/2003/(FA)OV)

Anke jekk l-Ombudsman ma' jsibx amministrazzjoni ħażina, hu jista' jidentifika opportunità sabiex l-istituzzjoni jew il-korp itejbu l-kwalità ta' l-amministrazzjoni tagħhom fil-futur. F'dawk il-każi, l-Ombudsman jagħmel kumment ulterjuri, bħal ma għamel, per eżempju fil-każi li ġejjin:

- L-Ombudsman ikkonferma li, fuq il-bażi ta' l-eċċezzjonijiet stipulati fir-regoli tiegħu dwar aċċess għall-informazzjoni, il-Kummissjoni kellha raġun tirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti dwar negozjati ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Id-dokumenti kienu ġew mitluba mill-organizzazzjoni ambjentali "Friends of the Earth". Minħabba l-aspettattivi ta' ħafna ċittadini għal aktar trasparenza f'dan il-qasam politiku importanti, huwa stieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra mezzijiet ulterjuri li jistgħu jagħmlu dawn in-negozjati aktar trasparenti għaċ-ċittadini u għalhekk tiffaċilita l-aċċess pubbliku għall-iskambji bejn il-partijiet. (1286/2003/JMA)
- Wara lment lill-Ombudsman, il-Parlament Ewropew ta spjegazzjoni lil ċittadin Spanjol dwar ir-raġuni għaliex l-applikazzjoni tiegħu għal taħriġ ġiet irrifjutata. Bil-għan li jippromwovi standards oġġettivi ta' amministrazzjoni, l-Ombudsman ikkummenta li l-Parlament seta' jikkunsidra li jipprovdi informazzjoni aktar speċifika dwar il-kriterji li bihom jiġu kkunsidrati l-applikazzjonijiet għal taħriġ. Huwa ssuġġerixxa ukoll li l-Parlament jikkunsidra li jirrevedi r-regoli tiegħu sabiex jagħmilha ċara li l-lista ta' l-ismijiet tal-persuni li jaċċettaw offerta ta' taħriġ se tkun dokument pubbliku. (821/2003/JMA)
- Il-fundatur ta' l-organizzazzjoni Ġermaniża għad-drittijiet ta' l-annimali ġie rrifjutat aċċess għal partijiet minn rapport ta' missjoni mħejji mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni għall-Ikel u l-Veterinarja. Filwaqt li l-Ombudsman qabel ma'd-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rifjut ta' l-aċċess, huwa kkummenta li kien ikun utli kieku informazzjoni mhux kunfidenzjali tiġi annotata separatament mill-informazzjoni kunfidenzjali, sakemm ikun possibbli. Hu qal li dan seta' jissimplifika l-għoti ta' aċċess parzjali. Il-Kummissjoni sussegwentement ikkonfermat li r-regoli tagħha dwar aċċess għal dokumenti wasslu għal separazzjoni aktar ċara bejn dokumenti kunfidenzjali u dokumenti mhux kunfidenzjali. (1304/2003/PB)

Każi riżolti mill-istituzzjoni u każi riżolti permezz ta' soluzzjonijiet ta' ħbiberija

Sa fejn ikun possibbli, l-Ombudsman jipprova jsib soluzzjoni pożittiva li tissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li kontriha jitressaq l-ilment. Il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità hija essenzjali għas-suċċess ta' dawn ir-riżultati, u dan jgħin biex itejjeb ir-relazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u jista' jevita l-bżonn ta' litigazzjoni li tqum il-flus u tiegħu ħafna ħin.

Matul l-2004, 65 każ ġew riżolti mill-istituzzjoni jew mill-korp innifsu wara lment lill-Ombudsman. Fosthom kien hemm dawn li ġejjin:



- Il-Kummissjoni ħallset kontijiet li jammontaw għal EUR 17 437 lil kumpanija żgħira Ġermaniża li avviċinat l-Ombudsman wara li kienet bagħtet seba' noti ta' tifikira lill-istituzzjoni. Il-Kummissjoni spjegat li d-dewmien kien dovut għal bidliet tekniċi fil-proċeduri tal-baġit u tat assikurazzjoni li t-twaqqif ta' l-uffiċċju finanzjarju kien ifisser li l-affarijiet ġew reveduti. Wara li l-Ombudsman innota li kumpaniji żgħira jew medji huma dgħajfa b'mod partikulari fir-rigward ta' dewmien fil-ħlas, il-Kummissjoni qablet li tħallas ukoll l-imgħaxijiet. (435/2004/GG)
- Ftit wara li l-Ombudsman fetaħ inkjesta, il-Parlament daħħal pulizija Taljan fi proċedura ta' reklutaġġ fil-qasam tas-sigurtà ġenerali. Il-kandidat kien avviċina l-Parlament darbtejn biex jikkuntesta d-deċizzjoni tal-Parlament li jirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu, u kkummenta li l-esperjenza ta' ħames snin għandha tissodisfa l-kriterji konċernati. Huwa lmentat ma' l-Ombudsman wara li l-Parlament naqas milli jirrispondi. (1600/2003/ADB)

Fejn l-Ombudsman isib amministrazzjoni ħażina, huwa dejjem jipprova jsib soluzzjoni ta' ħbiberija jekk ikun possibbli. F'xi każi, soluzzjoni ta' ħbiberija tista' tinstab jekk l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat joffri kumpens lill-ilmentatur. Kull offerta ssir *ex gratia*: li jfisser, mingħajr ammissjoni ta' responsabilità legali u mingħajr ma toħloq preċedent.

Matul l-2004, ġew proposti 12-il soluzzjoni ta' ħbiberija. Ħames każi ngħalqu meta nstabt soluzzjoni ta' ħbiberija (inklużi 2 każi fejn il-proposta saret fl-2003). Fl-aħħar ta' l-2004, 11-il proposta kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati. Fost is-soluzzjonijiet ta' ħbiberija li nstabu fl-2004 kien hemm:

- Każ li fih il-Kummissjoni tat lill-ilmentatur aċċess għar-riżultat li għab fit-test tal-liċenzja tal-karozza. L-ilmentatur kien applika għal post awżiljarju ta' xufier mal-Kummissjoni u wara li sar jaf li m'għaddiex mit-test talab għar-riżultati tiegħu mingħajr suċċess. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni ma' kinetx tat raġunijiet dwar ir-raġuni għaliex l-ilmentatur m'għandux jingħata aċċess għar-riżultati tiegħu. (1320/2003/ELB)
- Każ li fih il-Kummissjoni tat lil Corporate Observatory Europe, grupp Ewropew ta' riċerka u sostenn, lista ta' dokumenti li jikkonċernaw in-negozjati dwar investiment ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). L-ilmentatur kien għamel talba vaga għal dokumenti, u għalhekk irċieva l-informazzjoni meħtieġa biex jagħmel talba aktar preċiża. (415/2003/TN)

Rimarki kritiċi, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u rapporti speċjali

Fejn ma tkunx possibbli soluzzjoni ta' ħbiberija, l-ombudsman jista' jagħlaq il-każ b'rimarka kritika jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika normalment issir jekk ma jkunx għadu possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-att li jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, jekk l-amministrazzjoni ħażina tidher li ma kellhiex implikazzjonijiet ġenerali jew jekk l-ebda azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman ma tidher meħtieġa. Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu huwa ġustifikat u huwa ta' indikazzjoni għall-istituzzjoni jew għall-korp ikkonċernat dwar x'għamlu ħażin, sabiex tgħin biex tiġi evitata amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2004, l-Ombudsman għamel 35 rimarka kritika. Per eżempju:

- L-Ombudsman ikkritika n-nuqqas mill-Parlament li jieħu miżuri adegwati għal promozzjoni ta' ħarsien effettiv tar-regoli tiegħu dwar it-tipip fil-bini tiegħu. Dan sar wara lment minn uffiċjal Daniż li jaħdem il-Parlament. L-Ombudsman innota li, minħabba l-effetti negattivi possibbli fuq is-saħħa minħabba espożizzjoni għat-tipip, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni lil din il-kwistjoni li setgħet tagħti lok għal responsabilità legali. (260/2003/OV)
- L-Ombudsman maqdar l-attitudini tal-Kummissjoni f'każ li jirrigwarda r-reklutaġġ ta' ċittadin Żvediż. Il-Kummissjoni rrifjutat li tikkunsidra li tirrevedi l-klassifikazzjoni ta' l-ilmentatur, u l-Ombudsman sab li dan kien inġust. Huwa żied li l-fatt li l-Kummissjoni ma kkummentatx dwar allegat nuqqas ta' ftehim intern li jikkonċerna d-disponibilità ta' impjeg ma kienx konformi ma' l-obbligazzjonijiet tagħha skond il-liġi ta' l-UE. (1435/2002/GG)



- L-Ombudsman ikkritika l-Uffiċċju għar-Reklutaġġ ta' l-Impjegati tal-Komunitajiet Ewropej (EPSO) talli naqas milli jiġġustifika sew id-deċiżjoni tiegħu li jfassal il-korrispondenza lill-kandidati f'kompetizzjoni miftuħa bil-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż biss. L-ilmentatur allega li din id-deċiżjoni kienet tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-lingwi uffiċjali u tal-lingwi tax-xogħol inklużi fir-regoli relevanti. Minħabba li dan kien ilment tat-tip "*actio popularis*", l-Ombudsman qal li ma kienx xieraq li wieħed ifittex soluzzjoni ta' ħbiberija. (2216/2003/MHZ)

Huwa importanti li l-istituzzjonijiet u l-korpi jagħtu segwitu għar-rimarki kritiċi mill-Ombudsman, u jieħdu azzjoni biex isolvu problemi pendenti u jevitaw amministrazzjoni ħażina fil-futur. Matul l-2004, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman dwar l-azzjoni ta' segwitu tagħha fil-każ tal-11-il rimarka kritika, inkluż:

- Titlob maħfra u ssegwi l-każ ikkonċernat wara li l-Ombudsman ikkritikaha għax ma tatx spjegazzjoni konvinċenti dwar għaliex ma ħadet l-ebda azzjoni għal mill-anqas sentejn. Dan għara wara żewġ ilmenti dwar għajnuna mill-istat mogħtija mill-Gvern Portugiż, li dwarhom skond l-ilmentatur il-Kummissjoni ma' ħaditx il-passi meħtieġa. (2185/2002/IP)
- Tesprimi sogħba li l-aspettativi ta' l-ilmentatur ma' ġewx indirizzati bil-miktub b'mod adegwat u b'mod mhux ambigwu u tikkonferma li minn dak iż-żmien il-prinċipji tagħha ta' amministrazzjoni tajba ġew spjegati aħjar. L-Ombudsman kien ikkritika l-Kummissjoni għaliex naqset milli tirrifondi l-ispejjeż ikkalkulati li jammontaw għal EUR 170 000 għal servizzi ta' segretarjat mogħtija minn istitut Olandiż. (1986/2002/OV)

Fil-każi fejn amministrazzjoni ħażina tkun partikolarment serja, jew ikollha implikazzjonijiet ġenerali, jew ikun għad hemm possibiltà għall-istituzzjoni kkonċernata biex telimina l-amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni. L-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat għandhom jirrispondu lill-Ombudsman b'opinjonijiet dettaljata fi żmien tliet xhur.

Matul l-2004, saru-17 abbozz ta' rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, ħames abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet mill-2003 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2004. Seba' każi ngħalqu matul is-sena li fiha abbozz ta' rakkomandazzjoni ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Każ wieħed wassal għal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ħames każi ngħalqu għal raġunijiet oħra. Fl-aħħar ta' l-2004 disa' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati. Dawn li ġejjin kienu fost dawk li ġew aċċettati fl-2004:

- L-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) ta spjegazzjoni dettaljata bi twegħiba għas-sejħa ta' l-Ombudsman biex jirrevedi l-inkjesta tiegħu fil-każ hekk imsejjaħ 'Dragun Blu'. L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman kixfet numru ta' punti li jagħtu lok għal tħassib dwar l-adeqwatezza ta' l-inkjesta ta' l-OLAF dwar allegazzjonijiet magħmula mid-diretturi tal-kumpanija Dragun Blu. Minħabba l-informazzjoni li l-OLAF ta dwar investigazzjoni mill-Kummissjoni u li kienet għadha għaddejja, l-Ombudsman sab li kien raġjonevoli li l-OLAF ma jerġax jiftaħ l-inkjesta tiegħu. (1769/2002/(IJH)ELB)
- Il-Kummissjoni tat kumpens ta' EUR 21 000, fuq bażi purament ex gratia, lil kumpanija żgħira Ingliża wara li l-Ombudsman sab li l-kumpanija ma ngħatatx żmien biżżejjed biex tħejji proposta fil-qafas ta' kuntratt tar-riċerka u żvilupp. Dan fl-aħħar wassal sabiex il-proposta ma ġietx ikkunsidrata eliġibbli minħabba xi żbalji li kien fiha. Il-Kummissjoni saħqet li ma kellha l-ebda xewqa li tweġġa' intrapriżi żgħira u medji u għarfet li ċirkustanzi eċċezzjonali kienu għamluha diffiċli għall-ilmentatur biex jeseġwixxi l-kuntratt sew. (1878/2002/GG)
- Wara l-intervent ta' l-Ombudsman, l-OLAF għadda tliet dokumenti lill-ilmentatriċi u spjega li d-dokumenti l-oħra li hija kienet talbet ma kinux jeżistu. L-ilmentatriċi, uffiċjal li kien jaħdem ma' l-Istitut għal Elementi tat-Transuranju (ITU) fil-Karsruhe, talbet għad-dokument bħala parti mill-inkjesta għall-allegazzjonijiet tagħha dwar xi irregolaritajiet fil-ħidma ta' l-ITU. (220/2004/GG)

Jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità jonqsu milli jirrispondu b'mod sodisfaċenti għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Dan jikkostitwixxi l-aħħar arma ta' l-Ombudsman u huwa l-aħħar pass sostanzjali li jieħu meta jkun qed



jieħu ħsieb każ, minħabba li l-addozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċitar tal-poteri tal-Parlament huma kwistjonijiet għall-ġudizzju politiku tal-Parlament. Kien hemm rapport speċjali wieħed fl-2004:

- L-Ombudsman ressaq rapport speċjali lill-Parlament wara li l-Kummissjoni naqset milli tipprowdi spjegazzjoni koerenti u konvinċenti għad-differenzi fil-grad ta' uffiċjali ta' l-istampa fid-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi terzi u rrifjutat abbozz ta' rakkomandazzjoni biex terġa' tikkunsidra r-regoli tagħha dwar il-klassifikazzjoni ta' dawn il-postijiet. Ċittadin Pakistani li kien jaħdem bħala Uffiċjal ta' l-Istampa u ta' l-Infurmazzjoni mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Islamabad allega li minħabba li ġie kklassifikat fi grupp aktar baxx, saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fuq il-bażi ta' nazzjonalità. (OI/2/2003/GG)

Inkjesti fuq inizjattiva personali

L-Ombudsman jista' jagħmel użu mill-poter ta' l-inizjattiva personali f'żewġ każi prinċipali. L-ewwel, hu jista' jużah biex jinvestiga każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina meta lment jittressaq minn persuna mhux awtorizzata (i.e. meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin jew residenti ta' l-Unjoni jew persuna legali b'uffiċċju reġistrat fi Stat Membru). Tmienja minn dawn l-inkjesti fuq inizjattiva personali nfetħu fl-2004, inklużi sitta fuq bażi ta' lmenti li saru qabel l-1 ta' Mejju minn ċittadini ta' pajjiżi li saru membri ta' l-Unjoni f'dik id-data. Erbgħa minn dawn l-inkjesti ngħalqu matul dik is-sena. L-Ombudsman jista' wkoll juża l-poter ta' l-inizjattiva personali biex isolvi dik li tkun tidher bħala problema fis-sistema ta' l-istituzzjonijiet. Żewġ inkjesti fuq inizjattiva personali ngħalqu b'riżultati pożittivi matul is-sena, u dawn huma:

- Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex ittejjeb l-amministrazzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej billi fittxet li tidentifika u ssolvi l-aktar nuqqasijiet operattivi serji. L-ombudsman laqa' r-rispons tal-Kummissjoni għall-istħarriġ tiegħu dwar l-amministrazzjoni tajba ta' l-Iskejjel wara l-inkjesta tiegħu, u b'mod partikulari, l-impenn tagħha biex tikkopera mal-ġenituri. Huwa kompli ħajjar lill-Kummissjoni biex din tfittex li tiżgura li l-Iskejjel innifishom jagħrfu bħala parti mill-missjoni prinċipali tagħhom il-bżonn li jagħtu poter lill-ġenituri u jirbħu l-fiducia tagħhom. L-Ombudsman fetaħ din l-inkjesta wara numru ta' lmenti mill-ġenituri li kellhom it-tfal tagħhom f'dawn l-Iskejjel u li kienu qed jesprimu is-sens ta' frustrazzjoni u n-nuqqas ta' poter. (OI/5/2003/IJH)
- Wara inkjesta fuq inizjattiva personali, il-Kummissjoni qablet li tintroduċi proċedura ta' lmenti interna għal esperti nazzjonali li ġew sekondati. Wara li l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni ma kinetx tat skeda definittiva dwar l-azzjoni li se tiegħu, din indikat li l-proċedura ta' lmenti setgħet tiġi adottata sal-25 ta' Marzu 2005. Esperti nazzjonali li ġew sekondati huma impjegati ċivili internazzjonali, jew persuni impjegati mis-settur privat li qed jaħdmu b'mod temporanju ma' l-istituzzjonijiet Ewropej. L-Ombudsman fetaħ inkjesta wara li ġie infurmat bil-fatt li dawn l-esperti jista' ma jkollhomx aċċess għal proċedura ta' lmenti interna. (OI/1/2003/ELB)

Analiżi ulterjuri

Dawn u każi oħra jerġgħu jiġu eżaminati mill-perspettivi tematiċi li ġejjin fis-sezzjoni finali tal-kapitolu 2 tar-Rapport Annwali: aċċess għal dokumenti u protezzjoni tad-'data', il-Kummissjoni bħal 'Gwardjan tat-Trattat', kuntratti u għotjiet, u reklutaġġ u kwistjonijiet ta' l-istaff. Minħabba li kważi 70% ta' l-inkjesti ta' l-Ombudsman jirrigwardaw il-Kummissjoni, din is-sezzjoni tinkludi evalwazzjoni tar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni ma' l-Ombudsman u ma' l-ilmentaturi, kif jidher mid-deċiżjonijiet ta' l-2004 u fir-rispons tal-Kummissjoni matul dik is-sena għal rimarki oħra u għal rimarki kritiċi. L-Ombudsman jiġbed l-attenzjoni tal-Parlament għal numru ta' każi fejn il-Kummissjoni setgħet irrispondiet b'mod aktar pożittiv u jgħid li jilqa' inizjattivi mill-Parlament immirati biex iħajru lill-Kummissjoni testendi l-koperazzjoni tajba li wriet fil-parti l-kbira tal-każi fl-2004 għall-każi futuri kollha.

Il-Kapitolu 3 tar-Rapport fih sommarji ta' 59 minn total ta' 251 deċiżjoni li għalqu l-każi fl-2004. Is-sommarji jirriflettun varjetà ta' suġġetti u istituzzjonijiet koperti mill-inkjesti ta' l-Ombudsman u tipi differenti ta' deċiżjonijiet. Il-każi rilevanti ntgħażlu għaliex fihom deċiżjonijiet ta' dritt ġodda,



materjal ġdid li jikkonċerna l-kompetenza jew il-proċeduri ta' l-Ombudsman, jew deċiżjonijiet ta' fatt li huma ta' importanza jew interess ġenerali.

Id-deċiżjonijiet kollha ta' l-Ombudsman li jsegwu inkjesta, bl-eċċezzjoni ta' xi każi kunfidenzjali u li ma' jistgħux jinżammu anononimi, jiġu ppubblikati fuq il-website ta' l-Ombudsman (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) bl-Ingliż u bil-lingwa ta' l-ilmentatur jekk din tkun differenti.

Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea

Relazzjonijiet professjonali kostruttivi ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea huma bżonjużi għall-Ombudsman sabiex jikseb riżultati pożittivi għaċ-ċittadini. Din il-koperazzjoni tiegħu l-forma ta' laqgħat regolari u avvenimenti konġunti li matulhom l-Ombudsman u l-interlokutori tiegħu jakkwistaw għarfien akbar dwar ix-xogħol ta' xulxin, jesploraw kif l-aħjar jistgħu jiġu difiżi u promossi d-drittijiet taċ-ċittadini u jidentifikaw l-oqsma li fihom jistgħu jaħdmu flimkien fil-futur.

L-Ombudsman ilha ta' Membri u uffiċjali ta' istituzzjonijiet u korpi f'aktar minn 30 okkażjoni matul l-2004. Dawn l-avvenimenti kienu jinkludu preżentazzjonijiet fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman u matulhom hu offra pariri fuq kif l-aħjar jirrispondu għall-ilmenti u kif itejbu l-proċeduri. Din l-attività, każ ta' dimensjoni proattiva ta' l-Ombudsman, hija parti mill-irwol doppju ta' l-istituzzjoni, kemm bħala mekkaniżmu ta' kontroll estern kif ukoll bħala riżorsa biex tittejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni. Ġew eżaminati inizzjattivi bil-għan li tiżdied il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet innifishom, l-aktar biex ikun żgurat li kull min jista' jkollu raġuni biex iressaq ilment quddiem l-Ombudsman jirċievi l-informazzjoni dwar kif għandu jagħmel dan. Laqgħat oħra saru sabiex jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' l-Ombudsman u r-riżorsi neċessarji biex jintlaħqu dawn il-prijoritajiet, b'attenzjoni partikulari għall-baġit ta' l-istituzzjoni.

L-Ombudsman jagħti rapport annwali lill-Parlament Ewropew u jżomm il-Membri regolarment infurmati dwar l-attivitajiet tiegħu billi jipprovdilhom kopji tal-pubblikazzjonijiet tiegħu matul is-sena. Tmien publikazzjonijiet kienu disponibbli għall-MPE fl-2004. Hemm relazzjoni ta' ħidma fejjieda bejn l-Ombudsman u l-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, u din tinkludi t-trasferiment lil xulxin ta' każi, fejn ikun jaqbel, sabiex joffru l-aktar servizz effiċjenti liċ-ċittadini Ewropej. Lill-ilmentatur u lil min qed ifittex li jibdel xi ħaġa fil-liġi jew fil-politika Ewropea, l-Ombudsman jagħti l-parir li dan iressaq petizzjoni quddiem il-Parlament. Ir-Rapport DE ROSSA dwar ir-*Rapport Annwali* ta' l-Ombudsman ta' l-2003 kien jinkludi proposta sabiex il-Kumitat isir membru sħiħ tan-network Ewropew ta' l-ombudsmen. L-Ombudsman laqa' din il-proposta u għamel arranġamenti għall-implimentazzjoni tagħha mill-aktar fis possibbli.

Relazzjonijiet ma' l-ombudsmen u korpi simili oħra

Li jaħdem mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fl-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali hija prijorità importanti għall-Ombudsman Ewropew. Dan jgħin biex jiżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini jiġu ttrattati malajr u b'mod effettiv. Huwa bl-istess mod essenzjali biex wieħed iżomm traċċa ta' l-iżviluppi importanti fid-dinja ta' l-ombudsmen, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u bdil ta' informazzjoni dwar l-aħħjar prattika.

Network

In-network Ewropew ta' l-ombudsmen, li żviluppa bil-mod il-mod f'għodda b'saħħitha ta' kollaborazzjoni, huwa ta' importanza kbira għall-Ombudsman Ewropew. In-network issa jinkludi kważi 90 uffiċċju f'29 pajjiż, u jkopri l-livelli nazzjonali u reġjonali fi ħdan l-Unjoni u fil-livell nazzjonali ta' pajjiżi applikanti għas-sħubija fl-UE, in-Norveġja u l-Islanda. Hemm mekkaniżmu effettiv għal koperazzjoni fit-trattar tal-każi. Dan huwa partikolarment importanti minħabba li ħafna min-nies li jilmentaw jitolbu l-għajjn ta' l-Ombudsman Ewropew meta dawn ikollhom problemi ma' l-amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każi ombudsman fl-Istat ikkonċernat jista' jipprovdri rimedju effettiv. Meta possibbli, l-Ombudsman Ewropew jittrasferixxi l-każi direttament lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, jew jagħti parir xieraq lill-ilmentatur. Matul l-2004, l-Ombudsman ta parir lil 906 ilmentatur sabiex dawn jitolbu l-għajjn ta' l-ombudsman nazzjonali jew reġjonali u ttrasferixxa 54 ilment direttament lill-ombudsman kompetenti. L-



ombudsmen li qegħdin fin-netwerk jinsabu wkoll f'pożizzjoni tajba biex jgħinu sabiex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom skond il-liġi ta' l-UE u dwar kif jeżerċitaw u jiddefendu dawk id-drittijiet.

Jekk mitlub jagħmel hekk, l-Ombudsman Ewropew jgħin ukoll lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali bl-inkjesti tagħhom billi jirrispondi għal-mistoqsijiet dwar il-liġi ta' l-UE, jew billi jgħaddi mistoqsijiet lill-istituzzjoni jew korp ta' l-UE rilevanti biex tingħata risposta. Fl-2004 l-Ombudsman irċieva mistoqsijiet mill-Ombudsman Reġjonali tal-Veneto (Italja), l-Ombudsman Irlandiż u l-Ombudsman Ċiprijott.

In-netwerk huwa attiv bl-istess mod f'dak li jirrigwarda skambju ta' esperjenzi u ta' l-aħjar prattika. Dan iseħħ permezz ta' seminars u laqgħat, ċirkulari li toħroġ regolarment, forum ta' diskussjoni elettroniku u servizz elettroniku ta' aħbarijiet ta' kuljum. Il-preparazzjonijiet għall-ħames Seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali fl-Istati Membri ta' l-UE u fil-Pajjiżi Kandidati bdew bis-serjetà fl-2004, bl-Ombudsman Ewropew u l-kontroparti Olandiża tiegħu, is-Sur Roel FERNHOUT, jiltaqgħu tliet darbiet bil-għan li jiżguraw li dan is-Seminar, li għandu jsir f'The Hague f'Settembru 2005, ikun suċċess kbir. Iċ-Ċirkulari *L-Ombudsmen Ewropej* kompliet taqdi bħala għodda prezjuża ħafna għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u l-aħjar prattika fl-2004. Iż-żewġ ħarġiet, ippublikati f'April u f'Ottubru, kienu jkopru suġġetti bħall-Kostituzzjoni għall-Ewropa l-ġdida u l-implikazzjonijiet tagħha għall-ombudsmen, problema li jsibu dawk li jridu jagħmlu użu mid-dritt ta' libertà ta' movimenti, u l-ostakoli li jsibu n-nies b'diżabilità. F'dak li jirrigwarda l-forum ta' diskussjoni elettroniku ta' l-Ombudsman, l-iskambju ta' dokument u l-fora ta' diskussjoni bdew matul is-sena, u ppermettew lill-uffiċċji li jaqsmu l-informazzjoni billi jsiru mistoqsijiet u jingħataw risposti. Inbdew bosta diskussjonijiet importanti, dwar kwistjonijiet li jvarjaw mill-kopertura televiżiva ta' l-ombudsmen sad-drittijiet ta' l-ombudsmen li jżuru l-ħabsijiet, bil-parti l-kbira ta' l-uffiċċji nazzjonali jikkontribwixxu għal waħda jew għal aktar minn dawn id-diskussjonijiet. U s-servizz elettroniku ta' aħbarijiet ta' l-Ombudsman *L-Aħbarijiet ta' Kuljum ta' l-Ombudsman* – ġie ppublikat kull ġurnata ta' xogħol, inklużi artikli, stqarrijiet għall-istampa, avviżi minn uffiċċji f'kull pajjiż kopert min-network.

Il-koperazzjoni fi ħdan in-netwerk żdiedet aktar fl-2004, bħala riżultat taż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati. L-Ombudsmen madwar l-Ewropa taw għajna imprezzabbli fit-tnejja ta' dawn iż-żjarat, li sistematikament ipprovdew għal laqgħat dettaljati bejn l-ombudsmen sabiex jiġu esplorati metodi ġodda biex jaħdmu flimkien għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Sa l-aħħar ta' l-2004, l-Ombudsman kien żar il-25 Stati Membri kollha minn mindu ġie mogħti din il-kariga f'April ta' l-2003.

Laqgħat

Matul is-sena, l-isforzi ta' l-Ombudsman biex jikkollabora mal-kontropartijiet tiegħu marru aktar lil hinn mill-attivitajiet tan-network Ewropew ta' l-ombudsmen. Bħala membru attiv ta' numru ta' organizzazzjonijiet ta' l-ombudsman, huwa ħa sehem f'konferenzi u seminars fl-Ewropa u barra mill-Ewropa, inluża t-tmien Konferenza Dinjija ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman (IOI) fi Quebec City, il-Kanada. Hu kien ħerqan li jieħu sehem f'avvenimenti organizzati minn ombudsmen nazzjonali u reġjonali jew li jiżgura li l-Uffiċċju tiegħu ikun rappreżentat f'dawn l'avvenimenti. Fil-kuntest tax-xogħol tiegħu biex jippromwovi l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet umani u l-amministrazzjoni tajba, fl-2004 l-Ombudsman ħa sehem f'numru ta' avvenimenti, b'mod partikulari fit-Turkija u fis-Serbja u Montenegro, bil-għan li jistabbilixxi l-istituzzjonijiet ta' ombudsman il-ġodda. Ukoll, f'dan ir-rigward, l-Ombudsman kompla jipprovdi *L-Ombudsmen Europe*, - *Ċirkulari*, il-forum elettroniku ta' diskussjoni, is-servizz ta' aħbarijiet ta' kuljum lil numru akbar ta' membri tar-Reġjun Ewropew ta' l-IOI.

Attivitajiet ta' komunikazzjoni

L-għan prinċipali ta' l-isforzi ta' l-Ombudsman hu li jaħdem b'mod kostruttiv ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej u ma' sħabu l-ombudsmen sabiex jiżgura l-aħjar servizz possibbli liċ-ċittadini. Importanti għal dan l-għan huwa li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u,



b'mod partikulari d-dritt tagħhom li jilmentaw ma' l-Ombudsman. Sar ħafna f'dan ir-rigward matul is-sena.

L-Ombudsman żied iż-żjarat ta' informazzjoni tiegħu lill-Istati Membri, lil pajjiżi kandidati u lil pajjiżi applikanti fl-2004. F'kull żjara, hu ltaqa' ma' ċittadini, ma' lmentaturi u ma' ilmentaturi potenzjali, amministraturi, membri tal-qorti u rappreżentanti politiċi għolja. Iż-żjarat kienu mezz eċċellenti biex jagħmlu liċ-ċittadini aktar konxji dwar id-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, għenu biex jgħollu l-profil tax-xogħol ta' l-Ombudsman fost il-membri prinċipali ta' l-oqsma tal-ġudikatura, tal-leġiżlatura u ta' l-eżekuttivi fil-livelli nazzjonali u reġjonali u żied il-kollaborazzjoni siewja li l-Ombudsman ikollu mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati. Is-sostenn ta' l-uffiċċji ta' l-ombudsman fil-pajjiżi kkonċernati, kif ukoll ta' l-Uffiċċji tal-Parlament Ewropew u tar-Rappreżentazzjonijiet u d-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, ta kontribuzzjoni kritika fir-rigward tas-suċċess ta' dawn iż-żjarat.

Flimkien ma' l-avvenimenti li seħħew matul dawn iż-żjarat ta' informazzjoni, l-Ombudsman u l-istaff tiegħu indirizzaw aktar minn 70 konferenza, laqgħa u grupp fl-Ewropa kollha matul is-sena, sabiex jiddiskutu kwistjonijiet bħal ma huma l-isforzi ta' l-UE sabiex tikkomunika maċ-ċittadini, il-Kostituzzjoni għall-Ewropa u d-drittijiet ta' nies b'diżabilità. Dawn il-laqgħat għenu biex iqajmu kuxjenza dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman kemm fost minn potenzjament jista' jressaq ilment kif ukoll fost ċittadini li għandhom interessi simili.

L-attivitajiet tal-midja żdiedu fl-2004, b'medja ta' stqarrija għall-istampa kull 11-il ġurnata. L-Ombudsman ta aktar minn 40 intervista lil ġurnalisti mill-istampa, mix-xandir u mill-midja elettronika fi Strasburgu, fi Brussell u matul iż-żjarat ta' informazzjoni tiegħu. Huwa ppreżenta x-xogħol tiegħu u ta risposti għal domandi matul konferenzi għall-istampa, aġġornamenti, laqgħat u ikliet tax-xogħol.

Materjal dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman tqassam matul is-sena b'mod partikulari matul il-Ġranet Miftuħin għall-Pubbliku tal-Parlament Ewropew f'Mejju. Il-Ġurnata Miftuħa ta' Brussell fl-1 ta' Mejju ġiet uttilizzata għall-introduzzjoni tal-fuljett f'24 lingwa *L-Ombudsman Ewropew – F'daqqa t'Għajn*, filwaqt li l-formola għall-ilmenti u l-brochure kienu disponibbli fil-lingwi kollha tat-Trattat ftit wara t-tkabbir. Għall-ewwel darba, ir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman kien disponibbli f'20 lingwa, filwaqt li verżjoni pubblikata ta' *Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi* li aktar tiffaċilita l-użu għamlet ir-Rapport aktar aċċessibbli.

Dawn il-pubblikazzjonijiet kienu disponibbli fil-website ta' l-ombudsman flimkien ma' deċiżjonijiet, stqarrijiet għall-istampa, statistiċi u dettalji ta' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni li tqiegħdu regolarment. Mill-aspett lingwistiku, il-website (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) matul is-sena ġiet ittrasformata billi l-homepages tas-sit u l-paġni ta' navigazzjoni, li qabel kienu fi 11-il lingwa, saru disponibbli f'10 lingwi ġodda – id-disa' lingwi ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Irlandiż.

Preparazzjonijiet għall-10 anniversarju

B'ħarsa lejn l-10 anniversarju ta' l-istituzzjoni fl-2005, l-Ombudsman organizza workshop fi Strasbourg, li fih laqqa' flimkien l-individwi kollha li kellhom sehem importanti fit-twaqqif ta' l-istituzzjoni tiegħu. Il-“Workshop tal-Fundaturi” ta lok għal diskussjonijiet imqanqla, u ppermetta li tittieħed informazzjoni siewja dwar l-oriġini, it-twaqqif u l-iżvilupp bikri ta' l-istituzzjoni. Pubblikazzjoni li tfakkar l-10 anniversarju, ispirata mis-sejbiet tal-“Workshop tal-Fundaturi” għandha toħroġ fl-2005.

Żviluppi interni

Matul l-ewwel erba' xhur ta' l-2004, l-Ombudsman bena fuq ix-xogħol li sar fis-snin ta' qabel sabiex l-Uffiċċju jitħejja għat-tkabbir. Sforzi kbar żguraw li l-istituzzjoni tkun mġhamra biex tieħu ħsieb ilmenti miċ-ċittadini tal-25 Stat Membru f'21 lingwa tat-Trattat mill-1 ta' Mejju.

In-numru ta' postijiet fl-organigramma ta' l-Ombudsman żdied minn 31 fl-2003 għal 38 fl-2004, kif previst mill-pjan tal-baġit plurijennali adottat mill-Parlament fl-2002. Dan il-pjan ipprova biex ftit



ftit ikunu introdotti postijiet ġodda konnessi mat-tkabbir matul l-2003-5. Żieda għal 51 post hija prevista fil-baġit ta' 2005 adottat mill-awtoritajiet baġitarji f'Diċembru 2004.

Id-database ta' l-ilmenti l-ġdid ta' l-Ombudsman sar totalment operattiv matul is-sena u ppermetta lill-Uffiċċju li jiffaċċja b'suċċess l-isfida li nħolqot biż-żieda mingħajr preċedenti fin-numru ta' lmenti u t-twessigħ fil-varjeta' ta' lingwi koperti. Dan flimkien ma' użu aħjar tar-riżorsi umani u t-titjib kontinwu fl-infrastruttura tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni fl-Uffiċċju, ippermetta servizz aħjar għaċ-ċittadini matul l-2004.



DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJET MA' ISTITUZZJONIJET
U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJET MA' OMBUDSMEN
U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJET

7 ANNESSI



2 ILMENTI U INKJESTI

Wieħed mill-metodi l-iktar importanti li permezz tiegħu l-Ombudsman Ewropew jippromwovi amministrazzjoni tajba huwa billi jinvestiga l-possibiltà ta' amministrazzjoni ħażina u billi jirrakkomanda azzjoni korrettiva fejn hemm bżonn. Każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-Ombudsman prinċipalment permezz ta' lmenti, li l-istħarriġ tagħhom jirrapreżenta l-iktar aspekt importanti tar-rwol reattiv ta' l-Ombudsman.

Id-dritt li jitressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet taċ-ċittadinani ta' l-Unjoni Ewropea (Artikolu 21 tat-Trattat tal-KE) u huwa inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu 43).

L-Ombudsman għandu wkoll il-possibiltà li jmexxi inkjesti fuq inizzjattiva tiegħu stess, u b'hekk jieħu rwol proattiv fil-ġieda kontra amministrazzjoni ħażina.

2.1 IL-BAŻI LEGALI GĦALL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN

Il-ħidma ta' l-Ombudsman hija rregolata mill-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, mill-Istatut ta' l-Ombudsman (li joħroġ minn Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew¹) u mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman taħt l-Artikolu 14 ta' l-Istatut.

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jikkonċernaw l-operat intern ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jinftehm u miċ-ċittadin u biex ikunu utli għalih, jinkludu wkoll xi materjal dwar istituzzjonijiet u korpi oħra li diġà jinstab fl-Istatut. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni attwali dahl fuq fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003. Dawn huma disponibbli fil-lingwi uffiċċjali kollha fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Ombudsman (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) u f' verżjoni stampata mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman.

L-Ombudsman Ewropew u l-Kostituzzjoni għall-Ewropa

It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa ġie ffirmat f'Ruma fid-29 t'Ottubru 2004 mill-Kapjiet ta' Stat jew ta' gvern u mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri. Bħalissa qiegħed fil-proċess li jiġi rratifikat mill-Istati Membri.

Id-dritt li jitressaq ilment quddiem l-Ombudsman jidher fil-Parti I tal-Kostituzzjoni, taħt it-titlu dwar iċ-ċittadinanza u d-drittijiet fundamentali (Artikolu I-10), kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu II-103). It-titolu dwar il-ħajja demokratika ta' l-Unjoni fil-Parti I tal-Kostituzzjoni jipprovdi għall-elezzjoni ta' l-Ombudsman mill-Parlament Ewropew u għall-indipendenza ta' l-Ombudsman (Artikolu I-49). L-Artikolu III-335, li jikkorrispondi ma' l-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE eżistenti, jinkudi dispożizzjoni sabiex l-Istatut isir liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew.

¹

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-eżerċitar tad-doveri ta' l-Ombudsman, OJ 1994, L 113/15.



2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin ta' l-Unjoni jew kwalunkwe persuna naturali jew legali li toqgħod jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u ta' korpi Komunitarji, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-eżerċitar ta' l-irwol ġudizzjarju tagħhom. Ilment huwa għalhekk barra mill-mandat jekk:

- 1 min jagħmel l-ilment mhuwiex persuna intitolat li jagħmel ilment;
- 2 l-ilment mhuwiex indirizzat kontra istituzzjoni jew korp Komunitarji;
- 3 l-ilment huwa ndirizzat kontra l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza fl-eżerċitar ta' l-irwol ġudizzjarju tagħhom; jew
- 4 l-ilment ma jikkonċernax każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina.

Hemm diskussjoni f'aktar dettal tal-punti 1, 2 u 4, aktar 'il quddiem.

2.2.1 Ilmenti mhux awtorizzati

Għalkemm id-dritt li jsir ilment lill-Ombudsman Ewropew huwa limitat għal ċittadini, residenti jew persuni legali b'uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru, l-Ombudsman għandu wkoll is-setgħa li jiftaħ inkjesta fuq inizjattiva tiegħu stess. Permezz tas-setgħa li juża l-inizjattiva tiegħu, l-Ombudsman jista' jinwestiga każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina mqajjem minn ilment, anke jekk min jagħmel l-ilment mhuwiex persuna awtorizzata. Infetħu tmien inkjesti fuq inizjattiva tiegħu fl-2004, inklużi sitt ilmenti li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 minn ċittadini ta' l-Istati li ssieħbu ma' l-Unjoni f'dik id-data.

L-Ombudsman jevalwa jekk jużax is-setgħa li juża l-inizjattiva tiegħu b'dan il-mod skond kull każ individwali. S'issa, l-ebda lment ma ġie rrifjutat unikament minħabba li min għamel l-ilment ma kienx persuna awtorizzata.

2.2.2 Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji

Il-mandat ta' l-Ombudsman ikopri l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji. L-istituzzjonijiet huma mniżżla fl-Artikolu 7 tat-Trattat, iżda m'hemm l-ebda definizzjoni jew lista awtorevoli ta' korpi Komunitarji. It-terminu jinkludi korpi stabbiliti mit-Trattati, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u bħall-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll aġenziji maħluqa permezz ta' leġislazzjoni, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u bħaċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ fuq ir-Razziżmu u l-Ksenofobija.

Bħala risposta għal ilment li sar fis-sena 2000, l-Ombudsman stieden l-Istitut Universitarju Ewropew (EUI) biex jikkumenta dwar jekk għandux jitqies bħala korp Komunitarju għall-fini tal-mandat ta' l-Ombudsman. L-EUI illimita l-opinjoni tiegħu għas-sustanza ta' l-ilment, għalhekk ma kienx hemm bżonn li l-Ombudsman jiddeċiedi dwar il-kompetenza tiegħu fil-każ speċifiku². Matul l-2004, l-opinjoni ta' l-EUI dwar ilment sussegwenti argumentat illi l-EUI ma jaqax fil-mandat ta' l-Ombudsman. Wara analiżi dettaljata, l-Ombudsman ikkunsidra l-opinjoni ta' l-EUI bħala korretta u għalhekk għalaq l-inkjesta (Kawża 2225/2003/(ADB)PB, mqassra fil-kapitolu 3).

²

Każ 659/2000, Rapport Annwali 2000, paġna 99.



Il-Kostituzzjoni futura għall-Ewropa se testendi l-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew sabiex jinkludi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċji u l-aġenziji kollha ta' l-Unjoni.

Eżempju ta' lment li ma kienx indirizzat kontra istituzzjoni jew korp Komunitarji

ILMENT KONTRA L-OMBUDSMAN POLAKK

Ċittadin Polakk ilmenta illi l-Kummissarju Polakk għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili ma jippermettix li jiġu ppreżentati lmenti f'forma elettronika. L-ilment kien barra l-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew minħabba li l-Kummissarju Polakk għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili mhuwiex istituzzjoni jew korp Komunitarji. Barra minn hekk, l-Ombudsman Ewropew mhuwiex is-superjur ġerarkiku ta' l-ombudsmen nazzjonali.

F'laqgħa bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Kummissarju Polakk għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili fid-9 ta' Frar 2004, il-Kummissarju kien informa lill-Ombudsman Ewropew illi jekk xi ħadd iressaq ilment u ma jkunx sodisfatti jista' jindirizza lilu nnifsu lill-Parlament Polakk, li lilu l-Kummissarju jippreżenta r-rapport annwali tiegħu.

L-Ombudsman Ewropew ta parir lil min għamel l-ilment b'dan il-mod.

Każ 3617/2004/MHZ

2.2.3 Amministrazzjoni ħażina

Bħala risposta għal sejħa mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman offra din id-definizzjoni li ġejja fir-Rapport Annwali għall-1997:

Amministrazzjoni ħażina sseħħ meta entità pubblika tonqos li topera skond regola jew prinċipju ta' rabta fuqha.

Fl-1998, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li tilqa' din id-definizzjoni b'mod favorevoli. Skambju ta' korrispondenza bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni matul l-1999 għamilha ċara illi l-Kummissjoni qablet ukoll mad-definizzjoni.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ipproklamata f'Diċembru 2000, tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Unjoni (Artikolu 41). Fl-opinjoni ta' l-Ombudsman, amministrazzjoni ħażina u amministrazzjoni tajba huma żewġ uċuħ ta' l-istess munita.

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew approva Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba li istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni Ewropea, l-amministrazzjonijiet tagħhom u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-Kodiċi jqis l-prinċipji tal-liġi amministrattiva Ewropea li jinsabu fil-ġurisprudenza tal-qradi Komunitarji u jispira ruħu mill-liġijiet nazzjonali. Il-Parlament ukoll talab lill-Ombudsman sabiex japplika l-Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba. L-Ombudsman għalhekk iqis ir-regoli u l-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi meta jeżamina lmenti u fit-tmexxja ta' inkjesti fuq l-inizjattiva tiegħu stess.



Eżempji ta' lmenti li ma kienux jikkonċernaw il-possibiltà ta' amministrazzjoni ħażina

L-ISTATUS TAL-LINGWA KATALANA FIL-KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

Grupp ta' persuni indirizzaw ilment permezz ta' ittra miftuħa lill-Ombudsman Ewropew fil-gazzetta *El Triangle*, ippublikata f'Barcellona. Huma allegaw li seħħet diskriminazzjoni għax il-Kostituzzjoni għall-Ewropa ma tirrikonossix il-Katalan bħala lingwa uffiċjali. Huma ressqu numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' l-importanza tal-lingwa Katalana u tan-numru sinifikanti ta' nies li jużawha fl-Ewropa.

Minħabba li l-ilment kien jirrigwarda proposta għal amenda tat-Trattati, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx marbut ma' possibiltà ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman għadda l-ilment lill-Parlament Ewropew sabiex jiġi ttrattat bħala petizzjoni.

Każ 2881/2004/JMA

RIFJUT LI TINGĦATA INFORMAZZJONI MILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

F'April 2004, sar ilment lill-Ombudsman kontra r-rifjut tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jipprovdi nformazzjoni dwar jekk kienx hemm intervent minn naħa tiegħu fis-swieg sabiex itaffi l-waqa' fil-valur tad-Dollari Amerikan u ż-żieda fl-Euro.

L-Ombudsman ikkunsidra l-ilment bħala mhux ammissibbli għax l-allegazzjoni preċiża ta' min għamel l-ilment ma setgħetx tiġi identifikata. Ma kienx ċar jekk il-qofol ta' l-ilment kienx (i) illi l-BĊE naqas li jispjega għaliex irrifjuta li jipprovdi informazzjoni lil min għamel l-ilment, u għalhekk ma setax jifhem ir-raġunijiet għar-rifjut tal-BĊE, jew (ii) illi kien fehem ir-raġunijiet tal-BĊE u qieshom bħala ħżiena. L-Ombudsman spjega lil min għamel l-ilment illi, fl-ewwel każ, seta' jiftaħ inkjesta, iżda li, fit-tieni każ, l-ilment seta' fis-sustanza jikkontesta l-politika tal-BĊE fir-rigward ta' operazzjonijiet fis-suq fit-twettiq tad-dmijiet bażiċi tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u ma kienx, għaldaqstant, jikkonċerna każ ta' possibiltà ta' amministrazzjoni ħażina.

F'Ottubru 2004, min għamel l-ilment għamilha ċara li l-allegazzjoni tiegħu kienet li l-BĊE naqas milli jispjega r-raġunijiet tiegħu, b'mod li ma setgħax jifhem għaliex irrifjuta milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba. Minħabba li l-allegazzjoni ċċarata kienet dwar każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman fetaħ inkjesta fuq il-każ.

Każi 1106/2004/TN u 3054/2004/TN

2.3 AMMISSIBILITÀ U BAŻI GĦAL INKJESTI

Ilment li jaqa' taħt il-mandat ta' l-Ombudsman irid ikun kompatibbli ma' kriterji ulterjuri ta' ammissibilità qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jiftaħ inkjesta. Il-kriterji stabbiliti fl-Istatut huma li:

- 1 l-awtur u l-oġġett ta' l-ilment iridu jkunu identifikati (Artikolu 2.3 ta' l-Istatut)
- 2 l-Ombudsman ma jistax jintervjeni f'każijiet li qegħdin quddiem qrati jew jiddubita mill-valur ta' deċiżjonijiet tal-qrati (Artikolu 1.3)
- 3 l-ilment għandu jsir fi żmien sentejn mid-data meta min għamel l-ilment sa jaf bil-fatti li hu bbażat fuqhom (Artikolu 2.4)
- 4 l-ilment għandu jkun preċedut mill-passi amministrattivi xierqa fi ħdan l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat (Artikolu 2.4)
- 5 f'każ ta' lmenti dwar ir-relazzjonijiet ta' xogħol bejn istituzzjonijiet u korpi u l-uffiċjali u l-impjegati tagħhom, il-possibiltajiet li jiġu ppreżentati talbiet u lmenti amministrattivi interni jridu jkunu ġew eżawriti qabel jitressaq ilment (Artikolu 2.8).



Eżempju ta' lment li ma kienx ippreċedut mill-passi amministrattivi xierqa

ALLEGAZZJONI TA' PRATTIĊI IRREGOLARI F'AĠENZJA

Persuna li ressqet ilment allegat li seħħew prattiċi irregolari f'aġenzja ta' l-UE. Min ressaq l-ilment jaħdem għall-aġenzja kkonċernata.

L-Ombudsman ikkunsidra illi l-passi amministrattivi xierqa li min għamel l-ilment seta' jieħu kienu l-miżuri li jipprovdu għalihom l-Artikoli 22a u 22b tar-Regolament ta' l-Istaff, li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-possibiltà ta' attività illegali, inklużi frodi u korruzzjoni, li tkun ta' ħsara għall-interessi tal-Komunitajiet, jew dwar imġieba relatata mat-twettiq ta' dmirijiet professjonali li jistgħu jikkonstitwixxu nuqqas serju ta' ħarsien ta' l-obbligi ta' l-uffiċjali. Fost affarijiet oħra, dawn jirrikjedu li l-uffiċjal ikkonċernat jinforma lis-superjuri tiegħu jew tagħha, jew lill-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi Ewropew (OLAF).

Minħabba illi min għamel l-ilment kien diġà ikkuntattja lill-OLAF, l-Ombudsman ta parir li, bi qbil ma' l-Artikolu 22b, paragrafu 1 (b), l-OLAF għandu jingħata ħin sabiex jeżamina l-kwistjonijiet imqajma u li min għamel l-ilment seta' jikkuntattja lill-OLAF għal informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien stipulat mill-Uffiċċju sabiex jieħu azzjoni adegwata.

(Każ kunfidenzjali)

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jistabilixxi li l-Ombudsman għandu l-possibiltà li jista' "jmexxi inkjesti li jqis iġġustifikati". F'xi każijiet, għalkemm l-ilment ikun ammissibli, jista' ma jkunx hemm ġustifikazzjoni biżżejjed biex l-Ombudsman jiftaħ inkjesta. Pereżempju, jekk l-ilment ikun diġà ġie eżaminat bħala petizzjoni mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman normalment jikkunsidra li m'hemmx ġustifikazzjoni li jiftaħ inkjesta sakemm ma tiġix ippreżentata evidenza ġdida.


2.4 ANALIŻI TA' LMENTI EŻAMINATI FL-2004

Matul l-2004, l-Ombudsman irċieva 3 726 ilment ġdid, żieda ta' 53% meta imqabblin ma' l-2003. Minn dawn iż-żieda ġenerali ta' 53%, 51% (657 ilment) jikkonsistu minn ilmenti mill-10 Stati Membri ġodda li ssieħbu ma' l-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004. Il-49% l-oħra jirrapreżentaw żieda fl-ilmenti mibgħuta mill-15-il Stat Membru il-qodma u minn bnadi oħra fid-dinja. B'kollox, total ta' 310 ilmenti u erba' inizjattivi personali tmexxex 'il quddiem mill-2003.

It-tabella segwenti turi l-impatt lingwistiku tat-tkabbir, billi tqabbel it-tqassim ta' l-lmenti skond il-lingwa qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004.

3 536 ilment intbagħtu direttament miċ-ċittadin u 190 ġew minn assoċjazzjonijiet jew kumpaniji. L-Ombudsman beda wkoll tmien inkjesti fuq inizjattiva personali.

Matul l-2004, il-proċess ta' eżaminazzjoni ta' lmenti sabiex jiġi vverifikat jekk humiex fil-mandat, jekk jikkonformawx mal-kriterji ta' ammissibilità u jekk jipprovdux ġustifikazzjoni sabiex tinfetaħ inkjesta intemm f'95% tal-każijiet. Mill-ilmenti kollha eżaminati, 25% kienu fil-mandat ta' l-Ombudsman. Minn dawn, 490 jikkonformawx mal-kriterji ta' ammissibilità, iżda 147 ma kienux jipprovdu ġustifikazzjoni għal inkjesta. Għalhekk inbdew inkjesti f'343 każ.



Il-parti kbira ta' l-ilmenti li wasslu għal inkjesta kienu kontra l-Kummissjoni (69%). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni Komunitarja ewlenija li tiegħu deċiżjonijiet li għandhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa normali li hija għandha tkun l-oġġett prinċipali ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 58 ilment kontra l-Uffiċċju ta' Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (EPSO), 48 kontra l-Parlament Ewropew u 22 kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tipi prinċipali ta' allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina kienu nuqqas ta' trasparenza, inkluż rifjut ta' informazzjoni (127 każ), diskriminazzjoni (106 każ), dewmien li seta' kien evitat (67 każ), proċeduri mhux sodisfaċenti (52 każ), inġustizzja jew abbuż ta' poter (38 każ), nuqqas li jiġi assigurat it-tweġġ ta' obbligi, jiġifieri nuqqas mill-Kummissjoni Ewropea li taqdi dmirha fl-irwol tagħha bħala "Gwardjan tat-Trattat" vis-à-vis l-Istati Membri (37 każ), negliġenza (33 każ), u żbalji legali (26 każ).

2.5 TRASFERIMENTI U PARIRI

Jekk ilment huwa barra l-mandat jew mhux ammissibbli, l-Ombudsman dejjem jipprova jagħti parir lill-ilmentatur dwar korp ieħor li jista' jitratta l-ilment, speċjalment jekk il-każ jinvolvi il-liġi Komunitarja. Jekk huwa possibbli, l-Ombudsman jittrasferixxi l-ilment direttament lill-korp kompetenti l-ieħor bil-kunsens ta' min jagħmel l-ilment, dejjem sakemm jidher li hemm bażi għall-ilment.

Matul l-2004, 71 ilment ġew trasferiti. Minn dawn, 54 ġew trasferiti lil ombudsman nazzjonali jew reġjonali, 13 lill-Parlament Ewropew sabiex jiġu ttrattati bħala petizzjonijiet u erbġħa lill-Kummissjoni Ewropea.

Ingħata parir f'2 117-il każ. F'906 minn dawn, ingħata parir lill-min għamel l-ilment li jmur għand l-ombudsman nazzjonali jew reġjonali u f'179 każ, min għamel l-ilment ingħata parir li jagħmel petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Fi 359 każ, il-parir kien li jsir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea. Din il-figura tinkludi xi każijiet fejn l-ilment kontra l-Kummissjoni ġie ddikjarat mhux ammissibbli għax ma kienux ittieħdu l-passi amministrattivi xierqa. F' 613-il każ, min għamel l-ilment ingħata parir li jikkuntatja korpi oħra, l-iktar ombudsmen speċjalizzati jew korpi li jimmaniġġjaw ilmenti fl-Istati Membri.



Eżempji ta' każijiet trasferiti lil istituzzjoni jew korp ieħor

ALLEGAZZJONI TA' NUQQAS MILL-PULIZIJA OLANDIŻA

Persuna ta' nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor li hija residenti fl-Olanda allegat illi l-pulizija Olandiża naqset milli tinvestiga sew l-abbuż sesswali tat-tifel tagħha ta' erba' snin.

Wara li ġiet ikkuntattjata l-persuna li għamlet l-ilment sabiex tagħti l-kunsens tagħha għat-trasferiment, l-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman Olandiż.

(Każ kunfidenzjali)

VJAĠĠAR MINN RESIDENTI TA TERZI PAJJIŻI

Sar ilment kontra l-uffiċċju ta' sigurtà tar-Renju Unit għall-kontroll tal-passaporti f'Calais. Il-ġenituri ta' min għamel l-ilment, ċittadini tat-Tanżanja residenti legalment fil-Belġju, ġew miċħuda milli jidħlu fir-Renju Unit għax ma kellhomx viża. L-ilment sar fuq it-trattament li ngħataw mill-uffiċċju ta' sigurtà u fuq il-fatt illi ċittadini mit-Tanżanja, residenti fil-Belġju u fil-pussess ta' karti ta' l-identità Belġjani, ġew miċħuda milli jivvjaġġaw liberament fl-UE.

Huma sostnew li għandhom jirċievu apoloġija uffiċjali, li residenti Belġjani li mhumx ċittadini Ewropej għandhom jitħallew jivvjaġġaw fl-UE mingħajr tfixkil u li korp ta' l-UE għandu jiġi stabbilit sabiex jiffaċilita l-ivvjaġġar fl-UE għal persuni fil-pussess ta' karta ta' l-identità ta' Stat Membru.

Fir-rigward ta' l-ilment kontra l-uffiċċju ta' sigurtà, l-Ombudsman Ewropew ta parir lill-persuni li għamlu l-ilment sabiex jużaw il-proċeduri ta' lmenti tad-dipartiment rilevanti tal-gvern tar-Renju Unit u jekk il-proċedura ta' l-ilmenti ma tkunx sodisfaċenti, iduru għall-Ombudsman Parlamentari tar-Renju Unit.

Fir-rigward tat-talbiet ġenerali ta' min għamel l-ilment dwar l-ivvjaġġar fl-UE, l-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-ilment lill-Parlament Ewropew sabiex jiġi trattat bħala petizzjoni.

Każ 3300/2004/AU

2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN

L-ilmenti kollha mibgħuta lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u tintbagħat tagħrifha li l-ilment wasal, normalment fi żmien ġimgħa mill-wasla tagħhom. L-ittra ta' tagħrifha tinforma lil min għamel l-ilment dwar il-proċedura u tinkludi l-isem u n-numru tat-telefown tal-persuna li qed tiegħu ħsieb l-ilment. L-ilment jiġi analizzat sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhiex tinfetaħ inkjesta u min għamel l-ilment jiġi infurmat bir-riżultat ta' l-analiżi, normalment fi żmien xahar.

Jekk ma tinfetaħ l-ebda inkjesta, min għamel l-ilment jiġi infurmat bir-raġuni. Kull meta jkun possibbli, l-ilment jiġi ttrasferit jew l-ilmentatur jingħata parir xieraq dwar il-korp kompetenti fejn jista' jmur.

2.6.1 Il-bidu ta' inkjesta

L-ewwel pass f'inkjesta huwa li l-ilment jingħadda lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat u dan jiġi mitlub jibgħat opinjoni lill-Ombudsman, normalment fi żmien tliet xhur. undertake



F'Mejju 2004, l-Ombudsman talab lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jaċċettaw limitu ta' żmien iqsar ta' xahrejn għal ilmenti kontra r-rifjut ta' aċċess għal dokumenti. L-Ombudsman indika li huwa importanti għaċ-ċittadini li jgawdu minn aċċess kemm jista' jkun malajr u li l-proċedura ta' applikazzjoni f'żewġ stadji taħt ir-Regolament 1049/2001³ tagħti lill-istituzzjonijiet l-opportunità sabiex jeżaminaw bir-reqqa il-kwistjonijiet legali u fattwali qabel isir l-ilment. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, iżda mhux il-Kunsill, aċċettaw il-proposta. Il-Kunsill impenja ruħu, madankollu, li jkompli jagħmel l-almu tiegħu sabiex jirrispondi fl-iqsar żmien possibbli.

2.6.2 Proċedura ġusta

Il-prinċipju ta' proċedura ġusta jirrikjedi illi deċiżjoni ta' l-Ombudsman dwar ilment m'għandiex tikkunsidra informazzjoni li tinstab f'dokumenti pprovduti jew minn min ressaq l-ilment, jew mill-istituzzjoni jew il-korp Komunitarji, sakemm il-parti l-oħra ma jkunx kellha l-opportunità li tara d-dokumenti u li tagħti l-opinjoni tagħha.

L-Ombudsman għalhekk jibagħat l-opinjoni ta' l-istituzzjoni jew tal-korp Komunitarji lil min għamel l-ilment b'invit sabiex jiġu ppreżentati osservazzjonijiet. Jekk ikun hemm mistoqsijiet oħra dwar l-ilment, tiġi segwita l-istess proċedura.

La t-Trattat u lanqas l-Istatut ma jipprovdu għal appell jew għal rimedji oħra kontra d-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman dwar l-ittrattar jew dwar ir-riżultat ta' lment. Madankollu, bħall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji l-oħra kollha, l-Ombudsman huwa suġġett għal azzjonijiet għal danni bbażati fuq l-Artikolu 288 tat-Trattat tal-KE. Matul l-2004, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet illi fil-prinċipju huwa possibbli li tibda azzjoni għad-danni kontra l-Ombudsman ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-ilment ġie mmaniġġjat ħażin minn dan ta' l-aħħar. Fuq il-merti tal-każ, il-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Instanza illi l-Ombudsman ma kienx ikkometta ksur tad-dmirijiet tiegħu (Każ C-234/02 P, *Ombudsman Ewropew v Frank Lamberts*, Sentenza tal-Qorti tat-23 ta' Marzu 2004).

2.6.3 Spezzjoni tal-fajls u smiegħ ta' xhieda

Artikolu 3.2 ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman jirrikjedi lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji sabiex jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni illi huwa jitlobhom u li jagħtuh aċċess għall-fajls ikkonċernati. Huma jistgħu jirrifjutaw biss fuq ġustifikazzjoni ta' segretezza ssostanzjata kif suppost.

Is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tawtorizzah li jivverifika kemm l-informazzjoni mogħtija mill-istituzzjoni jew mill-korp Komunitarji ikkonċernati hija kompluta u akkurata. Hija għalhekk garanzija importanti għal min jagħmel ilment u għall-pubbliku illi l-Ombudsman jista' jmexxi investigazzjoni bir-reqqa u kompleta.

Artikolu 3.2 ta' l-Istatut jirrikjedi wkoll li l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jixhdu meta mitluba mill-Ombudsman. Huwa jikkellmu f'isem l-amministrazzjonijiet tagħhom u skond istruzzjonijiet mingħandhom u jibqgħu marbutin bid-dmir tagħhom ta' segretezza professjonali.

Matul l-2004, il-poter ta' l-Ombudsman li jispezzjona l-fajls ta' l-istituzzjoni ġie wżat f'żewġ każi. Il-poter li jinstemgħu xhieda ma ġiex użat fl-2004.

³

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, OJ 2001 L 145/43.



2.6.4 Proċedura miftuħa

Ilmenti lill-Ombudsman huma ttrattati b'mod pubbliku sakemm min jagħmel l-ilment ma jitleb kunfidenzjalità.

L-Artikolu 13 tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jistipula li min jagħmel l-ilment għandu jkollu aċċess għall-fajl ta' l-Ombudsman fuq l-ilment tiegħu jew tagħha. L-Artikolu 14 jipprovdi għal aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti fil-pussess ta' l-Ombudsman, suġġett għall-istess kundizzjonijiet u limiti bħal dawk stipulati fir-Regolament 1049/2001. Madankollu, meta l-Ombudsman jispezzjona l-fajl ta' l-istituzzjoni jew korp konċernat, jew jisma' evidenza minn xhud, la min ikun għamel l-ilment u lanqas il-pubbliku ma jista' jkollu aċċess għal dokument kunfidenzjali jew għal informazzjoni kunfidenzjali miksuba bħala riżultat ta' l-ispezzjoni jew tas-smieġh (Artikoli 13.3 u 14.2). L-iskop ta' din l-esklużjoni huwa li tiffaċilita l-eżerċitar tal-poteri ta' investigazzjoni ta' l-Ombudsman.

F'laqgħa mas-Sinjura Loyola De PALACIO, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, fil-31 ta' Marzu 2004, l-Ombudsman spjega illi l-inkjesti tiegħu ma jistgħux iqisu dokumenti pprovduti minn istituzzjoni jew korp Komunitarji sabiex jikkontesta allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina, sakemm min jagħmel l-ilment ma jkollux l-opportunità li jara u li għalhekk jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar dawk id-dokumenti. Jekk istituzzjoni jew korp ikollhom f'idejhom dokumenti kunfidenzjali illi jikkunsidraw li jsostnu l-pożizzjoni tagħhom, għandhom jippreżentaw sommarju mhux kunfidenzjali tal-punti rilevanti fl-opinjoni tagħhom. Jekk l-Ombudsman jikkunsidrah utli li jagħmel dan, jista' jispezzjona d-dokumenti kunfidenzjali sabiex jivverifika jekk is-sommarju mhux kunfidenzjali hux komplut u akkurat.

2.7 IR-RIŻULTATI TA' INKJESTI

Matul inkjesta, min jagħmel l-ilment jinżamm infurmat dwar kull miżura ġdida li tittieħed. Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jagħlaq inkjesta, huwa jinforma lil min ikun ressaq l-ilment bir-riżultati ta' l-inkjesta u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman ma toħloqx drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu infurzati legalment għal min ikun għamel l-ilment, jew għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat.

Fl-2004, l-Ombudsman għalaq 251 inkjesta. Minn dawn, 247 kienu inkjesti fuq ilmenti u erbgħa kienu inkjesti fuq inizjattiva personali.

Jekk inkjesta tkun tittratta iktar minn allegazzjoni jew talba waħda, l-Ombudsman jista' jasal għal riżultati differenti għal kull waħda.

2.7.1 L-ebda amministrazzjoni ħażina

Fl-2004, 113-il każ ingħalqu b'riżultat li ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan mhux bilfors ikun riżultat ħażin għal min iressaq l-ilment, li għall-inqas jirċievi l-benefiċċju ta' spjegazzjoni kompleta mill-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat dwar l-azzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, anke jekk l-Ombudsman ma jsibx każ ta' amministrazzjoni ħażina, huwa jista' jidentifika opportunità għall-istituzzjoni jew għall-korp sabiex itejbu l-kwalità ta' l-amministrazzjoni tagħhom fil-futur. F'dawn il-każijiet, l-Ombudsman jagħmel rimarka ulterjuri.



2.7.2 Każijiet irranġati mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli

Kull meta huwa possibbli, l-Ombudsman jipprova jilħaq riżultat pożittiv li jissodisfa sew lil min ikun għamel l-ilment u sew lill-istituzzjoni li kontriha sar l-ilment. Il-koperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi Komunitarji hija essenzjali sabiex jintlaħqu b'suċċess dawn ir-riżultati, li jgħinu jtejjbu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u li jistgħu jevitaw il-bżonn ta' litigazzjoni li tiegħu ħafna ħin u flus.

Matul l-2004, 65 każ ġew irranġati mill-istituzzjoni jew mill-korp innifishom wara li jkun sar ilment lill-Ombudsman. Minn dan l-ammont, 46 kienu każijiet fejn l-intervent ta' l-Ombudsman irnexxielu jikseb risposta malajr għal korrispondenza mhux imwiegħba (ara sezzjoni 2.9 tar-Rapport Annwali ta' l-1998 għal dettalji dwar il-proċedura wżata f'dawn il-każijiet).

Jekk inkjesta twassal għal sejba ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman dejjem jipprova jilħaq soluzzjoni amikevoli jekk hu possibbli. Matul l-2004, ġew proposti 12-il soluzzjoni amikevoli. Ħames każijiet ingħalqu meta ntlaħqet soluzzjoni amikevoli (inklużi 2 każijiet fejn il-proposta saret fl-2003). Fl-aħħar ta' l-2004, 11-il proposta għal soluzzjonijiet amikevoli kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati.

F'xi każijiet, soluzzjoni amikevoli tista' tintlaħaq jekk l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat joffri kumpens lil min ikun għamel l-ilment. Kull offerta bħal din issir *ex gratia*: jiġifieri, mingħajr ammissjoni ta' responsabilità legali u mingħajr ma jiġi maħluq preċedent.

2.7.3 Rimarki ta' kritika, abbozzi ta' rakkomandazzjoni u rapporti speċjali

Jekk soluzzjoni amikevoli m'hijiex possibbli, jew jekk it-tiftix għal soluzzjoni amikevoli jisfa' mingħajr suċċess, l-Ombudsman jew jagħlaq il-każ b'rimarka ta' kritika lill-istituzzjoni jew il-korp konċernat, jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka ta' kritika normalment issir jekk ma jkunx għadu possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, jekk l-amministrazzjoni ħażina ma tidhirx li għandha implikazzjonijiet ġenerali u jekk ma jkunx jidher li hemm bżonn l-ebda azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. Rimarka ta' kritika ssir ukoll jekk l-Ombudsman jikkunsidra li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jista' sservi għall-ebda skop utli, jew li m'huwiex xieraq li jiġi ppreżentat rapport speċjali f'każ fejn l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat jonqos milli jaċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka ta' kritika tagħti konferma lil min ikun għamel l-ilment illi l-ilment tiegħu jew tagħha huwa ġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernati illi għamli ħażin, sabiex tgħin biex tevita amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2004, l-Ombudsman għamel 36 rimarka ta' kritika.

Bħala risposta għal suġġeriment mill-Parlament Ewropew, l-Ombudsman informa lill-istituzzjonijiet u l-korpi bl-intenzjoni tiegħu li regolarment jitlob informazzjoni dwar kwalunkwe segwitu mogħti għal rimarki ta' kritika. Matul l-2004, il-Kummissjoni rrispondiet għal 11-il rimarka ta' kritika. Ir-risposti huma diskussi fit-taqsima li jmiss (2.8) ta' dan il-kapitolu.

F'każijiet fejn jidher li hemm bżonn azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman (jiġifieri, fejn hu possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, jew f'każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina hija partikularment serja, jew għandha implikazzjonijiet ġenerali), l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernati. Skond l-Artikolu 3 (6) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman, l-istituzzjoni jew il-korp għandhom jibagħtu opinjoni dettaljata fi żmien tlett xhur. Matul l-2004, saru 17-il abbozz ta' rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, ħames abbozzi ta' rakkomandazzjoni mill-2003 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2004. Seba' każijiet ingħalqu matul is-sena meta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Każ wiehied wassal għal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ħames każijiet ingħalqu għal raġunijiet oħra. Fl-aħħar ta' l-2004, disa' abbozzi ta' rakkomandazzjoni kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati.



Jekk istituzzjoni jew korp Komunitarji jonqos milli jirrispondi b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibagħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport speċjali jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet. Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar miżura sostantiva li l-Ombudsman jieħu meta jittratta ma' każ, minħabba li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tal-poteri tal-Parlament huma kwistjonijiet li jaqgħu fil-ġudizzju politiku tal-Parlament. L-Ombudsman naturalment jipprovdi kull informazzjoni u għajnuna li jista' jkollu bżonn il-Parlament meta jittratta ir-rapport speċjali. Rapport speċjali sar fl-2004 (każ OI/2/2003: ara iktar fis-sezzjoni li jmiss u kapitolu 3).

2.8 DEĊIŻJONIJIET LI JIĠU ARKIVJATI KAŻIJET FL-2004

Deċiżjonijiet li jiġu arkivjati każijiet huma normalment ippublikati fuq il-'website' ta' l-Ombudsman (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) bl-Ingliż u fil-lingwa ta' min ikun ressaq l-ilment jekk tkun differenti.

Il-kapitolu 3 fih sommarji ta' 59 deċiżjoni minn total ta' 251 li jiġu arkivjati każijiet fl-2004. Is-sommarji jirriflettu il-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet milquta mill-inkjesti ta' l-Ombudsman u t-tipi differenti ta' riżultati. Huma kklassifikati skond ir-riferenza tal-każ; is-suġġett ġenerali skond il-materja ta' kompetenza Komunitarja involuta; u t-tip ta' amministrazzjoni ħażina allegata minn min għamel l-ilment.

Il-bqija ta' din it-taqsimha tal-kapitolu 2 tanalizza r-riżultati l-iktar sinifikanti ta' liġi u ta' fatt li jinsabu fid-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman ta' l-2004. Din hija organizzata skond klassifikazzjoni orizzontali tas-suġġett. Tikkonkludi b'evalwazzjoni tar-relazzjoni tal-Kummissjoni ma' l-Ombudsman u mal-persuni li għamlu lment, kif jidher fid-deċiżjonijiet ta' l-2004 u fir-risposti tal-Kummissjoni matul is-sena dwar rimarki ulterjuri u rimarki ta' kritika.

2.8.1 Aċċess għal dokumenti u protezzjoni ta' 'data'

Ir-Regolament dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti⁴ jagħti lill-applikanti għażla ta' rimedju: huma jistgħu jikkontestaw rifjut għal aċċess sew permezz ta' proċeduri fil-Qorti skond l-Artikolu 230 KE, jew permezz ta' lment lill-Ombudsman.

Matul l-2004, l-Ombudsman ħa deċiżjonijiet dwar 11-il ilment ta' dan it-tip, li minnhom disgħa kienu kontra l-Kummissjoni u wieħed kull wieħed kontra l-OLAF u l-Kunsill. Tmienja minn dawn l-ilmenti ġew ippreżentati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, wieħed kien minn assoċjazzjoni ta' l-industrija u tnejn kienu minn individwi. Tlieta mill-ilmenti ġew solvuti mill-istituzzjoni: f'każ minnhom permezz ta' risposta għal applikazzjoni (2183/2003/TN) u f'żewġ każijiet oħra billi ġie pprovdut aċċess għad-dokumenti kkonċernati (220/2004/GG; 520/2004/TN). Każ wieħed wassal għal soluzzjoni amikevoli fejn il-Kummissjoni pprovdiet lil min għamel l-ilment (li l-applikazzjoni tiegħu għall-aċċess kienet pjuttost ġenerali) b'lista ta' dokumenti dwar in-negozjati fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Il-persuna li għamlet l-ilment għalhekk irċiviet l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tagħmel applikazzjoni aktar preċiża (415/2003/TN).

F'sitt każijiet, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina għax l-istituzzjoni kkonċernata kienet intitolata li tirrifjuta l-aċċess fuq il-bażi ta' l-eċċezzjonijiet stipulati fir-Regolament. Erbgħa minn dawn il-każijiet kienu jikkonċernaw l-Artikolu 4 (1) tar-Regolament. Fil-każijiet 900/2003/

4

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, 2001 OJ L 145/43.



TN, 1286/2003/JMA u 1304/2003/PB, l-Ombudsman stabilixxa illi l-Kummissjoni kienet intitolata li tinvoka it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4 (1) (a) (relazzjonijiet internazzjonali) u, fil-każ 1044/2004/GG, ir-raba' inċiż (il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru). Fl-ewwel wieħed minn dawn il-każijiet, l-Ombudsman indika li l-Artikolu 4 (1) ma jistipulax il-possibiltà ta' interess pubbliku predominanti li l-informazzjoni tiġi żvelata u li għalhekk huwa partikularment importanti li l-istituzzjonijiet jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom b'mod ċar meta jinvoka din id-dispożizzjoni.

L-Ombudsman ħa żewġ deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament. Il-Każ 2371/2003/GG kien jikkonċerna applikazzjoni għall-aċċess għal opinjoni mfassla mis-servizzi legali tal-Kunsill. L-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill, iżda arkivja il-każ mingħajr ma sab amministrazzjoni ħażina wara li l-Qorti tal-Prim'Istanza tat deċiżjoni fejn waslet għall-konklużjoni li l-Kunsill huwa intitolat li jirrifjuta l-aċċess għall-opinjoni tas-servizzi legali tiegħu⁵. Fil-każ 1481/2003/OV, l-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni kienet intitolata li tuża l-Artikolu 4 (2) it-tielet inċiż (l-iskop ta' l-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet u l-verifiki) sabiex tipproteġi ċertu partijiet ta' rapport u li ma kienx hemm interess pubbliku predominanti fl-iżvelar ta' dawkl il-partijiet.

Tnejn mill-każijiet imsemmija hawn fuq iqajmu rimarki ulterjuri. Fil-każ 1286/2003/JMA, l-Ombudsman ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra kif tagħmel in-negozjati fl-istruttura tad-WTO iktar miftuħa u trasparenti. Fil-każ 1304/2003/PB, l-Ombudsman aċċetta li l-Kummissjoni kienet intitolata li tirrifjuta l-aċċess għal partijiet tar-rapport ta' missjoni mill-Uffiċċju għall-Ikel u l-Affarijiet Veterinarji. L-Ombudsman issuġġerixxa li fil-futur ikun utli li l-informazzjoni mhux kunfidenzjali tiġi rreġistrata separatament mill-informazzjoni kunfidenzjali sakemm huwa possibbli b'mod prattiku, sabiex jiġi ssimplifikat l-għoti ta' aċċess parzjali. Wara dan, il-Kummissjoni ipprovdiet iktar informazzjoni lill-Ombudsman dwar il-prattika ta' l-Uffiċċju għall-Ikel u l-Affarijiet Veterinarji f'dan ir-rigward.

Saret rimarka ta' kritika fil-każ 1874/2003/GG, fejn il-Kummissjoni wżat kemm l-Artikolu 4 (1) (b) tar-Regolament (privatezza u integrità ta' l-individwu, b'mod partikulari skond leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' 'data' personali) kif ukoll l-Artikolu 4 (3) (li huwa intenzjonat sabiex iħalli "spazju għall-ħsieb" lill-istituzzjonijiet) sabiex tiġġustifika rifjut ta' aċċess għal skambju ta' 'e-mails' bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u membri ta' l-istaff ta' żewġ korpi involuti fl-amministrazzjoni ta' kuntratt f'isem il-Kummissjoni. L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni illi l-fatt li dokument fih opinjonijiet għal użu intern, waħdu ma jistax ikun biżżejjed biex jistabilixxi li l-iżvelar jista' jikkawża danni serji, għax l-Artikolu 4 (3) jistipula li fil-prinċipju dokumenti ta' dan it-tip għandhom ikunu aċċessibbli. Id-deċiżjoni indikat ukoll illi r-raġunament tal-Kummissjoni kien inkonsistenti, minħabba li setgħet tuża l-Artikolu 4 (3) biss fuq il-bażi tal-fatt illi l-iskambju ta' 'e-mails' ma' staff taż-żewġ korpi kienet ekwivalenti għal messaġġi interni u l-Kummissjoni ma kinitx argumentat illi l-aċċess għal 'e-mails' miktuba mill-istaff tagħha stess għandu jiġi rrifjutat sabiex jiġiharsu ismijiethom.

Qamu wkoll kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' 'data' f'żewġ każijiet oħra. Fil-każ 21/2003/JMA, min għamel l-ilment ikkontesta, fuq kwistjoni ta' prinċipju, ir-rifjut mill-Parlament Ewropew li jipprovdi lista ta' persuni magħżula għal 'traineeships'. Il-Parlament invoka konsiderazzjonijiet ta' protezzjoni ta' data sabiex jiġġustifika r-rifjut tiegħu. L-Ombudsman esprima l-opinjoni li l-Parlament seta' jiddeċiedi li l-ismijiet ta' dawkl li għet offruta lilhom 'traineeship' mal-Parlament Ewropew u li aċċettawha għandhom jiġu magħmula pubbliċi u jinforma b'dan l-applikanti għat-'traineeship'. Madankollu, ir-regoli eżistenti tal-Parlament dwar 'traineeships' ma fihom l-ebda dispożizzjoni bħal din. L-Ombudsman għalhekk issuġġerixxa lill-Parlament li jirrevedi dawn ir-regoli sabiex jiċċara illi l-lista ta' ismijiet ta' persuni li jaċċettaw l-offerta ta' 'traineeship' se tkun dokument pubbliku.

Fil-każ 2046/2003/GG, il-Kunsill irrifjuta li jħalli lill-Kumitat Konġunt tiegħu, li jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Awtorità Investita bis-Setgħa tal-Ħatra u tal-Kumitat ta' l-Istaf, jara fajls personali

5

Każ T-84/03, *Turco v Kunsill*, Sentenza tat-23 ta' Novembru 2004.



ta' persuni li l-applikazzjoni tagħhom għal irtirar kmieni kienet ġiet aċċettata. L-Ombudsman indika li għalkemm l-iżvelar ta' 'data' personali jista' jseħħ biss skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 45/2001⁶, kull xkiel għal dan it-tip ta' żvelar inħoloq mill-Kunsill innifsu, li kien naqas milli jinforma lill-applikanti li d-'data' personali tagħhom setgħet tiġi ppreżentata lill-Kumitat Konġunt. Għalhekk saret rimarka ta' kritika dwar in-nuqqas li l-Kumitat Konġunt jiġi kkonsultat b'mod xieraq dwar l-applikazzjonijiet għal irtirar kmieni.

2.8.2 Il-Kummissjoni bħala "Gwardjan tat-Trattat"

L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea u wieħed mid-dmirijiet l-iktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun il-"Gwardjan tat-Trattat"⁷. Il-Kummissjoni tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, fuq il-bażi ta' lmenti, jew bħala risposta għal talbiet mill-Parlament Ewropew biex jittratta petizzjonijiet. L-Artikolu 226 tat-Trattat joħloq proċedura ġenerali skond liema l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja il-possibiltà ta' ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Jeżistu proċeduri differenti f'dak li għandu x'jaqsa ma' oqsma speċifiċi bħal għajnuna statali u l-liġi dwar il-kompetizzjoni.

Il-kapitolu 3 fih sommarji ta' disa' deċizzjonijiet li juru kif l-Ombudsman jittratta ma' lmenti kontra l-"Gwardjan tat-Trattat." Il-kwistjonijiet prinċipali ttrattati huma allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' lmenti, dewmien mhux xieraq u nuqqas ta' investigazzjoni xierqa.

F'żewġ każijiet (2007/2002/ADB u 701/2003/IP), l-Ombudsman għamel rimarki ta' kritika dwar nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' lmenti. Il-Kummissjoni rrispondiet għall-aħħar deċizzjoni billi wegħdet risposti aktar ċari għal korrispondenza futura li tallega ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni mill-Istati Membri u li tagħti raġunijiet jekk il-korrispondenza ma tiġix irreġistrata bħala lment. Fil-każ 1769/2002/ELB, il-Kummissjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni li għandha tirreġistra ittra bħala lment u tittrattaha skond il-proċeduri stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ma' min jagħmel ilment fir-rigward ta' ksur ta' liġi Komunitarja⁸.

F'żewġ każijiet (2333/2003/GG u 2185/2002/IP), l-Ombudsman għamel rimarki ta' kritika dwar dewmien mhux xieraq fl-immaniġġjar ta' lmenti. Kien sar abbozz ta' rakkomandazzjoni fil-każ 1963/2002/IP, fejn il-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet spjegazzjoni sodisfaċenti għalfejn ma setgħetx tieħu deċizzjoni fuq il-każ wara kważi seba' snin u nofs. Il-Kummissjoni wiegħbet billi wegħdet li tadotta deċizzjoni finali f'Marzu 2004.

Tlett każijiet li fihom min għamel l-ilment allega nuqqas ta' investigazzjoni xierqa wasslu għal riżultati li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina (841/2003/OV, 849/2003/JMA u 480/2004/TN). Fil-każ 841/2003/OV fis-sustanza kien hemm nuqqas ta' ftehim rigward l-iskop ta' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni u min għamel l-ilment irringrazzja lill-Ombudsman talli ċċara s-sitwazzjoni. Fil-każ 480/2004/TN, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri sabiex iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fil-futur tispjega r-raġunijiet tagħha għall-arkivjar ta' lmenti bbażati fuq l-Artikolu 226 bl-iktar mod li jinftehem u dirett possibbli. Fil-każ 849/2003/JMA, l-Ombudsman sab illi l-Kummissjoni kienet tat lil min għamel l-ilment ġustifikazzjoni raġonevoli għad-deċizzjoni sostantiva tagħha. Il-Kummissjoni għamlet apoloġija wkoll lil min għamel l-ilment talli naqset milli tagħtih l-opportunità li jippreżenta kummenti dwar ir-raġunijiet li fuqhom ibbażat id-deċizzjoni li ma kienx hemm ksur.

Id-deċizzjoni dwar il-każ 480/2004/TN ittrattat kwistjoni ta' importanza ġenerali fil-proċedura stipulata fl-Artikolu 226. Waħda mill-allegazzjonijiet fl-ilment lill-Kummissjoni kienet illi Stat Membru kien

⁶ Regolament (KE) 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' proċessar ta' 'data' personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar libertà ta' moviment ta' dan it-tip ta' 'data', OJ 2001 L8/1.

⁷ Artikolu 211 KE jirrikjedi lill-Kummissjoni li "tiżgura li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u li l-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet fuq il-bażi tagħhom jiġu applikati." Il-Konstituzzjoni għall-Ewropa tikkonferma l-importanza ta' dan l-irwol fl-Artikolu I-26.

⁸ OJ 2002 C 244/5.



naqas milli jimplimenta sew id-Direttiva dwar id-Drittijiet Akkwiżiti minħabba deċiżjoni ta' qorti nazzjonali. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kellha ġustifikazzjoni raġonevoli għad-deċiżjoni tagħha li ma tużax proċeduri kontra l-ksur, meta wiehied iqis il-prinċipju fundamentali ta' l-indipendenza tal-ġudikatura: jekk wiehied idur fuq il-qorti nazzjonali bl-allegazzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali ma jħarsux il-liġi Komunitarja, mela r-rimedju adegwat kontra deċiżjoni mhux sodisfaċenti huwa l-użu tal-proċeduri disponibbli għal appell lil qorti superjuri.

2.8.3 Kuntratti u għotjiet

Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji jużaw kuntratti kemm sabiex jakkwistaw il-merkanzija u s-servizzi neċessarji sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom kif ukoll bħala strument li jirregola l-għotjiet u s-sussidji taħt varjetà ta' programmi.

L-Ombudsman jirċievi u jittratta lmenti kemm dwar l-għoti tal-kuntratti kif ukoll dwar l-amministrazzjoni tagħhom. Madankollu, meta tqum kwistjoni ta' ksur ta' kuntratt, l-Ombudsman jillimita l-inkjesta tiegħu għal eżaminazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni jew il-korp Komunitarji ipprovdex rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħhom u għaliex jemmnu illi l-opinjoni tagħhom dwar il-pożizzjoni kuntrattwali hija ġġustifikata.

Il-kapitolu 3 fih sommarji ta' disa' deċiżjonijiet li juri x-xogħol ta' l-Ombudsman fuq ilmenti rrelati ma' kuntratti u għotjiet. Il-kwistjonijiet prinċipali li qamu kienu proċeduri pre-kuntrattwali, inġustizzja fl-ittrattar ta' suspetti fuq kumpaniji, u dewmien fil-ħlas.

Fir-rigward ta' proċeduri pre-kuntrattwali, l-Ombudsman sab fil-każ 1878/2002/GG illi l-Kummissjoni ma kinitx tat biżżejjed ħin lil kumpanija żgħira biex tipprepara proposta għal għotja ta' riċerka u żvilupp. Il-Kummissjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni li tħallas kumpens fuq bażi *ex gratia*. Fil-każ 1986/2002/OV, madankollu, il-Kummissjoni rrifjutat abbozz ta' rakkomandazzjoni sabiex tagħmel offerta raġonevoli lil min għamel l-ilment, li kienet naqset li tiċċaralu li ma kienx ser jingħata kuntratt. Fil-każ 221/2004/GG, il-Kummissjoni interpretat ħażin timbru tal-posta u għalhekk ħadet żball meta rrifjutat proposta minħabba li ġiet ippreżentata wara l-iskadenza. Wara l-ilment lill-Ombudsman, il-Kummissjoni ħadet passi malajr u b'mod kostruttiv sabiex issewwi l-iżball.

Żewġ każijiet wasslu għal rimarki ta' kritika dwar inġustizzja fl-immaniġġjar ta' suspetti dwar kumpaniji jew organizazzjonijiet. Fil-każ 278/2003/JMA, l-Ombudsman stabilixxa bħala prinċipju ġenerali li, fit-teħid ta' miżuri sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tftitx li toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi ta' persuni privati u l-interess pubbliku ġenerali. Id-deċiżjoni tindika wkoll illi huwa diffiċli li timmaġina kif il-Kummissjoni tista' tagħmel dan jekk ma tikkomunikax lil applikant għal għotja kull dubju li jista' jkollha fir-rigward tal-pożizzjoni legali ta' l-applikant u hija imbagħad ippreparata li tisma' u twieġeb għall-informazzjoni li jiġi ipprovdil l-applikant. L-Ombudsman ta parir lill-Kummissjoni li jista' jkun utli li toħroġ gwidi għas-servizzi tagħha dwar dan il-qasam. Fil-każ 953/2003/OV, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni temmew il-kuntratti tagħhom ma' kumpanija, billi applikaw dispożizzjoni li kien jitlobhom li javżaw lill-kumpanija bil-miktub li kienet naqset li twettaq obligazzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt. L-Ombudsman ikkunsidra li riferenza sempliċi għar-"riżultati ta' investigazzjoni ta' l-OLAF" mingħajr informazzjoni oħra, ma kinitx tikkostitwixxi avviż xieraq.

Ġew deċiżi tlett ilmenti dwar dewmien fil-ħlas. Fil-każ 435/2004/GG, il-Kummissjoni ħallset l-kontijiet dovuti lill-kumpanija kkonċernata. F'rimarka ulterjuri, l-Ombudsman stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tħallas ukoll l-interessi, u hekk għamlet. Iż-żewġ każijiet l-oħra kienu jinvolvu dewmien fil-ħlasijiet lil terzi persuni mill-kuntratturi tal-Kummissjoni. Fil-każ 2124/2003/ADB, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman illi ma fehmitx għaliex il-kuntrattur ma kienx ħallas. Ftit wara l-persuna li għamlet l-ilment irċeviet il-ħlas kollu. Il-każ 1949/2003/TN kien jinvolvi nuqqas ta' ħlas mis-CESD-Communaux għal xogħol li sar minn min għamel l-ilment fuq istruzzjonijiet ta' l-Eurostat. Il-Kummissjoni ħallset l-ammonti nvoluti lis-CESD-Communaux, li min-naħa tagħha ħallset lil min għamel l-ilment.



Każ wieħed (1889/2002/GG) ma kellux riżultat sodisfaċenti. Kumpanija rċeviet għajnuna finanzjarja mill-Kummissjoni għal żewġ proġetti. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tirkupra l-flus ta' proġett wieħed u l-kumpanija kkontestat l-ordni ta' rkupru quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Il-Kummissjoni mbagħad issospendiet il-ħlasijiet tal-proġett l-ieħor, billi argumentat li kien hemm klawżola kuntrattwali li tippermettilha li tagħmel hekk. Wara eżaminazzjoni dettaljata, li inkludiet spezzjoni tal-fajl tal-Kummissjoni u s-smiegħ tal-kap ta' l-Unità tal-Kummissjoni, l-Ombudsman ikkonkluda illi l-Kummissjoni ma kinitx ressqet rendikont tal-pożizzjoni tagħha b'mod koerenti u raġonevoli. Il-Kummissjoni rrifjutat kemm it-tentattiv li tintlaħaq soluzzjoni amikevoli kif ukoll abbozz ta' rakkomandazzjoni. L-Ombudsman arkivja il-każ b'rimarka ta' kritika.

2.8.4 Reklutaġġ u kwistjonijiet ta' staff

Il-kapitolu 3 fih sommarji ta' 15-il deċiżjoni fuq ilmenti dwar reklutaġġ u relazzjonijiet ta' xogħol ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Il-Parlament Ewropew irranġa każ wieħed (1600/2003/ADB) u fl-ieħor kien hemm soluzzjoni amikevoli mal-Kummissjoni (1320/2003/ELB). Fil-każ 1196/2003/ELB, il-persuna li għamlet l-ilment laħqet l-għan tagħha li tiċċara s-sitwazzjoni sabiex tkun tista' tagħżel liema rimedju tftitex.

Ħames deċiżjonijiet kienu jittrattaw kwistjonijiet ta' importanza ġenerali.

Fil-każ 1571/2003/OV, l-Ombudsman ma sab l-ebda bażi legali fir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-Europol li tiġġustifika l-impjeg ta' xi staff temporanju skond kundizzjonijiet applikabbli għall-istaff lokali. L-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika billi għibed l-attenzjoni ta' l-Europol għall-bżonn li tiġi rriveduta l-prattika tagħha. L-Europol irrispondiet b'mod pożittiv.

Id-deċiżjoni fil-każ 260/2003/OV ikkritikat in-nuqqas mill-Parlament Ewropew li jieħu miżuri adatti sabiex jippromwovi il-ħarsien effettiv tar-regoli tat-tipjip fil-bini tiegħu. L-Ombudsman indika illi, meta wieħed jikkunsidra l-possibiltà ta' effetti ħżiena fuq is-saħħa wara li wieħed jiġi espost għat-tipjip, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikulari għall-bżonn ta' promozzjoni effettiva tal-ħarsien tar-regoli peress li l-fatt li l-istaff jiġi espost għat-tipjip fuq il-post tax-xogħol iqajjem kwistjonijiet potenzjali ta' responsabiltà legali.

Fil-każ 2216/2003/MHZ, il-persuna li ressqet l-ilment ikkontestat id-deċiżjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew tas-Selezzjoni tal-Persunal li jfassal il-korrispondenza tiegħu lill-kandidati f'konkors bl-Ingliż, Franċiż jew Ġermaniż biss. L-Ombudsman ikkritika l-EPSC għan-nuqqas tiegħu li jispjega l-ġustifikazzjonijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tiegħu, sabiex daww il-ġustifikazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu riveduti.

Inkjestja fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman stess (OI/1/2003/ELB) wasslet lill-Kummissjoni biex taqbel li tistabbilixxi, sa Marzu 2005, proċedura għal ilmenti għall-esperti nazzjonali ssekondjati.

Inkjestja fuq inizjattiva tiegħu oħra (OI/2/2003/GG) wasslet lill-Ombudsman li jikkonkludi li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet spjegazzjoni koerenti u konvinċenti għal klassifikazzjoni fi grad baxx ta' ħafna uffiċjali ta' l-istampa fid-delegazzjonijiet esterni tagħha. Minħabba li l-Kummissjoni rrifjutat abbozz ta' rakkomandazzjoni sabiex tikkunsidra mill-ġdid ir-regoli tagħha dwar il-klassifikazzjoni ta' dan it-tip ta' impjeg, l-Ombudsman għamel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2004.

2.8.5 It-tweġib tal-Kummissjoni għall-inkjesti ta' l-Ombudsman

Il-koperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE hija essenzjali sabiex l-Ombudsman ikun jista' jipprovdri rimedju fil-pront u effettiv lill-individwi u jiġi żgurat titjib sistematiku li jgħolli l-kwalità ta' l-amministrazzjoni.



Il-koperazzjoni tal-Kummissjoni hija partikularment importanti għax kważi 70% ta' l-inkjesti ta' l-Ombudsman jikkonċernaw lill-Kummissjoni. Meta tqis kollox, ir-rispons tal-Kummissjoni għas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman kien pożittiv matul is-sena 2004. Eżempji ta' koperazzjoni tajba mill-Kummissjoni fir-rigward ta' titjib sistematiku jinkludu ftehim sabiex tiġi stabbilita proċedura ta' lmenti għall-esperti nazzjonali ssekondjati (OI/1/2003/ELB, sezzjoni 2.8.4) u rispons pożittiv għas-suġġerimenti ta' l-Ombudsman għal titjib fl-amministrazzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej (OI/5/2003).

Il-Kummissjoni segwiet ukoll rimarka ulterjuri fil-każ 1876/2002/OV billi nfurmat lill-Ombudsman illi sistema ta' amministrazzjoni ta' dokumenti elettroniċi li kienet ġiet introdotta ftit qabel għandha tiżgura amministrazzjoni iktar effiċjenti tad-dokumentazzjoni ta' prova kollha relatata ma' każ, u għandha għalhekk tippermetti lill-Kummissjoni biex tassisti aħjar lill-Ombudsman biex jitratta l-ilmenti taċ-ċittadini iktar malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma rrispondietx b'mod pożittiv għar-rimarka ulterjuri fil-każ 253/2003/ELB. L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni illi l-Kummissjoni kellha tirregola l-impjeg ta' qraba fil-qafas ta' proġetti bħat-TACIS, iżda ssuġġerixxa illi l-għanji ta' regolament ta' dan it-tip jistgħu jintlaqgħu aħjar fil-futur, filwaqt li jiġu assigurati l-ġustizzja u t-trasparenza, billi jiġu adottati u ppubbliċizzati kif suppost ir-regoli u l-prinċipji li ġew applikati. Ir-tweġiba tal-Kummissjoni indikat illi hija tippreferi teżamina l-impjeg ta' qraba ta' kuntrattur fuq bażi individwali.

Fir-rigward ta' rimedju għal individwi, ħafna mill-każijiet indikati fil-punti 2.8.1 – 2.8.3 juru ix-xewqa tal-Kummissjoni li tirraġa każijiet, li tagħmel apoloġija għall-iżbalji u li tiegħu azzjoni korrettiva, inkluż il-ħlas ta' kumpens fuq bażi *ex gratia*.

Fi tnejn mill-każijiet indikati, madankollu, il-Kummissjoni rrifjutat il-proposti ta' l-Ombudsman għal soluzzjonijiet amikevoli u l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet suċċessivi.

It-tielet każ ta' dan it-tip huwa 1435/2002/GG. L-Ombudsman għied l-attenzjoni tal-Kummissjoni f'diversi okkażjonijiet għall-allegazzjoni mill-persuna li għamlet l-ilment illi kien hemm nuqqas ta' ftehim intern fid-Direttorat Ġenerali għal Soċjeta ta' l-Infurmazzjoni tagħha dwar id-disponibilità ta' impjeg. Minkejja dan, il-Kummissjoni naqset milli tikkumenta fuq dan il-punt. Fid-deċizzjoni tiegħu li l-każ jiġi arkivjat b'rimarka ta' kritika, l-Ombudsman wera l-opinjoni illi l-approċċ tal-Kummissjoni ma kienx konformi ma' l-obbligi li l-liġi Ewropea timponi fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħhom kemm ma' l-Ombudsman kif ukoll ma' min jagħmel ilment.

Sabiex il-kwalità tas-servizzi pprovduti liċ-ċittadini u r-residenti ta' l-Unjoni Ewropea mill-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha tittejjeb kemm jista' jkun u, b'hekk, jilħaq il-missjoni tiegħu, l-Ombudsman jilqa' inizzjattivi mill-Parlament imfassla sabiex iħeġġu lill-Kummissjoni testendi l-koperazzjoni tajba li wriet fil-maġġoranza vasta tal-każijiet fl-2004 għall-każijiet kollha tal-futur.

DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJIET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET
U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN
U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJIET

7 ANNESSI



3 DEĊIŻJONIJIET LI JSEGWU INKJESTA

Id-deċiżjoni sħiħa f'kull każ inkluż f'dan il-kapitolu tinstab permezz tad-“Decisions Index” fuq il-‘website’ ta’ l-Ombudsman Ewropew (<http://www.euro-ombudsman.eu.int/decision/en/default.htm>). Wieħed jista’ jaċċedi għad-deċiżjoni relevanti permezz tan-numru tal-każ li jingħata taħt it-titolu ta’ kull sommarju f’din it-taqsim. Id-deċiżjonijiet sħaħ huma inklużi fuq il-‘website’ bl-Ingliż u bil-lingwa ta’ min għamel l-ilment jekk tkun differenti. Id-deċiżjoni sħiħa stampata, hekk kif tidher fuq il-‘website’, tista’ tintalab mill-uffiċċju ta’ l-Ombudsman Ewropew.

Fit-tieni nofs ta’ l-2005, id-deċiżjonijiet sħaħ dwar il-każijiet inklużi f’din it-taqsim ser ikunu disponibbli bħala dokument elettroniku uniku fuq il-‘website’ ta’ l-Ombudsman bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż. Dan ser ikun aċċessibbli permezz tat-taqsim “Annual Reports” tal-‘website’ (<http://www.euro-ombudsman.eu.int/report/en/default.htm>). F’dan il-każ ukoll, kopja stampata jew CD-ROM ta’ dan id-dokument tista’ tintalab mill-uffiċċju ta’ l-Ombudsman Ewropew.

3.1 KAŻIJET FEJN MA NSTABET L-EBDA AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA



3.1.1 Il-Parlament Ewropew

IR-REGOLI TAL-PARLAMENT EWROPEW FUQ IT-‘TRAINEESHIPS’

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 821/2003/JMA kontra l-Parlament Ewropew

Ċittadin Spanjol ressaq ilment quddiem l-Ombudsman wara li l-applikazzjoni tiegħu għal ‘traineeship’ mal-Parlament Ewropew ġiet irrifjutata. Huwa allega illi (i) id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għal ‘traineeship’ ma kinitx irraġunata biżżejjed; (ii) il-proċedura għas-selezzjoni ta’ ‘trainees’ mill-Parlament Ewropew hija ambigwa u ma tipprovdi għal possibiltajiet ta’ appell; u (iii) ir-rifjut tal-Parlament li jagħti aċċess għall-lista ta’ ‘trainees’ li ntgħażlu, minħabba raġunijiet ta’ protezzjoni ta’ ‘data’, mhix f’posta fil-kuntest ta’ konkors pubbliku.

Fir-rigward tal-proċedura ta’ selezzjoni, il-Parlament osserva li, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6 (3) tar-Regoli tal-Parlament Ewropew applikabbli għal Skemi ta’ ‘Traineeships’ u Żjarat ta’ Studju tat-18 ta’ Diċembru 2002, is-servizzi tiegħu eżaminaw mill-ġdid l-applikazzjonijiet kollha fuq il-bażijiet ta’ mertu, bżonnijiet attwali u disponibiltà. Fl-għażla tal-kandidati, kull Direttur-Ġenerali jfittex li jqabbli il-ħidma li trid titwettag mal-kapaċitajiet partikulari ta’ l-applikanti, ħalli t-‘trainees’ li jintgħażlu jkunu jistgħu jiksibu l-aktar esperjenza utli.

Il-Parlament fakkar wkoll illi d-dispożizzjonijiet tar-Regoli applikabbli għal Skemi ta’ ‘Traineeships’ u Żjarat ta’ Studju jindirizzaw l-aspetti kollha tas-selezzjoni ta’ ‘trainees’, inkluża l-possibiltà ta’ appelli. Il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-ammissjoni huma stipulati b’mod ċar fl-Artikolu 5 tar-Regoli, il-proċedura t’ammissjoni hija deskritta fl-Artikolu 6, u r-regoli dwar dispuġni huma inklużi fl-Artikolu 24. Fl-opinjoni tal-Parlament, il-proċedura hija ċara u mhux ambigwa.



Il-Parlament barra minn hekk ikkunsidra li l-lista ta' 'trainees' magħżula ma setgħatx tiġi ppubblikata bis-saħħa ta' l-eċċezzjoni stipulata fl-Artikolu 4 (1)(b) tar-Regolament 1049/2001⁹, li jstabilixxi li għandu jiġi rrifjutat aċċess għal dokument fejn l-iżvelar jista' jeffettwa b'mod negattiv il-protezzjoni tal-privatezza u ta' l-integrità ta' l-individwu.

Fid-dawl tar-risposti tal-Parlament għall-ittri ta' min għamel l-ilment u l-ispejgazzjonijiet imressqa waqt l-inkjesta, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina. Madankollu huwa għamel dawn ir-rimarki ulterjuri li ġejjin:

Fl-interess ta' komunikazzjoni effettiva maċ-ċittadini, il-Parlament jista' jikkunsidra li jinkludi fir-Regoli tiegħu riferenza speċifika għall-fatt illi l-kriterji li permezz tagħhom l-applikazzjonijiet għal 'trainees' jiġu eżaminati jinkludi l-bżonnijiet attwali tas-servizz.

L-Ombudsman huwa ta' l-opinjoni illi jkun xieraq għall-Parlament Ewropew li jikkunsidra jekk għandux jirrevedi r-Regoli tiegħu dwar 'Traineeships' u Żjarat ta' Studju, b'mod li jistipula li l-lista ta' ismijiet ta' persuni li jaċċettaw l-offerta ta' 'traineeship' tkun dokument pubbliku. Din il-miżura tippovdi informazzjoni lill-applikanti għal 'traineeships' kif ukoll tiċċara l-istatus legali tal-lista għall-futur.

Nota ulterjuri

Minħabba li d-deċiżjoni f'dan il-każ tikkonċerna sew l-iskop tar-Regolament 45/2001¹⁰ dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' pproċessar ta' 'data' personali u r-relazzjoni tagħha mar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, l-Ombudsman ta kopja tagħha lis-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-'Data', għall-informazzjoni. Fir-risposta, is-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-'Data' osserva li l-każ wera t-tensjonijiet potenzjali bejn it-trasparenza u l-protezzjoni tad-'data'. Huwa fakkar fl-apoġġ tiegħu għall-approċ pragmatiku ta' l-Ombudsman meta ttratta każijiet bħal dawn.

SKEMA TA' PENSJONI GĦAL MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 907/2003/ELB kontra l-Parlament Ewropew

Iċ-ċittadin Franċiż li għamel l-ilment kien Membru tal-Parlament Ewropew (MEP) mill-1984 sa l-1989 u kien intitolat li jirċievi pensjoni għal min jirtira meta jilħaq l-età ta' 55 sena. Fl-1995 iddaħħal limitu ta' żmien ta' sitt xhur sabiex wieħed japplika għall-iskema ta' pensjoni. Fis-6 t' Awissu 2002, il-Parlament Ewropew informa lil min għamel l-ilment bid-dispożizzjoni l-ġdida. Fid-29 ta' Settembru 2002, huwa applika sabiex jissieħeb ma' l-iskema ta' pensjoni. Id-drittijiet għal pensjoni ngħatawlu minn Ottobru 2002 'l quddiem.

Il-persuna li għamlet l-ilment allegat li l-Parlament Ewropew naqas milli jagħtiha informazzjoni xierqa dwar ir-regoli dwar l-iskema ta' pensjoni u sostna li għandu jingħata d-drittijiet għal pensjoni minn Novembru 1998, ix-xahar meta huwa laħaq l-età ta' 55.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament spjega li l-ittri li bagħat fl-indirizzi magħrufa ta' min għamel l-ilment kollha ntbagħtu lura. L-Assemblea Nazzjonali Franċiża ma setgħetx tagħti informazzjoni fuq l-indirizz ta' din il-persuna u r-riċerka fuq l-Internet kienet bla suċċess. Meta l-Parlament sar jaf b'kombinazzjoni l-indirizz ta' min għamel l-ilment, dan ġie kkuntattjat u ntbagħtitlu ittra bid-dokumenti li kellu jimla.

⁹ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.

¹⁰ Regolament (KE) No 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' 'data' personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u l-moviment liberu ta' din id-'data', ĠU 2001 L 8/1.



L-Ombudsman osserva li t-tliet ittri mibgħuta mill-Parlament Ewropew lil min għamel l-ilment kellhom l-indirizzi li ngħataw minn din il-persuna meta telqet il-Parlament. L-Ombudsman iddeduċa mill-fatti ppreżentati minn min ressaq l-ilment u mill-Parlament illi din il-persuna ma nfurmatx lill-Parlament bil-bidla fl-indirizz wara li telqet mill-Parlament fl-1989. L-Ombudsman osserva li l-Parlament għie infurmat bit-twelid tat-tifla ta' min għamel l-ilment u biż-żwieġ tiegħu ma' uffiċjal tal-Parlament Ewropew u li ġew miżmuma kuntatti regolari għall-'allowances' għall-familja. Madankollu l-Ombudsman osserva li żewġ servizzi separati fil-Parlament Ewropew kienu responsabbli rispettivament għall-benefiċċji għall-familja ta' uffiċjali u għad-drittijiet tal-pensjoni tal-Membri tal-PE. L-Ombudsman ma kkunsidrax illi kien hemm xi raġuni għas-servizzi responsabbli għall-benefiċċji għall-familja li jkunu jafu illi l-informazzjoni dwar l-indirizz attwali tal-persuna li ressqet l-ilment seta' għie bżonnha servizz ieħor tal-Parlament. Lanqas kien hemm evidenza li turi li s-servizz li kellu x'jaqsam mad-drittijiet tal-pensjoni ta' l-ex-Membri tal-PE kellu jkun jaf illi s-servizz responsabbli għall-benefiċċji għall-familja kien f'kuntatt ma' min għamel l-ilment.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-Parlament Ewropew kien ħa l-miżuri xierqa sabiex jipprova jagħmel kuntatt ma' min għamel l-ilment b'informazzjoni dwar l-iskema ta' pensjoni u għalhekk ikkonkluda illi ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina f'dan il-każ.



3.1.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

ĦATRA TA' MEMBRI TAL-BORD GĦALL-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIKUREZZA TA' L-IKEL

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2126/2003/PB kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Wara l-iskandli fil-qasam ta' l-ikel fis-snin disgħin, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li twaqqaf l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA), li għet stabbilita permezz tar-Regolament 178/2002¹¹. L-Artikolu 24 tar-Regolament jistabbilixxi li l-EFSA għandha titmexxa minn Bord Amministrattiv, magħmul minn 14-il membru maħtura mill-Kunsill, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, minn lista mħejjija mill-Kummissjoni. Il-membri tal-Bord għandhom jiġu maħtura b'tali mod li jiġi żgurat l-oġġla standard ta' kompetenza, firxa wiesa ta' esperjenza rilevanti u, b'mod konsistenti ma' dawn, l-aktar distribuzzjoni ġeografika wiesa' fl-Unjoni. Fil-15 ta' Lulju 2002, il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Amministrattiv.

L-ilment għie ppreżentat mill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumaturi / *Bureau Européen des Unions de Consommateurs* (BEUC), li kkunsidrat illi l-Kunsill ħatar numru eċċessiv ta' ħaddiema fiċ-ċivil nazzjonali. Ikkunsidrat ukoll illi kandidati ġew maħtura fuq il-bażi ta' nazzjonalità u mhux ta' kompetenza.

Il-Kunsill stqarr illi esperjenza fis-settur pubbliku ċertament ma kinitx irrilevanti fl-amministrazzjoni ta' awtorità pubblika ndipendenti Ewropea, speċjalment meta din l-Awtorità kienet intiża sabiex tikkollabora ma' l-Istati Membri. Esperjenza fl-amministrazzjoni pubblika kienet imsemmija espressament fir-Regolament 178/2002 bħala kriterju rilevanti. Barra minn hekk, il-membri maħtura kellhom kamp wiesa' ħafna ta' esperjenza professjonali. Għaldaqstant l-opinjoni tal-Kunsill kienet illi l-ilmentatur kien naqas milli juri każ ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman osserva li l-proċedura ta' ħatra f'dan il-każ ħalla marġini ta' diskrezzjoni kbir lill-Kunsill, u l-eżami mill-ġdid ta' l-Ombudsman ta' l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni bħal din huwa neċessarjament limitat sabiex jiġi aċċertat jekk id-deċiżjoni kinitx imċappsa bi ksur fil-proċedura

¹¹

Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi prinċipji u rekwiżiti ġenerali tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel u jistabbilixxi proċeduri fil-qasam tas-sikurezza ta' l-ikel, ĠU 2002 L 31/1.



jew żbalji ċari fl-istima. L-Ombudsman ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' ksur jew żbalji f'dan il-każ.

AĊĊESS GĦALL-OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2371/2003/GG kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Il-Kunsill irrifjuta l-aċċess pubbliku għal opinjoni tas-servizz legali tiegħu, billi invoka l-eċċezzjoni relatata ma' l-assistenza legali fl-Artikolu 4 (2), it-tieni inċiż, tar-Regolament 1049/2001¹². Ir-riċerkatur li għamel l-ilment fl-Università ta' Munich, ikkontesta r-rifjut. Huwa argumenta li l-eċċezzjoni ma kinitx applikabbli.

Skond il-Kunsill, l-opinjonijiet tas-servizz legali tagħha, jekk jiġu żvelati, jistgħu jintużaw sabiex l-atti tal-Kunsill jiġu sfidati legalment. L-inċertezza li tirriżulta fir-rigward tal-legalità ta' atti leġislativi jista' jkollha konsegwenzi ta' dannu għall-interess pubbliku. Fl-opinjoni tal-Kunsill, l-unika interpretazzjoni possibbli ta' l-eċċezzjoni kienet illi din tkopri d-dokumenti kollha li fihom parir legali u l-interess akkademiku ta' min għamel l-ilment fl-iżvelar tad-dokumenti ma kienx jikkostitwixxi interess pubbliku predominanti.

L-Ombudsman ftakar li, f'rapport speċjali lill-Parlament Ewropew (1542/2000/(PB)SM, 12 ta' Diċembru 2002), huwa kien ta' l-opinjoni li l-opinjonijiet legali li ngħataw fil-kuntest tal-possibiltà ta' proċeduri legali fil-futur huma analogi għal komunikazzjoni bejn avukat u klijent. Għaldaqstant għandhom normalment jiġu eżentati milli jiġu żvelati skond l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001. Bil-kuntrarju opinjonijiet dwar abbozz ta' leġiżlazzjoni normalment għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku meta jintemm l-proċess leġiżlattiv. Huma għandhom jiġu eżentati biss jekk l-istituzzjoni tista' turi li l-iżvelar tagħhom jista' jpoġġi serjament fil-periklu l-proċess li permezz tiegħu tiegħu deċiżjoni u li ma hemm l-ebda interess pubbliku predominanti fl-iżvelar.

Fir-rigward tal-każ preżenti, l-Ombudsman osserva li l-Kunsill ma argumentax li l-opinjoni legali tħejjiet fil-kuntest ta' possibiltà ta' proċedura legali fil-futur. Il-Kunsill lanqas ma argumenta li l-opinjoni tħejjiet fil-kuntest ta' att leġislattiv. L-Ombudsman għaldaqstant għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni, li titlob lill-Kunsill jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu li jirrifjuta l-aċċess.

L-opinjoni dettaljata tal-Kunsill targumenta li l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman jidher li jneħħi s-sustanza kollha mill-eċċezzjoni. Skond il-Kunsill, it-tqassim ta' pariri legali f'kategoriji differenti ma kienx sostnut mill-liġi, kien artifiċjali u ma jaġhtix każ ta' l-għan ta' parir bħal dan.

Fit-23 ta' Novembru 2004, il-Qorti tal-Prim'Istanza qatgħet is-sentenza tagħha fil-Każ T-84/03 (*Turco v. Council*). F'din is-sentenza, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-Kunsill kien intitolat li jirrifjuta l-aċċess għall-opinjonijiet legali mhejjjin mis-servizz legali tiegħu (cf. b'mod partikulari il-paragrafi 62 u 74 tas-sentenza). Fid-dawl ta' din is-sentenza u wara li min għamel l-ilment ingħata l-opportunità li jressaq osservazzjonijiet, l-Ombudsman arkivja l-każ b'riżultat li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina.

¹²

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.



3.1.3 Il-Kummissjoni Ewropea

ESKLUŻJONI MINN PROĠETT TAS-SOĊJETÀ INFORMATIKA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1876/2002/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea

Kumpanija ta' konsulenti Olandiża kienet mistiedna sabiex tingħaqad ma' konsorzju fil-qafas ta' proġett taħt il-ħames Programm għat-Teknoloġiji tas-Soċjetà Informatika amministrat mid-Direttorat-Ġenerali għas-Soċjetà Informatika tal-Kummissjoni. Wara li fil-bidu tat deċiżjoni pożittiva dwar il-parteċipazzjoni tal-kumpanija fil-proġett, il-Kummissjoni talbet garanziji finanzjarji oħra mill-kumpanija. Il-kumpanija ssodisfat it-talba, imma wara li kellha fil-pussess tagħha d-'data' finanzjarja ta' seba' xhur u nofs tal-kumpanija, il-Kummissjoni fl-aħħar iddeċidiet illi l-kumpanija ma setgħetx tipparteċipa fil-konsorzju. Din id-deċiżjoni ittieħdet ġurnata tax-xogħol qabel id-data prevista għall-firma tal-kuntratt mill-Kummissjoni.

Fit-30 t'Ottubru 2002, il-kumpanija ressqet ilment għand l-Ombudsman Ewropew, u talbet li l-Kummissjoni għandha tħallasha danni ta' EUR 96 000. Il-kumpens mitlub ikkorrisponda mat-telf ta' dħul, il-prezz ta' biljett ta' l-ajru għal-laqqha kkanċellata, l-ispejjeż tal-'courier', l-ispejjeż tat-telefown u l-ħin li ġie wżat għat-tnejn tal-fajl.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni argumentat illi d-dewmien prinċipali kollu fin-negożjati kien fil-fatt minħabba l-estensjonijiet li ngħataw mill-Kummissjoni sabiex takkomoda l-bżonnijiet tal-konsorzju biex jiġu ppreżentati d-dokumenti legali meħtieġa, inklużi dawk ta' min għamel l-ilment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li min għamel l-ilment kien naqas milli jipprovdi d-dokumentazzjoni finanzjarja mitluba mill-kuntratturi, bħall-karti tal-bilanċ u l-kontijiet ta' qliegħ u telf għal ċertu snin, li kienu neċessarji sabiex juru li min għamel l-ilment kellu r-riżorsi meħtieġa biex iwettaq il-proġett.

L-Ombudsman għamel eżaminazzjoni bir-reqqa tad-dokumenti mressqa matul l-inkjesta. Huwa kkonkluda li l-fatt li l-Kummissjoni stiednet lil min għamel l-ilment biex jipprovdi informazzjoni finanzjarja ulterjuri meta għal seba' xhur u nofs kienet diġà konxja ta' x'informazzjoni ngħatat eżattament, ikkostitwixxa dewmien mhux raġonevoli u kien każ ta' amministrazzjoni ħażina. F'Ġunju 2003, l-Ombudsman għalhekk ippropona soluzzjoni amikevoli lill-Kummissjoni. Huwa ssuġġerixxa li l-Kummissjoni tħallas ammont xieraq bħala kumpens. Fit-tieni opinjoni tagħha, l-Kummissjoni ma ressqet l-ebda evidenza dokumentata ġdida li tindika illi kienet għamlet kuntatt jew mal-koordinatur tal-proġett jew ma' min għamel l-ilment, matul il-perjodu ta' seba' xhur u nofs imsemmi minn min ressaq l-ilment. L-Ombudsman għalhekk reġa' kiteb lill-Kummissjoni, f'Novembru 2003, biex jirrepeti l-proposta tiegħu għal soluzzjoni amikevoli.

Fl-opinjoni tagħha dwar it-tieni proposta, il-Kummissjoni baġtet evidenza dokumentata ġdida, preċiżament żewġ 'e-mails'. Mill-'e-mails' deher illi, matul il-perjodu ta' seba' xhur u nofs, il-Kummissjoni kienet fil-fatt ikkuntattjat darbtejn lill-koordinatur tal-proġett b'talba għal informazzjoni finanzjarja addizzjonali li kienet meħtieġa biex jiġi ffinalizzat il-kuntratt. Fid-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2004, l-Ombudsman ikkunsidra li, minħabba l-evidenza ġdida, il-konklużjoni provvisorja preċedenti ta' amministrazzjoni ħażina ma setgħetx tiġi sostnuta aktar u li l-każ għandu jiġi arkivjat mingħajr riżultat ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman għamel, madankollu, rimarka ulterjuri, illi huwa jispera li, fil-futur, il-Kummissjoni tibgħat id-dokumenti ta' prova flimkien ma' l-opinjoni oriġinali dwar l-ilment.

Nota ulterjuri

Permezz ta' ittra bid-data tal-31 t'Awissu 2004, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li s-sistema ġdida ta' amministrazzjoni aktar effiċjenti tad-dokumenti li kienet għadha kif daħħlet għandha tiżgura amministrazzjoni aktar effettiva tad-dokumentazzjoni ta' prova kollha marbuta



ma' każ. B'mod partikulari, il-funzjonijiet addizzjonali tas-sistema ta' reġistrazzjoni ta' l-e-mails se jippermettu lil min jużahom li fl-istess ħin jirreġistra u jiffalja l-e-mails tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni se tkun tista' tissodisfa t-talba ta' l-Ombudsman u se tkun kapaċi aktar li tassisti l-Ombudsman biex jittratta l-ilmenti taċ-ċittadini fil-ħin u bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVI DWAR L-ASSIGURAZZJONI FIL-LIĠI GRIEGA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 841/2003/(FA)OV kontra l-Kummissjoni Ewropea.

Il-kumpanija ta' l-assigurazzjoni Griega Intersalonika kienet tipprovdi, fost servizzi oħra, mezzi ta' trasport sabiex tassisti pazjenti. Hija lmentat mal-Kummissjoni fl-2001, għax l-ambulanzi u l-ħelikopters tagħha kienu twaqqfu milli jittrasportaw pazjenti, minħabba d-dritt esklussiv taċ-Ċentru Nazzjonali Grieg għall-Għajnuna f'Emerġenzi (EKAB) li jipprovdi din it-tip ta' għajnuna. Il-kumpanija allegat illi l-awtoritajiet Griegi ma għamlux traspożizzjoni korretta tad-Direttivi 84/641/EEC¹³ (id- "Direttiva dwar l-Assistenza") u 92/49/EEC¹⁴. Il-Kummissjoni nfurmat lil din il-kumpanija li kienu nbdew proċeduri ta' ksur, taħt l-Artikolu 226¹⁵ tat-Trattat tal-KE, kontra l-Greċja, iżda li, wara li saret emenda fil-liġi Griega, l-proċeduri ta' ksur kienu ser jiġu arkivjati.

F'April 2003, il-kumpanija ppreżentat ilment ma' l-Ombudsman Ewropew fejn allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiżgura t-traspożizzjoni korretta tad-Direttivi dwar l-assigurazzjoni fil-liġi nazzjonali Griega, b'mod partikulari fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-kumpaniji Griegi għall-assigurazzjoni li joperaw fil-Greċja, meta mqabbla ma' kumpaniji minn Stati Membri oħra. Min għamel l-ilment indika wkoll illi, f'risposta bid-data ta' Novembru 2001, il-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet illi m'għandha tiġi applikata l-ebda restrizzjoni għall-Air Intersalonika. Il-Kummissjoni kienet stqarret illi "jidher iġġustifikat li tistaqsi lill-awtoritajiet Griegi għaliex ma tawx effett lill-applikazzjoni għal liċenzja operattiva mill-Air Intersalonika".

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni stqarret illi wara li twaqqgħu l-proċeduri ta' ksur f'Marzu 2002, ma kienx jidher li kien se jkun hemm xkiel ieħor għall-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni li joffru assistenza. Il-Kummissjoni indikat ukoll illi d-Direttivi dwar l-assigurazzjoni jipprevedu sistema minima li tippermetti lill-Istati Membri jadottaw dispożizzjonijiet aktar severi għal kumpaniji li huma approvati mill-awtoritajiet tagħhom stess.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman ikkonkluda illi fit-tweġiba tagħha għall-ittra ta' min għamel l-ilment dwar ir-rifjut tal-liċenzja, il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjoni utli tal-qafas legali rilevanti. Fir-rigward tal-parti tat-tweġiba kkwotata minn min għamel l-ilment, l-Ombudsman osserva li l-Kummissjoni dehret li ħasbet li qed tagħmel rimarka utli. Hija indikat x'seta' jagħmel min għamel l-ilment, aktar milli wegħdet x'kienet ser tagħmel hi nnifisha, iżda jidher li min għamel l-ilment fehem li din il-frażi tfisser illi l-Kummissjoni nnifisha kienet se tinvestiga. Għalkemm l-Ombudsman qies b'dispaċir li l-Kummissjoni setgħet tuża kliem aktar preċiż, ma sab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina.

F'Mejju 2004, min għamel l-ilment bagħat ittra lill-Ombudsman jirringrazzjah tad-deċiżjoni, li għenitu jifhem kif il-Kummissjoni kienet mexxiet il-każ u kienet ġibditlu l-attenzjoni għal possibiltajiet li kienu miftuħa għalih sabiex jieħu azzjoni ulterjuri fuq il-kwistjonijiet ta' sustanza.

¹³ Direttiva tal-Kunsill 84/641/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1984 li temenda, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-assistenza għat-turisti, l-Ewwel Direttiva (73/239/KEE) fuq il-koordinament tal-liġijiet, r-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mat-twaqqif u t-tmxixja ta' negozju ta' l-assigurazzjoni diretta apparti assigurazzjoni fuq il-ħajja, ĠU 1984 L 339/21.

¹⁴ Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 fuq il-koordinament tal-liġijiet, r-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-assigurazzjoni diretta apparti assigurazzjoni fuq il-ħajja li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva fuq assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja), ĠU 1992 L 228/1.

¹⁵ Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE jagħti l-setgħa lill-Kummissjoni li tiftaħ proċeduri kontra Stat Membru fir-rigward ta' ksur ta' liġi Komunitarja. Kulħadd jista' jippreżenta lment ("ilment taħt Artikolu 226") mal-Kummissjoni kontra Stat Membru dwar kwalunkwe miżura statali jew prattika amministrattiva li huwa jikkunsidra mhux kompatibbli mal-liġi Komunitarja.



LEĠIŻLAZZJONI PORTUGIŻA DWAR IL-ĠLIED MAT-TORU

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 849/2003/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea

F'Settembru 2002, tressaq ilment formali kontra l-awtoritajiet Portugiżi quddiem il-Kummissjoni Ewro pea. L-ilment kien jikkonċerna l-leġiżlazzjoni Portugiża adottata dan l-aħħar, li llegalizzat it-tip ta' ġlied mat-toru li fih il-barri jinqatel fl-aħħar ta' l-ispettaklu.

Min għamel l-ilment suċċessivament irċieva komunikazzjoni mingħand id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, li infurmatu bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq il-każ fuq il-bażi tal-fatt illi ma kienx hemm ġustifikazzjoni legali suffiċjenti sabiex jinfetħu proċeduri ta' ksur kontra l-awtoritajiet Portugiżi.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, min għamel l-ilment allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tarkivja l-ilment tiegħu ma tatx konsiderazzjoni b'mod xieraq ir-regoli eżistenti ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari id-Direttiva 93/119/EC¹⁶ dwar il-protezzjoni ta' l-annimali fil-waqt tat-tbiċċir jew tal-qtil.

Il-Kummissjoni argumentat illi hija kienet għamlet eżami ddettaljat ta' l-ilment. Fuq il-bażi ta' dan l-eżami, hija kkonkludiet illi l-allegazzjonijiet ta' min għamel l-ilment ma kinux ġġustifikati biżżejjed sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tiftaħ proċeduri ta' ksur kontra l-Portugall taħt l-Artikolu 226¹⁷ tat-Trattat tal-KE. Hija esprimiet dubji serji dwar jekk il-Protokoll 33 tat-Trattat, dwar il-protezzjoni u s-saħħa ta' l-annimali, japplikax għall-ġlied mat-toru, li, bħala spetaklu jew divertiment, ma jaqax fl-iskop tal-politika imsemmija fil-protokoll. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat illi d-Direttiva tal-Kunsill 93/119/EC ma tapplikax għall-annimali maqtula f'attivitajiet ta' kultura jew sport.

L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni illi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħa proċeduri ta' ksur u għalhekk li tarkivja l-ilment formali ppreżentat minn min għamel l-ilment, dehret li hija raġonevoli fis-sustanza.

L-Ombudsman osserva, madankollu, illi l-ittra mill-Kummissjoni lil min għamel l-ilment li avżat bl-intenzjoni tagħha li tarkivja il-każ ma offritlu l-ebda opportunità sabiex iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu. L-Ombudsman fakkar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet ma' "min jagħmel ilment skond l-Artikolu 226"¹⁸. Din tistipola illi meta l-Kummissjoni tkun intenzjonata li ttipproponi li ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri dwar ilment, hija tavża b'dan lil min jagħmel l-ilment minn qabel permezz ta' ittra. L-ittra għandha tindika l-bażi li fuqha l-Kummissjoni qed ttipproponi illi l-każ jiġi arkivjat u għandha tistieden lil min jagħmel l-ilment sabiex iressaq kwalunkwe kumment li jista' jkollu fi żmien erbà ġimgħat. Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni iddispjaċiha li m'għamlitx hekk, talbet apoloġija u stiednet lil min għamel l-ilment biex jippreżenta kwalunkwe osservazzjonijiet ulterjuri li xtaq jagħmel.

¹⁶ Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni ta' annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qatla, ĠU 1993 L 340/21.

¹⁷ L-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tniehed proċeduri kontra Stat Membru fir-rigward ta' ksur ta' liġi Komunitarja. Kulħadd jista' jippreżenta lment ("ilment skond l-Artikolu 226") lill-Kummissjoni kontra Stat Membru dwar kwalunkwe miżura statali jew prattika amministrattiva li huwa jikkunsidra mhux kompatibbli mal-liġi Komunitarja.

¹⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ma' min jagħmel ilment fir-rigward ta' ksur tal-liġi komunitarja (COM/2002/0141 finali); ĠU 2002 C 244/5.



AĊĊESS GĦAL ABBOZZ TA' STQARRIJA TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 900/2003/(IJH)TN kontra l-Kummissjoni Ewropea

Il-'Polyelectrolyte Producers Group' għamel ilment dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni ta' applikazzjoni konfermatorja taħt ir-Regolament 1049/2001¹⁹ għal aċċess għal abbozz ta' stqarrija tal-Kumitat Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) dwar il-ftehim ŻEE

Min għamel l-ilment għamel l-allegazzjonijiet li ġejjin: li l-bażi legali tar-rifjut tal-Kummissjoni, i.e. it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament dwar il-possibiltà li tiddgħajef il-protezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali, kienet inkonsistenti mar-raġunament bażiku tas-Segretarjat ta' l-EFTA (Assoċjazzjoni għall-Kummerċ Fieles Ewropew), li kien ibbażat fuq l-Artikolu 4(3) dwar il-possibiltà li jiddgħajef il-proċess li permezz tiegħu l-istituzzjoni tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha; li l-Kummissjoni kienet naqset li tispjega kif il-ħruġ tad-dokument kien jirriskja serjament li jiddgħajef il-proċess ta' negozjar u l-proċedura li permezz tagħha jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-ftehim ŻEE; li hija naqset li tinforma lil min għamel l-ilment illi hija għandha titlob kopja tad-dokument mill-awtur terza persuna; hija żbilanċjat l-interessi kkonċernati u wettqet abbuż ta' drittijiet; li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta sostniet illi d-dokument oriġina mis-Segretarjat ta' l-EFTA; li, billi assumiet li l-awtur kien is-Segretarjat ta' l-EFTA, kien hemm kunflitt ta' interessi fid-deċiżjoni dwar it-talba għall-aċċess minħabba li s-Segretarjat ta' l-EFTA kien involut fi proċedura rigward derogi minn leġiżlazzjoni Komunitarja relatata; u fl-aħħar, li l-Kummissjoni kienet kisret id-dritt ta' min għamel l-ilment li jiddefendi ruħu.

Il-Kummissjoni tat risposta dettaljata lill-Ombudsman dwar l-allegazzjonijiet kollha, li l-Ombudsman analizza fit-tul. Huwa osserva li, għalkemm ir-raġunijiet tas-Segretarjat ta' l-EFTA kienu jixbħu l-mod kif inhu mpoġġi l-kliem fl-Artikolu 4(3), dan ma kienx jidher li hu inkonsistenti mal-bażi legali invokata mill-Kummissjoni. L-Ombudsman ma sab l-ebda regola jew prinċipju li jobbliga lil istituzzjoni biex tinforma lill-applikant li, sabiex jitlob aċċess għandu jmur fuq l-awtur. Huwa ma sab l-ebda abbuż ta' drittijiet, u osserva illi, fir-rigward ta' l-Artikolu 4(1), il-leġiżlatur Komunitarju stabbilixxa li, fil-każ fejn l-iżvelar ta' dokument jista' jdgħajef l-interess pubbliku fir-rigward ta' relazzjonijiet internazzjonali, dan l-interess ta' l-aħħar jegħleb kwalunkwe interess pubbliku fl-iżvelar tad-dokument. L-Ombudsman ikkunsidra l-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-awtur bħala konsistenti mal-qafas legali tal-Ftehim ŻEE. Huwa ma sab l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni naqset mill-imparzjalità u, fl-aħħar, ma sab l-ebda regola jew prinċipju li jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħti lil min għamel l-ilment l-oportunità li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar deċiżjoni li għandha tingħata mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

L-Ombudsman enfasizza illi, minħabba li l-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 4(1) mhumieq suġġetti għal interess pubbliku predominanti fl-iżvelar, hija partikularment importanti illi l-istituzzjonijiet, meta jirreferu għal dan l-artikolu, jispjegaw b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex tapplikal-eċċezzjoni. L-Ombudsman ikkunsidra illi l-Kummissjoni dan għamlitu.

Fid-dawl ta' l-analiżi ta' hawn fuq, l-Ombudsman arkivja l-każ b'riżultat ta' ebda amministrazzjoni ħażina.

¹⁹

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ĠU 2001 L 145/43.



AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI RELATTIVI GĦAN-NEGOZJATI TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINIJA TAL-KUMMERĊ

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1286/2003/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea

Fi Frar 2003, "Friends of the Earth" (FoE), kitbu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, jitolbu aċċess għal numru ta' dokumenti relattivi għan-negozjati ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għal-Kummerċ (WTO) li kienu għaddejnin dak iż-żmien dwar il-kummerċ fis-servizzi, bi qbil ma' l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp.

F'April 2003, il-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess fuq il-bażi li jekk id-dokumenti mitluba jiġu żvelati jdgħajfu l-interess pubbliku fir-rigward ta' relazzjonijiet internazzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 4 (1) (a) tar-Regolament 1049/2001²⁰.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-FoE allegat li l-Kummissjoni naqset (i) li turi li l-iżvelar idgħajf il-protezzjoni ta' l-interess pubbliku, (ii) li tiġġustifika in-natura tan-negozjati, u (iii) li tibbilanċja l-interessi kkonċernati.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni kkunsidrat li kienet ġiet ittrattata b'mod adegwat it-talba ta' min għamel l-ilment għal aċċess għad-dokumenti, sew fil-livell inizjali kif ukoll f'dak konfermatorju. L-istituzzjoni emmett li s-servizzi tagħha ma żbaljawx fl-interpretazzjoni legali tagħhom ta' l-kunċett ta' interess pubbliku fir-rigward ta' relazzjonijiet internazzjonali, u applikatha b'mod adatt għal dan il-każ.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman irrikonoxxa li l-metodu li d-WTO s-soltu tmexxi bih in-negozjati kien tradizzjonalment involva skambju kunfidenzjali ta' offerti u kontro-offerti fost il-partijiet għan-negozjati. F'dan il-kuntest, l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti lil terzi persuni ġie eskluż, minħabba li dan jista' jiddisturba l-proċess. L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra illi ma setgħax jiġi konkluż li l-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni mhux raġonevoli meta ddeċidiet li l-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati seta' aktarx idgħajf l-interess pubbliku fis-settur ta' relazzjonijiet internazzjonali. L-Ombudsman osserva li l-leġiżlatur Komunitarju stabbilixxa li, f'każ fejn l-iżvelar ta' dokument idgħajf l-interess pubbliku fir-rigward ta' relazzjonijiet internazzjonali, dan ta' l-aħħar għandu jegħleb kwalunkwe interess pubbliku fl-iżvelar tad-dokument. L-Ombudsman għalhekk, ma kkunsidrax illi l-argumenti ta' min għamel l-ilment li l-Kummissjoni naqset li tibbilanċja l-interessi fir-riskju kienu sostenibbli.

Għalkemm l-Ombudsman ma sabx amministrazzjoni ħażina fir-rigward tal-Kummissjoni, huwa madankollu għamel rimarka ulterjuri. Huwa sab illi anke jekk il-limitazzjonijiet għall-aċċess pubbliku imposti minn natura tan-negozjati fil-qafas tad-WTO kienu legalment aċċettabli, il-Kummissjoni għandu tirrispetta l-fatt li ħafna ċittadini jistennew trasparenza u ftuħ ikbar f'dan il-qasam importanti ta' politika. Dan huwa partikularment validu minħabba r-rikonoxximent ta' l-importanza tat-trasparenza fil-Linji Gwida u Proċeduri għan-Negozjati dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tad-WTO. It-trasparenza ma tistax tinkiseb billi jiġi kompletament eskluż l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. L-Ombudsman osserva li jkun għalhekk aktar ta' parir tajjeb għall-Kummissjoni li tikkunsidra mezzi addizzjonali li jistgħu jagħmlu dawn in-negozjati iktar miftuħa u trasparenti għaċ-ċittadini, u għalhekk tiffaċilita l-aċċess pubbliku għall-iskambji bejn il-partijiet.

²⁰

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.



AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' L-UFFIĊĊJU GĦALL-AFFARIJJIET TA' L-IKEL U VETERINARIJI DWAR IR-RUMANIJA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1304/2003/(ADB)PB kontra l-Kummissjoni Ewropea

Il-fundatriċi ta' organizzazzjoni Ġermaniża għad-drittijiet ta' l-annimali, li għamlet l-ilment, applikat għall-aċċess għal rapport ta' missjoni ibbażat fuq żjara fir-Rumanija mill-Uffiċċju għall-Affarijiet ta' l-Ikel u Veterinarji tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tagħtha aċċess għal dawk il-partijiet tar-rapport tal-missjoni dwar il-kontroll ta' l-esportazzjoni, imma rrifjutat l-aċċess għal dawk il-partijiet dwar in-negozjati għas-sħubija tar-Rumanija ma' l-UE. Il-Kummissjoni bbażat ir-rifjut tagħha fuq it-tielet inċiż (relazzjonijiet internazzjonali) ta' l-Artikolu 4 (1) (a) tar-Regolament 1049/2001²¹.

Il-persuna li għamlet l-ilment daret fuq l-Ombudsman, u allegat li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta rrifjutatilha l-aċċess għar-rapport tal-missjoni kollu. Hija argumentat illi fil-fatt il-missjoni kienet primarjament relatata ma' kwistjonijiet ta' "esportazzjoni", u qalet illi r-rapporti dwar l-"esportazzjoni" dejjem ġew ippublikati.

Il-Kummissjoni reġgħet saħħqet ir-rifjut tagħha li tagħti aċċess għal dawk il-partijiet tar-rapport ta' missjoni dwar kwistjonijiet ta' adeżjoni. Hija qalet illi l-ispezzjoni fir-Rumanija saret fuq bażi volontarja, fuq il-ftehim illi r-rapporti li jirriżultaw ma jiġux ippublikati. L-iżvelar tar-riżultati dwar il-progress tar-Rumanija lejn il-ħarsien ta' l-istandards ta' l-UE fl-oqsma tas-sikurezza ta' l-ikel u tas-saħħa ta' l-annimali tinterferixxi man-negozjati għas-sħubija u teffettwa serjament ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni ma' l-awtoritajiet Rumani. Dan kien iqiegħed fil-periklu r-rieda tagħhom li jaċċettaw spezzjonijiet bħal dawn u li jikkoperaw mal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-iżvelar kien jirriskja li jkun kontroproduktiv, għaliex seta' jxekkel żjarat fil-futur mill-Uffiċċju għall-Affarijiet ta' l-Ikel u Veterinarji fil-preparazzjoni għas-sħubija.

L-Ombudsman sab illi l-Kummissjoni kienet intitolata li tirrikorri għall-eċċezzjoni li hija invokat sabiex tirrifjuta l-aċċess għal xi partijiet tar-rapport ta' missjoni. L-Ombudsman għamel ukoll rimarka ulterjuri. Huwa qal illi, fil-futur, jista' jkun utli li, sakemm huwa prattikament possibbli, l-informazzjoni mhux kunfidenzjali titniżżel separatament mill-informazzjoni kunfidenzjali. Sistema ta' dan it-tip tissimplifika, b'mod partikulari, l-applikazzjoni tad-dmir li jingħata aċċess parzjali għal dokumenti.

Nota ulterjuri

Il-Kummissjoni suċċessivament infurmat lill-Ombudsman illi l-implimentazzjoni tar-Regolament 1049/2001 kienet fil-fatt wasslet għal separazzjoni aktar ċara bejn dokumenti kunfidenzjali u mhux kunfidenzjali, b'mod partikulari f'dawk id-dipartimenti li jirċievu talbiet frekwenti għal aċċess għad-dokumenti tagħhom. Fir-rigward ta' l-Uffiċċju għall-Affarijiet ta' l-Ikel u Veterinarji tagħha, il-Kummissjoni qalet illi dan l-Uffiċċju s-soltu jissepara r-rapporti għaż-żewġ tipi ta' missjonijiet li jagħmel fil-pajjiżi kandidati. Rapporti ta' spezzjonijiet relatati ma' l-esportazzjoni jiġu kontinwament ippublikati fuq l-Internet, filwaqt illi rapporti ta' missjonijiet fil-kuntest tat-tkabbir jibqgħu kunfidenzjali. Madankollu, fejn missjoni li ssir fil-kuntest ta' tkabbir tidentifika problemi relatati ma' setturi approvati ta' esportazzjoni, jitħejja rapport separat dwar dawn il-problemi u jiġi ppublikat fuq l-Internet.

²¹

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.



AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' MISSJONI TAL-FOND SOĊJALI EWROPEW

Id-deċiżjoni fil-qosori fuq ilment 1481/2003/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea

Organizzazzjoni Belġjana li ma toperax għall-qliegħ talbet lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament 1049/2001²², għal aċċess għad-dokumenti kollha relatati ma' missjoni ta' kontroll dwar il-prijorità 3 tal-Programm Objettiv 3, taħt il-Fond Soċjali Ewropew (ESF) fir-reġjun Fjammin. Il-Kummissjoni rrifjutat aċċess għad-dokumenti mitluba, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4 (2), it-tielet inċiż, tar-Regolament, minħabba li jikkonċernaw rapport ta' spezzjoni fuq l-użu ta' fondi ta' l-UE mħallsa għal proġett li dwaru kien hemm kwistjoni ma' Stat Membru. L-applikazzjoni konfermatorja magħmula minn min għamel l-ilment ġiet rrifjutata bl-istess mod mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, li kkonkluda li ma kien hemm l-ebda interess pubbliku predominanti fl-iżvelar tad-dokument mitlub, minħabba li l-interess ta' min għamel l-ilment kien wieħed privat u mhux pubbliku.

F'Lulju 2003, il-persuna li kienet għamlet l-ilment ressqet ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew, fejn iddikjarat li l-Kummissjoni għandha tagħti aċċess għad-dokument mitlub.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni osservat illi min għamel l-ilment kien diġà rċieva estratti mir-rapport ta' spezzjoni dwar il-proġett tiegħu stess. Il-partijiet tar-rapport mhux żvelati lil min għamel l-ilment kienu rrilevanti fir-rigward tal-proġett operat minn din il-persuna, minħabba li kienu jikkonċernaw il-proġetti l-oħra vverifikati u l-amministrazzjoni ċentrali mill-Aġenzija Fjammina ESF. Fir-rigward tar-raġunijiet għar-rifjut għall-aċċess sħiħ, il-Kummissjoni qalet illi l-iżvelar tar-rapport f'dan l-istadju kien idgħajef l-investigazzjoni attwali, minħabba li jpoġġi r-riżultati provvisorji ta' l-ispetturi tal-Kummissjoni, li għalihom il-partijiet li qed jiġu vverifikati għadhom ma rrispondewx, fid-dominju pubbliku. Il-Kummissjoni rrepetiet ukoll illi ma kien hemm l-ebda interess pubbliku predominanti fl-iżvelar tar-rapport. L-opinjoni tal-Kummissjoni ġiet mgħoddija lill-ilmentatur, li ma għamel l-ebda osservazzjoni.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman osserva li r-rapport mitlub tkellem b'mod ċar dwar l-attivitajiet ta' l-ispezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki, kif imsemmija fl-Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001. Huwa indika li, fiż-żmien meta l-ilmentatur għamel it-talba tiegħu għal aċċess għar-rapport tal-missjoni f'Marzu 2003, il-Kummissjoni kienet għandha ssegwi l-investigazzjoni ta' kontroll finanzjarju tagħha ma' l-Aġenzija Flemish ESF, kif prevedut fl-Artikolu 38 tar-Regolament 1260/1999²³. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skond ir-risposta ta' l-Aġenzija Flemish ESF, jekk tagħmilx korrezzjonijiet finanzjarji jew le taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament 448/2001²⁴. Il-Kummissjoni tista' għalhekk leġittimament tiffirma l-opinjoni li l-wiri tal-partijiet l-oħra tar-rapport tal-missjoni jista' jdghajef il-protezzjoni tar-raġuni wara l-investigazzjoni tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kienet, skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Komunitarji, intitolata li tiċħad aċċess a bażi ta' Artikolu 4 (2), tielet inċiż, tar-Regolament 1049/2001, sakemm ma kienx hemm interess pubbliku sovrastanti fil-wiri. L-Ombudsman ikkunsidra li l-ilmentatur ma weriex biżżejjed illi jista' jkun hemm interess bħal dan fil-wiri tal-partijiet l-oħra tar-rapport dwar il-proġetti l-oħra. Għalhekk ma nstab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina ma nstab.

²² Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.

²³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi provvedimenti ġenerali fuq Fondi Strutturali, ĠU 1999 L 161/1.

²⁴ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jipprovdi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 fir-rigward tal-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajjnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali, ĠU 2001 L 64/13.



IL-PROGRAMM “LEONARDO DA VINCI”

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 221/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Konsulent Ġermaniż irrisponda għal sejħa għal proposti mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-programm Leonardo da Vinci, programm imtella'x jippromwovi innovazzjoni fis-settur ta' tagħlim tul il-ħajja kollha. Madankollu, l-Kummissjoni infurmatu li l-proposta tiegħu preliminari ma setgħetx tintagħżel għaliex ma kienx haress il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni. L-ilmentatur oġġezzjona għal din id-deċiżjoni billi argumenta li kien ikkonforma mal-limitu ta' żmien għax hu kien baġat il-proposta preliminari tiegħu permezz ta' posta reġistrata ġurnata qabel għalaq iż-żmien. Huwa talab illi l-Kummissjoni tikkonferma li l-proġett tiegħu kien ġie preżentat fil-ħin, u fin-nuqqas ta' dan kien ser idur għall-qradi.

Fl-istess ġurnata, l-ilmentatur għadda kopja ta' l-ittra tiegħu lill-Ombudsman, fejn talbu biex jeżamina l-kwistjoni. L-Ombudsman ċaħad it-talba tiegħu (ilment 33/2004/GG), għax il-Kummissjoni ovvjament kienet għadha ma kellhiex biżżejjed żmien sabiex tikkunsidra l-każ. Tliet ġimgħat wara, l-ilmentatur informa lill-Ombudsman illi xtaq iġedded l-ilment tiegħu. Din l-ittra ġiet irreġistrata bħala ilment ġdid, li l-Ombudsman ikkunsidra bħala ammissibli, ġaladarba l-ilmentatur ma kienx jidher li rċieva r-risposta fl-intervall.

Fl-opinjoni tagħha, l-Kummissjoni ammettiet illi eżami mill-ġdid tal-każ ura li l-ilmentatur kellu raġun. Kienu saru tliet marki tal-posta fuq l-ittra, li waħda minnhom li fuqha l-Kummissjoni kienet ibbażat għal verdett tagħha ta' nuqqas ta' eliġibilità ġie stabbilit li kienet il-marka taċ-ċentru ta' distribuzzjoni tal-posta reġjonali u mhux il-marka tal-posta ta' l-uffiċċju postali. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet ippreparat “Rapport ta' Eċċezzjoni”, li taħtu l-proposta preliminari tal-ilmentatur ġiet magħżula għal preżentazzjoni tal-proposta kompleta.

Madankollu, l-ilmentatur ma aċċettax dan l-approċċ, fuq il-bażi li ma kienx ingħata l-istess numru ta' ġranet daqs promoturi oħra ta' proposti preliminari magħżula. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li dan kien każ ta' trattament mhux ugwali u ppreparat Rapport ta' Eċċezzjoni supplementari ġdid, li joffri lill-ilmentatur l-istess numru ta' ġranet sabiex jipprepara l-proposta sħiħa tiegħu.

L-ilmentatur aċċetta dan. Madankollu, huwa indika li l-iżvantaġġ tiegħu tneħħa biss meta huwa lment għat-tieni darba. Barra minn hekk, huwa allega illi ma bbenefikax mill-istess ammont ta' nformazzjoni bħal applikanti oħra.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni aġixxiet malajr u b'mod kostruttiv sabiex tikkoreġi l-iżball li kien seħħ. Fir-rigward tal-allegat nuqqas imsemmi tal-Kummissjoni biex li ttiprovdi informazzjoni lill-ilmentatur, l-Ombudsman ikkunsidra li din kienet allegazzjoni ġdida, li l-ilmentatur ma kienx qajjem mal-Kummissjoni. Huwa osserva li l-ilmentatur baqa' ħieles li jressaq ilment ulterjuri fil-każ illi dan in-nuqqas ta' informazzjoni kellu, fl-opinjoni tiegħu, jaffettwa b'mod negattiv id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-proposta sħiħa tiegħu. Fir-rigward ta' l-ilment oriġinali, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx jidher li kien hemm amministrazzjoni ħażina.

PROĊEDURA TA' GĦAŻLA GħAL PROĠETT TAL-“EUROPEAID”

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 326/2004/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea

Konsorzju ta' tliet kumpaniji pparteċipa f'sejħa għal dikjarazzjoni ta' interess maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2003, għal proġett “EuropeAid”. Il-konsorzju ma ntagħżilx minħabba li, skond il-Kummissjoni, kien naqas milli jipprovdi d-dokumenti kollha mitluba f'Sezzjoni 2.3.3 tal-Gwida Prattika. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni żbaljat billi naqset milli tinkludi l-konsorzju fil-lista ta' applikanti magħżula u li l-Kummissjoni naqset li tirrispondi għall- ittra tiegħu tad-9 ta' Jannar 2004. L-ilmentatur ippretenda li l-Kummissjoni kellha tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha li ma tpoġġix lill-konsorzju fuq il-lista ta' applikanti magħżula u li hija għandha tiċċara l-kontenut tal-Gwida Prattika sabiex tevita kwalunkwe problemi ta' nterpretazzjoni fil-futur.



Abażi ta' l-informazzjoni miġbura fil-kors ta' l-inkjesta, ma kienx jidher illi l-ilmentatur kien ipprova lill-Kummissjoni bid-dokumenti kollha mitluba f'Sezzjoni 2.3.3 tal-Gwida Prattika. L-Ombudsman għalhekk kien ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni kienet tat spjegazzjoni raġonevoli għalfejn kienet iddeċidiet li ma tinkludix lill-consortium fil-lista tal-maġħżulin. Fir-rigward tan-nuqqas allegat mill-Kummissjoni, li tirrispondi l-ittra tal-ilmentatur, l-istituzzjoni ammettiet li kien seħħ dewmien biex tqis l-ittra u għamlet apoloġija għal dan. L-Ombudsman ikkunsidra li, skond il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba tal-Kummissjoni²⁵, risposta għal ittra indirizzata lill-Kummissjoni għandha tintbagħat fi ħmistax-il ġurnata ta' ħidma mid-data li fiha tkun waslet. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni naqset li taġixxi b' konformità mar-regoli tagħha stess. Madankollu, billi nstab illi l-Kummissjoni kienet fl-intervall irrispondiet l-ittra ta' l-ilmentatur u talbet apoloġija għad-dewmien li seħħ, l-Ombudsman ikkonkluda li l-ebda inkjesta ulterjuri ma kienet neċessarja.

Fir-rigward ta' l-ewwel pretensjoni ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman ikkunsidra li, minħabba li l-Kummissjoni kienet tat spjegazzjoni raġonevoli tar-raġunijiet għaliex kienet iddeċidiet li ma tinkludix lill-konsorzju fil-lista tal-maġħżulin, ma kienx jidher iktar neċessarju li titratta dan il-punt. Fir-rigward tat-tieni pretensjoni ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li l-kontenut tas-Sezzjoni 2.3.3 tal-Gwida Prattika ma kinitx tidher bħala mhux ċara, u li l-Kummissjoni kienet tat spjegazzjoni raġonevoli ta' l-interpretazzjoni tagħha ta' dawn ir-regoli.

ALLEGAZZJONI TRATTAMENT IRREGOLARI TA' ILMENTI DWAR INFRAZZJONI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 480/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea

Il-'Fellowship' tal-Pariri u Azzjoni dwar l-Impjieġ ta' Lekċerer (LEAF) ilmentat ma' l-Ombudsman dwar amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni fit-trattament tagħha ta' żewġ ilmenti bbażati fuq l-Artikolu 226²⁶. LEAF argumentat, fost affarijiet oħra, li l-Kummissjoni kienet uriet nuqqas ta' attenzjoni kbira għall-gravità ta' l-ilmenti u kienet naqset milli tagħti forza lill-protezzjoni intiża mid-Direttiva dwar Drittijiet Akkwistati (77/187/EEC²⁷).

L-Ombudsman osserva li l-ilmenti ta' l-Artikolu 226 ta' LEAF lill-Kummissjoni allegaw illi r-Renju Unit kien naqas milli jimplimenta b'mod adegwat id-Direttiva dwar Drittijiet Akkwistati. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet motivi ċari u raġonevoli għad-deċiżjoni tagħha li ma ssegwix proċeduri ta' ksur kontra r-Renju Unit.

Bħala risposta għall-allegazzjoni speċifika ta' l-ilmentatur fl-ilment lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni fuq din il-materja minn qorti nazzjonali fir-Renju Unit, l-Ombudsman osserva li l-argument tal-Kummissjoni li l-iskop tal-proċedura ta' l-Artikolu 226 m'huwix li jservi bħala mezz t'appell addizzjonali jew rieżami tas-sentenzi mogħtija minn qorti nazzjonali. L-Ombudsman fehem illi LEAF kienet għażlet li ma ssegwix il-materja fil-qorti nazzjonali billi tuża l-possibiltà t'appell. Huwa għalhekk ikkunsidra li l-kummissjoni kellha bażi raġonevoli għad-deċiżjoni tagħha li ma ssegwix proċeduri ta' ksur kontra r-Renju Unit a bażi ta' din l-allegazzjoni.

Meta analizza l-argumenti kollha ta' LEAF, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni fit-trattament tagħha ta' ilmenti a bażi ta' l-Artikolu 226. Huwa għaraf l-isjegazzjoni estensiva mogħtija mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Madankollu, huwa sab illi r-raġuni essenzjali għad-deċiżjoni tagħha li tagħlaq żewġ ilmenti bbażati fuq l-Artikolu 226 setgħu

²⁵ ĠU 2000 L 308 pp. 26-34.

²⁶ Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE jagħti l-poter lill-Kummissjoni li tibda proċeduri kontra Stat Membru fir-rigward ta' ksur ta' liġi Komunitarja. Kulħadd jista' jissottometti lment ("ilment taħt Artikolu 226") mal-Kummissjoni kontra Stat Membru dwar kwalunkwe miżura ta' l-istat jew prattika amministrattiva li huwa/hija tikkunsidra mhux kompatibbli mal-liġi Komunitarja.

²⁷ Direttiva tal-Kunsill 77/187/EEC ta' l-14 ta' Frar 1977 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' kumpanija, kummerċ jew parti minn kummerċ, ĠU 1977 L 61/26.



jigħu spjegati lill-ilmentatur b'mod aktar dirett u li jiftiehem. Huwa għalhekk ikkunsidra xieraq li jagħmel ir-rimarka ulterjuri li ġejja:

Bil-ħsieb li jinżammu relazzjonijiet tajba bejn il-Kummissjoni u ċ-ċittadini, l-Ombudsman jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha fil-futur tfittex li tispjega r-raġuni jew raġunijiet għall-għeluq ta' lmenti skond l-Artikolu 226 bl-aktar mod li jiftiehem u dirett.

ACCÈSS GĦAL STIMA TAS-SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-ĠERMANJA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1044/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Riċerkatur li jaħdem fiċ-ċentru għall-Istudji ta' Politika Ewropea (CEPS) fi Brussell talab aċċess għal dokument tal-Kummissjoni dwar il-Patt ta' Stabilità u Żvilupp Ewropew. Id-dokument in kwistjoni kien ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti avviż lill-Ġermanja sabiex tiegħu miżuri għal tnaqqis fid-defiċit neċessarji sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għal aċċess għad-dokument fuq il-bażi li l-wiri tiegħu kien idgħajef il-protezzjoni tal-politika ekonomika u fiskali tal-Ġermanja. Hija eliminat ukoll il-possibiltà ta' aċċess parzjali.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur oġġezzjona għal din iċ-ċaħda, billi indika li, bħala akkademiku li jitratta żviluppi ekonomiċi u istituzzjonali fil-livell ta' l-UE, huwa kellu bżonn li jkollu aċċess għas-sorsi importanti kollha. Huwa stqarr illi l-Kummissjoni kienet ippubblikat il-kontenuti tar-Rakkomandazzjoni tagħha fi stqarrija għal media u li, jekk ir-Rakkomandazzjoni ma kienx fiha informazzjoni addizzjonali, huwa ma setgħax jifhem għaliex din m'għandiex tiġi mxandra. Jekk ir-Rakkomandazzjoni għandha, madankollu, jkun fiha informazzjoni oħra – essenzjalment iktar negattiva – fuq il-finanzi pubbliċi tal-Ġermanja, mela l-Kummissjoni kienet qiegħdha taħbi informazzjoni ta' interess pubbliku ġenerali u possibilmint tinforma ħażin deliberatament lill-pubbliku.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat illi l-informazzjoni finanzjarja u ekonomika kollha li ħadet in konsiderazzjoni fir-rakkomandazzjoni tagħha kienu diġà ta' dominju pubbliku permezz ta' l-istqarrija fil-"media" tagħha u li l-istima teknika tal-programmi ta' stabilità u konverġenza kienu disponibbli fuq l-Internet. Madankollu, ir-Rakkomandazzjoni nfisha ma ġietx ippubblikata, sabiex tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tar-raġunament tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett sensitiv. Il-dokument ta' spjegazzjoni għar-Rakkomandazzjoni kien fih l-istima tal-Kummissjoni stess tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni argumentat illi wiri komplet tar-Rakkomandazzjoni jista' jwassal għal perċezzjoni negattiva mis-swieq finanzjarji u jista' jfixxkel il-konsolidazzjoni finanzjarja. Dan jista' għalhekk jaffettwa b'mod negattiv il-politika finanzjarja u ekonomika tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni żiedet illi l-ebda informazzjoni makro-ekonomika rilevanti ma ġiet moħbija mill-pubbliku u li l-interess leġittimu xjentifiku ta' l-ilmentatur ma ġiex effettwat.

L-Ombudsman innota li l-fatt tar-rakkomandazzjoni fih innifsu li l-Ġermanja tingħata avviż sabiex tiegħu miżuri għat-tnaqqis fid-defiċit kellu jħalli effetti fuq il-perċezzjoni tiegħu mis-swieq finanzjarji. Madankollu, huwa kkunsidra li l-opinjoni tal-Kummissjoni illi wiri tar-raġunament għar-Rakkomandazzjoni seta' jibqa' jwassal għal perċezzjoni negattiva ma kinitx tidher bħala mhux raġonevoli. Huwa nnota wkoll illi, minħabba li l-Kummissjoni kienet eskludiet aċċess parzjali għad-dokument u minħabba li l-ilmentatur ma kienx qajjem din il-kwistjoni fl-ilment tiegħu, il-kwistjoni ta' aċċess parzjali ma kienx hemm bżonn li l-kwistjoni ta' aċċess parzjali tiġi trattata. A bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina minn naħa tal-Kummissjoni.



3.1.4 L-Uffiċċju Ewropew għas-SELEZZJONI tal-Persunal

NUQQAS ALLEGAT TA' SPJEGAZZJONI RAĠUNATA FI PROĊEDURA TA' GĦAŻLA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1110/2003/ELB kontra l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal

Il-persuna li tilmenta għet eskluża mill-kompetizzjoni COM/A/3/02 għax il-marki tagħha f'eżami ta' selezzjoni preliminari b'għażla multipla ma kinix suffiċjenti. Hija kkontestat ir-risposta tal-Bord ta' Selezzjoni fir-rigward ta' tliet domandi. Hija allegat li l-Uffiċċju Ewropew għas-selezzjoni tal-Persunal (EPSO) naqas li jipprovdilha spjegazzjoni raġunata tar-risposti korretti għad-domandi kontestati.

Skond l-EPSO, il-Bord ta' Selezzjoni eżamina b'mod attent u konxjenzjuż il-kummenti tal-persuna li lmentat dwar id-domandi kontestati, kif ukoll il-kontenut u l-kliem tad-domandi, qabel jiddeċiedi li jżommhom.

L-Ombudsman innota li l-persuna li lmentat kienet għet infurmata bil-marka li ngħatat illi hija rċeviet kopja ta' l-eżami kkoreġut tagħha u li għet infurmata b'dak li l-Bord ta' Selezzjoni kkunsidra li kienu r-risposti tajbin għad-domandi kontestati. L-Ombudsman innota wkoll li l-persuna li lmentat ma aċċettatx l-opinjoni tal-Bord ta' Selezzjoni dwar ir-risposti tajbin għad-domandi kontestati. L-Ombudsman fakkar, madankollu, illi l-komunikazzjoni tal-marki miksuba fl-eżamijiet varji tikkostitwixxi, skond il-ġurisprudenza²⁸, stqarrija adegwata tar-raġunijiet li fuqhom il-Bord ta' Selezzjoni bbaża d-deċiżjoni tiegħu. Barra minn hekk, l-Ombudsman ma kkunsidrax li l-persuna li lmentat kienet tat evidenza fil-kors ta' l-inkjesta li setgħet turi li l-Bord ta' Selezzjoni ma kienx aġixxa b'mod raġonevolment, jew li b'xi mod ieħor aġixxa barra l-limiti ta' l-awtorità legali tiegħu, biex jiddetermina liema kienu t-tweġibiet tajba għal mistoqsijiet ta' għażla multipla kkontestati. L-Ombudsman għalhekk ma sab l-ebda tmexxija ħażina.

3.2 KAŻI DEĊIŻI MILL-ISTITUZZJONI



3.2.1 Il-Parlament Ewropew

DEĊIŻJONI TAL-BORD TA' SELEZZJONI DWAR APPLIKAZZJONI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1600/2003/ADB kontra l-Parlament Ewropew

Pulizija Taljan applika sabiex jipparteċipa f'kompetizzjoni miftuħa PE/22/D²⁹ biex jintgħażlu impjegati mħarrġa fis-settur ta' sigurtà ġenerali. L-applikazzjoni tiegħu għet irrifjutata għax il-Bord ta' Selezzjoni kkunsidra li huwa ma kellux it-tliet snin esperjenza fis-settur pubbliku jew privat tas-sigurtà ġenerali li kienu mitluba. Il-kandidat għalhekk ikkuntattja darbtejn lill-Parlament sabiex

²⁸ Ara Każ C-254/95, *Parlament v. Innamorati*, [1996] ECR I-3423.

²⁹ ĠU 2002 C 303 A.



jindika illi l-kważi ħames snin esperjenza tiegħu bħala pulizija għandhom jissodisfaw il-kriterju mniżżel fl-avviż ta' kompetizzjoni. Fl-assenza ta' risposta mill-Parlament, din il-persuna ressqet ilment quddiem l-Ombudsman kontra l-esklużjoni tiegħu mill-kompetizzjoni miftuħa.

Il-Parlament informa lill-Ombudsman illi ffit wara li fetaħ l-inkjesta tiegħu, il-Bord ta' Selezżjoni kien eżamina mill-ġdid l-applikazzjoni ta' min ilment u ddeċieda li jaċċettah għall-istadju segwenti tal-proċedura ta' reklutaġġ.

Is-servizzi ta' l-Ombudsman ikkuntattjaw lil dak li lment u hu ddikjara li l-każ kien mitmum għas-sodisfazzjon komplet tiegħu mill-Parlament. L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra illi l-Parlament kien ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex jirranġa l-kwistjoni.



3.2.2 Il-Kummissjoni Ewropea

NUQQAS LI JSIR ĦLAS GĦAL SERVIZZI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1949/2003/(TN)(IJH)TN kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilment kien jikkonċerna nuqqas ta' pagament allegat għal servizzi li saru fuq istruzzjonijiet ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat), li huwa servizz tal-Kummissjoni. Fuq istruzzjonijiet tal-Eurostat, dak li lment kien għamel stima globali tas-sistema ta' statistika fil-Każakistan. Il-kuntratti kienu ġew formalment magħluqama l-organizzazzjoni *CESD-Communautaire*, imma t-termini ta' riferenza ġew stipulati minn, u r-rapporti saru lil, Eurostat. Eurostat approva r-rapport tax-xogħol ta' min ilment f'Awissu 2003, imma l-ilmentatur kien għadu ma ġiex imħallas fiż-żmien meta ppreżenta l-ilment tiegħu f'Ottubru 2003. Din il-persuna issuspettat li minħabba problemi fil-Eurostat, il-pagamenti tagħha lil *CESD-Communautaire* ġew imwaqqfa. Hija allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiżgura ħlas tas-servizzi li kienet ipprovdiet in konnessjoni ma' ċertu kuntratti. Il-persuna li lmentat ippretendiet li għandha tirċievi pagamenti mhux imħallsa għas-servizzi tiegħha.

Fl-opinjoni tagħha ppreżentata f'Jannar 2004, il-Kummissjoni enfasizzat illi ma kellhiex relazzjoni kuntrattwali mal-persuna li lmentat. Skond il-Kummissjoni, *CESD-Communautaire* setgħet dak iż-żmien xorta tippreżenta rċevuti lilha fl-istruttura tal-kuntratti kkonċernati. L-irċevuti ppreżentati għall-persuna li lmentat minn *CESD-Communautaire*, sad-data ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni lill-Ombudsman kienu ġew imħallsa mingħajr dewmien lill-kont bankarju ta' *CESD-Communautaire* fid-29 ta' Diċembru 2003.

F'April 2004, l-ilmentatur informa lis-servizzi ta' l-Ombudsman li kien irċieva l-parti prinċipali tal-flus li kellhom jingħataw lilu u li l-pagament tal-bqija kien suġġett għal ċertu kwistjonijiet li kienu qed jiġu solvuti bejnu u *CESD-Communautaire*. Dak li lment għalhekk ikkunsidra li l-ilment tiegħu dwar il-Kummissjoni kien twassal għal konklużjoni sodisfaċenti.

L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet ħadet il-miżuri neċessarji sabiex tagħlaq il-kwistjoni u kienet għalhekk issodisfat il-persuna li lmentat.

NUQQAS LI JSIR ĦLAS TA' GĦOTJA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2124/2003/ADB kontra l-Kummissjoni Ewropea

Persuna ta' nazzjonalità Ġermaniża lmentat ma' l-Ombudsman f'isem IBC SOLAR AG. Din ta' l-aħħar kienet sieħba f'negozju konġunt imsejjaħ CIESMA (*Centre International d'Energie Solaire Morocco-*



Allemand), li kien il-benefiċjarju ta' għotja li saret f'Mejju 1998, mill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-faċilita' 4 tal-programm ECIP. L-għotja kienet tammonta għal EUR 75 626. CIESMA kienet diġà rċeviet EUR 37 813. IL-persuna li lmentat allegat li minkejja kuntatti ripetuti mal-Kummissjoni u għalkemm id-dokumenti ta' sostenn kollha kienu ntbagħtu f'Awissu 2001, l-ammont mhux imħallas baqa' ma tħallasx lil CIESMA sa Novembru 2003.

Min ilmenta ppretenda l-pagament ta' l-ammont mhux imħallas.

IL-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li l-programm ECIP kien strument finanzjarju magħmul disponibbli u amministrat mill-Kummissjoni b'mod deċentralizzat permezz ta' netwerk ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Fil-qafas ta' dan il-programm, il-Kummissjoni kienet iffirmit kuntratt ma' bank Ġermaniż, li min-naħa tiegħu kien iffirma kuntratt ma' CIESMA. Il-bank suppost kellu jagħmel it-tieni pagament previst mill-kuntratt ma' CIESMA wara l-verifika u l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapport finali għall-proġett. F'Ġunju 2003, wara l-aċċettazzjoni tagħha tar-rapport finali, il-Kummissjoni infurmat lill-bank li l-pagament għandu jsir. Kuntatti ulterjuri seħħew f'Lulju 2003 u Ottubru 2003. F'Novembru 2003, il-bank informa lill-Kummissjoni li l-pagament finali kien se jsir. Il-bank għamel il-pagament finali fil-5 ta' Diċembru 2003.

IL-persuna li lmentat iddikjarat illi l-każ kien ġie mitmum għas-sodisfazzjon komplet tiegħha. L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra li l-Kummissjoni Ewropea kienet ħadet il-miżuri neċessarji sabiex ittemm il-kwistjoni.

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR PJAN TA' LINJA TAL-FERROVIJA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilmenti 2183/2003/(TN)(IJH)TN u 520/2004/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilment kien dwar talba għal aċċess għal ċertu dokumenti relatati ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni lill-Iżvezja ta' l-24 t'April 2003 dwar il-pjan ta' żvilupp tal-linja tal-ferrovija "Botniabanan" (Botnia Link). Wara talba għal aċċess għal dokumenti li saru mill-ilmentatur, il-kwistjoni saret suġġett ta' ilment lill-Ombudsman (ilment 2183/2003/(TN)(IJH)TN) u l-Kummissjoni sussegwentement baġtet lil min ilmenta d-dokumenti li ħasbet li kien talab għalihom. Madankollu, min ilmenta ma kienx sodisfatt bid-dokumenti mibgħuta lilu u għalhekk ippreżenta lment ġdid lill-Ombudsman. IL-persuna allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli ttipprovdiha dokumenti li juru l-evalwazzjoni kritika tagħha tal-pjan u li kienet naqset milli tirrispondi *e-mail* li fiha għarrfitha bl-opinjoni tiegħha dwar il-kwistjoni. Hi ippretendiet li l-Kummissjoni għandha tagħtiha aċċess għad-dokumenti li fihom l-evalwazzjoni kritika tal-Kummissjoni fuq il-pjan.

IL-Kummissjoni argumentat li fil-bidu ħasset li l-*e-mail* ta' min għamel l-ilment għandha tiġi ttrattata taħt l-investigazzjonijiet ulterjuri ta' l-Ombudsman fl-ilment 2183/2003/(TN)(IJH)TN u li għalhekk ma baġtitx risposta diretta lil min ilmenta. Madankollu, wara konsiderazzjoni mill-ġdid, il-Kummissjoni baġtetitlu risposta ulterjuri, li magħha inkludiet dokumenti rilevanti.

Wara li rċieva d-dokumenti rilevanti, min ilmenta informa lis-servizzi ta' l-Ombudsman illi huwa kkunsidra l-kwistjoni bħala mitmuma.

L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ħadet il-miżuri neċessarji sabiex tagħlaq il-kwistjoni u għalhekk kienet issodisfat lil min kien ilmenta.

ĦLAS TARD GĦAL SERVIZZI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 435/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Id-direttur maniġerjali ta' kumpanija żgħira Ġermaniża li tispeċjalizza f'elettronika ta' l-IT, allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tagħmel kwalunkwe ħlas fir-rigward ta' erbà rċevuti preżentati lilha



fl-2003, għal xogħol li kien sar għall- Kummissjoni. Skond l-ilmentatur, l-ammont totali dovut lill-kumpanija tiegħu kien ta' EUR 17 437 u sebà noti li jfakkru (li xi ftit minnhom intbagħtu permezz ta' posta reġistrata) kienu naqsu milli jipproduċu xi reazzjoni mill-Kummissjoni. Min ilmenta talab l-għajjuna ta' l-Ombudsman sabiex jikseb il-pagamenti li kienu dovuti sabiex jiġi evitat il-bżonn minn naħa tiegħu li jnaqqas il-persunal u jagħmel iktar ħsara lill-kumpanija tiegħu.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li minħabba tibdil tekniku lill-proċeduri finanzjarji li rriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju ġdid, sfortunatament ma kienx poossibli li jiġi ffinalizzat l-ipproċessar ta' l-irċevuti tal-persuna li lmentat fil-perjodu ta' 60 ġurnata li huwa previst għal dan l-iskop. Wara r-riorganizzazzjoni tad-dipartiment u l-ħolqien ta' unità finanzjarja, l-affarijiet kienu issa ġew reveduti. L-erbà rċevuti li jammontaw għal EUR 17 437 tħallsu fl-aħħar ta' Frar 2004. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, dan fisser li l-ilment ma kienx aktar rilevanti.

Fil-21 ta' Ġunju 2004, min ilmenta informa lis-servizzi ta' l-Ombudsman illi jikkunsidra l-każ bħala magħluq.

Fl-għeluq tal-każ, l-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri fejn innota li l-ewwel tnejn mill-irċevuti rilevanti ġew ippreżentati mill-Kummissjoni 11 u 10 xhur qabel ma sar il-pagament. Huwa stqarr li għandu jiġi kkunsidrat li kumpaniji ta' daqs żgħir jew medju huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti ta' dewmien fil-ħlas. L-Ombudsman għalhekk stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibiltà li tħallas interessi lill-persuna li għamlet l-ilment.

Nota ulterjuri

Fis-6 ta' Diċembru 2004, il-Kummissjoni nfurmat lill-Ombudsman illi kienet iddeċidiet li tħallas lill-persuna li għamlet l-ilment interessi li jammontaw għal EUR 387.



3.2.3 L-Uffiċċju Anti-Frodi Ewropew

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR KAŻ TA' SIGURTÀ NUKLEARI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 220/2004/GG kontra l-Uffiċċju Anti-Frodi Ewropew

Il-persuna li lmentat, uffiċjal tal-Kummissjoni, kienet taħdem fl-Istitut għal Elementi Transuranju (ITU) fi Karlsruhe, Ġermanja. L-ITU huwa parti miċ-ċentru għar-Riċerka Konġunta (JRC), Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. I-persuna kienet responsabbli li tittratta mat-trasport ta' materjal radjuattiv fl-Unità ta' Sigurtà Nukleari u Infrastruttura ta' l-ITU. Filwaqt li allegat irregolaritajiet kbar fix-xogħol ta' l-ITU, hija talbet lill-Kummissjoni tiftaħ inkjesta dwar il-protezzjoni kontra radjazzjoni u trasport ta' materjali radjuattivi. Hija għamlet numru ta' allegazzjonijiet, inkluż li persunal li kellu x'jaqsam ma' materjali radjuattivi ma ġiex imħarreġ kif mistenni sottopost għal-taħriġ mitlub u li materjali radjuattivi ġew deliberatament ittrasportati illegalment. Il-Kummissjoni għaddiet il-materjal lill-Uffiċċju ta' l-Anti-Frodi Ewropew (OLAF), li semgħet lill-persuna li għamlet l-ilment u mexxiet inkjesti.

Fi stadju aktar tard tal-proċedura, il-persuna li lmentat, talbet aċċess għal numru ta' dokumenti dwar il-każ tagħha, miżmuma minn Direttorati Ġenerali differenti tal-Kummissjoni u mill-OLAF. Madankollu, skond din il-persuna, dawn it-talbiet ma kinux ġew ittrattati sew. Għalhekk hija daret lejn l-Ombudsman. L-Ombudsman iddeċieda li jirreġistra l-allegazzjonijiet ta' min ilmenta kontra l-OLAF bħala lment separat, minħabba li huwa jikkunsidra OLAF bħala istituzzjoni Ewropea bi dritt. L-Ombudsman għadu jinvestiga l-ilment (101/2004/GG) kontra l-Kummissjoni Ewropea, li jikkonċerna wkoll is-sustanza ta' l-allegazzjonijiet tal-persuna li għamlet l-ilment fir-rigward ta' l-ITU.



Fl-ilment tagħha kontra l-OLAF, din il-persuna allegat li l-OLAF kien żbalja billi naqas milli jagħtiha aċċess għal dokumenti u li kien naqas milli jitratta t-talba tagħha fil-ħin. Hija ppretendiet li d-dokumenti għandhom joħorġu għall-pubbliku, jew li l-OLAF għandu jispjega illi xi ftit minnhom ma kinux jeżistu. Jekk dan ma jistax ikun possibbli, l-Ombudsman, il-persunal tiegħu jew Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jispezzjonaw id-dokumenti.

Fl-opinjoni tiegħu, l-OLAF indika li kien irrisponda b'mod eżawrjenti t-talba tal-persuna li għamlet l-ilment. Huwa kien ipprova lil din il-persuna b'kopji ta' tliet dokumenti u kien spjega li d-dokumenti l-oħra ma kinux jeżistu. OLAF irrikonoxxa, madankollu, illi kien irrisponda tlett ijiem ta' ħidma wara li t-terminu għar-risposta kien skada. Huwa spjega illi dan kien seħħ minħabba l-fatt illi l-persuna nkarigata mill-kwistjoni kienet għadha kemm għet maħtura għal post ieħor u kellha numru ta' kwistjonijiet mhux previsti x'titratta. L-OLAF aċċetta illi kien ikun aħjar li kieku nforma lill-ilmentatriċi li estensjoni fl-iskadenza kienet se tkun neċessarja. Huwa osserva li fl-intervall kien baġat kopja tar-risposta tiegħu lil din il-persuna.

Meta rċeviet il-kopja ta' din ir-risposta u l-opinjoni ta' l-OLAF, hija esprimiet l-opinjoni li l-ilment tagħha kontra l-OLAF kien twieġeb għas-sodisfazzjon tagħha. Hija rringrazzjat lill-Ombudsman għal dan ir-risultat. L-Ombudsman ikkonkluda illi l-OLAF kien ħa l-miżuri sabiex jagħlaq il-kwistjoni u kien b'hekk issodisfa lill-persuna li għamlet l-ilment.

3.3 SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI MIKSUBA MILL-OMBUDSMAN

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR NEGOZJATI TA' KUMMERĊ

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 415/2003/(IJH)TN kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatur, li lmentat f'isem il-'Corporate Europe Observatory', għamel applikazzjoni taħt Regolament 1049/2001³⁰ għal aċċess għad-"dokumenti kollha relatati mal-preparamenti tal-Kummissjoni għal negozjati li jistgħu jsiru fi struttura ta' nvestment multilaterali fil-WTO". Il-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess għad-dokumenti, li hija ddefiniet bħala "x-xogħol preparatorju intern fuq abbozz ta' dokumenti għall-proċess ta' l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha fil-WTO". Bħala risposta għall-applikazzjoni konfermattiva ta' l-ilmentatur, li ċċarat li t-talba kienet tkopri wkoll dokumenti minn qabel Doha, il-Kummissjoni ddefinixxiet id-dokumenti mitluba bħala xogħol preparatorju għall-Karti Konċettwali li kienet ħadet f'idejha li tipproduċi fuq kull waħda mis-seba' materji msemmija fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha. L-ebda dokument ma kien jeżisti minn qabel il-Laqqha Ministerjali f'Doha, minħabba li f'dak iż-żmien, il-WTO ma kellhiex mandat fir-rigward ta' investment multilaterali. Il-Kummissjoni ċaħdet aċċess għad-dokumenti preparatorji a bażi ta' l-Artikolu 4(1)(a), billi argumentat li l-pubblikazzjoni tad-dokumenti setgħet tippreġudika l-marġini ta' manuvra fin-negozjati ma' pajjiżi terzi.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-allegazzjoni prinċipali ta' l-ilmentatur kienet li l-Kummissjoni kienet iddefinixxiet b'mod ristrett wisq id-dokumenti koperti mill-applikazzjoni għal aċċess. Huwa argumenta li t-talba tiegħu kopriet lista twila ta' dokumenti, illi dawn ma kinux limitati għal dokumenti relatati ma' Karti Konċettwali, u li, minħabba li l-Kummissjoni kienet għamlet kampanja għal taħdidiet dwar investment fil-WTO minn ta' l-inqas l-1999, xi wħud mid-dokumenti mitluba kienu minn qabel Doha.

³⁰

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.



Il-Kummissjoni sostniet li l-Karti Konċettwali kienu l-uniċi dokumenti li jkopru negozjati possibbli dwar investiment multilaterali.

L-Ombudsman sab li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament 1049/2001 jitlob li, jekk applikazzjoni għal aċċess għal dokumenti ma tkunx preċiża biżżejjed, l-istituzzjoni għandha ssaqsi lill-applikant sabiex jiċċara l-applikazzjoni u tassisti lill-applikant f'dan, pereżempju billi tipprovdi informazzjoni dwar l-użu tar-reġistri pubbliċi ta' dokumenti. L-Ombudsman osserva li l-Kummissjoni la kienet irrispondiet għal-lista ta' kategoriji ta' dokumenti ta' l-ilmentatur, lanqas irreferietu għal reġistru pubbliku ta' dokumenti. L-Ombudsman ikkunsidra li dan seta' jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Huwa għalhekk ippropona soluzzjoni amikevoli li kienet tikkonsisti f'li l-Kummissjoni tipprovdi lill-ilmentatur lista kompleta ta' dokumenti eżistenti li jappartjenu għall-kategoriji mniżżla minn din il-persuna. Il-lista għandha tinkludi wkoll kull dokument eżistenti minn qabel il-Konferenza Ministerjali ta' Doha.

Bħala risposta, l-Kummissjoni spjegat illi hija kienet estendiet ir-riċerka tagħha u analizzat kull dokument bejn l-aħħar ta' l-1998 u l-Konferenza Ministerjali ta' Doha u li kienet waslet għal lista ta' 296 dokument, li hija kienet tispera li setgħu jilhq u t-talba ta' l-Ombudsman.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, min ilmenta spjega illi huwa kkunsidra li kienet intlaħqet soluzzjoni amikevoli u li kien ser jagħmel applikazzjoni għal aċċess, ibbażata fuq il-lista ta' dokumenti pprovduti mill-Kummissjoni. L-ilmentatur irringrazzja lill-Ombudsman għall-għajnuna tiegħu.

AĊĊESS GħAR-RIŻULTATI TA' L-EŻAMI TAS-SEWQAN

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1320/2003/(ADB)ELB
kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur applika għal post awżiljarju bħala sewwieq mal-Kummissjoni Ewropea u kien mistieden jipparteċipa fi prova ta sewqan fit-triq organizzata minn skola tas-sewqan. L-ilmentatur kien infurmat illi kien weħel minn dan l-eżami. Huwa talab mingħajr suċċess għal wiri tar-riżultati tiegħu, għax kien konvint li huwa kien għadda, meta tqis l-esperjenza tas-sewqan tiegħu, il-kwalifiki tiegħu u l-informazzjoni li ingħata minn impjegat ta' l-iskola tas-sewqan.

L-ilmentatur allega li rċieva risposti mhux konsistenti mill-Kummissjoni u li, għalkemm kien ġie infurmat li ma kienx fost il-kandidati li għaddew, qatt ma ġie infurmat bir-riżultati attwali tiegħu fl-eżami. L-ilmentatur ippretenda li l-Kummissjoni għandha tinfurmah bir-riżultati tiegħu fl-eżamijiet varji, kif ukoll bin-numru ta' kandidati li għaddew u r-riżultati tagħhom.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li d-direttur ta' l-iskola tas-sewqan kien informa lill-Kummissjoni li l-ilmentatur u tliet kandidati oħra ma kinux għaddew. Hija ssottomettiet li ma kinitx irċeviet id-dettalji ta' kull evalwazzjoni, imma riżultat ġenerali biss u stqarrija jekk il-kandidat kienx għadda jew falla kull eżami.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur irrefera għad-diskrepanzi illi kien sab bejn l-ispejgazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fl-opinjoni tagħha u l-informazzjoni illi kien kiseb matul laqgħa ma' uffiċjal responsabbli. L-uffiċjal imsemmi kien informa lill-ilmentatur li l-Kummissjoni kienet irċeviet riżultati għal kull wieħed mill-ħames eżamijiet li kienu jagħmlu parti mill-prova ta' sewqan fit-triq. L-uffiċjal tal-Kummissjoni kellu dan id-dokument miegħu fil-laqgħa. Madankollu, minħabba li kien fih ir-riżultati tal-kandidati kollha, kien irrifjuta li jagħti kopja lill-persuna li għamlet l-ilment. L-uffiċjal kien madankollu infurmah verbalment bir-riżultati tiegħu.

L-Ombudsman ispezzjona l-fajl tal-Kummissjoni. Ir-riżultati ta' l-ispezzjoni deħru li wrew li, kuntrarjament għall-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fl-opinjoni tagħha, kienet fil-fatt irċeviet id-dettalji ta' l-evalwazzjoni ta' kull kandidat. L-Ombudsman ikkonkluda li, għalkemm il-Kummissjoni kellha raġunijiet leġittimi biex ma tikkomunikax ir-riżultati ta' kandidati oħra lil din il-persuna, il-Kummissjoni ma kienet ippreżentat l-ebda raġuni għaliex l-ilmentatur m'għandux jingħata aċċess għar-riżultati tiegħu stess.



L-Ombudsman għalhekk ippropona soluzzjoni amikevoli. Huwa ssuġġerixxa li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur għal aċċess għar-riżultati tiegħu stess miksuba fl-eżami tat-triq.

Il-Kummissjoni aċċettat din il-proposta għal soluzzjoni amikevoli u baġtet lill-Ombudsman ir-riżultati miksuba mill-ilmentatur fl-eżamijiet varji li kienu jaġhmlu parti mill-prova ta' sewqan fit-triq. L-ilmentatur informa lis-servizzi ta' l-Ombudsman li kien dehrli li kienet intlaħqet soluzzjoni amikevoli.

Nota ulterjuri

L-ilmentatur sussegwentement baġhat ittra lill-Ombudsman, fejn esprima l-opinjoni li ma kienx korrett li persuni li jaħdmu f'istituzzjoni Ewropea tant importanti bħall-Kummissjoni, u li huma ħatja ta' żbalji, jibqgħu mhux ikkastigati. Bħala risposta, l-Ombudsman spjega li r-Regolament tal-Persunal jistabbilixxi proċeduri speċifiċi għat-teħid ta' dixxiplina fil-konfront ta' uffiċjali u qaddejja oħra u li ma kienx ir-rwol ta' l-Ombudsman li jieħu post dawn il-proċeduri. L-Ombudsman ressaq il-tħassib ta' l-ilmentatur għall-attenzjoni tal-Kummissjoni bħala Awtorità li Taħtar.

3.4 KAŻI MAGĦLUQA B'RIMARKA TA' KRITIKA MILL-OMBUDSMAN



3.4.1 Il-Parlament Ewropew

L-IMPLIMENTAZZJONI TA' REGOLI DWAR IT-TIPJIP

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 260/2003/OV kontra l-Parlament Ewropew

Uffiċjal, li taħdem għall-Parlament Ewropew fil-Lussemburgu, kienet ikkonċernata fuq tipjip fil-bini tal-Parlament. Skond l-uffiċjal, tmin snin wara li l-Parlament adotta regoli interni fuq tipjip fil-bini tiegħu (Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tat-12 ta' Lulju 1994), l-amministrazzjoni kienet għadha tonqos milli timplimenta u tinforza r-regoli fil-bini tagħha kollu. Hija kienet ilha tikteb ħafna ittri lill-amministrazzjoni fuq din il-kwistjoni sa minn Frar 1996. Madankollu, ftit azzjoni kienet ittieħdet.

Fil-5 ta' Frar 2003, l-uffiċjal għamlet ilment ma' l-Ombudsman Ewropew, fejn allegat li l-amministrazzjoni tal-Parlament kienet qed tonqos milli timplimenta u tinforza r-regoli interni fuq tipjip fil-bini kollu tagħha. Sabiex issostni l-każ tagħha, irriferiet għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2003 dwar il-protezzjoni tal-persunal kontra l-effett tad-duħħan tat-tabakk u żiedet li l-Parlament għandu jsegiwi dan l-eżempju³¹.

Fl-opinjoni tiegħu fuq l-ilment, il-Parlament insista li l-amministrazzjoni tiegħu kienet ħadet il-miżuri tekniċi u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tiżgura li r-regoli kienu applikati. Dawn il-miżuri kienu jinkludu t-twaħħil ta' ħafna sinjali ta' "no-smoking" u t-tqassim ta' numru kbir ta' komunikazzjonijiet fuq ir-regoli sew lill-persunal kif ukoll lill-Membri tal-Parlament. Il-Parlament, madankollu, żied illi "xi persuni sfortunament ma jħossuhomx marbuta b'dawn ir-regoli u jiksruhom, irrispettivament mill-isforzi magħmula mill-amministrazzjoni". Huwa indika illi "huwa d-dmir ta' kull individwu li jaġixxi b'mod responsabbli u jaġhmlha possibbli għal dawk li jpejpu u dawk li ma jpejpu li jgħixu flimkien." Huwa kompla josserva illi ma kienx qed japplika regoli li kienu radikalment differenti minn dawk stipulati mill-Kummissjoni.

³¹

Ir-regoli tal-Kummissjoni, li jaġhmlu l-bini tagħha kompletament mingħajr tipjip, dahl fuq fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.



Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman indika li, bl-adozzjoni ta' regoli dwar it-tipjip fil-bini tiegħu u billi kkomunika dawk ir-regoli lill-persunal tiegħu u lill-Membri b'avviżi varji, il-Parlament kien ħoloq stennija raġonevoli fost dawk li ma jpejpxux illi kien ser jieħu miżuri adegwati sabiex jippromwovi t-tħaris effettiv ta' dawn ir-regoli. L-Ombudsman ikkunsidra ulterjorment li, fid-dawl tal-possibiltà ta' effetti ħżiena fuq is-saħħa minħabba espożizzjoni għat-tipjip, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikulari għal bżonn li jiġi promoss ħarsien effettiv tar-regoli nterni fuq tipjip. Huwa indika li jkun esposti tal-persunal li jkun espost għal tipjip fuq il-post tax-xogħol iqajjem kwistjonijiet potenzjali ta' responsabilità legali. Filwaqt li għaraf il-miżuri li l-Parlament kien ħa, l-Ombudsman ma kkunsidrax l-opinjoni tiegħu illi huwa d-dmir ta' kull individwu li jaġixxi b'mod responsabbli, bħala risposta adegwata għall-problemi ta' nuqqas ta' ħarsien. Huwa għalhekk għamel rimarka ta' kritika.

Nota ulterjuri

Fit-13 ta' Lulju 2004, il-Bureau tal-Parlament Ewropew adotta deċiżjoni (PE 346.287/BUR) li tintroduċi regoli ġodda dwar tipjip fil-bini tal-Parlament Ewropew. L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni, li daħal fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tal-leġislatura 2004-2009, jistabbilixxi li "l-oġettiv ta' l-Istituzzjoni għandu jkun li jilħaq ambjent nieqes kompletament mit-tipjip fil-bini tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007". Id-deċiżjoni ugwalment tintroduċi miżuri transitorji sa l-1 ta' Jannar 2007, bħal poter mogħti lill-persunal tas-sigurtà li jneħħi mill-bini tal-Parlament kull individwu li jirrifjuta li jħares dawn ir-regoli.



3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

AĊĊESS GĦAL FAJLS PERSONALI F'KAŻ TA' RTIRAR KMIENI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2046/2003/GG kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Uffiċjal tal-Kunsill xtaq jagħmel użu minn miżuri ntrodotti mill-Kunsill li joffru lill-uffiċjali tagħha rtirar kmieni speċjali (*dégagement*) fil-kuntest tal-modernizzazzjoni ta' l-istituzzjoni. Regolament tal-Kunsill kien jistabbilixxi li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħżel l-uffiċjali li lilhom hija xtaqet tagħti rtirar kmieni, minn lista ta' applikanti, wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat konġunt tagħha. Il-Kumitat Konġunt jikkonsisti f'numru uguali ta' rappreżentanti ta' l-Awtorità li Taħtar u l-Kumitat tal-Persunal. Skond Deċiżjoni li timplimenta r-Regolament, id-Deputat-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill kellu jistabbilixxi abbozz ta' lista ta' kandidati, li kellha mbagħhad tiġi ppreżentata lill-Kumitat Konġunt għal opinjoni.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur stqarr illi l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet miċħuda, kif kien l-ilment tiegħu lill-Kunsill. Huwa kkritika l-fatt li l-Kumitat Konġunt ma kienx ingħata aċċess għall-fajls personali ta' l-applikanti li, fl-opinjoni tiegħu, kien poġġa lil-Kumitat Konġunt f'inkapaċità li jipprova lill-Awtorità li Taħtar b'opinjoni sostanzjata. Huwa ppretenda li d-Deċiżjoni li timplimenta r-Regolament għandha titneħħa. Bħala dokument ta' sostenn, l-ilmentatur ippreżenta dikjarazzjoni mhux iffirmita minn membri tal-Kumitat Konġunt. Skond id-dikjarazzjoni, membri tal-Kumitat Konġunt kienu staqsew diversi drabi għal aċċess għall-fajls, suġġett għal kunsens ta' l-applikanti, imma dan l-aċċess kien ġie rrifjutat kategorikament.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill argumenta li d-Deċiżjoni kienet kompletament skond ir-Regolament. Il-Kumitat Konġunt kellu l-informazzjoni kollha li kellu bżonn sabiex jeżamina l-lista ta' kandidati. Madankollu, skond ir-Regolament 45/2001³², l-informazzjoni li ngħatat kellha tieqaf hekk kif tkun se tinkixef data personali.

³²

Regolament (KE) No 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 fuq il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u l-moviment ħieles ta' din id-data, ĠU 2001 L 8/1.



L-Ombudsman aċċetta li d-Deċiżjoni kienet skond ir-Regolament tal-Kunsill, sakemm il-lista ta' uffiċjali tkun adottata biss *wara* konsultazzjoni mal-Kumitat Konġunt. Madankollu, huwa kkunsidra li sabiex ikun jista' jifforma u jesprimi l-opinjoni tiegħu b'mod utli, il-Kumitat Konġunt kellu jkollu fil-pussess tiegħu l-informazzjoni kollha rilevanti. Mill-bqija, il-konsultazzjoni titqies bħala sempliċi formalità. L-Ombudsman kien konxju li aċċess għal data personali tista' tingħata biss skond ir-Regolament 45/2001. Madankollu, kull ostakolu għal wiri bħal dan inħoloq mill-Kunsill innifsu, li naqas milli jinforma lill-applikanti li d-"data" personali tagħhom tista' tiġi ppreżentata lill-Kumitat Konġunt.

L-Ombudsman ikkonkluda li billi jirrifjuta li jagħti aċċess lill-Kumitat Konġunt għall-fajls jew meta naqas li jiżgura l-possibiltà li dan l-aċċess jista' jingħata, il-Kunsill ma kienx ta lill-Kumitat Konġunt il-possibiltà li jesprimi l-opinjoni tiegħu b'mod utli. Għalhekk in-nuqqas minn naħa tal-Kunsill li jikkonsulta b'mod adegwat mal-Kumitat Konġunt jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Għal din ir-raġuni l-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika.



3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea

KLASSIFIKAZZJONI INQAS FAVOREVOLI BĦALA RIŻULTAT TA' DEWMEN FIR-REKLUTAĠĠ

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1435/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Ċittadin Svediż ħa sehem u għadda f'kompetizzjoni ta' reklutaġġ tal-Kummissjoni għal Amministraturi Prinċipali. F'Lulju 1999, l-isem tiegħu tpoġġa f'lista ta' riżerva. Sa l-aħħar ta' l-1999, regoli favorevoli għar-reklutaġġ ta' kandidati mill-Istati Membri li dak iż-żmien kienu ġodda (Awstrija, Filandja u Żvezja) kienu applikabbli, b'mod partikolari għal dak li kien jirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' salarji.

F'Diċembru 1999, il-kandidat irċieva offerti verbali għal żewġ postijiet tax-xogħol mal-Kummissjoni. Huwa aċċetta x-xogħol fil-Lussemburgu mad-Direttorat Ġenerali (DG) Soċjetà Informatika, billi assumu li l-Kummissjoni kienet se tieħu ħsieb għall-offerta bil-miktub neċessarja qabel l-aħħar tas-sena. Madankollu, ix-xogħol instab li kien wieħed ta' riċerka li kien għad irid jiġi ttrasformat f'xogħol permanenti. Il-kandidat qies dan bħala ftehim ħażin intern. Huwa ġie infurmat bil-problema meta, skond hu, kien tard wisq biex jaċċetta offerta oħra li kien irċieva. Fl-aħħar saret offerta bil-miktub f'Mejju 2000, u l-kandidat beda jaħdem għad-DG Soċjetà Informatika f'Settembru 2000. Madankollu, il-Kummissjoni kklasifikatu f'parentesi ta' salarju iktar baxx minn dak li kien jirċievi kieku r-regoli favorevoli ġew applikati.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, il-kandidat argumenta li persuni mill-istess lista ta' riżerva għandhom jirċievu l-istess trattament. Huwa deherlu li l-Kummissjoni setgħet għamlet offerta kondizzjonata ta' impjieg qabel ma' skadew r-regoli favorevoli.

Il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li l-ilmentatur kien ġie ttratat eżattament bl-istess mod bħal kandidati l-oħra kollha ta' kompetizzjonijiet ta' tkabbir reklutati wara l-aħħar ta' l-1999. Dwar il-possibiltà ta' offerta kondizzjonata, hija argumentat li setgħet tagħmel offerta bħal din biss jekk post tax-xogħol kien formalment disponibbli, li ma kienx il-każ f'din is-sitwazzjoni.

Minħabba li l-Kummissjoni ma kkontestatx ir-rakkont ta' l-attivitajiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman ikkunsidra li l-ilmentatur kien twassal biex jemmen li kien se jibbenefika mir-regoli preferenzjali fir-reklutaġġ tiegħu. Huwa kkunsidra wkoll li kien hemm dewmien fir-reklutaġġ minħabba ftehim ħażin intern, li għamilha impossibbli għall-ilmentatur li jieħu offerta ta' xogħol oħra. L-Ombudsman għalhekk ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-klassifikazzjoni ta' l-ilmentatur kienet inġusta u tikkonstitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Huwa għamel proposta għal soluzzjoni



amikevoli, billi stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li teżamina mill-ġdid il-klassifikazzjoni ta' l-ilmentatur. Il-Kummissjoni rrifjutat din il-proposta u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni konsegwenti ta' l-Ombudsman.

L-Ombudsman iddeplora l-attitudni murija mill-Kummissjoni. Il-fatt li l-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda kumment fuq l-allegat ftehim ħażin intern, fl-opinjoni tiegħu, ma kienx konformi ma' l-obbligi li l-liġi ta' l-UE timponi fuq istituzzjonijiet Komunitarji fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħhom sew ma' l-Ombudsman u ma' l-ilmentaturi. Għalhekk huwa għamel rimarka ta' kritika.

NUQQAS TA' ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAL SOSPENSJONI FIL-PAGAMENTI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1889/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Kumpanija Belġjana daħlet f'kuntratt mal-Kummissjoni Ewropea taħt il-programm tal-Kummissjoni ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni ta' soċjetà informatika li tkun "user-friendly", magħrufa bħala "IST programme". Il-kumpanija ppreżentat proġett (the "IST project"), u l-Kummissjoni aċċettat li tipprovdi għajjnuna finanzjarja sa kważi EUR 450 000. Wara li l-kumpanija kienet diġà rċeviet żewġ pagamenti, il-Kummissjoni rrifjutat li tagħmel it-tielet u r-rabà pagament. Hija qalet li kienet ħarġet ordni ta' rkupru, wara verifika finanzjarja dwar proġett preċedenti li l-kumpanija kienet issottometiet lill-Kummissjoni (l-"Esprit project"). Il-kumpanija kienet ippreżentat appell dwar l-"Esprit project" fil-Qorti ta' l-Ewwel istanza, u l-Kummissjoni infurmat lill-kumpanija li pagamenti għall-kuntratt il-ġdid kienu se jiġu sospiżi sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, il-kumpanija allegat li l-Kummissjoni kienet aġixxiet arbitrarjament u unilateralment, u li kienet abbużat mill-pożizzjoni tagħha ta' poter. Hija rrapurtat li żewġ uffiċjali tal-Kummissjoni kienu stqarrew b'mod espliċitu matul laqgħa li l-Kummissjoni ma kinitx ser tipprova tirkupra l-ammonti taħt l-"Esprit project" mill-pagamenti li kellhom isiru taħt l-"IST project".

Il-Kummissjoni ma kkontestatx li l-pagamenti ġew sospiżi għal raġunijiet mhux relatati ma' l-"IST contract". Madankollu, hija argumentat li kienet intitolata li tagħmel hekk, għax kellha tiżgura l-protezzjoni ta' l-interess finanzjarju tal-Komunità. Hija għamlet referenza għal dispożizzjoni ta' l-"IST contract", li kien jintitolha toħroġ somom li kellhom jingħataw lura lill-Komunità billi tiġbed minn somom "ta' kwalunkwe tip".

L-Ombudsman jikkunsidra li amministrazzjoni ħażina tista' tinsab f'każijiet li jinvolvu t-twetiq ta' obligazzjonijiet li joħorġu minn kuntratti konklużi minn istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE. Madankollu, minħabba li jikkunsidra wkoll li kwistjonijiet ta' allegat ksur ta' kuntratt jistgħu jkunu ttrattati biss b'mod effettiv minn qorti, huwa llimita l-inkjesta tiegħu f'dan il-każ għal eżami ta' jekk il-Kummissjoni kinitx tatu rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħha.

Wara eżami dettaljat, li kien jinkludi spezzjoni tal-fajl rilevanti tal-Kummissjoni u t-teħid tax-xhieda tal-Kap ta' l-Unità tal-Kummissjoni, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni ma kinitx ressqet ġustifikazzjoni koerenti u raġonevoli ta' l-azzjonijiet tagħha. Huwa ma kienx konvint li s-"somom ta' kwalunkwe tip" imsemmija fil-klawsola rilevanti fil-"kuntratt IST" jistgħu jirreferu għal somom relatati ma' kuntratt ieħor. Iktar importanti minn hekk, ħlaq lura kien eskluż taħt il-liġi applikabbli għal kuntratt, fejn it-talba kienet is-suġġett ta' kwistjoni serja. L-Ombudsman ikkunsidra li dan kien il-każ f'din is-sitwazzjoni, minħabba li min ilmenta kien argumenta b'mod konsistenti kontra l-pretensjoni tal-Kummissjoni taħt l-"Esprit project" u kien finalment issottometta każ quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza. Barra minn hekk, l-Ombudsman innota li l-klawsola rilevanti fl-"IST contract" kienet tintitola lill-Kummissjoni, taħt ċertu ċirkustanti biss, li tipproċedi għal ħlaq lura. Ma kinitx tintitolha li sempliċiment tonqos li tħallas.

Il-Kummissjoni rrifjutat l-isforz ta' l-Ombudsman li jilħaq soluzzjoni amikevoli u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni konsegwenti tiegħu. Minħabba li ma kienx jidher liema azzjoni l-Parlament Ewropew seta jieħu sabiex jassisti lill-Ombudsman u lill-persuna li lmentat fil-każ preżenti, l-



Ombudsman iddeċieda li ma jippreżentax rapport speċjali lill-Parlament. Għalhekk huwa għamel rimarka ta' kritika dwar in-nuqqas minn naħa tal-Kummissjoni li tispjega fuq liema bażi kellha d-dritt li tissospendi l-pagamenti.

ÇAĦDA TA' RADD LURA TA' SPEJJEŻ TAS-SEGRETARJA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1986/2002/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea

Istitut Olandiż kien wieħed mill-Forums fin-Netwerk Ewropew ta' Forums Urbani għal Żvilupp Sostenibbli, programm amministrat mid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni. Għalkemm kien ingħata assigurazzjoni verbali mill-Kummissjoni li l-ispejjeż li kien qed jidħol għalihom sabiex jipprovdi servizzi ta' segretarjali tan-Netwerk kienu se jiġi rimborsati, il-Kummissjoni fl-aħħar ċaħdet it-talba tiegħu. L-Istitut dar għall-Ombudsman f'Novembru 2002, billi indika li kien kiteb diversi drabi lill-Kummissjoni jitolbha li tikkonkludi kuntratt formali għal għajjuna bħala segretarju li kien qed jipprovdi. L-ispejjeż mitluba mill-Istitut kienu jlaħħqu għal aktar minn EUR 170 000.

Il-Kummissjoni argumentat li hija dejjem tagħlaq kwistjonijiet kuntrattwali bil-miktub. Hija ndikat ukoll li l-ilmentatur kien ġie nfurmat verbalment li l-proposta tiegħu ma setgħetx titqies. Filwaqt li kien jiddispjaċiha bl-assenza ta' risposta bil-miktub għall-ittri ta' l-ilmentatur, hija qalet li l-għarfien ta' l-ilmentatur tal-proċeduri normali tal-Kummissjoni ma setgħux iħalluh jemma li l-Kummissjoni kienet daħlet f'kompromessi.

L-Ombudsman ikkonkluda li ċ-ċaħda tat-talba għal rimbors mill-Kummissjoni dehret inġusta u kienet ibbażata fuq informazzjoni mhux ċara. L-argument tal-Kummissjoni dwar l-għarfien preżunt ta' l-ilmentatur tal-proċeduri normali tagħha kien, skond l-Ombudsman, la legali u lanqas konvinċenti. Għalkemm il-Kummissjoni kienet uriet li hija dejjem tagħlaq kwistjonijiet kuntrattwali bil-miktub, hija naqset milli tipprovdi risposta bil-miktub għall-ittri ta' l-ilmentatur ta' l-4 ta' Lulju u tas-7 ta' Ottubru 1997. L-Ombudsman stieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha, bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni amikevoli, u żied li dan seta jinvolve offerta raġonevoli li setgħet tkun inqas mill-ammont pretiż. Minħabba li l-Kummissjoni irrifjutat is-soluzzjoni amikevoli proposta u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni sussegwenti ta' l-Ombudsman li l-Kummissjoni għandha tirrimborsa lill-istitut, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka ta' kritika.

Nota Ulterjuri

Il-Kummissjoni rreaġixxiet għar-rimarka ta' kritika f'ittra tas-17 ta' Novembru 2004, fejn qalet li kien jiddispjaċiha li l-aspettativi ta' l-ilmentatur ma kinux ippreżentati bil-miktub f'limitu ta' żmien raġonevoli u b'mod adegwat u mhux ambigwu. Hija ndikat ukoll li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba li s-servizzi tagħha għandhom jirrispettaw ġew minn dak iż-żmien mniżżla b'mod aktar ċar fil-Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba, li kien ġie adottat mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ottubru 2000.

NUQQAS TA' REĠISTRAZZJONI TA' L-ILMENTI TAĦT ARTIKOLU 226

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2007/2002/ADB kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatriċi, organizzazzjoni Taljana li tipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema Taljani, kienet qed issegwi mill-viċin il-miżuri li ttieħdu mill-Italja sabiex timxi skond sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar sigurtà soċjali għal ħaddiema emigranti³³. L-ilmentatriċi kienet imħassba dwar il-kalkolazzjoni ta' pensjonijiet imħallsa mill-Italja lill-pensjonanti li għamlu parti mill-ħajja ta' ħidma tagħhom fl-Italja iżda li kienu jgħixu barra.

33

Każ C-132/96, Antonio Stinco u Ciro Panfilo v. Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), [1998] ECR I-5225.



L-ilmentatriċi ressqet ilment ma' l-Ombudsman u allegat li (i) l-Kummissjoni kienet naqset li tittratta b'mod adegwat l-ilmenti tagħha kontra l-Italja, (ii) li kienet naqset milli tieħu azzjoni kontra l-Italja u (iii) li kienet tat tveġibiet żbaljati fl-istruttura ta' mistoqsijiet miktuba li tpoġġew lilha minn Membru tal-Parlament Ewropew (MEP).

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li għalkemm risposti kienu ntbaġħtu f'diversi okkażjonijiet, l-ebda risposta dwar is-sustanza ta' din il-problema ma kienet intbaġħtet għall-ittri ta' l-ilmentatriċi qabel Frar 2003. Il-Kummissjoni stqarriet ulterjorment li seta kien hemm dubji dwar il-bżonn li l-ittri ta' l-ilmentatriċi jiġu rreġistrati bħala lmenti. Fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar relazzjonijiet ma' l-ilmentatriċi fir-rispett ta' ksur ta' liġi Komunitarja³⁴, il-Kummissjoni qalet li dubji bħal dawn ma kellhomx jeżistu aktar. Il-Kummissjoni spjegat li nterpretazzjoni ta' sentenza kienet qajmet diskussjonijiet estensivi fil-Kummissjoni u ma' Stati Membri. Hija kkunsidrat li s-servizzi tagħha u l-ilmentatriċi kellhom nterpretazzjonijiet differenti tal-liġi Komunitarja, b'mod partikulari dwar is-sitwazzjoni ta' daww il-pensjonanti li jgħixu fi Stati Membri minbarra l-Italja li huma ntitolati għal pensjoni mħallsa mill-Italja. Fl-ittra tagħha lill-ilmentatriċi, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretenzjoni ta' l-ilmentatriċi li l-Kummissjoni għandha taqbeż għaliha kontra l-Italja. Finalment, il-Kummissjoni qalet li ma kinitx taqbel ma' l-opinjoni ta' l-ilmentatriċi li r-risposta tagħha lil MEP kienet żbaljata.

L-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tat-tieni u t-tielet allegazzjoni ta' l-ilmentatriċi, li kienet tibbaża fuq differenza ta' nterpretazzjoni ta' sentenza. Dwar in-nuqqas li jingħata s-segwitu adegwat għall-ittri ta' l-ilmentatriċi, l-Ombudsman osserva li anke qabel il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq, il-prattika normali tagħha kienet li tirreġistra l-ilmenti kollha, mingħajr eċċezzjoni. In-nuqqas li jsir dan fil-każ ta' l-ilmentatriċi jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Minħabba li dan l-aspett tal-każ kien jikkonċerna proċeduri relatati ma' attivitajiet speċifiċi fil-passat, ma kienx xieraq li titfittex soluzzjoni amikevoli tal-kwistjoni. L-Ombudsman għalhekk indirizza rimarka ta' kritika lill-Kummissjoni.

ITTRATTAR TA' LMENT DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2185/2002/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatur għamel żewġ ilmenti lill-Kummissjoni, fis-17 t'April 2000 u fit-22 ta' Mejju 2002, dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija mill-Gvern Portugiż lill-kumpanija li jimpakkettaw l-ikel Portugiż. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset milli tittratta b'mod adegwat l-ilment tiegħu mressaq fis-17 t'April 2000 u li tirrikonoxxi li rċeviet l-ilment tiegħu tat-22 ta' Mejju 2002.

Fir-rigward ta' l-ewwel ilment, il-Kummissjoni spjegat li s-servizzi tagħha kienu kkuntattjaw l-awtoritajiet Portugiżi u staqsew għal kjarifikazzjonijiet fuq il-kwistjoni rilevanti. Wara r-risposta mill-awtoritajiet Portugiżi, rapport dwar għajnuna mill-istat ġie miftuħ f'Jannar 2001. F'Lulju 2001, il-Kummissjoni kienet talbet aktar informazzjoni mill-awtoritajiet Portugiżi. Fir-rigward tat-tieni lment, il-Kummissjoni kienet fetħet rapport f'Settembru 2002 u kienet tablet informazzjoni mill-awtoritajiet Portugiżi f'Novembru 2002. Madankollu, l-ebda risposta ma nġhatat. Il-Kummissjoni għamlet apoloġija għan-nuqqas ta' rikonoxximent li rċeviet l-ittra ta' l-ilmentatur tat-22 ta' Mejju 2002.

F'Lulju 2003, l-Ombudsman kiteb lill-Kummissjoni. Huwa talabha tinfurmah dwar jekk kinitx irċeviet issa risposta mill-awtoritajiet Portugiżi fuq it-talbiet tagħha għal informazzjoni ta' Lulju 2001 u Novembru 2002. Jekk din ir-risposta ma kinitx waslet, huwa talab li l-Kummissjoni tispjega wkoll liema azzjoni kienet ħadet jew li kienet bi ħsiebha li tieħu sabiex tikseb l-informazzjoni mitluba.

Dwar l-ewwel ilment, il-Kummissjoni wiegħbet li l-awtoritajiet Portugiżi kienu nfurmawha li l-ġurnalisti Portugiżi kienu ppubblikaw l-informazzjoni dwar bejgħ possibbli, mill-gvern reġjonali

34

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet ma' l-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi komunitarja (COM/2002/0141 final); ĠU 2002 C 244/5.



ta' l-Azores, tas-sehem tagħha fil-kumpanija msemija. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom isegwu żviluppi fuq din il-materja u jżommu lill-Kummissjoni nfurmata.

Fir-rigward tat-tieni lment, l-awtoritajiet Portugiżi kienu taw aktar informazzjoni lill-Kummissjoni f'Ġunju 2003. A bażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni qieset li kien neċessarju li titlob informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Portugiżi fit-18 ta' Lulju 2003.

Fl-24 ta' Novembru 2003, l-Ombudsman kiteb ittra oħra lill-Kummissjoni, fejn talab lill-istituzzjoni tispjega liema miżuri kienet ħadet sabiex tikseb l-informazzjoni mill-awtoritajiet Portugiżi. Huwa talab ukoll lill-Kummissjoni tikkumenta fuq l-affermazzjoni ta' l-ilmentatur, li saret fl-osservazzjonijiet tiegħu, li l-istituzzjoni kellha tibda proċeduri ta' ksur kontra l-Portugall.

Il-Kummissjoni rrispondiet li kienet qegħda ssegwi eżaminazzjoni ta' l-ewwel ilment fuq il-bażi ta' l-aħħar informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Portugiżi. Fir-rigward tat-tieni lment, il-Kummissjoni kienet tablet iktar informazzjoni mill-awtoritajiet Portugiżi f'Lulju 2003. Barra minn hekk, l-istituzzjoni ndikat li ż-żewġ rapporti kienu qed jiġu ittrattati skond proċeduri applikabbli għal każijiet dwar għajnuna mill-istat. Il-punt imqajjem mill-ilmentatur dwar l-opportunità li tinbeda proċedura kontra l-Portugall taħt Artikolu 226³⁵ tat-Trattat tal-KE kien għalhekk irrilevanti.

L-ilmentatur innota li, bħala konsegwenza ta' l-intervent ta' l-Ombudsman, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu ħadu azzjoni fir-rigward ta' l-ilment tiegħu.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika lill-Kummissjoni. Huwa kien ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni ma kinitx ippreżentat, minkejja talba speċifika mill-Ombudsman, spjegazzjoni konvinċenti għaliex matul kważi sentejn, ma kinitx ħadet azzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' l-awtoritajiet Portugiżi li jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Nota ulterjuri

Permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni rreaġixxiet għar-rimarka ta' kritika. Hija għamlet apoloġija għad-dewmien li kien seħħ biex jiġi trattat l-ilment ta' l-ilmentatur u stqarret li l-awtoritajiet Portugiżi kienu ġew mitluba jipprovdu lill-istituzzjoni aktar informazzjoni sa l-aħħar ta' Ġunju 2004.

NUQQAS LI JIĠI ŻGURAT LI GĦALLIEMA TAL-LINGWA JIĠU DDIKJARATI BĦALA ĦADDIEMA FULL-TIME

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2204/2002/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatur huwa għalliem tal-lingwa Portugiża li jaħdem għall-Kummissjoni Ewropea. Huwa rtira fl-1 ta' Novembru 2003. Mill-1986 'l quddiem, l-ilmentatur kellu kuntratt ta' impjeg permanenti taħt il-liġi Belġjana u kien jaħdem 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-Ministeru tax-Xogħol u Pensjonijiet Belġjan kien indika f'ħafna okkażjonijiet li kuntratt ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa jista' jiġi kkunsidrat bħala xogħol ta' għalliem full-time, sakemm min iħaddem jikkonferma dan f'dikjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti Belġjani. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet din id-dikjarazzjoni lill-awtoritajiet Belġjani għal parti biss mill-perjodu mill-1986 sa 2002. Dan kellu riperkussjonijiet serji fuq il-kalkolu tal-pensjonijiet ta' l-għalliema konċernati, minħabba li bħala konsegwenza kienu se jirċievu n-nofs biss tal-pensjonijiet li kellhom ikunu intitolati għalihom għas-snin li għalihom id-dikjarazzjoni ma saritx b'mod korrett.

Fit-13 ta' Diċembru 2002, l-ilmentatur ressaq lment ma' l-Ombudsman Ewropew. Huwa allega li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiddikjara kuntratt ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa bħala xogħol

³⁵

l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE jagħti l-poter lill-Kummissjoni li tibda proċeduri kontra Stat Membru fir-rigward ta' ksur ta' liġi Komunitarja. Kulħadd jista' jressaq ilment ("ilment taħt Artikolu 226") mal-Kummissjoni kontra Stat Membru dwar kwalunkwe miżura ta' l-istat jew prattika amministrattiva li huwa/hija tikkunsidra mhux kompatibbli mal-liġi Komunitarja.



ta' għalliem full-time lill-awtoritajiet Belġjani. Huwa allega ulterjorment li l-Kummissjoni kienet naqset milli tagħti risposta definittiva għat-talba tar-rappreżentanti ta' l-għalliema tal-lingwi dwar id-dikjarazzjonijiet lill-awtoritajiet Belġjani.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni qalet li fid-9 ta' Marzu 2000, kienet bagħtet dikjarazzjoni lill-Ministeru tax-Xogħol Belġjan, fejn kienet tablet li kuntratt ta' għoxrin siegħa fil-gimġha jitqies bħala xogħol ta' għalliem full-time. F'Novembru 2001, il-Kummissjoni u l-għalliema tal-lingwi kienu għamlu abbozz ta' dikjarazzjoni, approvat mis-Servizzi Legali tal-Kummissjoni, fejn il-Kummissjoni kienet iddikjarat lill-Ministeru tax-Xogħol Belġjan li kuntratt ta' għoxrin siegħa fil-gimġha kellu jiġi kkunsidrat bħala xogħol ta' għalliem full-time. Il-Kummissjoni fl-aħħar ma kinitx ikkunsidrat addattata li tibagħat id-dikjarazzjoni lill-awtoritajiet Belġjani, minħabba l-fatt li seta kien fiha nformazzjoni falza jew mhux kompleta fuq il-lista ta' numru ta' siegħat li nħadmu mill-għalliema. Fis-7 ta' Marzu 2003, il-Kummissjoni kienet ikkuntattjat l-awtoritajiet Belġjani sabiex tikseb risposta għall-ittra tagħha datata 9 ta' Marzu 2000. Fid-data li tressqet l-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni kienet għadha ma rċevietx risposta.

F'Settembru 2003, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni tispjega għaliex kienet tqis li hija kienet wettqet l-obbligazzjonijiet tagħha kollha fuq dan is-suġġett. Huwa talabha wkoll tindika x'miżuri kienet ħadet sabiex tikseb risposta mill-awtoritajiet Belġjani għall-ittra tagħha tad-9 ta' Marzu 2000 u jekk kinitx tat segwitu għall-abbozz tad-dikjarazzjoni konġunta datata 2001.

Il-Kummissjoni qalet li kienet saret laqgħa ma' l-awtoritajiet Belġjani kkonċernati fit-30 ta' Marzu 2000. Fis-7 ta' Marzu 2003, il-Kummissjoni kienet ikkuntattjat l-awtoritajiet Belġjani sabiex tikseb risposta għall-ittra tagħha datata 9 ta' Marzu 2000. Laqgħa oħra kienet saret fis-17 ta' Lulju 2003, fejn ġiet miftiehma proċedura komuni li kellha tiġi segwita. Il-Kummissjoni dehrilha illi kienet wettqet id-doveri tagħha billi bagħtet l-ittri datati 3 u 29 t'Ottubru 2003 lill-awtoritajiet Belġjani, li fihom hija nkludiet id-dokumentazzjoni kollha li kellha f'idejha tagħha. Hija għamlet dikjarazzjoni oħra għall-perjodu qabel l-1992, f'ittra mibgħuta lill-awtoritajiet Belġjani fil-11 ta' Novembru 2003.

L-ilmentatur irrikonoxxa li matul laqgħa li saret fis-17 ta' Lulju 2003 bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Belġjani, il-Kummissjoni kienet iddikjarat illi kuntratt ta' għoxrin siegħa fil-gimġha kien jikkorispondi għal xogħol ta' għalliem full-time, jiġifieri, għal 660 siegħa fis-sena.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman dehrli li l-Kummissjoni kienet tidher li segwiet ix-xewqat ta' l-ilmentatur. Huwa kkunsidra madankollu li, anke jekk wieħed jassumi li l-approċ deskritt mill-Kummissjoni jista' jkun ikkunsidrat bħala biżżejjed fil-kuntest preżenti, jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni ma kienet tat l-ebda spjegazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' azzjoni tagħha bejn Mejju 2001 u Marzu 2003. L-Ombudsman għalhekk għamel rimarka ta' kritika kontra l-Kummissjoni, li tgħid li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jeħtieġu li l-Kummissjoni għandha taħdem b'mod diliġenti u f'perjodu ta' żmien raġonevoli b'talbiet ta' din in-natura.

Billi kien sar skambju ta' korrispondenza bejn ir-rappreżentanti ta' l-għalliema tal-lingwi u l-Kummissjoni matul l-ewwel nofs ta' l-2002, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx hemm bżonn li jiġi segwiti aktar inkjesti fl-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet lir-rappreżentanti b'risposta definittiva fir-rigward tad-dikjarazzjoni lill-awtoritajiet Belġjani.

Nota

Konklużjoni simili ġiet milħuqa mill-Ombudsman fil-każ 2137/2002/MF.

TRATTAMENT INĠUST TA' ORGANIZZAZZJONI AMBJENTALI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 278/2003/JMA (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea

Organizzazzjoni ambjentali Spanjola kienet talbet għal għajjnuna finanzjarja taħt il-programm ta' azzjoni tal-Komunità għall-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi. It-talba



ċaħdet mill-Kummissjoni, minħabba li azzjoni legali kontra l-organizzazzjoni kienet qed tinstema' f'dak iż-żmien quddiem il-qrati Spanjoli. Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-organizzazzjoni allegat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tagħha ma kinitx ibbażata fuq il-provvedimenti tas-Sejħa għal Preżentazzjoni ta' Proposti u talbet li t-talba tagħha għal għajna titqies mill-ġdid.

Il-Kummissjoni argumentat li, meta tidħol f'obbligazzjoni legali, hija għandha tiżgura, a bażi ta' mmaniġjar finanzjarju b'saħħtu, il-pożizzjoni legali u finanzjarja tal-benefiċjarju, kif ukoll l-integrità ġenerali tiegħu. Il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li kien hemm bażi suffiċjenti sabiex tassumi li dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ma ntlaħqux.

L-Ombudsman innota li fiż-żmien meta l-Kummissjoni kienet qed teżamina l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur, kien jidher li kienet qed titmexxa inkjesta preliminari f'każ allegat ta' falsifikazzjoni minn naħa ta' l-organizzazzjoni mill-prokuratur pubbliku Spanjol. Barra minn hekk, l-għeluq tal-proċedura ta' għażla tal-Kummissjoni saret qabel ma l-Maġistrat responsabbli għall-inkjesta kien ħeles lill-organizzazzjoni.

L-Ombudsman isibha raġonevoli li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk il-pożizzjoni legali u finanzjarja ta' benefiċjarji potenzjali u l-integrità ġenerali tagħhom tidhirx li hi affidabbli. Madankollu, huwa jqis li fit-tehd ta' miżuri sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tfitteż li tikseb bilanċ ġust bejn l-interessi ta' persuni privati u l-interess pubbliku ġenerali. B'dan il-mod, benefiċjarji potenzjali ta' l-għajna finanzjarja tagħha jiġu ttrattati kemm ġustament u bir-rispett dovut għal preżunzjoni ta' innoċenza. L-Ombudsman huwa ta' l-opinjoni li huwa diffiċli li timmaġina kif il-Kummissjoni tista' tikseb bilanċ ġust, jekk hija ma tikkomunikax kull dubju li jista' jkollha lill-applikant fir-rigward tal-pożizzjoni legali ta' l-applikant. Wara għandha tkun ippreparata li tisma' u tirrispondi għall-informazzjoni pprovduta mill-applikant.

Fil-każ preżenti, l-Ombudsman osserva li l-istituzzjoni llimitat ruħha li tqis biss l-eżistenza formali ta' nkjesta kriminali u l-allegazzjonijiet li saru fuq dik il-bażi, mingħajr ma fittxet li tivverifika l-informazzjoni.

L-Ombudsman osserva wkoll li għalkemm il-Kummissjoni stiednet lill-ilmentatur sabiex iressaq evidenza fuq il-pożizzjoni legali ta' l-organizzazzjoni tiegħu, ma kienx jidher li kienet wiegħbet għal dik l-evidenza meta din saret disponibbli.

L-Ombudsman għalhekk sab li l-Kummissjoni ma setgħetx turi li kienet kisbet bilanċ ġust bejn il-bżonn li ssewi amministrazzjoni finanzjarja b'saħħitha ta' l-għotjiet tagħha, u d-dritt ta' l-ilmentatur li jiġi ttrattat sew ġustament u bir-rispett dovut għal suppożizzjoni ta' innoċenza. Huwa kkonkluda li l-Kummissjoni ma kinitx ittrattat lill-ilmentatur b'mod ġust, bi ksur ta' Artikolu 6 (2) tal-Kodiċi Ewropew dwar Imġiba Amministrattiva Tajba.

L-Ombudsman ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li problemi simili jistgħu jiġu evitati jekk l-istituzzjoni tagħti struzzjonijiet lis-servizzi tagħha dwar kif f'każijiet bħal dawn jirrispettaw bilanċ ġust bejn l-interessi ta' nies privati u l-interess pubbliku ġenerali.

L-Ombudsman ħa nota wkoll ta' l-istqarrija tal-Kummissjoni li l-perjodu ta' stima finanzjarja tagħha ta' l-2002 kien issa magħluq, u li għalhekk it-talba ta' l-ilmentatur għal għajna ma setgħetx tintlaħaq. Huwa indika, madankollu, li xejn ma kien iżomm lill-ilmentatur milli jressaq applikazzjoni sabiex jingħataw fondi rigward kwalunkwe proċedura li kienet għadha miftuħa.

AĊĊESS GĦALL-PROFESSIONI TA' AVUKAT FL-ITALJA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 701/2003/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatur, avukat Taljan, ilmenta mal-Kummissjoni li s-sistema li tikkonċerna aċċess għall-professjoni ta' avukat fl-Italja hija kuntrarja għar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżla fit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Skond l-ilmentatur, wara kważi sentejn, huwa kien irċieva biss ittra ta'



rikonoxximent mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kienet naqset milli tagħmel eżami dettaljat ta' l-ilment tiegħu. Huwa sostna li l-istituzzjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid l-ilment tiegħu.

Il-Kummissjoni argumentat li ma kinitx issibha bżonnjuża li tibgħat tiċħid formali ta' l-ilment ta' l-ilmentatur, minħabba li kienet diġà infurmatu li aċċess għall-professjoni ta' avukat fl-Italja huwa regolat bil-liġi u, bħala prinċipju ġenerali, mhuwiex kopert mir-regoli dwar kompetizzjoni.

L-Ombudsman sab li, għal dak li għandu x'jaqşam ma' l-aspett ta' proċedura tal-każ, billi l-ittra mibgħuta mill-ilmentatur ma ġietx irreġistrata bħala lment, il-Kummissjoni kienet naqset milli tħares is-salvagwardji proċedurali li l-istituzzjoni nnifisha kienet ħolqot sabiex tiżgura li jkun hemm proċedura xierqa.

Nota ulterjuri

Fit-2 t'Awissu 2004, il-Kummissjoni baġtet kummenti fuq ir-rimarka ta' kritika ta' l-Ombudsman. Hija enfasizzat li f'ċertu ċirkustanzi, "korrispondenza m'għandhiex tiġi investigata bħala lment mill-Kummissjoni, u għalhekk m'għandhiex tiġi mniżżla fir-reġistru ċentrali ta' l-ilmenti"³⁶. Madankollu wara r-rimarka ta' kritika, se taħdem sabiex fil-futur tgħid b'mod aktar ċar, fir-risposta tagħha għal korrispondenza li tallega ksur tal-liġi Komunitarja dwar il-kompetizzjoni minn Stati Membri, jekk il-korrispondenza hux ser tiġi rreġistrata bħala lment jew le, u, jekk le, ir-raġuni għaliex.

INFORMAZZJONI INSUFFIĊJENTI DWAR GĦOTI TA' FONDI POTENZJALI GĦAL ĊENTRU TA' RKIB

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 753/2003/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Ċittadin Ġermaniż kien inkwetat għax ċentru ta' rkib ta' żwiemel għal nies b' diżabilita u tfal u żgħażaġ soċjalment żvantaġġati f'Berlin kien qiegħed f'diffikultajiet finanzjarji. Skond hu, dawn id-diffikultajiet kienu tort ta' tnaqqis fl-għoti ta' fondi mill-istat. Huwa kiteb lid-Direttorat Ġenerali għax-Xogħol u Affarijiet Soċjali tal-Kummissjoni, jistaqsi jekk l-UE tistax tagħti għotja ta' għajjuna finanzjarja liċ-ċentru ta' rkib ta' żwiemel u liema kundizzjonijiet għandhom jiġu mwettqa sabiex tinkiseb din l-għajjuna

Fil-21 t'April 2003, l-ilmentatur dar għall-Ombudsman, jallega li ma kienx irċieva risposta għall-ittra tiegħu, lanqas għaż-żewġ ittri biex ifakkru li kien baġhat lill-Kummissjoni. F'Mejju 2003 huwa rċieva risposta mill-Kummissjoni, iżda informa lill-Ombudsman li huwa ma kienx jikkunsidraha sodisfaċenti. Il-Kummissjoni kienet tatu parir li jagħmel kuntatt mal-gvern tar-reġjun ta' Berlin, għax skond il-Kummissjoni, kull fond li jista' possibilmint ikun disponibbli għaċ-ċentru ta' rkib ta' żwiemel kien amministrat mill-Istati Membri. L-ilmentatur ħass li din ma kinitx tirrispondi t-talba tiegħu għall-informazzjoni, għax Stati Membri mhux dejjem jistgħu jimmaniġġjaw fondi ta' l-UE b'mod korrett. F'Settembru 2003, l-ilmentatur talab lill-Ombudsman jestendi l-inkjesta tiegħu għan-nuqqas tal-Kummissjoni li tirrispondi ittra oħra li kien baġhat f'Awissu. A bażi ta' informazzjoni li kien sadanittant irċieva minn MEP Ġermaniż, kien jidher illi fondi setgħu ikunu disponibbli għaċ-ċentru ta' rkib ta' żwiemel, iżda l-iskadenza għall-applikazzjoni għal dawn il-fondi kienet sa dak iż-żmien għaddiet.

Il-Kummissjoni ammettiet illi l-ewwel ittra ta' l-ilmentatur tqiegħdet xi mkien ieħor bi żball u ddispaċiha għad-dewmien biex tittratta ma' l-ittri l-oħra tiegħu. Hija rrikonoxxiet li dan kien ksur ċar tal-kodiċi ta' kondotta tagħha stess u qalet li kienet se tagħmel mill-aħjar li tista' sabiex tiżgura li inċidenti bħal dawn isiru rari kemm jista' jkun fil-futur. Hija rrikonoxxiet ukoll li jista' jkun diffiċli tinkiseb informazzjoni fuq programmi ta' fondi ta' l-UE u ssottomettiet li ma kienx ikun ġust li l-ilmentatur kien jingħata lista twila ta' programmi ta' fondi u l-kundizzjonijiet preċiżi sabiex japplika għal kull wieħed minnhom, għax ma kienx hemm l-iċken dubju li ċ-ċentru ta' rkib ta' żwiemel ma

36

Artikolu 3 ta' l-Anness tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet ma' l-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja (COM/2002/0141 final); ĠU 2002 C 244/5.



kienx ser ikun eleġibbli għalihom. Madankollu, fl-aħħar ittra tagħha – mibgħuta f'Ottubru 2003 – hija kienet indikat l-indirizz ta' Ċentru Informazzjoni Ewropew f'Berlin, fejn l-ilmentatur jista' jeżamina l-programmi possibbli ta' fondi ta' l-UE huwa stess.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman ikkritika l-fatt li, għalkemm il-Kummissjoni kienet esprimiet id-dispjaċir tagħha dwar id-dewmien, ma kinitx konxja tal-bżonn ta' risposta ta' malajr għall-inqas għall-aħħar ittra ta' l-ilmentatur f'Awissu 2003. Saret rimarka ta' kritika. L-Ombudsman enfasizza li kellha tittieħed attenzjoni partikulari sabiex jitwiegħbu t-talbiet għal informazzjoni bħal dawk ta' l-ilmentatur, meta l-2003 kienet "is-Sena Ewropea tan-Nies b'Diżabilità". Huwa ma aċċettax id-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li kien ikun żbaljat li l-ilmentatur jingħata lista twila ta' programmi. Il-partijiet fl-inkjesta kienu semmew tliet programmi differenti biss, iżda l-bżonn għal informazzjoni ċara u dettaljata kienet tkun akbar li kieku kien hemm fil-fatt varjetà kbira ta' programmi ta' fondi li setgħu jkunu rilevanti. Mingħajr ma wieħed jikkunsidra jekk ċ-ċentru ta' rkib ta' żwieemel setax japplika b'suċċess għall-fondi taħt il-programm imsemmi mill-MEP Ġermaniż, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kellha tinforma lill-ilmentatur fuq is-Sejħa għal proposti għal dan il-programm. Is-Sejħa għal proposti kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fl-istess ġurnata li l-Kummissjoni kitbet għall-ewwel darba lill-ilmentatur. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprowdi lill-ilmentatur b'informazzjoni suffiċjenti, u għalhekk għamlet ukoll rimarka ta' kritika dwar dan l-aspett tal-każ.

TABELLA TA' ĦINIJET BIEX JIĠU MFASSLA RAPPORTI DWAR STAFF

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1319/2003/ADB kontra l-Kummissjoni Ewropea

Il-persuna li lmentat hija uffiċjal tal-Kummissjoni li ressqet ħmistax-il ittra jew nota lill-Kummissjoni, inkluż numru ta' talbiet jew ilmenti bbażati fuq l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal. Parti minn din il-korrispondenza kienet dwar it-tfassil tar-rapport dwar l-istaff ta' l-ilmentatriċi. Skond l-Artikolu 43 tar-Regolamenti ta' l-istaff, uffiċjali għandhom ikunu suġġetti għal rapport bħal dan mill-inqas darba kull sentejn.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, din il-persuna allegat li bi ftit eċċezzjonijiet, it-talbiet jew l-ilmenti kollha tagħha ma kinux ġew ittrattati b'mod sodisfaċenti. Hija allegat ukoll li kien hemm dewmien fit-tfassil tar-rapport ta' l-istaff tagħha, li skond hi kellu jkun iffinalizzat sal-31 ta' Diċembru 2001.

Il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li kienet irrispondiet il-komunikazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi kollha fiż-żmien stabbilit mil-liġi u ma kienx hemm evidenza ta' dewmien sistematiku u nkompetenza. Fir-rigward tat-tfassil tar-rapport ta' l-istaff, il-Kummissjoni ammettiet li kien hemm dewmien żgħir. Madankollu, skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza fil-każ *Liao v. Council*³⁷, l-Awtorità li Taħtar ma setgħetx titqies bħala responsabbli għal kull dewmien ulterjuri fit-tfassil tar-rapport ta' l-istaff li jista' jirriżulta minn uffiċjal li qiegħed jappella lill-Kumitat Konġunt fuq ir-Rapporti ta' l-istaff. Fil-każ preżenti, l-ilmentatriċi kienet użat din il-possibiltà.

L-Ombudsman osserva li, skond id-dokumenti li kienu għad-dispożizzjoni tiegħu, il-Kummissjoni kienet naqset milli tirrispondi għal ħafna ittri u rrispondiet b'dewmien sinjifikanti għal oħrajn. Dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Barra minn hekk, l-Ombudsman osserva li r-rapport ta' l-istaff kien ġie ffinalizzat kważi seba' xhur wara l-iskadenza prevista fid-dispożizzjonijiet li jimplimentaw. Kif qalet il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju 2003, *Lavagnoli v. Kummissjoni*³⁸, il-Kummissjoni kienet marbuta b'tabella ta' ħin preċiża stipulata fil-provvedimenti implimentattivi. Is-sentenza kkwotata mill-Kummissjoni, *Liao v. Council*, kienet tapplika biss f'każijiet fejn l-ebda tabella ta' ħin ma kienet stipulata. In-nuqqas tal-Kummissjoni li timxi ma' tabella ta' ħin preċiża għalhekk ikkostitwiet każ ta' amministrazzjoni ħażina.

³⁷ Każ T-15/96, *Liao v. Council* [1995] ECR - SC, IA-329; II-897.

³⁸ Każ T-327/01, *Luciano Lavagnoli v. Kummissjoni* [2003] ECR - SC, IA-143; II-691.



L-Ombudsman għandu, meta jsib li kien hemm amministrazzjoni ħażina, sakemm hu possibbli jfittex soluzzjoni ma' l-istituzzjoni jew korp konċernat sabiex jelimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina. Fil-każ preżenti, madankollu, l-ilmentatriċi eskudiet espressament din il-possibiltà. L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ billi indirizza żewġ rimarki ta' kritika lill-Kummissjoni.

Nota ulterjuri

B'reazzjoni għaż-żewġ rimarki ta' kritika, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li kienet ħadet nota tad-deċiżjoni tiegħu. Fil-futur, ma kinitx se tittratta lill-istaff tagħha b'mod differenti minn kull ċittadin ieħor u kienet ser tirrispetta t-tabella ta' ħin prevista għat-tfassil ta' rapporti ta' l-istaff.

KSUR TAL-PRINĊIPJU TA' NUQQAS TA' DISKRIMINAZZJONI FIR-REKLUTAĠĠ

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1367/2003/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea

Ċittadin b'nazzjonalità doppja Franċiża/Bulgara kien applika f'Mejju 2003 għal xogħol ta' aġent lokali msemmi "kunsillier għal rappurtar politiku u ta' qabel l-adeżjoni", li kien vakanti fid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Sofia, il-Bulgaria. Madankollu l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur kienet ġiet irrifjutata, minħabba n-nazzjonalità doppja tiegħu. Id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni ġġustifikat dan ir-rifjut billi invokat l-Artikolu 37 (2) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar Relazzjonijiet Diplomatiċi tat-18 t'April 1961. L-ilmentatur kiteb lill-Kummissjoni sabiex jitleb kjarifikazzjonijiet, iżda ma rċieva l-ebda risposta.

F'Lulju 2003, l-ilmentatur ressaq ilment għand l-Ombudsman Ewropew, fejn allega li kien hemm nuqqas ta' trasparenza fil-proċedura ta' reklutaġġ. Huwa sostna li billi ġiet eskluża l-kandidatura tiegħu fuq il-bażi tan-nazzjonalità doppja tiegħu u l-Konvenzjoni ta' Vjenna ta' l-1961, il-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju tan-nuqqas ta' l-ebda diskriminazzjoni.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni osservat li l-post vakanti msemmi kien għal amministratur tax-xogħol "ALAT" (*aġent local d'assistance administrative et technique*), li l-istatus tiegħu jimplika l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 37.2 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna ta' l-1961. Kuntratti ta' l-"ALAT" huma riżervati għal kandidati li m'għandhomx in-nazzjonalità tal-pajjiż fejn ser jagħmlu d-doveri tagħhom u mhumex residenti permanenti f'dak il-pajjiż. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur qal li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju tan-nuqqas ta' l-ebda diskriminazzjoni, inkluż il-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni a bażi ta' nazzjonalità.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman l-ewwel indika li l-kandidatura ta' l-ilmentatur kienet ġiet irrifjutata minħabba n-nazzjonalità Bulgara tiegħu u mhux minħabba n-nazzjonalità Franċiża tiegħu. Il-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni a bażi ta' nazzjonalità stipulat fl-Artikolu 12 tat-Trattat tal-KE għalhekk deher irrilevanti għal dan il-każ, minħabba li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn persuni b'nazzjonalità mill-Istati Membri ta' l-UE. L-Ombudsman madankollu osserva li l-ebda test applikabbli għal aġenti lokali ma kien isemmi l-kategorija ta' l-"ALAT", jew kien fih dispożizzjonijiet li jistabbilixxu li persuni b'nazzjonalità Bulgara setgħu jiġu esklużi minn kuntratti ta' aġenti lokali. Barra minn hekk, l-Ombudsman ma fehemx kif l-Artikolu 37.2 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna seta' jġġustifika l-esklużjoni ta' persuni b'nazzjonalità Bulgara mill-eliġibilità għax-xogħol imsemmi. Għal kuntrarju, dan jidher li jipprevedi li staff amministrattiv u tekniku jista' jkollu n-nazzjonalità tal-pajjiż li qed tilqgħu, f'dan il-każ il-Bulgarija. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet naqset milli ttipprovdi ġustifikazzjoni oġġettiva għad-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur għax għandu nazzjonalità Bulgara, u kienet għalhekk kisret il-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni. Huwa sab ukoll li n-notifika ta' post vakanti msemmi ma kinitx ttipprovdi lill-kandidati bl-informazzjoni kollha neċessarja fuq il-proċedura ta' reklutaġġ. Peress li l-post imsemmi sadanittant kien imtela, ma kienx xieraq għall-Ombudsman li jinsisti fuq soluzzjoni amikevoli tal-kwistjoni. Għalhekk huwa għamel żewġ rimarki ta' kritika kontra l-Kummissjoni.



NUQQAS TA' TIĠDID TA' KUNTRATT GĦAL ESPERT

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1624/2003/ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni impjegat lill-ilmentatur sabiex jaħdem għal sena bħala espert fin-Niġer. Il-Kummissjoni ma gēdditx il-kuntratt tiegħu. L-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni Nazzjonali ta' l-Istat tan-Niġer talab uffiċjalment lill-Kummissjoni biex iġġedded il-kuntratt ta' l-ilmentatur. Minħabba li ma ngħatat l-ebda risposta, l-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni Nazzjonali talab it-tiġdid awtomatiku tal-kuntratt, skond l-Artikolu 314 tal-Konvenzjoni ta' Lomé.

L-ilmentatur allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma gēddidx il-kuntratt kellha tkun ikkomunikata uffiċjalment lil fl-iskadenzi ta' żmien preskritti mill-Kundizzjonijiet Kuntrattwali ta' Kuntratti ta' Servizz iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF). Huwa qal ukoll li l-Kummissjoni kellha tirrispondi għat-talbiet uffiċċjali ta' l-Istat ta' Niġer. Huwa sostna li l-kuntratt tiegħu kellu jiġġedded u li kellu jirċievi kumpens jew għal perjodu li fih kien mingħajr impjieg, jew għat-telf ġenerali li sofra. L-ilmentatur allega wkoll li r-raġuni vera għan-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tiegħu kienet li l-Kummissjoni xtaqet li tevita kritika potenzjali mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar użu ta' fondi ta' l-EDF biex jagħtu għajna lit-tmexxija tal-Kummissjoni u sabiex tagħmilha possibbli għaliha li tħaddem persuna oħra.

Il-Kummissjoni rrispondiet li kienet ikkonkludiet kuntratt ta' impjieg privat għal sena ma' l-ilmentatur f'isem l-awtoritajiet tan-Niġer. Il-kuntratt kien regolat mil-liġi Belġjana u għalhekk riferenza għal Kundizzjonijiet Kuntrattwali ta' Kuntratti ta' Servizz iffinanzjati mill-EDF ma kinux kif suppost. Taħt il-liġi Belġjana, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda obligazzjoni li gēdded il-kuntratt ta' l-ilmentatur. Il-pożizzjoni ta' l-ilmentatur kienet ġiet definita bħala dik ta' intermedjarju bejn il-Ministru u d-Delegazzjoni. L-ilmentatur qabel ma' dan l-arranġament. Il-Kummissjoni qalet li l-pożizzjoni ta' l-ilmentatur kienet għadha vakanti u li d-Delegazzjoni tagħha ma kellhiex bżonn dak il-post sabiex tħaddem persuna oħra.

L-Ombudsman ħa nota tal-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-ġurisdizzjoni li tirregola l-kuntratt. Wara li eżamina l-liġi Belġjana applikabbli, ma kien jidher li hemm l-ebda dispożizzjoni li jipprovdi għal għoti ta' informazzjoni minn qabel lill-impjegat dwar kuntratt b'terminu fiss. L-Ombudsman ma aċċettax l-argument ta' l-ilmentatur li l-kuntratt ta' xogħol tiegħu, regolat mil-liġi Belġjana, kien fl-istess ħin kuntratt ta' servizz li għalih kienu applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Lomé. Skond l-Ombudsman, kuntratti għal servizz u kuntratt għal xogħol jidhru li huma kategoriji legali distinti u li jeskludu lil xulxin.

L-Ombudsman osserva li l-allegazzjoni li x-xogħol ta' l-ilmentatur mad-Delegazzjoni kien potenzjalment irregolari tqajjem kwistjonijiet legali kumplessi relatati mar-relazzjoni bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-liġi finanzjarja Komunitarja. L-Ombudsman ikkunsidra li ma jkunx xieraq għalih li jkompli jinvestiga iktar fuq il-kwistjoni fil-qafas ta' l-ilment preżenti. L-Ombudsman, madankollu, fittex informazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-attività tagħha fir-rigward tal-kwistjoni ġenerali bażika ta' impjieg ta' esperti ta' l-EDF f'delegazzjonijiet.

ÇAĦDA MHUX ĠUSTIFIKATA GĦAL AĊĊESS GĦAL FAJL TA' NGO

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1874/2003/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Organizzazzjoni mhux governattiva (NGO), li taħdem fis-settur ta' għajna umanitarja, għamlet proġett fil-Każakistan li kien iffinanzjat ukoll mill-Kummissjoni. Madankollu, wara li saret missjoni ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkanċella l-kuntratt u talbet lill-NGO tagħti lura kważi EUR 38 000.

Minbarra li lmentat dwar id-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni (ilment 49/2004/GG, pendent), l-NGO ressqet ukoll ilment dwar iċ-çaħda tal-Kummissjoni li tagħtiha aċċess komplet għall-fajl tagħha.



L-ilmentatur allega li din iċ-ċaħda kienet arbitrarja u tikser ir-Regolament 1049/2001³⁹ fuq aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Il-Kummissjoni argumentat li kienet tat lill-ilmentatur inventarju tad-dokumenti fuq il-fajls rilevanti u l-ilmentatur kien ikkonsulta l-fajls li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet li turi. Hija argumentat li l-wiri ta' dokumenti oħra, li ġeneralment kien fihom opinjonijiet għal użu intern bħala parti minn deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari, seta' serjament idgħajef il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

Wara li spezzjona l-fajl, l-Ombudsman ikkonkluda li r-raġunament tal-Kummissjoni ma kienx adegwat. Ma kinitx spjegat għaliex ċertu dokumenti kienu ntwerew filwaqt li dokumenti simili oħra nżammu. Lanqas ma kienet tidher li qieset in konsiderazzjoni iż-żmien li kien għadda mill-kanċellazzjoni tal-kuntratt. L-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, fejn talabha tikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni ippreżentat inventarji reviżjonati u spjegat għaliex kienet tikkunsidra li ebda wieħed mid-dokumenti li għalihom inċaħad aċċess (bl-eċċezzjoni ta' ħames dokumenti, li kopji tagħhom kienet qed tallega) ma seta' jintwera. Il-Kummissjoni invokat l-Artikolu 4 (3), it-tieni sub-paragrafu⁴⁰ tar-Regolament 1049/2001, sabiex tiġġustifika i-ċaħda li turi dokumenti mfassla minn żewġ korpi li l-Kummissjoni kienet użat sabiex jittrattaw il-kuntratt. Il-Kummissjoni kienet ukoll ta' l-opinjoni li i-ċaħda li jintwerew *e-mails* mibgħuta minn membri ta' l-istaff taż-żewġ korpi kienet ġustifikata mill-Artikolu 4 (1) (b) (privatezza u ntegrità ta' l-individwu, b'mod partikulari skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' data personali) tar-Regolament. Din l-opinjoni kienet ibbażata fuq il-konsiderazzjoni li wiri jwassal għall-ipproċessar ta' 'data' personali (l-ismijiet ta' membri tal-persunal) li ma jkunx skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq protezzjoni ta' 'data', i.e. Regolament 45/2001⁴¹.

L-Ombudsman irrikonoxxa li l-Kummissjoni kienet għamlet ammont sostanzjali ta' xogħol sabiex tirrispondi l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu. Madankollu, huwa fakkar li r-Regolament fuq aċċess pubbliku għal dokumenti jimmira li jiżgura l-iktar aċċess ampju possibbli, u li kwalunkwe eċċezzjonijiet għandha tiġi interpretata b'mod strett. Huwa kkunsidra bħala raġonevoli l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-Artikolu 4 (3) japplika għal dokumenti mfassla minn żewġ korpi li hija wżat sabiex jittrattaw il-kuntratt. Madankollu, huwa ndika li d-dannu serju li jrid jiġi stabbilit sabiex jiġi miċħud aċċess ma jistax jiġi bbażat biss fuq il-fatt li d-dokumenti rilevanti fihom opinjonijiet għal użu intern, meta Artikolu 4 (3) jipprovdi li fil-prinċipju għandu jkun hemm aċċess għal dokumenti bħal dawn.

Fir-rigward tal-wiri ta' ismijiet, l-Ombudsman ikkunsidra li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija nkonsistenti, minħabba li hija ma argumentatx li l-messaġġi permezz ta' *e-mail* miktuba mill-persunal tagħha stess għandhom jinżammu sabiex tippoteġi l-ismijiet tagħhom. Minħabba li l-Kummissjoni nnifisha kkunsidrat l-*e-mails* miż-żewġ korpi li jittrattaw il-kuntratt bħala simili fin-natura għal *e-mails* mill-persunal tagħha stess, l-Ombudsman naqas li jara kif Artikolu 4 (1) (b) tar-Regolament 1049/2001 jista' jkun applikabbli.

L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdi raġunijiet validi għaċ-ċaħda għal aċċess għal iktar minn mitt dokument, li kien jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Għalhekk huwa għamel rimarka ta' kritika.

³⁹ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni, ĠU 2001 L 145/43.

⁴⁰ "Aċċess għal dokument li fih opinjonijiet għal użu intern bħala parti minn deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari fl-istituzzjoni konċernata għandu jinċaħad anke wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet jekk wiri tad-dokument jista' jdgħajef serjament il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, sakemm jeżisti nteress pubbliku sovrastanti fil-wiri."

⁴¹ Regolament (KE) No 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u l-moviment ħieles ta' din id-data, ĠU 2001 L 8/1.



NUQQAS TA' RISPOSTA GĦAL ITTRA MINN APPLIKANT GĦAL GĦOTJA BLA SUĊĊESS

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2239/2003/(AJ)TN kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilment kien jikkonċerna applikazzjoni mill-Federazzjoni ta' Assoċjazzjonijiet ta' Motoċiklisti Ewropej (FEMA) għal għotja mill-Kummissjoni għal proġett msejjaħ "Taħriġ tal-bidu għall-irkib fl-Ewropa". Skond il-FEMA, ir-risposta tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni kienet tgħid li l-FEMA ma kinitx intgħażlet għall-għotja, għax "proposta oħra ta' natura simili" kienet ingħatat marka għola. Madankollu, matul kuntatti nformali ma' uffiċjali tal-Kummissjoni, l-ilmentatur ingħata x'jifhem li ma kienx hemm applikazzjonijiet oħra fuq muturi u r-rikkieba tagħhom. FEMA kitbet lill-Kummissjoni titlob għall-kjarifikazzjonijiet, iżda ma rċeviet l-ebda risposta. Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, FEMA għalhekk allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tirrispondi għat-talba tagħha li tkun infurmata fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħtix fondi għal proposta tagħha u dwar il-kandidat rebbieħ.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni argumentat li FEMA kienet għet infurmata biżżejjed dwar l-aspetti kollha rilevanti tal-proċedura ta' l-għotja, fl-istruttura tal-kuntatti informali regolari tal-FEMA mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, għalhekk, ma kinitx tikkunsidra neċessarja li tagħmel risposta formali bil-miktub.

Fl-osservazzjonijiet tagħha, FEMA rrikonoxxiet li kienet f'kuntatt regolari ma' uffiċjali tal-Kummissjoni, iżda argumentat li dawn l-uffiċjali ma kellhomx aċċess dirett għal informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' FEMA. Skond FEMA, l-uffiċjali kellhom jtkixxfu f'isem FEMA, li għieli wassal għal informazzjoni inadegwata u li tinftiehem ħażin, minkejja l-fatt li dawn l-uffiċjali dejjem għamlu l-almu tagħhom sabiex jgħinu.

L-Ombudsman ikkonkluda li, anke jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni il-kuntatti nformali bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur, kien jidher ċar mill-kontenut u l-istruttura ta' l-ittra tal-FEMA li kienet qed titlob risposta bil-miktub. Jekk il-Kummissjoni kienet tikkunsidra li l-informazzjoni mitluba kienet diġà għet ikkomunikata b'mod mhux formali lill-FEMA, dan il-fatt seta' ssemma fir-risposta miktuba tagħha. In-nuqqas tal-Kummissjoni li tirrispondi għall-ittra tal-FEMA skond il-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba tagħha stess kien każ ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ b'rimarka ta' kritika.

Nota ulterjuri

Wara r-rimarka ta' kritika mill-Ombudsman, il-Kummissjoni kitbet lill-Ombudsman, fejn irrikonoxxiet li ma kinitx irrispondiet lill-FEMA bil-miktub u li ma kinitx irrispettat kompletament il-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba tagħha stess. Il-Kummissjoni għamlet apoloġija għan-nuqqas tagħha f'dan ir-rigward.

DEWMIEN FL-ITTRATTAR TA' LMENT DWAR KSUR

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2333/2003/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

F'Novembru 2001, tabib Ġermaniż talab biex il-Kummissjoni Ewropea tiftaħ proċeduri ta' ksur kontra l-Ġermanja. Huwa argumenta li l-Ġermanja kienet qiegħda tikser Direttiva tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għal dak li kien jirrigwarda l-attività ta' tobba fl-isptarijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet stabbiliet li l-ħin li t-tobba jagħmlu *on call* fit-timijiet tal-kura tas-saħħa primarja għandu jiġi kkunsidrat bħala ħin ta' ħidma. Madankollu, skond l-interpretazzjoni ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi, is-servizz *on-call* tat-tobba ma kienx kopert mill-kunċett ta' "ħin tax-xogħol" tad-Direttiva.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, imressaq f'Diċembru 2003, l-ilmentatur qal li sa dak iż-żmien kien irċieva biss rikonoxximenti li l-ittri ġew irċevuti u avviżi li kienu qegħdin isiru inkjesti ulterjuri,



iżda l-ebda risposta sostantiva. Huwa allega li l-Kummissjoni kienet naqset milli tittratta l-ilment tiegħu f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Il-Kummissjoni argumentat li dewmien fil-konsiderazzjoni ta' l-ilment seħħ minħabba il-komplessità teknika u legali tal-kwistjoni. Hija kienet irreġistrat l-ittra ta' l-ilmentatur bħala lment formali f'April 2002. Fi Frar 2003, kienet kitbet lill-awtoritajiet Ġermaniżi, li kienu rrispondew f'Marzu 2003. Il-Kummissjoni kienet iddeċidiet f'Marzu 2003 li tordna studju dwar l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija ndikat li xtaqet tistenna r-riżultat ta' dan l-istudju qabel tiddeċiedi kif se tipproċedi. Spjegat li l-interpretazzjoni tal-Qorti kienet tmur kontra l-interpretazzjoni mressqa mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Barra minn hekk, liġi Ġermaniża għida sabiex tikkonforma l-leġislazzjoni nazzjonali mad-Direttiva, kif interpretata mill-Qorti, kienet daħlet fis-seħħ f'Jannar 2004. Il-kompatibilità ta' din il-liġi mal-liġi Komunitarja kienet fil-proċess li tiġi eżaminata. Meta dan l-eżami jkun iffinalizzat, il-Kummissjoni se tinforma lill-ilmentatur bir-riżultat ta' l-ilment tiegħu.

L-Ombudsman indika Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja⁴², li tistabbilixxi r-regola ġenerali li l-Kummissjoni għandha taħdem sabiex tasal għal deċiżjoni fi żmien sena. Għalkemm din il-Komunikazzjoni saret wara li l-ilmentatur kien ressaq l-ilment tiegħu, l-Ombudsman ikkunsidra li kienet tipprovdi mezz ta' kejl utli.

L-Ombudsman ma kienx konvint li d-dewmien kien ġustifikat mill-komplessità teknika u legali tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni nnifisha kienet indikat li s-sentenza tal-Qorti kienet tmur kontra l-interpretazzjoni tagħha tad-Direttiva. Għalhekk kienet tidher li aċċettat li l-pożizzjoni legali kienet diġà ċċarata. Fi kwalunkwe sitwazzjoni, il-komplessità allegata legali u teknika tal-kwistjoni ma kinitx tispjega għaliex għaddew kważi 15-il xahar qabel ma l-Kummissjoni ħadet xi miżuri sabiex tiċċara l-kwistjoni. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet naqset milli tittratta l-ilment dwar ksur ta' l-ilmentatur f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Għalhekk huwa għamel rimarka ta' kritika.



3.4.4 Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

TMIEM MHUX ĠUSTIFIKAT TA' KUNTRATTI TA' TRADUZZJONI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 953/2003/(FA)OV kontra l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

Kumpanija ta' traduzzjoni Griega, li tikkonsisti f'żewġ kumpaniji separati, kienet ikkonkludiet ħafna kuntratti ta' traduzzjoni mal-Parlament u l-Kummissjoni. Madankollu, f'Ġunju u Lulju 2002, iż-żewġ istituzzjonijiet infurmaw lill-kumpanija li l-kuntratti tagħha kienu ntemmu jew sospiżi b'effett immedjat, għax investigazzjoni ta' l-Uffiċċju Anti-Frodi Ewropew (OLAF) kienet uriet li l-kumpanija ta' traduzzjoni kienet impjegat tliet uffiċjali ta' istituzzjoni Ewropea sabiex tagħmel ix-xogħol ta' traduzzjoni. L-ilmentatur qal li huwa ma kienx jaf b'dan.

F'Mejju 2003, il-kumpanija ppreżentat ilment ma' l-Ombudsman, fejn allegat li d-deċiżjoni taż-żewġ istituzzjonijiet li jissospendu u jtemmu l-kuntratti kienet illegali u mhux kif suppost. L-ilmentatur indika li l-Parlament u l-Kummissjoni ma kienu rreferew għall-ebda Artikolu fil-kuntratt bħala bażi legali għad-deċiżjoni tagħhom. F'dan l-istess xenarju, l-ilmentatur għamel ukoll allegazzjonijiet oħra dwar in-nuqqas ta' tiġdid ta' wieħed mill-kuntratti tagħha mill-Parlament u l-esklużjoni tagħha minn sejħa għal offerti organizzata mill-Parlament.

⁴²

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet ma' l-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi komunitarja (COM/2002/0141 final); ĠU 2002 C 244/5.



Fl-opinjoni tagħhom fuq l-ilment, iż-żewġ istituzzjonijiet qalu li l-kumpanija ta' l-ilmentatur kienet suġġetta għal investigazzjoni ta' frodi mill-OLAF, li kienet ikkuntattjat ukoll l-awtoritajiet ġudizzjarji Griegi. Iż-żewġ istituzzjonijiet kienu ġew infurmati b'dan miċ-Ċentru ta' Traduzzjonijiet għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Parlament indika li OLAF kien ħeġġiġha biex ma tikkixx ir-raġunijiet reali wara d-deċiżjonijiet tagħha lill-ilmentatur, ħalli l-inkjesta ma tkunx mikxufa.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman osserva li r-regoli dwar it-tmiem tal-kuntratti msemija kienu jirrikjedu li l-istituzzjonijiet javżaw lill-ilmentatur bil-miktub ta' nuqqas biex jiġu mwettqa l-obbligazzjonijiet fil-kuntratt. Huwa sostna li s-sempliċi riferenza mill-istituzzjonijiet għal "riżultati ta' investigazzjoni ta' OLAF", mingħajr ma tiġi pprovduta aktar informazzjoni, ma tikkostitwix notifika. Għalhekk l-Ombudsman ikkonkluda li l-Parlament u l-Kummissjoni ma kinix ipprovdew rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għad-deċiżjonijiet tagħhom li jtemmu l-kuntratti mal-kumpanija ta' traduzzjoni. Għal din ir-raġuni huwa għamel rimarki ta' kritika kontra ż-żewġ istituzzjonijiet.

Minħabba li l-ilment kien jikkonċerna kwistjoni kuntrattwali, l-Ombudsman informa lill-ilmentatur illi l-kuntratti jipprevedu l-possibiltà li jinbdew proċeduri legali fir-rigward tal-kwistjonijiet.



3.4.5 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni ta' l-Istaff

INĠUSTIZZJA ALLEGATA U NUQQAS TA' TRASPARENZA FIL-PROĊEDURA TAS-SELEZZJONI

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 378/2003/MF kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' Għażla tal-Persunal

L-ilmentatur ipparteċipa fi proċedura ta' selezzjoni wara sejħa għal dikjarazzjonijiet ta' interess magħmula mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni ta' l-Istaff (EPSO) fl-2002, sabiex, fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni tiġi stabbilita *database* li tkun disponibbli għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea għar-reklutaġġ ta' xogħol mhux permanenti.

EPSO irrifjutat l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur minħabba l-fatt li kien indika li l-għarfien tiegħu ta' waħda mid-disa' lingwi ta' l-istati li se jsiru membri kienet "tajba ħafna", filwaqt li s-sejħa għad-dikjarazzjoni ta' nteress kienet titlob għarfien "fil-fond" ta' waħda minn dawn il-lingwi.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-proċedura ta' għażla preliminari kienet inġusta, għax kienet ibbażata fuq apprezzament suġġettiv mill-kandidati nfushom tat-talent lingwistiku tagħhom. Huwa kkunsidra li kien hemm riskju li kandidati tajbin b'apprezzament realistiku tat-talenti tagħhom setgħu ma għaddewx, filwaqt li oħrajn għaddew l-eżami tas-selezzjoni preliminari fuq il-bażi ta' l-apprezzament mhux realistiku tagħhom. L-ilmentatur allega wkoll li l-proċedura tas-selezzjoni ma kinitx trasparenti. Huwa sostna li l-applikazzjoni tiegħu kellha titqies u l-isem tiegħu jitpoġġa f'lista li tkun disponibbli għad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni.

Fl-opinjoni tiegħu fuq l-ilment, EPSO irrefera għal "Gwida għall-kandidati" ppubblikata fuq il-'website' tiegħu, li kienet semmiet li l-kandidati kellhom jagħżlu l-lingwa li tagħha kellhom għarfien u jispeċifikaw il-livell ta' għarfien tagħhom. L-EPSO indika wkoll li l-kandidati kienu mitluba li jkollhom għarfien fil-fond ta' mill-inqas waħda mil-lingwi ta' l-għaxar stati li se jsiru membri u għarfien tajjeb ta' l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Il-ġurija li tagħmel validazzjoni kienet interpretat l-espressjoni "għarfien fil-fond" bħala ekwivalenti għal dak tal-lingwa prinċipali jew naturali jew għarfien "eċċellenti". Fl-applikazzjoni tiegħu, il-kandidat indika l-Franċiż bħala l-lingwa naturali tiegħu u li l-għarfien tas-Slovakk kien "tajjeb ħafna". Għalhekk huwa naqas milli jissodisfa l-kriterju ta' għażla stabbilit mill-ġurija li tagħmel validazzjoni.



Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-EPSo fir-rigward ta' inġustizzja allegata fil-proċedura tas-selezzjoni preliminari minħabba l-apprezzament suġġettiv mill-kandidati nfushom tat-talenti lingwistiċi tagħhom. Huwa kkunsidra li s-sejħa għal dikjarazzjoni ta' nteress kienet titlob b'mod ċar lill-kandidati sabiex jagħżlu l-lingwi prinċipali/naturali u mbagħad jindikaw il-livell ta' għarfien ta' lingwa(i) oħra, li kien jimplika apprezzament mill-kandidati nfushom tat-talenti lingwistiċi tagħhom stess. Madankollu, għalkemm l-Ombudsman ikkunsidra li d-deċiżjoni tal-ġurija li tagħmel validazzjoni li ma tinkludix l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur fid-'database' rilevanti kienet tidher li ttehdet skond kriterji stabbiliti ta' għażla, huwa kkonkluda li l-EPSo kien naqas milli jiċċara biżżejjed r-reqwiżiti lingwistiċi li kienet qed tistenna li jintlaħqu mill-kandidati. Għalhekk huwa rrepeti r-rimarka ta' kritika li kien diġà indirizza lill-EPSo fl-ilment 411/2003/GG.

ĠUSTIFIKAZZJONI INADEGWATA GĦALL-POLITIKA TAL-LINGWA F'KOMPETIZZJONI MIFTUĦA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2216/2003/(BB)MHZ kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' Għażla tal-Persunal

L-Ombudsman irċieva lment kontra d-deċiżjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew għas-selezzjoni ta' l-istaff li tabbozza l-korrispondenza tagħha lill-kandidati f'kompetizzjoni miftuħa bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż biss. L-ilmentatur ma kienx kandidat fil-kompetizzjoni. L-EPSo irrimarka dwar dan fl-opinjoni tiegħu lill-Ombudsman, li rrefera għal fatt li la l-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, lanqas l-Istatut ta' l-Ombudsman, ma jitolbu li l-ilmentatur għandu jiġi effettwat personalment mill-amministrazzjoni ħażina allegata.

L-ilmentatur allega li d-deċiżjoni ta' l-EPSo kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-lingwi uffiċjali u tal-lingwi ta' ħidma li jinstab fir-Regolament tal-Kunsill 1/1958⁴³, kif ukoll il-prinċipju li kull persuna tista' tikeb lill-istituzzjonijiet Komunitarij f'waħda mil-lingwi tat-Trattat u tingħata risposta bl-istess lingwa (Artikolu 21 KE, Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea). Huwa indika li l-kandidati ma kinux mitluba jkollhom għarfien ta' waħda minn dawn it-tlett lingwi bħala kundizzjoni għal parteċipazzjoni f'din il-kompetizzjoni partikulari.

Bħala risposta, l-EPSo argumenta li (i) l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom bżonn jadottaw "linguas francas" sabiex jiżguraw komunikazzjoni effettiva u xogħol f'limiti ta' ħin raġonevoli, (ii) minħabba s-sitwazzjoni ta' kandidati bħala uffiċjali potenzjali ta' istituzzjonijiet Ewropej, l-istituzzjonijiet mhumiex neċessarjament mitluba, skond il-ġurisprudenza, li jwieġbu talba jew ilment minn uffiċjal potenzjali fil-lingwa tal-persuna kkonċernata, u (iii) l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li l-limitazzjoni fl-użu ta' lingwi għal dawk li huma l-iktar magħrufa fl-Unjoni hija adegwata u proporzjonata.

L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li deċiżjonijiet li jeffettwaw id-drittijiet jew l-interessi ta' individwi għandhom ikollhom bażi fil-liġi u l-kontenut tagħhom għandu jkun kompatibbli mal-liġi (l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ewropew dwar Imġiba Amministrattiva Tajba). Huwa kkonkluda li l-ispejgazzjoni ta' l-EPSo tad-deċiżjoni tagħha kienet inadegwata, għax ma kinitx tinkludi l-ġustifikazzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata, sabiex tippermetti li dawk il-ġustifikazzjonijiet jiġu eżaminati mill-ġdid. Fir-rigward ta' l-ewwel argument ta' EPSo, ma kienx persważ li kellu xi relevanza għal ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni kontestata, minħabba li kandidati setgħu jkun eliġibbli li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni mingħajr għarfien ta' waħda mit-tlett lingwi kkonċernati. Dwar it-tieni argument, huwa ndika li l-EPSo ma kinitx spjegat il-ġustifikazzjoni bażika tad-deċiżjoni kontestata, iżda tat biss raġuni għaliex kienet tikkunsidra li kandidati kellhomx dritt intitolati li joġġezzjonaw għal dik id-deċiżjoni. Fit-tielet lok, l-Ombudsman indika li fil-każ imsemmi, il-Qorti kienet sabet li l-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill rilevanti

⁴³

Kunsil KEE: Regolament Nru 1 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jiġu wżati mill-Komunità Ekonomika Ewropea, ĠU 1958 B 17/385.



kienu biżżejjed sabiex jindikaw il-ġustifikazzjoni bażika u jippermettu li daww il-ġustifikazzjonijiet jiġu eżaminati mill-ġdid. Kif diġà msemmi, l-Ombudsman ma dehlux li l-EPPO kienet ipprovdiet indikazzjoni ċara tal-ġustifikazzjonijiet bażiċi tad-deċiżjoni kkontestata fil-każ preżenti.

Minħabba li dan kien ilment “*actio popularis*”, l-Ombudsman qal li ma kienx xieraq li titfittex konklużjoni amikevoli tal-kwistjoni. Għalhekk għalaq il-tlett b’rimarka ta’ kritika. Fid-dawl ta’ dan ir-risultat, ma dehlux neċessarju li jieħu pożizzjoni fuq l-argumenti ta’ l-ilmentatur dwar ir-Regolament tal-Kunsill 1/1958, l-Artikolu 21 KE u l-Artikolu 41 tal-Karta. Huwa nnota, madankollu, li l-EPPO ma kienx istituzzjoni Komunitarja u għalhekk it-tlett provvedimenti msemmija ma kinux jidhru li japplikaw għalih direttament. Huwa nnota wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet indikat li r-riferenzi fit-Trattat għall-użu ta’ lingwi fl-unjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li turi prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità li jagħti dritt lil kull ċittadin, fiċ-ċirkustanzi kollha, li jkseb versjoni ta’ kull ħaġa li tista’ taffettwa l-interessi tiegħu miġbura fil-lingwa tiegħu stess.



3.4.6 Europol

NUQQAS TA’ RISPETT GĦAR-REGOLAMENTI TA’ L-ISTAFF FIR-REKLUTAĠĠ TA’ ASSISTENT AMMINISTRATTIV

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1571/2003/OV kontra l-Europol

L-ilmentatriċi kienet taħdem għall-Europol bħala assistenta amministrattiva mill-1 ta’ Mejju 2001 sa l-1 ta’ April 2003. Wara li ġiet impjegata, sabet li kienet ġiet impjegata bħala membru ta’ l-istaff lokali u mhux bħala membru ta’ l-istaff ta’ l-Europol, kif stipulat fir-Regolamenti ta’ l-istaff ta’ l-Europol. L-ilmentatriċi, li sabet lilha nnifisha impjegata taħt kundizzjonijiet inqas vantaġġużi, kitbet lid-Direttur ta’ l-Europol biex titlob għal ratifika u kumpens, iżda din it-talba, kif ukoll appell li sar wara, ġew miċħuda.

F’Awissu 2003, l-ilmentatriċi resqet ilment ma’ l-Ombudsman, fejn allegat li l-Europol kien naqas milli jirrispetta r-Regolamenti ta’ l-istaff tiegħu (Artikoli 1, 2 u 3, flimkien ma’ l-Iskeda 1) billi impjegaha, f’pożizzjoni ta’ assistent amministrattiv, bħala membru ta’ l-istaff lokali u mhux bħala membru ta’ l-istaff tal-Europol. L-ilmentatriċi għamlet ukoll talba għal kumpens.

Fl-opinjoni tiegħu fuq l-ilment, Europol qal li, minħabba n-nuqqas ta’ flessibilità tas-sistema ta’ reklutaġġ, kellu jdur għal reklutaġġ ta’ l-istaff temporanju taħt kundizzjonijiet applikabbli għal staff lokali, f’dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-pjan ta’ stabbiliment ma kienx jipprevedi postgiet ta’ xogħol ma’ l-Europol u l-piż ta’ xogħol kien tali li għajjuna temporanja kienet neċessarja. Anki jekk huwa veru li din il-politika kienet tfigħer li jiġi mpjegat staff bħala membri ta’ l-istaff lokali f’pożizzjonijiet differenti minn dawk formalment deskritti fi Skeda 1 tar-Regolamenti ta’ l-istaff tal-Europol, Europol kien ħieles li jagħmel dan sakemm jibqa’ fil-limiti tal-*baġit* ta’ l-istaff tiegħu. Europol ikkontesta wkoll li l-ilmentatriċi kienet soffriet dannu finanzjarju. Huwa indika li l-uniku alternattiva għall-Europol kienet li ma jimpjegax lill-ilmentatriċi.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman indika li Skeda 1 tar-Regolamenti ta’ l-istaff tal-Europol semmiet b’ċar li l-pożizzjoni ta’ assistent amministrattiv “għandha tkun” pożizzjoni ma’ l-Europol. Barra minn hekk, l-Ombudsman ma sab l-ebda bażi legali fir-Regolamenti ta’ l-istaff ta’ l-Europol li jista’ jiġġustifika l-prattika ta’ l-Europol li jimpjega persunal temporanju taħt kundizzjonijiet applikabbli għal staff lokali fis-sitwazzjoni fejn il-pjan ta’ Stabbiliment ma’ kienx jipprevedi postgiet tax-xogħol ma’ l-Europol. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Europol kien naqas milli jirrispetta r-Regolamenti ta’ l-istaff billi mpjega lill-ilmentatriċi bħala assistent amministrattiv b’kuntratt ta’ staff lokali. Għalhekk huwa għamel rimarka ta’ kritika. Madankollu, fir-rigward tat-talba għal kumpens, l-Ombudsman dehlux li l-ilmentatriċi ma kinitx uriet li kienet soffriet xi telf bħala riżultat ta’ l-amministrazzjoni ħażina, għax l-argument ta’ l-Europol li l-unika alternattiva għal li jimpjega bħala membru ta’ l-istaff lokali kienet tkun li ma jimpjegahix ma kienx jidher mhux raġonevoli. L-Ombudsman dehlux li



rimarka ta' kritika kienet biżżejjed sabiex tiġbed l-attenzjoni ta' l-Europol għal bżonn li jikkunsidra mill-ġdid il-prattika tiegħu fir-rigward tar-reklutaġġ ta' l-istaff tiegħu.

Nota ulterjuri

Permezz ta' ittra ta' l-10 ta' Jannar 2005, il-Europol irreaġixxiet għar-rimarka ta' kritika. L-Aġent Direttur ta' l-Europol qies r-rimarka ta' kritika bħala utli għall-Europol, u rringrazzja lill-Ombudsman għall-inkjesta tiegħu. Huwa qal li l-unitajiet rilevanti kienu diġà ingħataw istruzzjonijiet sabiex jeżaminaw mill-ġdid il-prattika ta' l-Europol fir-rigward tar-reklutaġġ ta' l-Istaff tiegħu.

3.5 ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI



3.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea

TABELLA TA' ĦIN QASIRA WASSLET GĦAL ŻBALJI FIL-PROPOSTA TA' RIĊERKA

Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1878/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatriċi, kumpanija żgħira mir-Renju Unit, daħlet f'kuntratt ta' Għotja ta' Esplorazzjoni mal-Kummissjoni, immirata għal preparazzjoni ta' proposta ta' CRAFT fl-istruttura tar-riċerka xjentifika u programm ta' żvilupp teknoloġiku "Żvilupp Kompetittiv u Sostenibbli". Kontroll ta' qabel il-verifika f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eliġibilità tal-proposti kien disponibbli għal dawk li ġew irċevuti mill-Kummissjoni sas-7 ta' Frar 2002. Il-proposta ta' l-ilmentatur kienet ġiet ippreżentata fit-12 ta' Frar 2002, ftit wara li kienet irċeviet il-kuntratt tagħha ffirmat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Frar 2002. Din ta' l-aħħar finalment irrifjutat il-proposta ta' l-ilmentatur bħala mhux eliġibbli.

L-ilmentatriċi daret għall-Ombudsman, fejn allegat li dak li hi kienet tikkunsidra bħala "tabella ta' ħin qasira b'mod ridikolu" kienet ħolqot kundizzjonijiet fejn setgħu jsiru żbalji. Skond l-ilmentatriċi, kellha ftit ġranet biss sabiex tipprepara l-proposta tagħha u tissottomettiha għal kontroll preliminari ta' eliġibilità offerta mill-Kummissjoni. L-ilmentatriċi qalet li kienet għamlet dak kollu fil-poter tagħha sabiex tipprepara l-kuntratt, għar-riskju tagħha stess u spiża f'ħin u flus. Hija żiedet li l-proposta tagħha kienet falliet minn kriterju wieħed biss, li ma kienx ġie spjegat sew lilha mill-punt ta' kuntatt nazzjonali tar-Renju Unit għal dawn il-proposti, Beta Technology Ltd.

Il-Kummissjoni argumentat li kien hemm biżżejjed ħin għall-kumpanija sabiex tipprepara proposta tajba. Flimkien ma' dan, hija ddeskriviet il-medda ta' strumenti u servizzi li kienu disponibbli għall-kumpanija sabiex tagħmel kontroll ta' eliġibilità tal-proposta tagħha.

L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet naqset milli tagħti lill-kumpanija ammont ta' żmien raġonevoli sabiex tressaq il-proposta tagħha għal kontroll preliminari ta' eliġibilità. Dan fl-aħħar wassal biex il-proposta tal-kumpanija titqies bħala ineliġibbli minħabba żball li kien fiha. Għalhekk l-Ombudsman ħareġ abbozz ta' rakkomandazzjoni, li jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tagħti kumpens lill-kumpanija, minħabba li kienet soffriet telf bħala riżultat ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li ċirkustanzi eċċezzjonali kienu għamluha diffiċli għall-kumpanija li lmentat li twettaq il-kuntratt



korrettament. Hija saħqet li hi ħerqana li ma tkunx ta' ħsara għal intrapriżi żgħira u ta' daqs medju. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fid-dawl tal-fatti ppreżentati mill-Ombudsman, u mingħajr ma neċessarjament taqbel mal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura eċċezzjonali tal-każ ġġustifikat l-għoti ta' kumpens, fuq bażi purament *ex gratia*, għal parti ta' l-ispejjeż magħmula.

Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-kumpanija li għamlet l-ilment infurmat lill-Ombudsman li kien intlaħaq ftehim dwar il-kumpens li jammonta għal EUR 21 000. Il-kumpanija li lmentat irringrazzjat lill-Ombudsman għall-għajnuna u l-interess tiegħu.

DEWMIEN MHUX F'WAQTU FL-ITRATTAR TA' KAŻ TA' KSUR TA' REGOLAMENT

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 1963/2002/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea

Fl-1995, is-Sur K., is-sid ta' kumpanija Awstrijaka li tikri t-trakkijiet, ikkonkluda ftehim għax-xiri ta' 99 trakk mingħand is-Sur B., neguzjant Taljan tat-trakkijiet. Madankollu, is-Sur B. informa lis-Sur K. li ma setgħax jissupplixxi t-trakkijiet kif miftiehem, għaliex l-importatur għat-territorju Taljan kien irrifjuta li jwassalhom, minħabba li t-trakkijiet kienu għal klijent Awstrijak li kellu l-uffiċċju ta' reġistrazzjoni tiegħu barra ż-żona kuntrattwali tal-kumpanija importatriċi fl-Italja. Fl-opinjoni tas-Sur K., ir-raġuni vera għar-rifjut kienet il-fatt li fil-mument meta l-ftehim ġie konkluż, il-prezz tat-trakkijiet kien 25-30% aktar baxx fl-Italja milli fl-Awstrija. Fl-1996, is-Sur K. ilmenta mal-Kummissjoni, u talabha tinvestiga jekk l-imġieba tal-kumpanija importatriċi kienetx qed tikser il-prinċipji tal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

Il-persuna li għamlet l-ilment f'isem is-Sur K., allegat dewmien mhux f'waqt u negliġenza mill-Kummissjoni fl-ittrattar tal-każ li kien issottometta fl-1996.

Il-Kummissjoni spjegat li l-approċċ magħżul fil-każ rilevanti kien skond il-prinċipji ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Prim' Istanza, fejn skond il-prinċipji l-istituzzjoni hija ntitolata li tapplika gradi differenti ta' prijorità għall-każijiet preżentati lilha, ibbażati fuq il-livell ta' nteress Komunitarju involut. Il-Kummissjoni kienet adottat il-miżuri neċessarji kollha sabiex tinvestiga l-kwistjoni u kienet ikkonkludiet li l-każ ma kienx fost il-każi ta' prijorità.

Fil-5 ta' Settembru 2003, l-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, fejn huwa rrakkomanda li l-istituzzjoni tiffinalizza l-evalwazzjoni tal-każ konċernat l-aktar tard sat-30 ta' Novembru 2003. Huwa kkunsidra li hija mġieba amministattiva tajba li tieħu deċiżjonijiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Barra minn dan l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx tat spjegazzjoni sodisfaċenti għaliex ma kienx possibbli għaliha li tieħu d-deċiżjoni fuq il-każ, anke wara li għaddew kważi seba' snin u nofs. Huwa nnota wkoll li l-aħħar komunikazzjoni mill-Kummissjoni fuq il-każ tas-Sur K. kienet fit-8 ta' Marzu 2001, u li l-Kummissjoni ma kienet tat l-ebda raġuni għas-silenzju tagħha matul is-sentejn ta' wara. Mingħajr preġudizzju għall-poter ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-ittrattar ta' lmenti preżentati lilha, l-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li seba' snin u nofs ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala żmien raġonevoli biex tittratta każ.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, l-Kummissjoni qalet li kienet waslet għal konklużjoni li ma kienx hemm evidenza biżżejjed sabiex jiġi stabbilit ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni ta' l-UE u li l-każ ma kienx jippreżenta interess Komunitarju suffiċjenti biex iwassal għal aktar investigazzjoni. Wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni mill-Ombudsman, il-Kummissjoni segwiet il-proċedura normali dwar iċ-ċaħda ta' lmenti. Hija bagħtet ittra lis-Sur K. tagħtih spjegazzjoni tal-pożizzjoni tagħha fuq il-każ. Il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tadotta deċiżjoni finali fuq l-ilment, suġġetta għal kwalunkwe kummenti mis-Sur K., l-aktar tard f'Marzu 2004.

Għalkemm il-Kummissjoni ma kinitx adottat deċiżjoni finali fuq il-każ sad-data indikata fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu, l-Ombudsman ma kellu l-ebda raġunijiet għaliex jassumi li l-Kummissjoni ma kinitx ser taġixxi skond il-wegħdiet tagħha. L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li



L-aspett sostantiv ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjoni kien ġie rrispettat mill-istituzzjoni u għalhekk għalaq il-każ.



3.5.2 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi

ALLEGAZZJONIJIET TA' FRODI FIL-KAŻ "BLUE DRAGON"

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 1769/2002/(IJH)ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi

F'Ottubru 2002, id-diretturi tal-kumpanija msejja "Blue Dragon 2000" għamlu lment kontra l-Kummissjoni u l-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF).

Skond l-ilmentaturi, huma kienu vittmi ta' frodi li jinvolvu sussidji Komunitarji fi ħdan il-programm LEADER II. L-amministrazzjoni tal-programm kienet tinvolvi kemm lill-awtoritajiet reġjonali tal-Katalunja u kif ukoll lil "Grupp ta' Azzjoni Lokali" tas-settur privat. Fil-ħarifa tas-sena 2000, l-ilmentaturi infurmaw lill-OLAF u lill-awtoritajiet reġjonali bis-suspetti tagħhom u kellhom kuntatt ma' investigaturi ta' l-OLAF. Aktar tard, l-ilmentaturi saru jafu li l-investigaturi ta' l-OLAF li kienu qed jitrattaw il-każ tagħhom kienu ġew trasferiti biex jaqdu doveri oħra. Huma rċew ukoll rapport ta' spezzjoni li saret mill-awtoritajiet reġjonali tal-Katalunja, li jagħti rakkomandazzjoni li l-fondi Komunitarji għall-proġett Blue Dragon jiġu rkuprati. L-ilmentaturi preżentaw ilment mal-Kummissjoni Ewropea kontra Spanja, imma r-risposta tal-Kummissjoni wriet li l-ilment tagħhom ġie ikkunsidrat bħala korrispondenza ordinarja.

L-ilment lill-Ombudsman kien fih allegazzjoni li l-Kummissjoni u OLAF naqsu milli jitrattaw b'mod adegwat l-allegazzjonijiet ta' frodi u li s-sistema ta' distribuzzjoni tal-fondi LEADER II permezz ta' korpi mis-settur privat, kif ukoll il-kontrolli mhux adegwati tal-Kummissjoni, iffaċilitaw il-frodi. L-ilmentaturi ppretendew dikjarazzjoni pubblika ta' nuqqas ta' ħtija, u li jingħata lura dak li ġie misruq lilhom u kumpens.

L-ilment kien fih ukoll allegazzjonijiet varji ta' kollużjoni. L-Ombudsman informa lil min għamel l-ilment li l-mandat tiegħu kien limitat għall-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u li għal din ir-raġuni seta' jitratta biss l-allegazzjonijiet tagħhom kontra l-Kummissjoni u OLAF.

L-ilmentaturi oriġinarjament talbu għall-kunfidenzjalità, iżda f'April 2003, infurmaw lill-Ombudsman li ma xtaqux aktar li l-ilment tagħhom jibqa' kunfidenzjali.

L-inkjesta li tikkonċerna l-Kummissjoni

Il-Kummissjoni kienet qieset li ma kienx neċessarju li tirreġistra l-ittra ta' l-ilmentaturi bħala lment minħabba n-natura tal-problema u minħabba li l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet kienu ġew protetti.

L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni kellha tirreġistra l-ittra bħala lment. Huwa għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni sabiex teżamina mill-ġdid l-ittra ta' l-ilmentaturi u tittrattaha skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Ombudsman dwar relazzjonijiet ma' min għamel l-ilment fir-rigward ta' ksur ta' liġi Komunitarja⁴⁴.

Il-Kummissjoni aċċettat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni u l-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ fir-rigward tal-Kummissjoni f'Marzu 2004.

⁴⁴

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew dwar relazzjonijiet ma' l-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi komunitarja (COM/2002/0141 final); ĠU 2002 C 244/5.



L-Ombudsman indika li l-ilmentaturi setgħu iressqu lment għdid lill-Ombudsman fil-futur jekk iqisu li l-investigazzjoni tal-Kummissjoni ma tkunx sodisfaċenti.

L-inkjesta li tikkonċerna l-OLAF

L-OLAF spjega li kien fetaħ inkjesta fi Frar 2001. Spezzjoni fuq il-post ippjanata mill-OLAF kienet għet sospiża wara li l-Ministeru ta' l-Agrikoltura Spanjol indika li l-awtoritajiet reġjonali kienu qegħdin jipplanaw li jivverifikaw l-attivitajiet kollha tal-Grupp ta' Azzjoni Lokali. OLAF irċieva r-rapporti mill-awtoritajiet Spanjoli f'Lulju 2001, u qies li ma kellu l-ebda raġuni li jiddubita r-riżultati tagħhom u għalhekk iddeċieda li ma jagħmilx spezzjoni addizzjonali. Il-Bord ta' Amministrazzjoni ta' l-OLAF approva r-rapport finali dwar il-każ f'Diċembru 2002. Skond dan ir-rapport, ir-riżultati ta' l-awtoritajiet Spanjoli ma kinux jippermettulhom jikkonfermaw l-allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet mill-Grupp ta' Azzjoni Lokali, iżda nstabu irregolaritajiet fil-proġett Blue Dragon. Ir-rapport irrakkomanda li l-każ għandu jingħalaq u jsir segwitu finanzjarju sabiex jiġu rkuprati l-fondi allokatu għall-proġett Blue Dragon.

L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li investigazzjonijiet amministrattivi mill-OLAF isiru bir-reqqa, b'mod imparzjali u b'mod oġġettiv. L-eżaminazzjoni ta' l-evidenza kixfet numru ta' punti ta' tħassib dwar kemm l-inkjesta ta' l-OLAF kienet adegwata, inkluża differenza ċara bejn il-firma tad-Direttur Ġenerali fuq id-deċiżjoni li tiftaħ l-inkjesta u l-firma tiegħu fuq dokumenti oħra. (OLAF ma kienx ġie mistoqsi dwar din il-kwistjoni qabel). L-Ombudsman semma dawn il-punti fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni li sar fi Frar 2004 li OLAF għandu jikkunsidra jiftaħ mill-għdid l-inkjesta tiegħu, jew jagħmel inkjesta għdida.

L-OLAF irrisponda għall-punti kollha mniżżla fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni u kkonkluda li ma kienx hemm bażi sabiex jiftaħ l-inkjesta mill-għdid jew sabiex jiftaħ inkjesta għdida. Fl-evalwazzjoni ta' l-opinjoni ddettaljata ta' l-OLAF, l-Ombudsman qies li l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-allegazzjonijiet ta' l-ilmentaturi dwar ksur tal-liġi Komunitarja kienu għadhom sejrini. Huwa kkunsidra li fl-istadju preżenti ta' l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-konklużjoni ta' l-OLAF li ma kienx hemm bażi sabiex tiftaħ l-inkjesta tagħha mill-għdid jew li tiftaħ inkjesta għdid, dehret raġonevoli.

L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ fir-rigward ta' l-OLAF f'Lulju 2004.

Fid-deċiżjoni ta' l-għeluq, l-Ombudsman semma li l-Kummissjoni kienet ippreżentat proposta għal emenda fir-Regolament li jirregola l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF. Il-leġislatur għalhekk kellu l-opportunità li jikkunsidra bidliet possibbli fil-mod kif l-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet interni u esterni tiegħu u l-koperazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri. L-Ombudsman ikkumenta wkoll dwar l-ispejgazzjoni ta' l-OLAF li, f'ċertu punt fiż-żmien, id-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF adatta l-firma tiegħu sabiex jagħmilha aktar tintgħaraf. L-Ombudsman indika li, li kieku l-OLAF stabbilixxa dokument uffiċjali li jixhed din il-bidla meta dan seħħet, dan kien ikun skond prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.



3.6 KAŻIJET MAGĦLUQA GĦAL RAĠUNIJET OĦRA



3.6.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

NUQQAS TA' INTITOLAMENT TA' WILD GĦAL KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA TA' L-UE

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 2210/2003/MHZ kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

F'Novembru 2001, il-persuna li ressqet l-ilment irċeviet nota personalizzata, bin-numru SN 3736/01, mill-Kap ta' l-Uffiċċju għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa. In-nota infurmatha li mill-31 ta' Diċembru 2001, it-tifel tagħha kien ser ikun kopert mis-sistema ta' sigurtà soċjali Belġjana u li l-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni ta' Mard kienet se tkopriha biss fuq bażi kumplimentari.

Fl-14 ta' Diċembru 2001, l-ilmentatriċi, flimkien ma' żewġ uffiċjali oħra tal-Kunsill, kitbet ittra konġunta lid-Deputat Direttur Ġenerali ta' l-Istaff u l-Amministrazzjoni, fejn ikkumentat dwar in-natura diskriminatorja tan-nota u kkuntestat is-saħħa legali tagħha. Ir-risposta tad-Deputat Direttur ma indirizzatx it-talba tal-persuna li ressqet l-ilment għal parir mis-Servizzi Legali tal-Kunsill, iżda minflok taha parir li tikkuntattja lill-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Il-persuna li ressqet l-ilment għalhekk ikkuntattjat lill-Kumitat ta' l-Istaff, li pprova jirringa, mingħajr suċċess, biex issir laqgħa bejn il-persuna li ressqet l-ilment u d-Deputat Direttur Ġenerali. Minħabba li l-persuna li ressqet l-ilment ma kinitx tikkunsidra lilha nnifisha marbuta bin-nota SN 3736/01, hija baqgħet titfa' applikazzjonijiet għal rimbors ta' l-ispejjeż mediċi tat-tifel tagħha. Fit-28 ta' Marzu 2003, l-applikazzjoni ta' l-persuna li ressqet l-ilment għal rimbors ġiet irrifjutata għall-ewwel darba.

Fis-7 ta' Novembru 2003, il-persuna li ressqet l-ilment ressqet ilment quddiem l-Ombudsman. Minħabba li ż-żewġ uffiċjali tal-Kunsill l-oħra msemmija hawn fuq ippreżentaw l-ilmenti tagħhom dwar l-istess kwistjoni fl-istess data, it-tlett ilmenti ġew ikkunsidrati flimkien. Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-persuna li ressqet l-ilment qalet li n-nota SN 3736/01 kienet f'kunflitt mar-Regolamenti ta' l-Istaff, diskriminatorja u ma torbotx legalment. Hija ppretendiet li t-tifel tagħha għandu jkun intitolat għall-istess kopertura medika primarja bħat-tfal ta' membri l-oħra ta' l-Istaff ta' l-UE.

Fl-opinjoni tiegħu fuq l-ilment, il-Kunsill spjega kif ittratta l-kwistjoni. Huwa qal li l-persuna li ressqet l-ilment ma kinitx ikkontestat formalment id-deċiżjoni fin-nota SN 3736/01. Lanqas ma kienet kkontestat, fiż-żmien li tati l-liġi, id-deċiżjonijiet meħuda mill-Uffiċċju ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa li jirrifjuta r-rimbors.

Il-Kunsill irrefera għall-Artikolu 72 (1) tar-Regolament ta' l-Istaff u għall-Artikolu 6 tar-Regoli dwar l-Assigurazzjoni ta' Mard għal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, li skond dawn l-ispejjeż mediċi tat-tfal ta' uffiċjali jistgħu jiġu rimbursati biss jekk l-uffiċjal ma rċevix jew ma jistax jitlob l-ebda rimbors minn skema oħra ta' assigurazzjoni ta' mard. Annessa ma' l-opinjoni tiegħu, il-Kunsill ippreżenta kopja ta' dikjarazzjoni mill-Istitut Nazzjonali Belġjan għall-Assigurazzjoni tal-Mard u l-Invalidità. Id-dikjarazzjoni spjegat li l-assigurazzjoni ta' saħħa Belġjana hija obbligatorja għal wild li l-ġenitur tiegħu huwa kopert b'din l-assigurazzjoni, anke jekk l-ġenitur l-ieħor huwa uffiċjal ta' l-UE.

Fl-aħħar, il-Kunsill wera dubji dwar l-ammissibilità ta' l-ilment lill-Ombudsman, minħabba li l-persuna li ressqet l-ilment ma kinitx ressqet ilment amministrattiv intern ma' l-awtorità li għandha s-setgħa li taħtar taħt l-Artikolu 90 (2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff. L-approċċi li l-persuna li ressqet l-ilment għamlet lid-Deputat Direttur Ġenerali u lill-Kumitat ta' l-Istaff ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala l-ekwivalenti ta' lment amministrattiv.



L-persuna li ressqet l-ilment irrispondiet għall-opinjoni tal-Kunsill u qalet li l-ittra mibgħuta lid-Deputat Direttur Ġenerali fl-14 ta' Diċembru 2001 għandha tiġi kkunsidrata bħala talba għal informazzjoni u mhux bħala ilment.

L-Ombudsman għalhekk evalwa mill-ġdid l-ammissibilità ta' l-ilment. Għalkemm, meta fetaħ l-inkjesta, l-Ombudsman kien ta lill-persuna li ressqet l-ilment il-benefiċċju tad-dubju u kkonkluda li l-ittra lid-Deputat Direttur Ġenerali kienet tikkostitwixxi lment, dan ma kienx aktar possibbli wara l-osservazzjonijiet li l-persuna li ressqet l-ilment għamlet f'dan ir-rigward. L-Ombudsman għalhekk ikkonkluda li l-ilment ma kienx fil-fatt ammissibbli, minħabba li l-persuna li ressqet l-ilment ma kinitx użat il-possibilitajiet kollha offruti mill-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti ta' l-istaff. L-Ombudsman għaldaqstant qies li l-persuna li ressqet l-ilment kient waqqgħet il-każ u ma komplix l-inkjesti tiegħu fl-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-persuna li ressqet l-ilment.



3.6.2 Il-Kummissjoni Ewropea

ÇAĦDA TA' PAGAMENT TA' RĊEVUTI PREŻENTATI TAĦT KUNTRATT TA' SERVIZZ TACIS

*Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 253/2003/ELB (Kunfidenzjali)
kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-individwu li ressaq l-ilment kien iċ-'chairman' u d-direttur manġerjali ta' kumpanija li rebħet kuntratt ta' servizz TACIS. Fit-tmiem tal-kuntratt, l-individwu li ressaq l-ilment ippreżenta l-irċevuti li kien fadal lill-Kummissjoni, iżda l-Kummissjoni rrifjutat li tħallas. Dawn l-irċevuti kienu jikkonċernaw hłas u u konċessjonijiet 'per diem' għal interpretu, spejjeż għall-użu ta' vettura privata, spejjeż oħra żejda fil-baġit għat-taħriġ u għaż-żjarat ta' studju, ġranet ta' *backstopping*⁴⁵ żejda, u dewmien fl-approvazzjoni ta' talbiet għal taħriġ individwali.

L-individwu li ressaq l-ilment allega li l-Kummissjoni ma kinitx intitolata li tirrifjuta l-pagament ta' l-irċevuti, għax l-ispejjeż konċernati kienu eliġibbli taħt il-kuntratt TACIS. Huwa ippretenda li l-Kummissjoni għandha tħallas l-irċevuti li kien fadal, kif ukoll l-interessi għad-dewmien fil-pagament.

Il-Kummissjoni qalet li ma kien hemm l-ebda bażi legali għall-hłas ta' l-ammont mitlub mill-individwu li ressaq l-ilment. Hija kkunsidrat li l-impjeg ta' interpretu ma setax jiġi ġġustifikat, minħabba li l-interpretu kienet il-mara tal-Kap tat-Tim. Hija rrifjutat li tħallas l-użu tal-vettura, għax l-irċevuta ppreżentata kienet tinvolvi spejjeż għall-użu ta' vettura personali, filwaqt li kienet ingħatat approvazzjoni minn qabel għal kiri ta' vettura. Xorta waħda, ir-rata għal kull kilometru fl-irċevuta ta' l-individwu li ressaq l-ilment ma kinitx tikkorrispondi, kif allega hu, mar-rata uffiċjali stabbilita mill-awtoritajiet fiskali Franċiżi. Hija ma qabltx li tħallas s-somom żejda inklużi fil-baġit għat-taħriġ u għaż-żjarat ta' studju, minħabba li l-kuntrattur kien qabeż l-ammonti approvati mingħajr ma talab li jiġi awtorizzat baġit modifikat. Dwar il-kwistjoni ta' talbiet għal taħriġ individwali, il-Kummissjoni ma kkunsidratx li kien hemm dewmien mhux raġonevoli.

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-individwu li ressaq l-ilment, l-Ombudsman kiteb lill-Kummissjoni sabiex jipproponi soluzzjoni amikevoli. L-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li ma tagħtix rimbors għall-irċevuti ppreżentati mill-individwu li ressaq l-ilment, flimkien ma' interess xieraq.

⁴⁵

Jiġifieri, ħin użat mid-Direttur tal-Proġett fl-Unjoni Ewropea minflok fil-pajjiżi li jibbenefikaw.



Bħala risposta għal proposta ta' soluzzjoni amikevoli, il-Kummissjoni kkonfermat li ma kinitx adottat regola li tipprojbixxi membri tal-familja ta' l-istaff tal-proġett Western TACIS milli jkunu reklutati għall-istess proġett, lanqas ma ppublikat informazzjoni fuq il-prattika tagħha f'dan ir-rigward. L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li kien xieraq għal Kummissjoni li tirregola l-impjieg ta' membri tal-familja fl-istruttura ta' proġetti bħal TACIS, iżda indika li l-għanijiet ta' regolamenti bħal dawn jistgħu jintlaħqu aħjar fil-futur, filwaqt li jiġu żgurati ġustizzja u trasparenza, billi jiġu adottati, u ppublicizzati b'mod xieraq, ir-regoli u l-prinċipji li ġew applikati.

Fir-rigward tal-pagamenti ta' l-ispejjeż għall-użu ta' vettura personali, il-Kummissjoni aċċettat li tirrimborsa din l-ispiża, sakemm din tkun ibbażata fuq ir-rata uffiċjali għal kull kilometru kif stabbilita mill-Awtoritajiet Fiskali Franċiżi. L-individwu li ressaq l-ilment ma qabilx mal-proposta tal-Kummissjoni. L-Ombudsman ikkonkluda li ma setgħetx tintlaħaq soluzzjoni amikevoli fuq dan l-aspett ta' l-ilment.

Fir-rigward tat-tul ta' ħin li ttieħed sabiex jiġu approvati t-talbiet għal taħriġ individwali, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kienet tatu rendikont koerenti tal-bażi legali ta' l-azzjonijiet tagħha, u għaliex hija kienet temmen li l-opinjoni tagħha dwar il-pużizzjoni kuntrattwali kienet ġustifikata. Huwa kkunsidra wkoll li l-Kummissjoni kienet ġustifikata fiċ-ċaħda tagħha li tħallas is-somom fil-baġit għat-taħriġ u għaż-żjarat ta' studju li kienu qabżu l-limiti approvati.

Nota ulterjuri

Fit-18 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni baġtet kummenti fuq ir-rimarka ulterjuri. Hija spjegat li l-gwida Prattika għal proċeduri ta' kuntratt iffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi, li ilu fis-seħħ sa minn Mejju 2003, ma jirregolax b'mod espliċitu l-impjieg ta' membri tal-familja ta' kuntrattur. Uffiċjali jew aġenti ta' l-amministrazzjoni pubblika ta' l-Istat beneficijarju biss huma esklużi. Artikolu 94 tar-Regolamenti Finanzjarji jirregola kunflitti ta' interess li jistgħu jinqalgħu matul il-proċess ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Dispożizzjoni simili hija inkluża fil-gwida msemmija hawn fuq. Jista' jkun hemm kunflitti ta' interess ukoll meta l-kuntratt jiġi 'sub contracted'. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-impjieg ta' membri tal-familja ta' kuntrattur għandu jiġi eżaminat fuq bażi individwali u skond ir-Regolamenti Finanzjarji u l-gwida Prattika.

KLASSIFIKAZZJONI TA' GĦOTJIET GĦAL ĦMAR NANU

Id-deċiżjonijiet fil-qosor fuq ilmenti 1219/2003/GG u 760/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea

Regolament tal-Kunsill għall-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni agrikola li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent kien jaħseb għal skema ta' għajjuna sabiex tiġi promossa l-estensjoni tal-biedja. Il-bdiewa setgħu jiksibu għotja jekk il-"Unitajiet ta' Bhejjem" (LSU) tagħhom kull ettaru ma kienx jaqbeż il-figura ta' 1.4. "Ekwinu ta' aktar minn sitt xhur" kienu jingħaddu bħala 1.0 LSU, nġhaġ u mogħoż bħala 0.15 LSU.

Bidwi Ġermaniż fiż-żona ta' Karlsruhe kellu erba' żwiemel u ħmar nanu fuq it-tlett ettari ta' art. Il-bidwi kkunsidra li l-ħmar kien kważi ta' l-istess daqs ta' nagħġa. Għaldaqstant huwa kkalkula total ta' 4.15 LSU li rriżulta f'LSU kull ettaru ta' ftit inqas minn 1.4. L-awtorità kompetenti fiż-żona kkunsidrat li LSU ta' 0.16 kien adegwat għal ħmar nanu, li kien ifisser li l-limitu baqa' rrispettat.

Madankollu, meta l-Kummissjoni saret taf bil-kwistjoni matul kontroll ta' kampjuni, hija ikkonkludiet li l-ħmar kien jappartjeni ma' l-Ekwinu, li għalihom kellu jiġi kkalkulat LSU ta' 1.0. Għalhekk l-għotja ta' 240 DM (EUR 120) ġiet mitluba lura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li l-iżball kien żball b'inżertatura, li rriproduċa ruħu proporzjonalment fit-transazzjonijiet kollha li minnhom ittieħed il-kampjun. Għaldaqstant hija ddeċidiet (filqat li kkunsidrat żbalji żgħar oħra li li kieku ma kinux se jirriżultaw fi tnaqqis) li teskludi spejjeż li kellha l-Ġermanja li jammontaw għal EUR 927 401 mill-iffinanzjar Komunitarju.



Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman (1219/2003/GG), il-President tar-*Regierungspräsidium Karlsruhe* kienet ta' l-opinjoni li din id-deċiżjoni kienet inġusta u mhux proporzjonata.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni rriferiet għal smiġħ, li matulu l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu ammettew li, kuntrarjament għad-dikjarazzjonijiet inizjali tagħhom, l-iżball ma kienx wiehied iżolat, iżda li kienu nstabu każijiet oħra simili. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, dan kien jikkonferma li kien iżball b'inzertatura.

Minħabba ftehim ħażin, l-individwu li ressaq l-ilment iddeċieda li jwaqqa' l-każ. Madankollu, meta dan il-ftehim ħażin ġie ċċarat, il-każ ġie miftuħ mill-ġdid mill-Ombudsman u rreġistrat bħala ilment ġdid (760/2004/GG). L-Ombudsman ikkunsidra li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma' l-ewwel daqqa t'għajn ma tantx dehret li tagħmel sens komun. Madankollu, huwa nnota wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet stabbiliet b'mod konsistenti li l-Kummissjoni, sabiex tipprova ksur tar-regoli dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, hija mitluba biss li tipprovdi evidenza ta' dubju serju u raġonevoli minn naħa tagħha. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu aċċettaw li l-iżball ma kienx wiehied iżolat. L-Ombudsman għalhekk ikkonkluda li l-approċċ tal-Kummissjoni ma kienx jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Madankollu, huwa żied li l-problema setgħet ġiet evitata li kieku r-regolament rilevanti ikkunsidra l-possibiltà li l-applikanti għall-ġotja jkollhom ħmir nani. Huwa esprima fiduċja li l-Kummissjoni kienet ser iżomm dan f'moħħha fil-ġejjieni fi proposti għal leġislazzjoni f'dan is-settur.



3.6.3 L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Istaff

ALLEGAT NUQQAS TA' RISPOSTA MILL-AWTORITÀ LI GĦANDHA S-SETGĦA LI TAĦTAR

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 1196/2003/ELB kontra l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Istaff

Il-persuna li ressqet l-ilment applikat għall-kompetizzjoni COM/C/1/02, li kienet timmira sabiex tibni lista ta' riserva ta' tajpisti li jtkellmu bil-Franċiż (C4/C5). L-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda għax l-esperjenza professjonali tagħha ma kinitx suffiċjenti. Hija bagħtet l-ewwel talba għal kjarifika. Il-Bord ta' l-Għażla kkonferma d-deċiżjoni tiegħu li jeskludiha mill-kompetizzjoni. Hija bagħtet it-tieni talba għal kjarifika u ġiet mistiedna għal eżamijiet li kienu ser isiru l-għada. Il-persuna li ressqet l-ilment għamlet l-eżamijiet, iżda ma kisbitx ir-riżultati meħtieġa u ġiet eskluża mill-kompetizzjoni. Għalhekk hija għamlet ilment ibbażat fuq l-Artikolu 90 (2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, il-persuna li ressqet l-ilment allegat li l-Awtorità li Taħtar ma weġbitx xi mistoqsijiet imsemmija fl-ilment tagħha bbażat fuq l-Artikolu 90 (2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff.

Il-Kummissjoni bagħtet opinjoni fuq l-ilment, li l-Ombudsman fehema bħala li qed tirrappreżenta l-opinjonijiet konġunti ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Istaff (EPSO) u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni u l-EPSO spjegaw li huma kienu rrispondew għat-talbiet kollha tal-persuna li ressqet l-ilment għal kjarifika/konsiderazzjoni mill-ġdid. L-persuna li ressqet l-ilment rċeviet ukoll risposta fuq l-ilment tagħha taħt l-Artikolu 90 (2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff.

L-Ombudsman innota li r-risposta fuq l-ilment tal-persuna li ressqet l-ilment taħt l-Artikolu 90 (2) kienet ddettaljata ħafna. L-Ombudsman innota wkoll li, fil-qafas ta' l-inkjesta tiegħu stess, il-Kummissjoni u l-EPSO pprovdew spjegazzjonijiet addizzjonali lill-persuna li ressqet l-ilment dwar id-dokumenti li għandhom jiġu annessi mal-formula ta' applikazzjoni, l-istedina tard għall-eżamijiet, il-kontenut ta' l-eżami, l-appelli u l-proċeduri tal-Bord ta' Għażla. Fir-rigward tal-fatt li l-applikazzjoni inizjali tal-persuna li ressqet l-ilment u l-ewwel talba għal kjarifika ġew miċħuda,



filwaqt li t-tieni talba ġiet aċċettata, l-Ombudsman indika li l-ispjegazzjoni mogħtija lill-persuna li ressqet l-ilment mill-Kummissjoni u mill-EPSo fl-opinjonijiet tagħhom fuq l-ilment dehret differenti minn dik mogħtija mill-Awtorità li għandha s-setgħa li taħtar fir-risposta tagħha fi ħdan l-Artikolu 90 (2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff. B'mod partikulari, l-Ombudsman ikkunsidra li wieħed seta' jasal għal din il-konklużjoni mill-ispjegazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni u mill-EPSo fl-opinjonijiet tagħhom li l-Bord ta' Għażla kien fl-aħħar ħalla lill-persuna li ressqet l-ilment tiegħu sehem fl-eżamijiet bil-miktub skond l-evidenza dokumentarja annessa ma' l-applikazzjoni oriġinali għall-kompetizzjoni.

L-Ombudsman fakkar li l-persuna li ressqet l-ilment xtaqet li jkollha kjarifiki u indika li, abbażi ta' dawn il-kjarifiki, hija setgħet tikkunsidra jekk tiħux il-kwistjoni l-qorti jew tressaqx ilment ġdid ma' l-Ombudsman. L-Ombudsman ikkunsidra li l-kwistjonijiet imqajma mill-persuna li ressqet l-ilment fl-ilment oriġinali tagħha kienu ċċarati biżżejjed u li għalhekk l-ebda inkjesta oħra ma kienet meħtieġa.



3.6.4 Il-Kumitat tar-Regġuni

PREZZIJET TA' IKLIET GĦAL NIES LI QEGĦDIN JITĦARRĠU

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 32/2004/GG kontra il-Kumitat tar-Regġuni

'Trainee' li kien qiegħed jaħdem mal-Kumitat tar-Regġuni ħassu li kien ddiskriminat għax it-'trainees tal-Kumitat ma kinux offruti tnaqqis fuq il-prezzijiet ta' ikliet fil-kantin tal-Kumitat fi Brussell. Minn naħa l-oħra 'Trainees' li kienu qegħdin jaħdmu mal-Kummissjoni, mal-Kunsill, mal-Parlament u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, setgħu jixtru mill-inqas ikla fil-ġurnata bi prezz imnaqqas (normalment 50% tal-prezz kollu).

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-individwu li ressaq l-ilment ppreżenta l-fatt li b'salarju ta' inqas minn EUR 740 fix-xahar, 'Trainees' ma kinux jifilħu jonfqu ikla kuljum li tqum ta' l-anqas EUR 4.50. Huwa kkontesta li 'trainees' li kienu qegħdin jaħdmu għall-Kumitat tar-Regġuni għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod ta' 'Trainees' li kienu qegħdin jaħdmu għal istituzzjonijiet u korpi Komunitarji oħra.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Kumitat tar-Regġuni ppreżenta l-każ li l-kantin tiegħu kien operat minn kumpanija privata. Il-kuntratt ma' din il-kumpanija ma kienx jaħseb għal tariffi preferenzjali. Għalhekk, obligazzjonijiet kuntrattwali u legali kienu jagħmluha impossibbli għall-Kumitat li jisforza l-operatur tal-kantin biex japplika tariffi differenti. Madankollu, l-operatur kien ikkonferma bil-miktub li kien se joffri prezzijiet favorevoli lil 'Trainees' hekk kif isegħ it-tasferiment tal-Kumitat f'bini ġdida fi Brussell. Fi kwalunkwe każ il-Kumitat kien ser jipprova jinkludi klawnsola li tapprova prezzijiet imnaqqsa għal 'Trainees' meta jiġi negozjat kuntratt ġdid fil-futur. Barra minn hekk, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat kien iddeċieda li jżid il-paga tat-'Trainees' minn EUR 735 għal EUR 1 000 fix-xahar.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman qal li ma sabx l-argumenti tal-Kumitat konvinċenti. Għalkemm il-kuntratt eżistenti seta' ma jħallix lill-Kumitat jobbli lill-operatur privat tal-kantin tiegħu joffri prezzijiet ta' l-ikel mnaqqsa, ma kien hemm xejn li jindika li l-Kumitat ma setax jagħmel din il-proposta lill-operatur. Barra minn hekk, l-Ombudsman ikkunsidra li l-pużizzjoni tal-Kumitat kienet diffiċilment rikonċiljabbli mal-fatt li l-kuntratt eżistenti kien se jibqa' applikabbli wara t-tasferiment tal-Kumitat għall-bini l-ġdida, iżda li l-kumpanija kienet madankollu kkonfermat li kienet se toffri prezzijiet favorevoli wara t-tasferiment. L-Ombudsman innota wkoll li l-kuntratt preżenti kien ġie konkluż wara li l-kwistjoni ta' prezzijiet ta' ikliet imnaqqsa għal 'Trainees' kienet diġa tqajmet. Għalhekk huwa kkunsidra li bl-argumenti preżentati mill-Kumitat ma setax jaċċerta ruħu jekk l-allegazzjonijiet ta' l-individwu li ressaq l-ilment kellhomx bażi soda.



Madankollu, l-Ombudsman innota li s-sitwazzjoni finanzjarja tat-'Trainees' kienet tjebet sostanzjalment wara ż-żieda fis-salarju. L-ammont miżjud kien jidher bħala suffiċjenti sew sabiex jagħmilha possibbli għat-'Trainees' biex jixtru ikliet ta' kuljum bil-prezz normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx hemm bażi sabiex ikompli l-inkjesta.



3.6.5 L-Istitut Ewropew għall-Università

LIMITI TA' ŻMIEN FIR-REKLUTAĠĠ

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq ilment 2225/2003/(ADB)PB kontra l-Istitut Ewropew għall-Università.

L-applikazzjoni li l-persuna li ressqet l-ilment tefgħet għal pużizzjoni ma' l-Istitut Ewropew għall-Università (EUI) kienet ġiet miċħuda għax hija ma kinitx tissodisfa l-limitu ta' età stabbilit għall-pużizzjoni konċernata. Il-persuna li ressqet l-ilment allegat li hija ġiet diskriminata fuq bażi ta' l-età. Hija sostniet li diskriminazzjoni bbażata fuq l-età għandha titneħħa.

Il-mandat ta' l-Ombudsman huwa llimitat għal "istituzzjonijiet u korpi Komunitarji", terminu li la huwa definit mit-Trattat, u lanqas mill-Istatut ta' l-Ombudsman. F'inkjesta preċedenti (659/2000/GG), l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx eskluż li l-EUI seta' jiġi kkunsidrat bħala korp Komunitarju fejn huwa kkonċernat il-mandat ta' l-Ombudsman. F'dik l-inkjesta, l-EUI ma ppreżentax opinjoni dwar il-kwistjoni. Fl-inkjesta preżenti, l-EUI informa lill-Ombudsman li kien wasal għall-konklużjoni li huwa ma kienx jaqa' taħt il-kompetenza tiegħu. Huwa rrefera, b'mod partikulari, għall-fatt li l-EUI kien stabbilit b'konvenzjoni internazzjonali "klassika" u mhux fuq il-bażi tat-Trattati Komunitarji.

Rigward l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni tal-persuna li ressqet l-ilment, l-EUI innota li l-użu tiegħu ta' limitu ta' età f'dan il-każ kien relatat ma' konnessjoni bejn "liġi tax-xogħol u drittijiet għal pensjoni". Għalhekk kienet ser issir proposta lill-Kunsill Għoli ta' l-EUI, sabiex dawn iż-żewġ aspetti fir-regolamenti ta' l-EUI jiġu separati. Sadaniant, l-EUI kien ta struzzjonijiet sabiex ma jiġix inkluż limitu ta' età fl-avviżi ta' kompetizzjoni għal kategorija li dwar kien hemm il-kwistjoni.

Wara eżaminazzjoni attenta ta' l-opinjoni ta' l-EUI u t-testi legali rilevanti, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li l-opinjoni ta' l-EUI li hu m'huwiex "korp Komunitarju" fit-tifsira tal-mandat ta' l-Ombudsman kienet tidher raġonevoli. Madankollu, minħabba li t-terminu "korpi Komunitarji", kif imniżżel fid-dispożizzjoni tat-Trattat indikat hawn fuq, m'huwiex definit b'mod preċiż fil-liġi Komunitarja, l-Ombudsman ikkunsidra li żviluppi legali fil-futur jistgħu jagħmluha rilevanti li tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-kwistjoni ta' jekk l-EUI jistax jiġi kkunsidrat bħala "korp Komunitarju" fil-kompetenza ta' l-Ombudsman.

Fid-dawl ta' dan ir-riżultat, l-Ombudsman ma qiesx li huwa kompetenti sabiex jeżamina mill-ġdid l-allegazzjoni li saret mill-persuna li ressqet l-ilment. L-Ombudsman madankollu laqa' d-deċiżjoni ta' l-EUI li tipproponi lill-Kunsill Għoli tagħha li jadotta miżuri sabiex iħallu kwistjonijiet relatati ma' drittijiet għal pensjoni jiġu ndirizzati permezz ta' metodi oħra differenti mill-użu ta' limitu ta' età fir-reklutaġġ, u li, sadaniant, kienu ngħataw istruzzjonijiet sabiex ma jiġix inkluż limitu ta' età f'avviżi ta' kompetizzjoni għall-kategorija li dwara kien hemm il-kwistjoni.



3.7 KAŻ MAGĦLUQ WARA RAPPORT SPEĊJALI

KLASSIFIKAZZJONI TAX-XOGĦOL TA' UFFIĊJAL GĦALL-ISTAMPA FID-DELEGAZZJONI TAL-KUMMISSJONI F'PAJJIŻI TERZI

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq inkjesta personali OI/2/2003/GG (Kunfidenzjali)

Fis-6 t'Ottobru 2003, l-Ombudsman irċieva lment mis-Sur B., l-Uffiċjal għall-Istampa u l-Infurmazzjoni tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Islamabad. Fl-ilment tiegħu, is-Sur B. allega li kif l-grad li ingħata kien jikser ir-regoli tal-Kummissjoni u li kien ġie ddiskriminat fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

It-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea jipprevedi li l-Ombudsman jirċevi ilmenti minn "kull ċittadin ta' l-Unjoni jew kull persuna legali jew naturali li toqgħod jew li għandha l-uffiċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru ta' l-Unjoni."

Minħabba li s-Sur B. ma kienx jidher li jaqa' f'waħda minn dawn il-kategoriji, l-Ombudsman infurmah, fil-21 t'Ottobru 2003, li ma kellu ebda poter li jittratta l-ilment tiegħu.

Madankollu, minħabba s-serjeta' tal-kwistjoni imqajjma mis-Sur B., l-Ombudsman ikkunsidra li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu eżaminati. Huwa għalhekk iddeċieda li jiftaħ inkjesta fuq inizjattiva personali fil-kwistjoni.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li l-pużizzjonijiet ta' uffiċjal għall-istampa u l-infurmazzjoni ġew maħluqa fid-Delegazzjonijiet tagħha f'terzi pajjiżi, jew fi Grupp II jew fi Grupp I, skond il-funzjonijiet li jinħtieġu li jsiru u skond ir-"Regoli ta' qafas li jistipulaw il-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' staff lokali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li qegħdin iservu fi stati li m'humiex membri" li kienu ġew ippubblikati fl-Avvizi Amministrattivi tagħha fit-22 ta' Ġunju 1990. Il-maġġoranza (żewġ terzi) tal-pużizzjonijiet kienu fil-fatt fi Grupp I, iżda iktar minn nofs ta' dawk l-uffiċjali għall-istampa u l-infurmazzjoni tqiegħdu taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kap tad-Delegazzjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat il-fatt li l-Pakistan ma kienx l-uniku pajjiż kbir fejn il-pużizzjoni ta' uffiċjal għall-istampa kellu status ta' Grupp II. Għalhekk, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità ma setgħetx tiġi aċċettata.

L-Ombudsman innota li l-Anness I tar-"Regoli ta' Qafas" jniżżel il-pożizzjonijiet ta' uffiċjali għall-istampa bħala eżempji ta' "pużizzjonijiet amministrattivi, konsultattivi u superviżorji" li jappartjenu għal Grupp I. Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, l-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li kien imiss lill-Kummissjoni li turi fuq liema bażi legali, u liema kriterji qed tapplika, għandha madankollu tkun intitolata li tqiegħed il-gradd ta' xi uffiċjali għall-istampa (u s-Sur B. b'mod partikulari) fi Grupp II.

L-Ombudsman nnota, madankollu, li l-Kummissjoni ma kinitx kapaċi tiċċara din il-bażi legali u dawn il-kriterji, minkejja ħafna talbiet għal informazzjoni li saru mill-Ombudsman f'dan ir-rigward.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni ma setgħetx tipprowdi spjegazzjoni koerenti u konvinċenti għall-fatt li kienet iggradata il-pużizzjoni tas-Sur B. (u ta' uffiċjali għall-istampa oħrajn) fi Grupp II, għalkemm ir-"Regoli ta' Qafas" tagħha jsemmu uffiċjali għall-istampa bħala eżempji ta' "pużizzjonijiet amministrattivi, konsultattivi u superviżorji" li jappartjenu għal-Grupp I. L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni tas-Sur B. li kien suġġett ukoll għal diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità tiegħu, l-Ombudsman ikkunsidra li l-evidenza li kellu f'idejh ma kinitx tippermettilu jikkonkludi li din l-allegazzjoni kienet ġustifikata.

Fid-19 ta' Lulju 2004, l-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, jitolba tikkunsidra mill-ġdid ir-regoli tagħha dwar il-klassifikazzjoni tal-pużizzjoni ta' uffiċjal għall-istampa fid-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi terzi b'mod ġenerali, u l-klassifikazzjoni tal-pużizzjoni tas-Sur B. b'mod partikulari.



Minħabba li l-Ombudsman ikkunsidra r-risposta tal-Kummissjoni għal abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu bħala mhux sodisfaċenti, huwa ssottometta rapport speċjali lill-Parlament fejn huwa reġa' stqarr l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu bħala rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni.

3.8 INKJESTI FUQ INIZJATTIVA PERSONALI TA' L-OMBUDSMAN

NUQQAS TA' PROĊEDURA GĦALL-ILMENT GĦAL ESPERTI NAZZJONALI SSEKONDATI

Id-deċiżjoni fil-qosor ta' inkjesta fuq inizjattiva personali OI/1/2003/ELB dwar il-Kummissjoni Ewropea

Esperti nazzjonali ssekondati huma ħaddiema nazzjonali jew internazzjonali taċ-ċivil, jew persuni impjegati fis-settur privat, li qegħdin jaħdmu temporanjament għall-istituzzjonijiet Ewropej. Skond ir-regoli adottati mill-Kummissjoni applikabbli għal esperti nazzjonali ssekondati, huma għandhom jibqgħu fis-servizz tal-persuna li tħaddimhom matul il-perijodu kollu taż-żmien li jgħamlu ssekondati u għandhom jibqgħu jitħallsu minn dik il-persuna li tħaddimhom. Madankollu, huma jirċievu benefiċċi mill-Kummissjoni sabiex ikopru l-ispejjeż tagħhom ta' espatriazzjoni.

L-Ombudsman ma kienx konxju li kienet teżisti xi proċedura interna, b'mod partikulari l-Artikolu 90 tar-Regolementi ta' l-Istaff, biex jissolvew kwistjonijiet li jistgħu iqumu bejn esperti nazzjonali ssekondati u l-Kummissjoni. Għalhekk huwa talab lill-Kummissjoni tinfirmah dwar jekk irċevietx ilmenti minn esperti nazzjonali ssekondati dwar affarijiet relatati mas-sekondament tagħhom, u dwar kif ilmenti bħal dawn ġew trattati. Huwa talab wkoll lill-Kummissjoni jekk taċċettax li tintroduċi, fir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali ssekondati, dispożizzjoni xierqa għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu.

Il-Kummissjoni kkonfermat li l-Artikolu 90 tar-Regolamenti ta' l-Istaff m'huwiex applikabbli għal esperti nazzjonali ssekondati, għax ir-Regolamenti ta' l-Istaff m'humix applikabbli għalihom u l-benefiċċi li jirċievu m'humix ibbażati fuq ir-Regolamenti ta' l-Istaff. Skond il-Kummissjoni, is-servizzi tagħha kienu segwew metodi informali sabiex jiġu magħluqa kwistjonijiet li jistgħu jqumu u jwieġbu mistoqsijiet, sabiex jevitaw li kwistjonijiet potenzjali jiġu mkabbra u aggravati. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li, fir-rigward ta' l-iskop, tal-passi u tal-modi li jwasslu għall-soluzzjoni ta' kwistjonijiet, is-sitwazzjoni legali ma kinitx totalment ċara, b'mod partikulari minħabba li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni applikabbli ma kinitx tipprevedi għal proċeduri għall-ilmenti. Il-Kummissjoni qalet li hija kienet ippreparata li tintroduċi, fil-kuntest tar-reviżjoni sostanzjali li jmiss tar-regoli msemmija hawn fuq, dispożizzjoni xierqa għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet li jistgħu jqumu.

L-Ombudsman laqa' r-risposta pożittiva tal-Kummissjoni, iżda nnota li ma kinitx stabbiliet skeda definita għall-azzjoni. Filwaqt li fakkar li nuqqas ta' azzjoni fi żmien raġonevoli hija forma ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, li kienet tgħid li hija kellha tadotta proċedura għall-ilmenti għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejn esperti nazzjonali ssekondati u l-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni nfurmat lill-Ombudsman li hija aċċettat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu u indikat li proċedura għall-ilmenti ta' esperti nazzjonali ssekondati setgħet tiġi adottata sa Marzu 2005.

Fuq bażi ta' l-inkjesti tiegħu, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman u li l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni sabiex timplimentaha kienu sodisfaċenti, billi l-Kummissjoni kienet issa adottat skeda raġonevoli għall-azzjoni.



IL-KWALITÀ TA' AMMINISTRAZZJONI FL-ISKEJJEL EWROPEJ

Id-deċiżjoni fil-qosor fuq inkjesta fuq inizjattiva personali OI/5/2003/IJH li tikkonċerna l-Kummissjoni Ewropea

L-Iskejjel Ewropej ġew stabbiliti fl-1957 sabiex jedukaw it-tfal ta' l-istaff ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Huma m'humex direttament fil-mandat ta' l-Ombudsman, iżda l-Kummissjoni hija rrappreżentata fil-Bord tal-Gvernaturi tagħhom u ttipprovdi għall-parti l-kbira ta' l-iffinanzjar tagħhom. Meta l-Ombudsman jirċievi lmenti fuq l-Iskejjel, huwa jistaqsi lill-Kummissjoni għal opinjoni. Ħafna minn dawn l-ilmenti, inkluż ilment tal-massa fl-2002 (845/2002/IJH) li irriżulta f'abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, esprimew sens ta' frustrazzjoni u nuqqas ta' poter min-naħa tal-ġenituri.

F'Diċembru 2003, l-Ombudsman beda inkjesta fuq inizjattiva personali dwar il-pjanijiet tal-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-amministrazzjoni tajba ta' l-Iskejjel. L-inkjesta indikat il-bżonn li l-Iskejjel jiġu mgħejjuna sabiex jiġu żgurati livelli ta' fiduċja aħjar u li jinżammu fost il-kostitwenti li għandhom iservu l-interessi tagħhom (tfal, ġenituri, l-istituzzjonijiet u ċittadini b'mod ġenerali), kif ukoll iktar effiċjenza fil-futur.

Ir-risposta tal-Kummissjoni qablet mal-bżonn għal azzjoni, irrikonoxxiet l-importanza tal-koperazzjoni mal-ġenituri, u ħabbet kienet ser issir Kommunikazzjoni sabiex tenfasizza l-bżonn ta' tmexxija aħjar u trasparenti. Il-Kummissjoni spjegat li kienet diġà talbet lill-iskejjel jieħdu azzjoni immedjata, inkluż fir-rigward ta' l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fuq aċċess għal dokumenti. Il-Kummissjoni indikat, madankollu, li għandha nfluwenza limitata fuq il-Bord tal-Gvernaturi, li jieħu ż-żmien biex jiddeċiedi u huwa kuntrarju li jagħmel riformi.

L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni kienet ippruvat tidentifika u ssewwi id-djufiji operattivi l-iktar serji li kienu qed iqajmu lmenti. Barra minn hekk, il-proposti tagħha għal Kommunikazzjoni fil-qrib kienet tirrappreżenta opportunità sinjifikanti sabiex tiġi mtejjba l-kwalità ta' l-amministrazzjoni ta' l-Iskejjel. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni tirrikonoxxi kompletament ir-responsabbiltà ġenerali tagħha li tippromwovi amministrazzjoni tajba mill-Iskejjel, skond l-istess valuri, prinċipji u *standards* li japplikaw għal istituzzjonijiet u korpi Komunitarji. Huwa għalhekk għalaq l-inkjesta b'riżultat ta' l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni.

L-Ombudsman issuġġerixxa wkoll li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord ta' Gvernaturi dwar il-Kodiċi Ewropew ta' Mġieba Amministrattiva Tajba u tinkoraġġixxi l-applikazzjoni tiegħu mill-Iskejjel, u tfittex li tiżgura li l-Iskejjel infushom jirrikonoxxu l-bżonn li jagħtu aktar poter u jirbħu l-fiduċja tal-ġenituri bħala parti mill-missjoni bażika tagħhom.

Finalment, l-Ombudsman esprima l-volontà tiegħu li jgħin fir-reviżjoni ta' progress fil-futur sabiex titjeb il-kwalità ta' amministrazzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej u titjeb it-trasparenza u l-effiċjenza tagħhom.

Nota ulterjuri

Fil-15 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni rrispondiet b'mod pożittiv għas-suġġerimenti ta' l-Ombudsman. Hija inkludiet ukoll kopja tal-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament fuq għażliet għall-iżvilupp ta' sistema ta' Skejjel Ewropej (COM (2004) 519 finali).



DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJET LI JSEGWU INKJESTA

**4 RELAZZJONIJET MA' ISTITUZZJONIJET
U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA**

5 RELAZZJONIJET MA' OMBUDSMEN
U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJET

7 ANNESSI

RELAZZJONIJET MA'
ISTITUZZJONIJET U KORPI
TA' L-UNJONI EWROPEA



4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Is-sena 2004 rat approċċ proattiv dejjem jikber lejn koperazzjoni kemm min-naħa ta' l-Ombudsman Ewropew u ta' l-istituzzjonijiet kif ukoll min naħa tal-korpi ta' l-Unjoni Ewropea. Minbarra li jwettqu l-obbligazzjonijiet istituzzjonali rispettivi tagħhom, l-Ombudsman u l-interlokutori tiegħu fittxew kull opportunità sabiex jaħdmu flimkien għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Dan il-kapitlu fih deskrizzjoni ġenerali tal-laqgħat u ta' l-attivitajiet li saru ma' Membri u uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE matul l-2004. Jibda billi jenfasizza l-valur tar-relazzjonijiet kostruttivi li jiffunzjonaw bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet u l-korpi. Dawn ir-relazzjonijiet huma vitali sabiex jiżguraw l-ogħla standards ta' amministrazzjoni, iżidu l-għarfien fost iċ-ċittadini tad-dritt tagħhom li jilmentaw u jgħinu lill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman jaħdem b'mod effettiv. Ir-relazzjoni speċjali ta' l-Ombudsman mal-Parlament Ewropew, li jeleġġi l-Ombudsman u li lilu l-Ombudsman jirrapporta annwalment, tingħata attenzjoni partikulari.

Il-valur tal-koperazzjoni – sitwazzjoni fejn ħadd ma jitlef

Jiġu żgurati l-ogħla standards ta' amministrazzjoni: L-Ombudsman juża l-opportunitajiet offruti minn laqgħat mal-Membri u l-uffiċjali sabiex jispjega l-ħsieb wara x-xogħol tiegħu, kif l-aħjar li jiġu mwiegħa ilmenti li dwarhom huwa jiġbed l-attenzjoni tagħhom u kif jitjiebu l-proċeduri. Dan jgħinu jwettaq l-irwol doppju tiegħu, sew bħala mekkaniżmu ta' kontroll estern kif ukoll bħala riżors sabiex jgħin fit-titjib tal-kwalità ta' l-amministrazzjoni. Ugwalment, l-Ombudsman jirrikonoxxi l-importanza li jżomm l-istaff tiegħu stess aġġornat dwar l-iżviluppi fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Għalhekk, kelliema minn numru ta' istituzzjonijiet ġew mistiedna jindirizzaw l-istaff ta' l-Ombudsman fl-2004.

Informazzjoni liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom: L-Ombudsman igawdi appoġġ siewi mill-istituzzjonijiet fl-isforz tiegħu li jilħaq liċ-ċittadini. Attivitajiet li seħħew fl-2004 servew sabiex jiġu esplorati oqsma futuri ta' azzjoni konġunta, inklużi inizjattivi biex jintlaħqu persuni li potenzjalment għandhom lment, biex tiġi żgurata distribuzzjoni wiesgħa tal-pubblikazzjonijiet ta' l-Ombudsman u biex jiżdied l-għarfien tax-xogħol tiegħu permezz ta' l-Internet.

Għajjuna biex l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman jaħdem b'mod effettiv: L-Ombudsman jara l-koperazzjoni interistituzzjonali bħala ċ-ċavetta sabiex isir l-aktar użu ġudizzjuż possibbli mir-riżorsi mogħtija lill-Uffiċċju tiegħu. B' mod partikolari dan huwa l-każ fejn għandhom x'jaqsmu numru ta' kwistjonijiet baġitarji u amministrattivi, fejn l-Ombudsman jikkopera b'mod speċjali mal-Parlament (ara Anness B). Dan iġin sabiex tiġi evitata dupplikazzjoni ta' l-istaff fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman u, fejn hu possibbli, jiġu żgurati ekonomiji ta' skala. Sabiex jiġi aċċertat li l-istituzzjoni nnifisha tingħata r-riżorsi xierqa biex taqdi d-doveri li hija msejħa li tagħmel, l-Ombudsman jaħdem mill-qrib ma' l-awtoritajiet baġitarji ta' l-UE, filwaqt li jiltaqa' mar-rappreżentanti istituzzjonali rilevanti biex jispjega u jiddefendi l-prijoritajiet ta' l-istituzzjoni. Fl-2004 saret gamma wiesgħa ta' laqgħat f'dan ir-rigward.

L-Ombudsman u l-Parlament – relazzjoni speċjali

L-Ombudsman huwa elett mill-Parlament Ewropew, u jirrapporta lilu. Huwa jgawdi relazzjoni ta' ħidma li tagħti l-frott mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, li huwa responsabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman, u, fost oħrajn, jfassal ir-rapport dwar ir-Rapport Annwali tiegħu. Id-dibatittu Plenarju annwali tal-Parlament dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman huwa punt importanti fil-kalendarju ta' l-Ombudsman, li jipprovdi okkażjoni għal skambju wiesgħa ta' opinjonijiet fuq ix-xogħol li passat ta' l-Ombudsman u inizjattivi għal-futur.



Ir-relazzjoni ta' l-Ombudsman mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet ssaħħet aktar fl-2004, b'konferma mill-Ombudsman li hu jkun favur li l-Kumitat isir membru totali tan-network Ewropew ta' l-ombudsmen u korpi simili. Dan segwa rakkomandazzjoni fir-Rapport DE ROSSA dwar ir-Rapport Annwali 2003 ta' l-Ombudsman u għandu jtejjeb aktar is-servizzi pprovduti liċ-ċittadini Ewropej.

Barra mir-Rapport Annwali, l-Ombudsman jagħmel il-gamma kollha tiegħu ta' pubblikazzjonijiet disponibbli għall-Membri tal-Parlament Ewropew bl-intenzjoni li jagħtihom deskrizzjoni ġenerali sħiħa ta' l-attivitajiet tiegħu. Tmien pubblikazzjonijiet, f'25 lingwa, ġew imqassma lill-MEPs fl-2004. Dawn il-pubblikazzjonijiet huma koperti f'sezzjoni 6.5 ta' dan ir-Rapport.

L-Ombudsman għamel numru ta' laqgħat u attivitajiet ma' Membri u uffiċjali ta' istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE fl-2004⁴⁶, li huma mniżżla f'sezzjonijiet 4.1 sa 4.3.

4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW

13 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sur Joan COLOM I NAVAL MEP, Viċi-President tal-Parlament Ewropew.

2 ta' Frar: Preżentazzjoni lill-istaff tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew. Din il-preżentazzjoni kienet organizzata mill-Jurisconsult tal-Parlament, is-Sur Gregorio GARZON CLARIANA.

11 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Julian PRIESTLEY, Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

11 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Malcolm HARBOUR MEP.

30 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Wilfried KUCKELKORN MEP, 'rapporteur' tal-Baġit.

26 ta' April: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2003 ta' l-Ombudsman lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

4 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Roy PERRY MEP.

4 ta' Mejju: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2003 ta' l-Ombudsman lill-Grupp tal-'European People's Party' (Demokristjani) u l-'European Democrats' fil-Parlament Ewropew.

7 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Pat COX, President tal-Parlament Ewropew.

7 ta' Ġunju: Preżentazzjoni lill-istaff amministrattiv għoli tal-Parlament Ewropew. Iktar minn 35 membri ta' l-istaff għoli attendew din il-laqgħa, li kienet ippreseduta mis-Sur Julian PRIESTLEY.

20 ta' Lulju: Laqgħat mas-Sur Esko SEPPÄNEN MEP u s-Sur Jan MULDER MEP, sabiex jiġi diskuss il-Baġit 2005 ta' l-Ombudsman.

21 ta' Lulju: Laqgħat mas-Sinjorina Kathalijne Maria BUITENWEG MEP, mas-Sur Reiner BÖGE MEP; is-Sur Den DOVER MEP, is-Sur Herbert BÖSCH MEP, is-Sur Antonis SAMARAS MEP u s-Sinjorina Anne Elisabet JENSEN MEP, sabiex jiġi diskuss il-Baġit 2005 ta' l-Ombudsman.

22 ta' Lulju: Laqgħat mas-Sur Ralf WALTER MEP, is-Sur Kyösti Tapio VIRRANKOSKI MEP u s-Sur Markus FERBER MEP, sabiex jiġi diskuss il-Baġit 2005 ta' l-Ombudsman.

2 ta' Settembru: Preżentazzjoni tal-prijoritajiet ta' l-Ombudsman għall-Baġit 2005 f'laqgħa tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Baġits.

13 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sinjorina Anne Elisabet JENSEN MEP, 'rapporteur' tal-Baġit.

⁴⁶

Il-laqgħat u l-attivitajiet saru fi Brussel, fil-Lussemburgu u fi Strasburgu.



14 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sinjinorina Bárbara DÜRKHOP DÜRKHOP MEP u mas-Sinjinorina Neena GILL MEP sabiex jiġi diskuss il-Baġit 2005 ta' l-Ombudsman.

14 ta' Settembru: Preżentazzjoni tax-xogħol ta' l-Ombudsman lill-MEPs ta' l-Estonia, is-Sur Toomas ILVES, is-Sinjinorina Marianne MIKKO, u s-Sinjinorina Siiri OVIIR.

14 ta' Settembru: L-Ombudsman Ewropew organizza ikla, f'ġieħ il-Bureau l-ġdid u l-Kordinaturi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Is-Sur Marcin LIBICKI MEP, President tal-Kumitat, is-Sinjinorina Marie PANAYOTOPOULOS-CASSIOTOU MEP, il-Viċi-President tal-Kumitat, is-Sur Proinsias DE ROSSA MEP, is-Sinjinorina Alexandra DOBOLYI MEP, u s-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MEP attendew l-ikla.

27 t'Ottubru: Laqgħa mas-Sur Robert ATKINS MEP.

16 ta' Novembru: Preżentazzjoni lill-Kapijiet ta' l-Uffiċċji għall-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri. Iktar minn 30 rappreżentant ta' l-Uffiċċji attendew din il-laqgħa, li kienet ippreseduta mis-Sinjinorina Francesca RATTI, Direttur Ġenerali ta' l-Infurmazzjoni fil-Parlament.

18 ta' Novembru: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2003 ta' l-Ombudsman lill-membri kollha tal-Parlament Ewropew (ara Sezzjoni 6.1).

4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA

20 ta' Jannar: Preżentazzjoni lill-Kapijiet tar-Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Membri. Din il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sur Jorge de OLIVEIRA E SOUSA, Direttur Ġenerali tad-DG Ġurnalisti u Kommunikazzjoni fil-Kummissjoni.

10 ta' Frar: Laqgħa mad-Direttur Ġenerali tas-Servizzi Legali tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Michel PETITE. F'din il-laqgħa, l-Ombudsman u d-Direttur Ġenerali ftiehmu li jinkludu infurmazzjoni fuq l-attivitajiet ta' xulxin fil-programmi tat-taħriġ ta' l-istaff tagħhom.

30 ta' Marzu: Preżentazzjoni mis-Sur Michel PETITE, Direttur Ġenerali tas-Servizzi Legali tal-Kummissjoni Ewropea, lill-istaff legali ta' l-Ombudsman.

31 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sinjinorina Loyola DE PALACIO, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea.

13 ta' Lulju: Preżentazzjoni mis-Sur DIAMANDOUROS lis-Servizzi Legali tal-Kummissjoni, f'taħdita msejħa "L-irwol doppju ta' l-Ombudsman".

4.3 ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA

11 ta' Frar: Laqgħa fi Strasbourg mas-Sur Dick ROCHE, Ministru Irlandiż għall-Affarijiet Ewropej u President preżenti tal-Kunsill.

23 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Erik HALSKOV, (aġent) Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Istaf (EPSO).

8 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Franz-Hermann BRÜNER, Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-kontra l-Frodi (OLAF).



10 ta' Marzu: Laqgħa mas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-'Data', is-Sur Peter HUSTINX, u d-Deputat tiegħu, is-Sur Joaquín BAYO DELGADO.

16 ta' Ġunju: Ikla ta' xogħol mal-Membri tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, ippreseduta mill-President tal-Qorti, is-Sur Juan Manuel FABRA VALLES.

26 ta' Novembru: Preżentazzjoni mill-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios SKOURIS, lill-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew. It-taħdita tas-Sur SKOURIS kienet tikkonċerna l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE meta l-Kostituzzjoni futura għall-Ewropa tidħol fis-seħħ.



Is-Sur Vassilios Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, jindirizza lill-persunal ta' l-Ombudsman Ewropew, Strasbourg, Franza, 26 ta' Novembru 2004.

DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJIET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJIET

7 ANNESSI



5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA

Li jaħdem mill-qrib ma' l-ekwivalenti tiegħu fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali hija prijorità importanti għall-Ombudsman Ewropew. Dan jgħin biex jiżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini jiġu ttrattati mill-aktar fis possibbli u b'mod effettiv, u dan jikkostitwixxi aspett ċentrali ta' l-irwol reattiv ta' l-Ombudsman. Din il-koperazzjoni hija daqs tant vitali għall-Ombudsman Ewropew fl-irwol proattiv tiegħu, għaliex tippermettilu li jissorvelja l-iżviluppi importanti fid-dinja ta' l-ombudsmen, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u l-iskambju ta' l-aħjar prattika.

Dan il-kapitlu jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet li saru matul l-2004 sabiex jiżviluppaw aktar ir-relazzjonijiet ta' xogħol ma' l-ombudsmen fl-Ewropa u barra mill-Ewropa u li fihom kien involut fihom l-Ombudsman. Meta wieħed iqis l-importanza tiegħu għax ta' kuljum ta' l-Uffiċċju fil-mod kif jieħu ħsieb ta' l-ilmenti taċ-ċittadini, dan il-kapitlu jibda b'deskrizzjoni tan-network Ewropew ta' l-ombudsmen u bir-reviżjoni ta' l-iżviluppi li saru fi ħdan in-network matul is-sena.

5.1 IN-NETWORK EWROPEW TA' OMBUDSMEN

In-network Ewropew ta' l-ombudsmen kiber permezz ta' l-inizzjattiva li ħa l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN, li stieden l-ombudsmen u korpi simili fl-UE għal seminarju ġewwa Strasburgu f'Settembru ta' l-1996. In-nies li ħadu sehem ftiehem fuq il-ħolqien ta' proċess kontinwu ta' koperazzjoni biex jiġi promoss it-tixrid ħieles ta' informazzjoni dwar il-liġi tal-Komunità u l-implimentazzjoni tagħha u sabiex isir possibbli li l-ilmenti jiġu ttrasferiti lill-korp li huwa l-aktar kapaċi li jieħu ħsiebhom.

In-network fil-preżent huwa magħmul minn kważi 90 uffiċċju f'29 pajjiż Ewropew. Go l-Unjoni, dan ikopri l-ombudsmen u l-korpi simili fuq-livelli Ewropew, nazzjonali u reġjonali, filwaqt li fuq livell nazzjonali jinkludi ukoll lin-Norveġja, lill-Iżlanda u lill-pajjiżi kandidati għal sħubija ma' l-UE. Kull wieħed mill-ombudsmen nazzjonali u mill-korpi simili fl-Istati Membri fl-UE, kif ukoll min-Norveġja u mill-Iżlanda ħatru *liason officer* biex iservi bħala punt ta' kuntatt mal-membri l-oħra tan-network.

In-network żviluppa b'mod sod f'għodda b'saħħitha ta' kollaborazzjoni għall-ombudsmen u l-istaff tagħhom, u jservi bħala mekkaniżmu effettiv għall-koperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-każijiet. L-esperjenzi u l-aħjar prattika jinqas permezz ta' seminarji u laqgħat, ċirkolari regolari, forum elettroniku ta' diskussjoni u servizz elettroniku ta' aħbarijiet ta' kuljum. Dawn l-attivitajiet għandhom jiġu deskritti f'din it-taqsima, flimkien ma' deskrittjoni tal-koperazzjoni fil-ġestjoni tal-każijiet fl-2004.

Iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati irriżultaw li kienu mezz effettiv ħafna fejn jidħol l-iżvilupp tan-network, u jikkostitwixxu mezz eċċellenti biex titqajjem kuxjenza dwar il-gamma ta' għodda ta' komunikazzjoni li hemm disponibbli. It-taqsima 5.1 għalhekk tispiċċa b'ħarsa lejn iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman fl-2004.

Seminarji ta' l-ombudsmen nazzjonali

Is-seminarji ta' l-ombudsmen nazzjonali jsiru kull sentejn, u jiġu organizzati flimkien ma' l-Ombudsman Ewropew u l-ekwivalenti nazzjonali tiegħu. Is-Seminarju li jmiss ta' l-Ombudsmen



Nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-Pajjiżi Kandidati għandu jsir għewwa The Hague mill-10 sal-14 ta' Settembru 2005 u għandu jikkonċentra fuq "L-irwol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-ombudsman u korpi oħra fl-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-UE". Dan għandu jkun il-ħames Seminarju ta' ombudsmen nazzjonali u għandu jaħbat ma' l-għaxar anniversarju mit-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Barra minn hekk, dan għandu jkun l-ewwel Seminarju mit-tkabbir ta' l-UE u għalhekk għandu jkun l-ewwel okkażjoni li fiha l-ombudsmen mill-25 Stati Membri kollha jiltaqgħu flimkien sabiex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni. Dawn l-aspetti kollha għandhom iżidu dimensjoni speċjali mat-tema tas-Seminarju ta' l-2005.

It-tnejn għas-Seminarju bdew b'ħerqa fl-2004, bi tlett laqgħat bejn l-Ombudsman Ewropew u l-ekwivalenti tiegħu fl-Olanda, s-Sur Roel FERNHOUT. Iż-żewġ ombudsmen u l-membri ta' l-istaff tagħhom iltaqgħu għewwa Brussel fl-20 ta' Jannar, għewwa Strasbourg fil-21 ta' Ġunju u għewwa The Hague fil-15 ta' Ottubru.

Ir-Rapportatur Ġenerali għas-Seminarju, is-Sur Rick LAWSON mill-Università ta' Leiden, kien preżenti għat-tieni laqgħa, fejn il-parteċipanti ddiskutew abbozz ta' kwestjonarju għas-seminarju. L-għan ta' dan il-kwestjonarju huwa li jagħti indikazzjoni dwar it-tipi ta' "każijiet ta' l-UE" li jiltaqgħu magħhom l-ombudsmen fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, li jiskopri l-frekwenza u l-importanza ta' dawn il-każijiet u li jidentifika l-aħjar prattika. Dan tqassam f'Ottubru 2004 lill-uffiċċji kollha ta' l-ombudsmen li kienu qed jieħdu sehem mill-UE, minn Norveġja u mill-Iżlanda. L-uffiċċji intalbu li jirrispondu sal-31 ta' Diċembru. L-informazzjoni mogħtija permezz tal-kwestjonarju għandha tiġi użata bħala bażi għall-produzzjoni ta' Rapport Ġenerali li għandu jiġi ppreżentat u diskuss matul is-Seminarju.

It-tnejn għas-Seminarju għandhom ikompli fl-2005 bil-għan li jagħmlu din il-ħames laqgħa suċċess kbir.

Koperazzjoni fil-ġestjoni ta' każijiet

L-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri huma kompetenti biex jieħdu ħsieb ħafna mill-ilmenti li huma barra mill-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew minħabba li dawn ma' jsirux kontra istituzzjoni jew korp tal-Komunità. Matul l-2004, l-Ombudsman Ewropew ta' parir lil 906 ilmentatur sabiex dawn jirrikorru għand ombudsman nazzjonali jew reġjonali u ttrasferixxa 54 ilment direttament lill-ombudsman kompetenti. Eżempji ta' dawn l-ilmenti huma mogħtija fit-taqsimi 2.5 ta' dan ir-Rapport.

Jekk jiġi mitlub, l-Ombudsman Ewropew ukoll jgħin lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali bl-inkjesti tagħhom billi jirrispondi għad-domandi dwar il-liġi ta' l-UE jew billi jiddiriġi d-domanda lill-istituzzjoni jew lill-korp ta' l-Unjoni kompetentni biex jagħti risposta. Fl-2004, waslu domandi mill-Ombudsman Reġjonali tal-Veneto (l-Italja), mill-Ombudsman Irlandiż u mill-Ombudsman Ċiprijott.

Iċ-Ċirkulari ta' l-Ombudsmen Ewropej

Iċ-Ċirkulari ta' l-Ombudsmen Ewropej – tkopri x-xogħol tal-membri tan-netwerk Ewropew ta' l-ombudsmen u l-membri usa tar-Reġjuni Ewropew ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman (IOI). Din iċ-ċirkulari hija ppubblikata bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bl-Ispanjol, u hija indirizzata lil aktar minn 400 uffiċċju fuq livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Iċ-Ċirkulari tiġi ppubblikata darbtejn fis-sena – f'April u f'Ottubru.

Iċ-Ċirkulari fiha kontribuzzjonijiet mill-uffiċċji ta' l-ombudsmen madwar l-Ewropa. Dawn jiffurmaw il-bażi tat-taqsimiet dwar l-aħbarijiet, il-liġi ta' l-UE, ix-xogħol ta' l-ombudsmen u ta' korpi simili, is-seminarji u l-laqgħat u ttabbriet. L-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' iċ-Ċirkulari u juża l-editorjal biex jiġbed l-attenzjoni dwar kwistjonijiet ta' importanza għan-netwerk u biex janalizza l-importanza tagħhom. Is-Sezzjoni 2 – bit-titolu "Komunikazzjonijiet mill-IOI" – hija miktuba mill-Viċi-President Reġjonali għall-Ewropa ta' l-IOI u hija mħejjija biex tinforma lill-membri ta' l-IOI-Ewropa dwar l-iżviluppi riċenti, avvenimenti li għandhom iseħħu u inizzjattivi oħra ta' interess.



Iċ-Ċirkulari uriet li hija forum estremament ta' valur għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u ta' l-aħjar Prattika. Fl-2004, kwistjonijiet ittrattati kienu jinkludu l-Kostituzzjoni l-għdida għall-Ewropa u l-implikazzjonijiet tagħha għall-ombudsmen, il-problema li jsibu daww li jridu jagħmlu użu mid-dritt tagħhom ta' moviment ħieles, problemi relatati mal-ħabsijiet f'numru ta' Stati Membri, id-drittijiet tat-tfal u ta' l-anzjani, u l-problemi li jsibu n-nies b'diżabilità.

Għodda elettroniċi ta' komunikazzjonijiet

F'Novembru 2000, l-Ombudsman waqqaf forum ta' diskussjoni fuq l-Internet u website għall-ombudsmen u l-istaff tagħhom fl-Ewropa. Kważi 90 uffiċċju f'29 pajjiż Ewropew fil-preżent għażlu ismijiet għall-login u l-passwords sabiex jaċċessjaw il-forum ta' diskussjoni. Barra minn hekk, daww li huma membri ta' IOI-Ewropea u li m'humiex membri tan-netwerk Ewropew ta' l-ombudsmen għandhom aċċess għall-forum ta' diskussjoni permezz ta' login ġeneriku u password. Il-forum ta' diskussjoni joffri possibiltajiet għall-iskambju ta' informazzjoni ta' kuljum u ta' koperazzjoni bejn l-uffiċċji.

L-aktar parti popolari tal-forum ta' diskussjoni hija s-*Servizz ta' Aħbarijiet ta' Kuljum ta' l-Ombudsman*, li tiġi ppubblikata kull ġurnata ta' xogħol u fiha aħbarijiet mill-uffiċċji ta' l-ombudsman. L-uffiċċji ta' l-ombudsman nazzjonali u reġjonali madwar l-Ewropa jikkontribwixxu u jikkonsultaw l-*Aħbarijiet ta' Kuljum*.

Fl-2004, il-forum ta' diskussjoni beda jaħdem bis-serjetà, u ppermetta lill-uffiċċji li jaqsmu l-informazzjoni permezz ta' domandi u risposti mqiegħda fuq il-website. Ħafna diskussjonijiet importanti fuq suġġetti diversi bħall m'huma l-kopertura televiżiva għall-ombudsmen u d-drittijiet ta' l-ombudsmen li jżuru l-ħabsijiet, bdew fl-2004, b'ħafna mill-uffiċċji nazzjonali jagħtu kontribuzzjoni lil waħda jew lil ħafna minn dawn id-diskussjonijiet.

Il-kontenut tal-forum ta' diskussjoni jinkludi lista formali ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri ta' l-UE, fin-Norveġja, fl-Iżlanda u fil-pajjiżi kandidati għal sħubija ma' l-UE. Il-lista tiġi aġġornata kull meta jkun hemm tibdil fid-dettalji minħabba tibdil f'uffiċċju ta' ombudsman u għalhekk hija riżors indispensabbli għall-ombudsmen madwar l-Ewropa.

Żjarat ta' informazzjoni

L-għanijiet taż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-ombudsmen huma tnejn: li jqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jilmentaw ma' l-Ombudsman, u sabiex iżidu l-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-ewkwivalenti tiegħu fil-kuntest ġenerali tan-netwerk Ewropew ta' l-ombudsmen.

L-aspett ta' dawn iż-żjarat ta' informazzjoni fir-rigward tat-tixrid ta' l-għarfien pubbliku ser jiġi inkluż fit-taqsim 6.2 ta' dan ir-Rapport, iżda f'dan ir-rigward huwa importanti li jissemma l-appoġġ imprezzabbli li l-Ombudsman jirċievi mill-ekwivalenti tiegħu madwar l-Ewropa. L-Ombudsman jiddependi ħafna fuq il-kollegi tiegħu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati matul iż-żjarat ta' informazzjoni tiegħu. Il-kuntatti tagħhom fil-pajjiż jippermettulu li jilħaq liċ-ċittadini, lill-amministraturi u lill-uffiċjali ta' l-istat u għalhekk li jżid kemm jista' jkun l-effettività ta' dawn il-vjaġġi.

Bil-għan li jiżviluppa aktar ir-relazzjonijiet professjonali fin-netwerk Ewropew ta' ombudsmen, iż-żjarat ta' l-Ombudsman Ewropew jipprevedu b'mod sistematiku għal laqgħat dettaljati ma' l-ombudsmen u l-istaff tagħhom. Dawn il-laqgħat għandhom valur kbir fir-rigward ta' tagħlim reċiproku. Huma joffru l-opportunità biex titħeġġeġ parteċipazzjoni aktar attiva fin-netwerk u biex jiġu esplorati metodi ġodda ta' ħidma flimkien għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Dawn l-isforzi taw il-frott fl-2004, b'ħafna uffiċċji juru interess akbar fil-gamma ta' strumenti disponibbli permezz tan-netwerk wara dawn iż-żjarat.

Iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman fl-2004 hađuh fil-pajjiżi li ġejjin, imniżżla b'ordni kronoloġiku:



- Is-Slovenja, mill-24 sas-27 ta' Jannar, fejn iltaqa' ma' l-Ombudsman għad-Drittijiet Umani, is-Sur Matjaž HANŽEK u d-deputati tiegħu, s-Sur Aleš BUTALA, s-Sur France JAMNIK u s-Sur Jernej ROVŠEK;
- Is-Slovakkja, mit-18 sad-19 ta' Frar, fejn ġie milqugħ mis-Sur Pavel KANDRÁČ, Difensur Pubbliku tad-Drittijiet;
- Ċipru, mid-29 ta' Frar sat-3 ta' Marzu, fejn iltaqa' mal-Kummissarju għall-Amministrazzjoni, is-Sinjura Eliana NICOLAOU;
- Ir-Repubblika Ċeka, mill-21 sal-24 ta' Marzu, fejn iltaqa' mad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, is-Sur Otakar MOTEJL;
- Il-Latvja, mill-14 sas-17 ta' April, fejn żar lis-Sur Olafs BRŪVERS, Direttur ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Latvja għad-Drittijiet Umani;
- Il-Litwanja, mis-17 sal-21 ta' April, fejn ġie milqugħ mil-kollegi tiegħu fl-Uffiċċji ta' l-Ombudsmen ta' Seimas – il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen, is-Sur Romas VALENTUKEVIČIUS u l-Ombudsmen, is-Sinjura Elvyra BALTUTYTĖ, is-Sinjura Rimantė ŠALAŠEVIČIŪTĖ, is-Sur Kęstutis VIRBICKAS u s-Sinjura Zita ZAMŽICKIENĖ;
- Il-Polonja, mit-28 t'April sat-2 ta' Mejju, fejn żar lis-Sur Andrzej ZOLL, Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili;
- L-Awstrija, mill-24 sal-25 ta' Mejju, fejn iltaqa' ma' membri tal-Board ta' l-ombudsman, li huma is-Sinjura Rosemarie BAUER, 'Chairperson' tal-Board, u s-Sur Peter KOSTELKA;
- Ir-Rumanija, mis-26 sat-28 ta' Mejju, fejn ġie milqugħ mill-Avukat tal-Poplu, is-Sur Ioan MURARU;
- Il-Greċja, mit-30 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju, fejn ġie milqugħ mill-Ombudsman, is-Sur Yorgos KAMINIS;
- L-Olanda, mill-15 sad-19 ta' Settembru, fejn iltaqa' mal-ekwivalenti nazzjonali tiegħu, is-Sur Roel FERNHOUT;
- Il-Portugall, mill-21 sat-22 ta' Ottubru, fejn żar l-Ombudsman, is-Sur Henrique NASCIMENTO RODRIGUES;
- Franza, mill-1 sat-2 ta' Diċembru, fejn ġie milqugħ mill-ekwivalenti nazzjonali tiegħu, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE.

5.2

SEMINARJI U KONFERENZI OĦRA TA' L-OMBUDSMAN

L-isforzi ta' l-Ombudsman Ewropew biex jikkollabora ma' l-ombudsman ekwivalenti tiegħu jmorru aktar 'il bogħod mill-attivitajiet tan-netwerk Ewropew ta' l-ombudsmen. Bħala membru attiv f' sensiela ta' organizzazzjonijiet ta' ombudsman, huwa jipparteċipa f'konferenzi u seminarji fl-Ewropa u barra mill-Ewropa. Huwa ħerqan li jkun preżenti għal attivitajiet organizzati minn ombudsmen nazzjonali u reġjonali jew li jiżgura li l-Uffiċċju tiegħu jkun rappreżentat f'okkażjonijiet bħal dawn. Fil-kuntest tax-xogħol tiegħu li jippromwovi il-ħarsien tal-liġi, ir-rispett għad-drittijiet umani u l-amministrazzjoni tajba fl-Unjoni u barra mill-Unjoni, l-Ombudsman, bl-istess mod huwa preżenti għal okkażjonijiet bil-għan li joħolqu istituzzjonijiet ġodda ta' l-ombudsman. Din it-taqsimha tagħti indikazzjoni tal-parteeċipazzjoni ta' l-Ombudsman u l-istaff tiegħu, f'okkażjonijiet bħal dawn fl-2004

Seminarju pubbliku dwar "Il-Kontroll Parlamentari u l-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen Parlamentari" Stokkolma, l-Isvezja

Fit-12 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'seminarju pubbliku għewwa Stokkolma dwar "il-Kontroll Parlamentari u l-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen Parlamentari". Dan is-seminarju ġie organizzat mill-Kumitat għall-Kostituzzjoni tar-*Riksdag* Svediż biex jimmarka l-waqfien mix-xogħol tas-Sur Claes EKLUNDH mill-post tiegħu bħala Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Isvezja.



Is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-udjenza fis-sezzjoni dwar "L-irwol ta' l-ombudsman f'sistemi differenti – esperjenza u prospetti għall-futur" u ta analiżi ta' l-iżvilupp internazzjonali ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman. Wara s-seminarju is-Sur DIAMANDOUROS iltaqat b'mod informali ma' erba' Ombudsmen Parlamentari Svediżi u mas-Sur Mats MELIN, is-suċċessur tas-Sur EKLUNDH bħala Ombudsman Parlamentari Prinċipali.

Konferenza għall-ħmistax-il anniversarju ta' l-Ombudsman ġewwa Schleswig-Holstein - Kiel, Ġermanja

Fl-24 ta' April, is-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali, ħa sehem f'konferenza fil-Parlament Reġjonali ta' Schleswig-Holstein f'Kiel biex timmarka il-15-il anniversarju mit-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman fi Schleswig-Holstein. Il-konferenza ġiet organizzata mill-Ombudsman għall-Affarijiet Soċjali ta' Schleswig-Holstein, is-Sinjura Birgit WILLE-HANDELS. Madwar 70 parteċipant attendew dan l-avveniment, li kien jinkludi *panel discussion* mas-Sinjura WILLE-HANDELS, mas-Sur Gerhard POPPENDIECKER, iċ-Chairman tal-Kumitat fuq il-Petizzjonijiet tal-Parlament Reġjonali ta' Schleswig-Holstein, mas-Sur Ulrich LORENZ, id-Deputat Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru għall-Interni ta' Schleswig-Holstein, u mas-Sinjura Ursula PEPPER, Sindku tal-belt ta' Ahrensburg.

Seminarju dwar "L-irwol ta' l-ombudsman fi stat immexxi mill-istat tad-dritt" - Nevşehir, Turkija

Fid-9 u l-10 ta' Mejju, l-Ombudsman ħa sehem f'seminarju bit-titolu "L-irwol ta' l-ombudsman fi stat immexxi mill-istat tad-dritt" ġewwa Nevşehir, Turkija. Dan is-seminarju ġie organizzat flimkien mas-Sur Alvaro GIL-ROBLES, Kummissarju għad-Drittijiet Umani tal-Kunsill ta' l-Ewropa u s-Sur Mehmet ELKATMIS, Chairman tal-Kumitat ta' l-Immoniterjar tad-Drittijiet Umani ta' l-Assemblea Nazzjonali tat-Turkija, u kkonċentra fuq id-delilberazzjonijiet Torok dwar it-twaqqif ta' ombudsman nazzjonali.



Is-Sur Diamandouros jindirizza seminar intitolat "L-irwol ta' l-Ombudsman fi Stat immexxi mir-Regola tal-liġi". Nevşehir, Turkija, 9 ta' Mejju 2004.

Parteċipanti nazzjonali fis-seminarju kienu jinkludu Membri u uffiċjali għolja ta' l-Assemblea Nazzjonali tat-Turkija (primarjament Membru tal-Kumitat ta' l-Immoniterjar tad-Drittijiet Umani ta' l-Assemblea), membri tal-ġudikatura, rappreżentati minn awtoritajiet lokali u nazzjonali u rappreżentanti mis-soċjetà ċivika. Barra mis-Sur GIL-ROBLES, il-Kunsill ta' l-Ewropa kien rappreżentat ukoll mis-Sinjura Caroline RAVAUD, Kap tas-Segretarjat tal-Kumitat għat-Twettiq



ta' Obbligazzjonijiet u Impenji mill-Istati Membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Rappreżentanti mill-ombudsman u minn uffiċċji simili kienu jinkludu: is-Sur Ermir DOBJANI, Avukat tal-Poplu ta' l-Albanija, is-Sur Pierre-Yves MONETTE, Ombudsman Federali tal-Belġju, is-Sur Safet PASIC, Ombudsman għad-Drittijiet Umani fil-Bosnja u l-Ħerżegovina, is-Sur Morten ENGBERG, Kap tad-Diviżjoni fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Daniż, is-Sur Yorgos KAMINIS, Ombudsman Grieg, is-Sur Albert TAKACS, Deputat Kummissarju Ġenerali ta' l-Ungerija għad-Drittijiet Ċivili, is-Sur Branko NAUMOVSKI, Ombudsman ta' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Sur Roel FERNHOUT, Ombudsman ta' l-Olanda, is-Sur Matjaž HANŽEK, Ombudsman għad-Drittijiet Umani fis-Slovenja, u s-Sur Kjell SWANSTRÖM, Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Parlamentari Svediż.

Fl-10 u fil-11 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS mar Ankara biex jiltaqa' ma' membri tal-Gvern, uffiċjali pubbliċi u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tat-Turkija. Fost l-interlokutori tiegħu kien hemm is-Sur Abdullah GÜL, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin tat-Turkija, is-Sur Emin Murat SUNGAR, Segretarju Ġenerali għall-Affarijiet ta' l-UE, is-Sur Mustafa BUMIN, President tal-Qorti Kostituzzjonali tat-Turkija, is-Sur Ender ÇETINKAYA, President tal-Kunsill ta' l-Istat, is-Sur Cemil ÇİÇEK, Ministru tal-Ġustizzja u s-Sur Zafer Ali YAVAN, is-Sinjura Derya SEVINC u s-Sur Eray AKDAG mill-Assoċjazzjoni ta' Industrijalisti u Kummerċjanti tat-Turkija. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sur Hansjörg KRETSCHMER, Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fit-Turkija.

Laqgħa Annwali ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombudsman Britanniku u Irlandiż - Londra, Renju Unit

Fit-28 ta' Mejju, il-Kap tad-Dipartiment Legali ta' l-Ombudsman, is-Sur Ian HARDEN, ħa sehem fil-Laqgħa Annwali ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombudsman Britanniku u Irlandiż (BIOA) ġewwa Londra. It-tema tal-Laqgħa kienet "Servizzi ta' l-ombudsman: il-post tagħhom fix-xenarju". Il-kelliema kienu jinkludu is-Sur Walter MERRICKS, Chairman tal-BIOA u l-Kap Ombudsman tas-Servizz ta' l-Ombudsman għas-Servizzi Finanzjarji, is-Sur Charlie McCREEVY TD, Ministru tal-Finanzi Irlandiż u Lord EVANS, kelliem tal-Gvern tar-Renju Unit dwar Affarijiet Kostituzzjonali u dwar il-Kummerċ u l-Industrija fil-House of Lords. Matul il-laqgħa, Lord EVANS indika li fil-futur għandha tingħata konsiderazzjoni jekk it-titolu "ombudsman" għandux ikun protett legalment fir-Renju Unit.

L-Ewwel 'Round Table' ta' l-Ombudsmen Reġjonali Ewropej - Barċellona, Spanja

Fit-2 u fit-3 ta' Lulju 2004, il-Kunsill tal-Kummissarju Ewropew għad-Drittijiet Umani, is-Sur Alvaro GIL-ROBLES u l-Ombudsman Reġjonali tal-Katalunja, is-Sur Rafael RIBÓ (li fl-1 ta' Lulju laħaq flok is-Sur Antón CAÑELLAS), organizza l-Ewwel 'Round Table' ta' Ombudsmen Reġjonali Ewropej ġewwa Barċellona. Il-laqgħa seħħet fil-qafas tal-Forum ta' Kulturi ta' l-2004 tal-belt. Is-Sur José MARTÍNEZ ARAGÓN, Konsulent Legali Prinċipali fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew, ħa sehem fl-attività li nfetħet formalment mis-Sinjuri BENACH, President tal-Parlament tal-Katalunja, GIL-ROBLES u RIBÓ. Ġew diskussi tlett suġġetti matul ir-'Round Table': (i) id-doveri u l-kompetenzi rispettivi ta' l-ombudsmen reġjonali u nazzjonali; (ii) l-ombudsmen reġjonali u d-drittijiet ta' 'housing'; (iii) l-ombudsmen reġjonali u d-dritt għal ambjent tajjeb għas-saħħa. Fit-tmien tal-konferenza, is-Sur GIL-ROBLES impenja ruħu li jkompli din l-inizzjattiva u jorganizza laqgħa simili ta' ombudsmen reġjonali minn pajjiżi tal-Kunsill ta' l-Ewropa kull sentejn.

It-Tmien Konferenza Dinjija ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman - Quebec City, il-Kanada

Bejn is-7 u l-10 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fit-VIII Konferenza Dinjija ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman ġewwa Quebec City, il-Kanada. Il-Konferenza kellha t-titolu "Il-Bilanċ ta' l-obbligazzjonijiet taċ-ċittadinanza mar-rikonoxximent tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-individwu - l-irwol ta' l-ombudsman" u kienet organizzata mill-Ombudsman ta' Quebec, is-Sinjura Pauline CHAMPOUX-LESAGE. Total ta' 430 parteċipant minn 77 pajjiż attendew din il-konferenza internazzjonali, u matulha saru wkoll numru ta' laqgħat uffiċjali ta' l-IOI.



It-tema prinċipali tal-Konferenza kienet il-bżonn li jinstab bilanċ bejn id-drittijiet individwali u s-sigurtà kollettiva fiż-żmien tal-globalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni. Fid-9 ta' Settembru, l-Ombudsman għamel id-diskors prinċipali fit-tielet sessjoni plenarja, bit-titolu "Jista' r-rikonoxximent tad-drittijiet u l-libertajiet individwali jirbaħ fuq il-pressjoni għat-tisħiħ tas-sigurtà?" L-Ombudsman identifika l-perikli li jista' jkun hemm f'tentattivi li jiġu b'bilanċjati l-bżonnijiet tas-sigurtà pubblika mad-drittijiet u libertajiet individwali. Huwa qal li qafas fit-tul ta' natura legali, istituzzjonali u politika li kapaċi jibbilanċja b'mod ġust u raġonevoli l-bżonnijiet tat-tnejn għandu jkun possibbli, u semma li l-ombudsmen jistgħu u għandhom ikunu attivi f'dan il-qasam b'mod li jżomm u jsaħħa id-dritt ta' l-istat u li jagħti saħħa liċ-ċittadini.

Kelliema oħra prinċipali fil-Konferenza kienu jinkludu l-Eċċellenza Tagħha, l-Onorevoli Adrienne CLARKSON, Gvernatur Ġenerali tal-Kanada u l-Onorevoli Mħallaf Louis LEBEL tal-Qorti Suprema Kanadiża.

Wara nofs in-nhar, fid-9 ta' Settembru, ir-reġjuni ta' l-IOI (l-Afrika, l-Asja, l-Awstralasja u l-Paċifiku, l-Ewropa, l-Amerika Latina, il-Karibew u l-Afrika ta' Fuq) kellhom il-laqgħat rispettivi tagħhom, u matul dawn il-laqgħat ġew eletti d-Diretturi l-ġodda ta' l-IOI u l-Viċi-Presidenti Reġjonali. Is-Sur Tom FRAWLEY (Ombudsman Parlamentari ta' l-Irlanda ta' Fuq), is-Sur Peter KOSTELKA (iċ-Chairmen tal-Bord ta' l-Ombudsman Awstrijaku) u s-Sinjura Riitta-Leena PAUNIO (Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja) ġew eletti bħala Diretturi tar-Reġjuni Ewropej ta' l-IOI. L-Ombudsman tad-Drittijiet Umani tas-Slovenja is-Sur Matjaž HANŽEK, li kien għad fadallu sentejn fil-kuntratt tiegħu bħala Direttur, ma' reġax ħareġ għall-elezzjoni. Wara l-elezzjonijiet, il-membri tal-Board tar-Reġjuni Ewropej ta' l-IOI qablu li s-Sur KOSTELKA kellu jkun il-Viċi-President għall-Ewropa ta' l-IOI.

Fl-10 ta' Settembru, filgħodu, kien hemm il-Laqqgħa Ġenerali ta' l-IOI, fejn il-President ta' l-IOI li kien ser jispiċċa mill-kariga tiegħu u l-Ombudsman ta' Ontarjo, is-Sur Clare LEWIS, ippreżenta ir-Rapport tiegħu għall-2000-2004, segwit b'Rapporti mis-Segretarju, mit-Teżorier u mill-Viċi-Presidenti Reġjonali. Il-Bord il-ġdid tad-Diretturi ta' l-IOI iltaqa' dak in-nhar wara nofs in-nhar.

Barra mill-programm sħiħ u formali spjegat hawn fuq, il-Konferenza offriet ħafna possibiltajiet għal networking u skambju informali ta' opinjonijiet. Fis-7 ta' Settembru, filgħaxija, l-Ombudsman ta' Quebec organizzat ikla, li għaliha l-Ombudsman Ewropew u l-mara tiegħu kienu fost il-mistiednin importanti, flimkien mas-Sinjura Monique GAGNON-TREMBLAY, Deputat Premjer ta' Quebec, Ministru Għar-Relazzjonijiet Internazzjonali u Ministru għall-affarijiet frankofoni. Fid-9 ta' Settembru kien hemm ikla uffiċjali filgħaxija, fejn għal darb'oħra, il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' kollegi minn madwar id-dinja.

Konferenza dwar "L-ombudsman fix-Xlokk ta' l-Ewropa: Żieda fil-koperazzjoni reġjonali" - Belgrad, is-Serbja u l-Montenegro

Fit-28 u d-29 ta' Settembru, l-Ombudsman ħa sehem f'konferenza bit-titolu "L-ombudsman fix-Xlokk ta' l-Ewropa: Żieda fil-koperazzjoni reġjonali" li saret fil-Parlament tas-Serbja u Montenegro, Belgrad. Il-konferenza ġiet organizzata b'mod konġunt taħt il-patroċinju tal-Proġett Eunomia tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Ombudsman Grieg, il-Patt ta' Stabilità għall-Ewropa tax-Xlokk u l-Ministeru tal-Government-Awtonomu Lokali tas-Serbja u l-Montenegro.

Il-parteċipanti għall-konferenza kienu jinkludu is-Sur Zoran SAMI, President tal-Parlament tas-Serbja u l-Montenegro, is-Sur Zoran LONCAR, Ministru ta' l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Gvern-Awtonomu Lokali tas-Serbja u l-Montenegro, l-Ambaxxatur Maurizio MASSARI, Kap tal-Missjoni OSCE fis-Serbja u l-Montenegro, is-Sinjura Elisabeth REHN, 'Chairperson' tal-Working Table 1, Patt ta' Stabilità għax-Xlokk ta' l-Ewropa, is-Sur Dragan MILKOV ta' l-Università ta' Novi Sad, is-Sur Jorgen GRUNNET, Kap tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-Uffiċċju ta' Belgrad u s-Sur Markus JAEGER, Deputat tad-Direttur tal-Kummissarju Għad-Drittijiet Umani tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Kienu preżenti wkoll l-ombudsmen ta' l-Albanija, tal-Bosnia u l-Ħerżegovina, tal-Katalunja u ta' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, tal-Greċja, tal-Kosovo, tal-Montenegro, tar-Repubblika Srpska, u tad-Deputat Ombudsman għad-Drittijiet tat-Tfal Grieg.

L-Ombudsman Ewropew tkellem dwar “L-ombudsman fix-Xlokk ta’ l-Ewropa: sfidi preżenti u perspettivi għall-futur” u wara kien hemm diskussjoni ‘round table’.

© L-Ombudsman Grieg



Parteċipanti f'konferenza dwar “L-ombudsman fix-Xlokk ta’ l-Ewropa: Żieda fil-kooperazzjoni reġjonali”. Belgrade, Serbja u Montenegro, 29 ta’ Settembru 2004.

Konferenza fl-għoxrin anniversarju mit-twaqqif ta’ l-Uffiċċju ta’ l-Ombudsman Irlandiż - Dublin, l-Irlanda

Fil-15 ta’ Ottubru, il-Kap tad-Dipartiment Legali ta’ l-Ombudsman, is-Sur Ian HARDEN u l-Uffiċjal tiegħu għall-Istampa u l-Komunikazzjonijiet, is-Sinjura Rosita AGNEW, ħadu sehem f’konferenza f’Dublin bl-isem “Ir-responsabbiltà, regolamenti tajbin u l-ombudsman”. Il-konferenza, li saret biex tfakkar l-għoxrin anniversarju ta’ l-Uffiċċju ta’ l-Ombudsman Irlandiż kellha parteċipazzjoni ta’ aktar minn 100 persuna, inklużi l-ombudsman, l-uffiċjali pubbliċi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Is-Sinjura Emily O’REILLY, Ombudsman Irlandiż u Kummissarju għall-Infurmazzjoni, għamlet id-diskors tal-ftuħ u d-diskors ta’ l-egħluq, filwaqt li varjetà ta’ interventi nteressanti saru mis-Sur Dick ROCHE, Ministru Irlandiż għall-Ambjent, il-Wirt Lokali u l-Gvern Lokali, is-Sinjura Ann ABRAHAM, Ombudsman Parlamentari tar-Renju Unit u Ombudsman għas-Servizz tas-Saħħa għall-Ingilterra, is-Sur Tom FRAWLEY, Kummissarju għall-Ilmenti u l-Ombudsman ta’ l-Assemblea għall-Irlanda ta’ Fuq, is-Sur Eddie SULLIVAN, Segretarju Ġenerali għall-Immaniġġjar tas-Servizz Pubbliku u Żvilupp fid-Dipartiment tal-Finanzi u s-Sur Donncha O’CONNELL, ‘Lecturer’ tal-Liġi fl-Università Nazzjonali ta’ l-Irlanda (Galway).

Konferenza dwar il-“Ħolqien ta’ istituzzjoni ta’ ombudsman” - Istanbul, it-Turkija

Fl-10 u fil-11 ta’ Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem bħala kelliem prinċipali fil-konferenza “Ħolqien ta’ istituzzjoni ta’ ombudsman” ġewwa Istanbul, fit-Turkija. Il-konferenza ġiet organizzata mill-Assemblea Nazzjonali Għolja tat-Turkija u l-Ombudsman Grieg, b’koperazzjoni ma’ l-Università ta’ Bilgi ġewwa Istanbul. Din ġiet iffinanzjata taħt il-patroċinju tal-Proġett ta’ Eunomia tal-Kunsill ta’ l-Ewropa u ta’ l-Ombudsman Grieg.

L-għan prinċipali tal-konferenza kien id-diskussjoni ta’ abbozz tat-tieni liġi dwar it-twaqqif ta’ ombudsman nazzjonali fit-Turkija. L-abbozz ta’ l-ewwel liġi mill-1997 ġie diskuss f’seminarju bl-isem “L-irwol ta’ l-ombudsman fi stat immexxi mill-istat tad-dritt” li sar f’Nevşehir fid-9 u fl-10 ta’ Mejju 2004 (ara akatr ‘il fuq f’din it-taqsim).



Il-parteċipanti nazzjonali kienu jinkludu l-Ministru tal-Ġustizzja, is-Sur Cemil ÇİÇEK, id-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Bilgi, is-Sur Turgut TARHANLI, il-Presidenti tal-Kunsill ta' l-Istat, is-Sur Ender ÇETINKAYA u s-Sur Selçuk HONDU, id-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Selçuk, is-Sinjura Zehra ODYAKMAZ, Membri u uffiċjali għolja ta' l-Assemblea Nazzjonali l-Kbira tat-Turkija, membri tal-ġudikatura u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Barra mis-Sur DIAMANDOUROS u l-ekwivalenti nazzjonali tiegħu l-Greċja, is-Sur Yorgos KAMINIS, il-parteċipanti barranin kienu jinkludu is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, l-Ombudsman Franċiż, is-Sur Markus JAEGER, Deputat tad-Direttur tal-Kummissarju għad-Drittijiet Umani tal-Kunsill ta' l-Ewropa, is-Sur Allar JÖKS, Kanċillier tal-Ġustizzja ta' l-Estonja, is-Sur Peter KOSTELKA, iċ-Chairmen tal-Bord ta' l-Ombudsman ta' l-Awstrija u Viċi-President Reġjonali għall-Ewropa ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman, is-Sur Mats MELIN, Ombudsman Parlamentari Prinċipali ta' l-Iżvezja, is-Sur Rafael RIBÓ, Ombudsman Katalan, is-Sur Stephan SJOUKE mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Olandiż, is-Sur Pat WHELAN, Direttur ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Irlandiż, is-Sur Herman WUYTS, Ombudsman Federali tal-Beġju u s-Sur Andrzej ZOLL, Ombudsman tal-Polonja.

5.3 OKKAŻJONIJIET OĦRA MA' L-OMBUDSMEN U L-ISTAFF TAGĦHOM

Laqgħat bilaterali ma' l-ombudsmen

Barra mis-seminarji u l-konferenzi li ħa sehem fihom l-Ombudsman u l-istaff tiegħu u l-laqgħat bilaterali li seħħew bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman, l-2004 rat ħafna kuntatti ma' l-ombudsmen minn ġo l-Ewropa u barra mill-Ewropa:

Mis-27 sad-29 ta' Jannar, l-Ombudsman Ewropew żar l-Ombudsman Reġjonali Taljan tal-Friuli Venezia - Giulia, is-Sinjura Caterina DOLCHER, fi Trieste.

Fid-9 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur BAIKADAMOV, Ombudsman tal-Każakistan ġewwa Strasburgu.

Fid-9 ta' Frar, is-Sur Andrzej ZOLL, l-Ombudsman tal-Polonja, għamel preżentazzjoni lill-istaff ta' l-Ombudsman Ewropew ġewwa Strasburgu. Fl-10 ta' Frar, iż-żewġ Ombudsmen kellhom laqgħa bilaterali, segwita minn laqgħat mas-Sur Pat COX, President tal-Parlament Ewropew u s-Sur Neil KINNOCK, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea. Fl-istess ġurnata, is-Sur ZOLL u s-Sur DIAMANDOUROS għamlu wkoll preżentazzjonijiet lill-Osservaturi Pollakki, lill-Parlament Ewropew u lir-rekluti Pollakki fl-istituzzjonijiet ta' l-UE.

Fit-13 ta' Frar, ġewwa Strasburgu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Yorgos KAMINIS, Ombudsman Grieg u mas-Sur Alvaro GIL-ROBLES, Kummissarju għad-Drittijiet Umani tal-Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex jiddiskutu l-Proġett Eunomia, li – filwaqt li jopera taħt il-patroċinju tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Ombudsman Grieg – għandu l-għan li jgħin l-ombudsmen u istituzzjonijiet governattivi oħra fix-Xlokk ta' l-Ewropa.

Fl-10 ta' Marzu, is-Sinjura Sayora RASHIDOVA, Ombudsman ta' l-Uzbekistan, żaret lis-Sur DIAMANDOUROS ġewwa Strasburgu.

Mill-25 sat-28 ta' Marzu, l-Ombudsman Ewropew żar lill-Ombudsman Reġjonali Taljan tal-Liguria, is-Sur Antonio DI GIOVINE, ġewwa Genoa.

Fis-7 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Kulleġġ Belġjan ta' Ombudsmen Federali, is-Sur Herman WUYTS u s-Sur Pierre-Yves MONETTE fi Brussell.



Is-Sur Andrzej Zoll (it-tieni mix-xellug), Ombudsman tal-Polonja, jindirizza l-persunal ta' l-Ombudsman Ewropew. Strasbourg, Franza, 9 ta' Frar 2004.

Fid-9 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur MUGICA, Ombudsman ta' Spanja, f'Madrid.

Fil-15 ta' Ġunju, l-Ombudsman ġdid Franċiż, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, żar l-Ombudsman Ewropew ġo Strasbourg sabiex jiddiskuti koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tagħhom.



Is-Sur Jean-Paul Delevoye, Ombudsman Franċiż u s-Sur Diamandouros. Strasbourg, Franza, 15 ta' Ġunju 2004.

Fis-16 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS żar il-Lussemburgu biex jiltaqa' mas-Sur Marc FISCHBACH, li kien għadu kif beda x-xogħol f'dan l-uffiċċju bħala l-ewwel Ombudsman tal-Lussemburgu.



FI-20 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu l-opportunità li jiltaqa' mas-Sur Mats MELIN, Ombudsman Parlamentarju Prinċipali ta' l-Iżvezja, f'ikla organizzata mir-Rappreżentant Permanenti Żvediż fil-Kunsill ta' l-Ewropa ġewwa Strasburgu.

Fis-27 ta' Settembru, is-Sur Arne FLIFLET, Ombudsman tan-Norveġja, żar lis-Sur DIAMANDOUROS fi Strasburgu.

Fid-29 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN, fi Brussell.

Avvenimenti li jinvolvu membri ta' l-istaff

Numru ta' avvenimenti seħħew fuq il-livell ta' l-istaff ta' l-Ombudsman kif ġej:

Fis-26 ta' Mejju, is-Sur Olivier VERHEECKE, Konsulent Legali Prinċipali u s-Sinjura Rosita AGNEW, Uffiċjal ta' l-Istampa u tal-Komunikazzjonijiet, taw preżentazzjoni lil grupp ta' 11-il membru ta' l-istaff mill-Uffiċċju tal-Kanċillier Legali ta' l-Estonja, li kienu fuq żjara ta' studju fl-istituzzjonijiet ta' l-UE fi Brussell. Il-preżentazzjoni kienet tinkludi l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew u x-xogħol tan-network Ewropea ta' ombudsmen.

Fit-3 ta' Ġunju, is-Sur Olivier VERHEECKE ppreżenta x-xogħol ta' l-Ombudsman f'konferenza organizzata mill-'Association des Juristes Namurois' bit-titolu "Medjazzjoni fis-servizzi pubbliċi: sistema alternattiva għas-soluzzjoni ta' dispuċi". Is-Sur Frédéric BOVESSE, Ombudsman ta' Walloon, is-Sur Bernard HUBEAU, Ombudsman Fjaming, is-Sinjura Marianne DE BOECK, Ombudsman tal-Komunità Frankofona tal-Bejġju u s-Sur Philippe VAN DE CASTEELE, Direttur ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen Federali, kollha ħadu sehem fid-dibattitu 'round-table' ta' din il-Konferenza.

Fit-23 ta' Ġunju, is-Sur Erwin JANSSENS mis-servizz ta' l-Ombudsman Fjammin, żar l-uffiċċju ta' l-Ombudsman fi Brussell. Is-Sur Olivier VERHEECKE spjegalu l-proċeduri ta' l-Ombudsman fir-rigward ta' l-inkjesti fuq inizjattiva personali, billi tah informazzjoni dwar l-aktar eżempji importanti.

Fis-7 ta' Lulju, is-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali, ta lecture dwar l-irwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman lil grupp ta' għaxar Membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Reġjonali tan-'North Rhine-Westphalia'. Il-grupp kien immexxi mis-Sinjura Barbara WISCHERMANN, President tal-Kumitat, u kien akkumpanjat mis-Sur Johannes WAHLENBERG ta' l-amministrazzjoni tal-Parlament Reġjonali, li organizza ż-żjara.



DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJET MA' ISTITUZZJONIJET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJET

7 ANNESSI

6 KOMUNIKAZZJONIJIET

6.1 AVVENIMENTI MPORTANTI TAS-SENA

ĊELEBRAZZJONI TAT-TKABBIR FIL-POLONJA

L-Ombudsman Ewropew kien ġo Varsavja mal-kontroparti tiegħu Pollakk, is-Sur Andrzej ZOLL, biex jimmarka t-tkabbir storiku ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju. Flimkien mal-President tal-Polonja, is-Sur Aleksander KWASNIEWSKI u l-Presidenti taż-żewġ kmamar tal-Parlament, l-Ombudsman ipparteċipa fiċ-ċelebrazzjonijiet fil-Pjazza Pilsudski f'nofs il-lejl fit-30 ta' April. Fl-1 ta' Mejju, il-ġurnata bdiet b'laqgħa mal-President tal-Polonja, u wara kien hemm avveniment b'għieh it-tkabbir, organizzat mill-President u l-Ministru tal-Kultura tal-Polonja, fil-Kastell Irjali ta' Varsavja.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Aleksander Kwasniewski, President tal-Polonja, jaraw tluġh il-bandiera Ewropea f'Misraħ Pilsudski. Varsavja, Polonja, 1 ta' Mejju 2004.

Iż-żjara ta' l-Ombudsman fil-Polonja mmarkat it-tmiem tal-vjaġġ informattiv tiegħu fil-pajjiżi applikanti, u li kien beda fl-Estonja f'Settembru 2003. L-isforzi intensivi tiegħu biex jinforma ċittadini fil-pajjiżi applikanti dwar id-dritt tagħhom mill-1 ta' Mejju 2004, li jilmentaw dwar amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE kienu suċċess kbir. Sa l-aħħar ta' l-2004, l-ilmenti mill-pajjiżi applikanti kienu jammontaw għal 18% ta' l-ilmenti kollha li saru.

“WORKSHOP TAL-FUNDATURI”

Fil-25 u fis-26 ta' Ġunju, l-Ombudsman organizza 'workshop' fi Strasburgu, li ġabar flimkien in-nies li kellhom rwol importanti fil-fondazzjoni ta' l-istituzzjoni, sabiex jiddiskutu l-orijini, it-twaqqif u l-

ewwel żvilupp. Il-‘workshop’ kien l-ewwel minn numru ta’ avvenimenti bil-għan li jikkontribwixxu għaċ-ċelebrazzjoni ta’ l-għaxar anniversarju ta’ l-Ombudsman Ewropew fl-2005.

L-iskopijiet tal-‘workshop’ kienu tnejn: l-ewwel skop kien li jinnota u jirrifletti dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħolqien ta’ l-Ombudsman Ewropew; u t-tieni skop kien li jgħin għall-ġenerazzjoni ta’ memorja istituzzjonali kapaċi li sservi bħala fondazzjoni għal aktar inizjattivi mfassla biex jikkontribwixxu għall-għarfien ta’ l-istituzzjoni, biex jiċċelebraw l-ewwel deċennju u jidentifikaw għażliet politiċi għall-futur. Kien jinkludi erba’ sessjonijiet: I – Oriġini tad-Dispożizzjonijiet tat-Trattat, II – L-Istatut ta’ l-Ombudsman, III – It-Twaqqif ta’ l-Uffiċċju, IV – Sezzjoni ta’ Għeluq.



Parteċipanti tal-Workshop tal-Fundaturi. Strasbourg, Franza, 26 ta’ Ġunju 2004.

Il-‘Workshop’ tal-Fundaturi ta lok għal diskussjonijiet imqajma fost parteċipanti ippreparati sew u kapaċi fis-suġġett. Il-‘Workshop’ ippermetta li informazzjoni siewja tittieħed dwar it-twaqqif u l-iżvilupp ta’ l-istituzzjoni, informazzjoni li qabel ma kinitx ġiet annotata. L-Ombudsman għandu jippubblika volum k commemorattiv biex jimmarka l-għaxar anniversarju ta’ l-istituzzjoni fl-2005. Id-diskussjonijiet fil-‘Workshop’ għandhom iservu bħala punt eċċellenti għall-bidu tal-produzzjoni ta’ dan il-volum.

KMANDANT GĦOLI TA’ L-ORDNI TAL-FENIĊE

B’rikonoxximent għax-xogħol tiegħu ta’ Ombudsman Ewropew, il-President tal-Greċja, is-Sur Kostis STEFANOPOULOS, ippremja lis-Sur DIAMANDOUROS bid-dekorazzjoni ta’ Kmandant Għoli ta’ l-Ordni tal-Feniċe fl-unuri tas-sena l-ġdida għall-2004. Din kienet l-għola dekorazzjoni ta’ l-Ordni tal-Feniċe mogħtija għall-2003, u r-riċipjent l-ieħor kien il-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios SKOURIS. Is-Sur DIAMANDOUROS irċieva d-dekorazzjoni fi Strasburgu fis-26 ta’ Frar, mir-Rappreżentant Permanenti Grieg fil-Kunsill ta’ l-Ewropa, l-Ambaxxatur Constantine GEROKOSTOPOULOS.

L-Ordni tal-Feniċe tingħata lil ċittadini Griegi li eċċellew fl-oqsma ta’ l-amministrazzjoni pubblika, xjenza, arti u ittri, kummerċ, industrija u navigazzjoni. Il-Kmandant Għoli huwa t-tieni l-oġġla klassi mill-ħames klassijiet ta’ l-Ordni.



Ambaxxatur Constantine Gerokostopoulos, Rappreżentant tal-Parlament Grieg fil-Kunsill ta' l-Ewropa, jippreżenta lis-Sur Diamandouros b'dekorazzjoni ta' Kmandant Għoli ta' l-Ordni tal-Feniċi. Strasbourg, Franza, 26 ta' Frar 2004.

IR-RAPPORT ANNWALI 2003

Ir-Rapport Annwali huwa l-aktar pubblikazzjoni importanti ta' l-Ombudsman. Dan jipprovdi kont tax-xogħol ta' l-Ombudsman matul is-sena, u jagħti fid-dettall ir-riżultati miksuba għall-individwu li ressaq l-ilmenti, u aktar ġenerali, għaċ-ċittadini u r-residenti ta' l-Unjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa importanti b'mod partikulari li r-Rapport ikun aċċessibbli kemm jista' jkun. Żewġ żviluppi fl-2004 żiedu sew l-aċċessibilità tar-Rapport ta' l-Ombudsman.

L-ewwel, in-numru ta' lingwi uffiċjali ta' l-UE żdied minn 11 għal 20. Għalhekk ir-Rapport ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'20 lingwa, u ppermetta liċ-ċittadini ta' Unjoni mkabbra li jitgħallmu dwar is-servizz li jipprovdi l-Ombudsman. Fit-tieni lok, ir-Rapport għall-2003 kien jinkludi Taqsira Eżekuttiva. Din offriet għażla rappreżentattiva tal-każijiet ittrattati fl-2003 u pprovdiet il-punti importanti fir-rigward tar-relazzjoni ta' l-Ombudsman maċ-ċittadini, ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, u mal-Komunità ta' l-ombudsmen fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Għal distribuzzjoni akbar, it-Taqsira Eżekuttiva – flimkien ma' statistiċi li ġew ippreżentati f'forma faċli u qasira biex tinqara – ġew ippubblikati separatament.

L-Ombudsman ippreżenta r-Rapport tiegħu għall-2003 lill-Kumitat fuq il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew fid-26 ta' April. Dan tah l-opportunità li jagħti deskrizzjoni tax-xogħol u tar-riżultati miksuba matul l-ewwel sena tiegħu fl-uffiċċju, u li jirrapporta dwar l-oġettivi li hu kien għażel meta deher quddiem il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet għall-ewwel darba bħala l-Ombudsman Ewropew.

Is-Sur Proinsias DE ROSSA MPE ħejja abbozz tar-Rapport tal-Kumitat dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman għall-2003. Fit-18 ta' Novembru, l-MEPs adottaw dan ir-Rapport, b'530 vot favur, b'9 kontra u b'20 astenzjoni, u ferħu lill-Ombudsman għax-xogħol tiegħu u għar-relazzjonijiet tajba li għandu mal-Kumitat fuq il-Petizzjonijiet.

ĠRANET MIFTUĦA GĦALL-PUBBLIKU

Brussell

Fl-1 ta' Mejju, il-Parlament Ewropew organizza ġurnata miftuħa għall-pubbliku biex jiċċelebra t-tkabbir ta' l-Unjoni. L-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem fil-ġurnata miftuħa għall-pubbliku u għamel użu mill-okkażjoni biex jintroduċi l-fuljett il-ġdid *L-Ombudsman Ewropew – Tagħrif fil-qosor*, li tqassam lill-viżitaturi f'24 lingwa. Il-membri ta' l-istaff irrispondew għad-domandi mill-pubbliku matul il-ġurnata u huwa stmat li madwar 30 000 persuna attendew għal dan l-avveniment.



Ċittadini jżuru l-istand ta' l-Ombudsman fl-Open Day fi Strasbourg, Franza, 9 ta' Mejju 2004.

Strasburgu

Fid-9 ta' Mejju, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem f'ġurnata miftuħa għall-pubbliku organizzata mill-Parlament Ewropew fi Strasburgu. Tqassam materjal dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman, inkluż il-fuljett il-ġdid *L-Ombudsman Ewropew – Tagħrif fil-qosor* lill-viżitaturi f'24 lingwa. Fl-istand' ġiet organizzata kompetizzjoni bbażata fuq vidjo dwar iż-żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman fil-Finlandja. Matul il-ġurnata kienu preżenti membri ta' l-istaff biex jirrispondu għad-domandi. Aktar minn 32 000 individwu żar il-Parlament matul il-ġurnata miftuħa għall-pubbliku.

6.2 ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI

Bil-għan li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jilmentaw ma' l-Ombudsman Ewropew u sabiex iżid aktar ir-relazzjonijiet professjonali mal-kontropartijiet tiegħu, fl-2004 l-Ombudsman żied iż-żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri, fil-pajjiżi li għandhom jissieħbu ma' l-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi kandidati. Sa l-1 ta' Mejju, l-Ombudsman kien żar l-għaxar pajjiżi kollha applikanti u pproċeda biex iżur ħames pajjiżi oħra sa l-aħħar tas-sena, f'dak li forsi kien l-aktar aspett viżibbli tax-xogħol proattiv tiegħu biex jilħaq iċ-ċittadini. Matul kull waħda minn dawn iż-żjarat, l-Ombudsman iltaga' ma' ċittadini, ilmentaturi potenzjali, amministraturi, membri



tal-ġudikatura u rappreżentanti politiċi għolja. F'kull vjaġġ, hu kien akkumpanjat minn membru mid-Dipartiment Legali u minn membru mill-istaff tiegħu għall-komunikazzjonijiet.

Iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal fehma akbar fost iċ-ċittadini tas-servizz li hu jista' jagħtihom. Fil-laqgħat numerużi tiegħu mal-pubbliku ġenerali fl-2004, l-Ombudsman iddeskriva x-xogħol tiegħu b'eżempji tat-tipi ta' lmenti li hu jirċievi. Iżda x-xogħol ta' l-Ombudsman mhux biss ġestjoni ta' lmenti, u fil-ħafna laqgħat tiegħu hu kien konxju mill-bżonn li jqajjem kuxjenza dawr dan l-irwol akbar. Fid-diskorsi u l-preżentazzjonijiet tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS ta indikazzjoni ta' l-importanza ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman fil-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet umani. Fit-tnejjijiet għall-Konferenza Intergovernattiva f'Ġunju 2004, l-Ombudsman ħadem sod fil-laqgħat tiegħu ma' rappreżentanti tal-gvern biex jenfasizza l-importanza li jiġi inkluż aċċess għal rimedji mhux ġuridiċi fl-abbozz tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa. Wara l-adozzjoni tagħha, l-Ombudsman enfasizza r-rieda tiegħu li jaħdem ma' awtoritajiet nazzjonali u reġjonali għall-promozzjoni ta' kuxjenza dwar il-Kostituzzjoni u l-benefiċċji li toffri liċ-ċittadini. Fl-aħħar, fil-laqgħat bilaterali ta' l-ombudsman, il-parteċipanti esploraw ideat ġodda għall-kollaborazzjoni fil-futur, filwaqt li tgħallmu mill-esperjenza ta' xulxin u qasmu flimkien l-aħjar prattika.

Il-ekwivalenti ta' l-Ombudsman fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati ħadu ħsieb programmi dettaljati ta' attivitajiet u laqgħat għall-Ombudsman matul kull waħda miż-żjarat tiegħu, u ħafna drabi għamlu l-vjaġġ kollu miegħu. It-taqsima li ġejja tagħti indikazzjoni tal-varjetà kbira ta' laqgħat li saru, tagħti lista ta' l-interlokuturi prinċipali u issemmi l-ħafna preżentazzjonijiet li saru fl-universitajiet, fil-libreriji pubbliċi, fl-uffiċċji esterni ta' l-Unjoni Ewropea u f'postijiet oħra. L-attivitajiet marbuta mal-midja li saru bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni huma deskritti fit-taqsima 6.4 ta' dan ir-Rapport.

SLOVENJA

L-Ombudsman żar is-Slovenja mill-24 sas-27 ta' Jannar.



Is-Sur Matjaž Hanžek, Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-Slovenja u s-Sur Diamandouros. Ljubljana, Slovenja, 26 ta' Jannar 2004.

Iż-żjara tiegħu bdiet bi skambju ta' opinjonijiet ma' l-Ombudsman għad-Drittijiet Umani, is-Sur Matja HANŽEK u d-deputati tiegħu, is-Sur Aleš BUTALA, is-Sur France JAMNIK u s-Sur Jernej ROVŠEK, u wara kien hemm preżentazzjoni lill-istaff ta' l-Ombudsman tas-Slovenja. Is-Sur DIAMANDOUROS wara beda numru ta' laqgħat li kienu jinkludu lill-Prim Ministru ta' Slovenja,

lis-Sur Anton ROP, lill-President tas-Slovenja, lis-Sur Janez DRNOVŠEK, il-President tal-Parlament, is-Sur Borut PAHOR, rappreżentanti tal-Gruppi tad-Deputati fl-Assemblea Nazzjonali u l-Ministru ta' l-Affarijiet Ewropej, is-Sur Janez POTOČNIK. L-Ombudsman iltaqa' wkoll mas-Sur Alojz PETERLE, Membru preċedenti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea u mas-Sur Mihael BREJC, sostitut fil-Konvenzjoni. Aktar laqgħat ta' livelli għola kienu jinkludu laqgħa mal-President tal-Qorti Kostituzzjonali, is-Sinjura Dragica WEDAM LUKIČ, ma' l-Imħallfin is-Sur Ciril RIBIČIČ, is-Sinjura Marija KRISPER KRAMBERGER u s-Sinjura Mirjam ŠKRK u mas-Segretarju Ġenerali, is-Sinjura Jandranka SOUDAT. Matul il-waqfa tiegħu fil-belt, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sindku ta' Ljubljana, is-Sinjura Danica SIMŠIČ.

Bil-għan li jilħaq aktar liċ-ċittadini u jinfurmahom dwar ix-xogħol tiegħu, l-Ombudsman ta diskors bit-titolu "L-Unjoni Ewropea: drittijiet, rimedji u l-Ombudsman Ewropew" ġewwa iċ-Ċentru Ewropa, id-dar tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa Ljubljana. Għal din il-laqgħa ġew mistiedna organizzazzjonijiet non-governattivi, assoċjazzjonijiet interessati fl-affarijiet ta' l-UE u l-istampa. Is-Sur DIAMANDOUROS għamel ukoll preżentazzjoni bit-titolu "L-irwol ta' l-Ombudsman fit-titjib tal-kwalità tad-demokrazija" lil madwar 200 student fil-Fakultà ta' Xjenzi Politiċi fl-Università ta' Ljubljana, fejn ġie milqugħ mid-Dekan, is-Sinjura Anuška FERLIGOJ, u s-Sur Drago ZAJC. Il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew ġo Ljubljana, is-Sur Paolo RIZZO, organizza ikla matul iż-żjara ta' l-Ombudsman, u tah l-opportunità li jkollu skambju nformali ta' opinjonijiet ma' l-Ombudsman tas-Slovenja, is-Sur HANŽEK, mad-deputati tiegħu, is-Sur BUTALA u s-Sur ROVŠEK, mal-Ministru għall-Affarijiet Ewropej, is-Sur POTOČNIK, imħallef mill-Qorti Kostituzzjonali, is-Sinjura Mirjam ŠKRK u mas-Sur KAUFMANN mid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.



Is-Sur Diamandouros, is-Sur Matjaž Hanžek (it-tieni mil-lemin), Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-Slovenja u s-Sur Janez Potočnik, Ministru għall-Affarijiet Ewropej tas-Slovenja, 26 ta' Jannar 2004.

IS-SLOVAKKJA

Fit-18 u 19 ta' Frar, l-Ombudsman għamel numru ta' laqgħat, *preżentazzjonijiet* u avvenimenti mal-medja fis-Slovakkja. Matul iż-żjara tiegħu ġewwa Bratislava, l-Ombudsman kellu diskussjonijiet mas-Sur Pavol HRUŠOVSKÝ, Chairman tal-Kunsill Nazzjonali tas-Slovakkja, ma' Membri tal-Kumitat għad-Drittijiet Umani, Nazzjonalitajiet u Status tan-Nisa u mas-Sur Ján FIĠEL, Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kunsill Nazzjonali tas-Slovakkja. L-Ombudsman iltaqa' wkoll mas-Sur Dobroslav TRNKA, Prosekutur Ġenerali tas-Slovakkja u d-Deputat tiegħu, is-Sur Martin LAUKO, mas-Sur Milan KARABIN, President tal-Qorti Suprema, u mas-Sur Marián VRABKO, Dekan tal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Comenius.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Pavel Kandráč, Difensur Pubbliku tad-Drittijiet tas-Slovakkja.
Bratislava, Slovakkja, 18 ta' Frar 2004.

Waqt li kien Bratislava, is-Sur DIAMANDOUROS ta *lecture* fuq “id-Demokrazija, l-istat tad-dritt u l-Ombudsman” fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta’ Comenius . Hu kellu wkoll laqgħat mas-Sur Azelio FULMINI, Kap ta’ l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew fl-Islovakkja u, fid-dawl tal-Presidenza Irlandiża ta’ l-UE, ma’ l-Ambaxxatur Thomas LYONS, Kap tal-Missjoni Irlandiża ġo l-Islovakkja. L-Ombudsman għamel ukoll preżentazzjoni fil-laqgħa ta’ l-Ambaxxaturi ta’ l-UE fil-bini tal-Kanċellerija tal-Kunsill Nazzjonali tas-Slovakkja.

ĊIPRU

Mid-29 ta’ Frar sat-3 ta’ Marzu, l-Ombudsman kellu numru ta’ laqgħat, *lectures* u avvenimenti tal-medja ġewwa Ċipru.



Is-Sinjura Eliana Nicolaou, Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta’ Ċipru, is-Sur Diamandouros u s-Sur Andreas Christou, il-Ministru ta’ l-Affarijiet Interni. Nikosija, Ċipru, 2 ta’ Marzu 2004.



Iż-żmien li s-Sur DIAMANDOUROS qatta' ġewwa n-Nikosija tah l-opportunità li jiddiskuti mas-Sur Tassos PAPADOPOULOS, President ta' Ċipru, mal-Ministru ta' l-Affarijiet Interni, is-Sur Andreas CHRISTOU, l-Avukat Ġenerali, is-Sur Solon NIKITAS, u ma' l-ex Ambaxxatur Ċiprijott għall-Unjoni Ewropea u r-rappreżentant tal-Gvern Ċiprijott fil-Konvenzjoni Ewropea, is-Sur Mihalīs ATTALIDIS. L-Ombudsman iltaqa' wkoll mas-Sur Dimitris CHRISTOFIAS, Kelliem tal-Kamra tar-Rappreżentanti u Kap tal-Partit Progressiv tal-Ħaddiema (AKEL), mas-Sur Nicos ANASTASIADIS, Kap tal-Partit Demokratiku (DISY), mas-Sur Glafcos CLERIDES, ex-President ta' Ċipru u ex-Kap tal-Partit Demokratiku (DISY). Fit-tieni ġurnata taż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Yiannakis OMIROU, Kap tal-Moviment Soċjal Demokratiku (KISOS-EDEK), mas-Sur George VASSILIOU, ex-President ta' Ċipru u Kap tal-Partit tad-Demokratiċi Maqgħuda (EDI), mas-Sur Nicos CLEANTHOUS u Deputat Mexxej tal-Partit Demokratiku (DIKO). Is-Sur DIAMANDOUROS għamel ukoll użu miż-żjara tiegħu ġewwa Nikosija biex jiltaqa' mas-Sur Adriaan VAN DER MEER, Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa Ċipru u mas-Sur Anthony COMFORT, Kap ta' l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew ġewwa Ċipru.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni fis-Sala tal-Konferenzi tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru, waqt konferenza bit-titolu "Ir-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni pubblika bħala fattur li jsaħħa id-demokrazija – l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew." Dan l-avveniment kien organizzat mill-Forum għall-Modernizzazzjoni tas-Soċjetà (OPEK) u l-muniċipalità ta' Strovolos. Din il-konferenza kienet tinkludi diskorsi mis-Sinjura Eliana NICOLAOU, Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta' Ċipru, mis-Sur Andreas CHRISTOU, Ministru ta' l-Affarijiet Interni, mis-Sur Savvas ILIOFOTOU, Sindku ta' Strovolos u mis-Sur Larkos LARKOU, President ta' l-OPEK. Id-dibattitu vivaċi ma' l-udjenza li seħħ wara dawn l-interventi ġie kkoordinat mill-ġurnalista s-Sur Pavlos PAVLOU. Waqt li kien fin-Nikosija, l-Ombudsman għamel ukoll il-preżentazzjoni pubblika annwali tal-Fakultà ta' l-Ekonomija u l-Maniġiment ta' l-Università ta' Ċipru. It-titolu tal-preżentazzjoni kien "L-istat tad-dritt, id-demokrazija, u l-istituzzjoni ta' l-ombudsman ta' l-Ewropa tal-Lvant Ċentrali u ta' l-Ewropa tax-Xlokk".

Fl-aħħar, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni dwar l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew waqt laqgħa taċ-Ċiprijotti Griegi u ċ-Ċiprijotti Torok organizzata bejn il-Forum għall-Modernizzazzjoni tas-Soċjetà (OPEK) u l-pjattaforma Torka Ċiprijotta ta' l-ONG "This Country is Ours". Il-preżentazzjoni saret fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ġewwa Ċipru fil-Palazz ta' Ledra, fiż-żona newtrali tan-Nikosija.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Mill-21 sa l-24 ta' Marzu, l-Ombudsman żar Brno u Praga fir-Repubblika Ċeka.

Fit-22 ta' Marzu, wara laqgħa ma' l-Ombudsman Ċek, is-Sur Otakar MOTEJL, ġewwa Brno, is-Sur DIAMANDOUROS kellu ikla mal-membri tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Amministrattiva Suprema. Wara nofs in-nhar, is-Sur DIAMANDOUROS żar il-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Masaryk ġewwa Brno, fejn ta *lecture* dwar l-irwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Madwar 140 student attendew il-preżentazzjoni.

Fit-23 ta' Marzu, l-Ombudsman ġie milqugħ mis-Sinjura Zuzka RUJBROVÁ, il-President tal-Kumitat fuq il-Petizzjonijiet tal-Kamra tad-Deputati tar-Repubblika Ċeka, mid-deputat tagħha u mill-Kap ta' l-amministrazzjoni tal-Kumitat. Wara nofs in-nhar is-Sur DIAMANDOUROS ġie milqugħ mis-Sur Jan RUMIL, il-Viċi-President tas-Senat tal-Parlament tar-Repubblika Ċeka, mis-Sinjura Jaroslava MOSEROVÁ (il-membru għoli tas-Senat) u ma' Membri tas-Senat, is-Sinjura Helena RÖGNEROVÁ u s-Sur Josef JĀRAB. Kmieni fil-għaxija, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni pubblika dwar l-irwol tiegħu u x-xogħol lil madwar 40 ċittadin fiċ-Ċentru ta' Informazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea (EUIC) ġewwa Praga. Wara dan l-Ombudsman ġie mistieden għall-ikel mid-Deputat Ministru għall-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka.



Is-Sur Diamandouros jagħti taħdita lill-istudenti fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Masaryk f'Brno, Repubblika Ċeka, 22 ta' Marzu 2004.

Filgħodu fl-24 ta' Marzu, l-Ombudsman ġie milqugħ mis-Sur Lubomír ZAORÁLEK, il-Kelliem tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament tar-Repubblika Ċeka. Aktar tard filgħodu, is-Sur DIAMANDOUROS ġie milqugħ mis-Sur Pavel VOŠALÍK, Deputat Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Ċeka.



Is-Sur Otakar Motejl, Ombudsman Ċek, Is-Sur Diamandouros u s-Sur Pavel Vošalík, Deputat Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Ċeka. Praga, Repubblika Ċeka, 24 ta' Marzu 2004.

LATVJA

L-Ombudsman żar Riga mill-14 sas-17 ta' April.

Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-kollega nazzjonali tiegħu, is-Sur Olafs BRŪVERS, Direttur ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Latvja għad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien assista fl-organizzazzjoni taż-żjara tas-Sur DIAMANDOUROS ġewwa l-Latvja u li akkompanja lis-Sur DIAMANDOUROS f'diversi laqgħat ma' uffiċjali pubbliċi tal-Latvja. Dawn kienu jinkludu s-Sur Nils MUIŽNIEKS, Ministru għall-Xogħolijiet Speċjali għall-Affarijiet ta' Integrazzjoni tas-Soċjetà tal-Latvja, is-Sinjura Ina DRUVIETE, President tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem u Affarijiet Pubbliċi tal-Parlament tal-Latvja u Membri oħra tal-Kumitat, is-Sur Rihards PĪKS, Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-

Latvja u s-Sur Aivars ENDZIŅŠ, President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Latvja. Matul il-waqfa tiegħu ġewwa Riga, s-Sur DIAMANDOUROS żar ukoll is-Sur Andrew RASBASH, Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Latvja.



Is-Sur Diamandouros, is-Sur Olafs Brūvers, Direttur ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Latvja għad-Drittijiet Umani u s-Sur Aivars Endziņš, President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Latvja. Riga, Latvja, 16 ta' April 2004.

Bil-għan li jqajjem kuxjenza dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman fost iċ-ċittadini tal-Latvja, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni pubblika dwar "Id-Drittijiet taċ-ċittadini, mezz ta' kumpens u l-Ombudsman Ewropew" fl-Iskola tal-Liġi għall-Gradwati ta' Riga, li ġiet segwita minn studenti ta' l-iskola u minn rappreżentant tas-soċjetà ċivili tal-Latvja.

LITWANJA

Wara ż-żjara tiegħu ġewwa l-Latvja, l-Ombudsman mar Vilnius u waqaf hemm mis-17 sal-21 ta' April.



Is-Sur Česlovas Juršėnas, aġent Chairman tas-Seimas (Parlament) tal-Litwanja, is-Sur Romas Valentukevičius, il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen Seimas tal-Litwanja u s-Sur Diamandouros. Vilnius, Litwanja, 19 ta' April 2004.



Is-Sur DIAMANDOUROS beda ż-żjara tiegħu b'laqgħa mal-kollegi nazzjonali tiegħu fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen tas-Seimas – il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsmen, is-Sur Romas VALENTUKEVIČIUS u ombudsmen oħra, s-Sinjura Elvyra BALTUTYTĖ, s-Sinjura Rimantė ŠALAŠEVIČIŪTĖ, s-Sur Kęstutis VIRBICKAS u s-Sinjura Zita ZAMŽICKIENĖ. Hu kompli billi ltaqa' ma' numru kbir ta' uffiċjali għolja, inklużi s-Sur Česlovas JURŠĖNAS, aġent Chairman tas-Seimas, is-Sur Petras AUŠTREVICIUS, Deputat tal-Kanċillier tal-Gvern għall-Affarijiet ta' l-UE, s-Sur Gediminas DALINKEVIČIUS, Chairman tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-bniedem tas-Seimas, s-Sur Vytenis ANDRIUKAITIS, Deputat Chairman tas-Seimas u ċ-Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej u s-Sur Gintaras STEPONAVIČIUS, Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej. L-Ombudsman kellu wkoll l-opportunità li jiddiskuti mas-Sinjura Gražina IMBRASIENĖ, Ombudsman għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u rappreżentant tas-Sinjura Aušrinė BURNEIKIENĖ, Ombudsman għall-Istess Opportunitajiet tal-Litwanja. Is-Sur Diamandi iltaqa' wkoll mas-Sur Zenonas NAMAVIČIUS u mas-Sur Vytautas SINKEVIČIUS, imħallfin mill-Qorti Kostituzzjonali tal-Latvja.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS ta *lecture* pubblika fil-Librerija Nazzjonali tal-Litwanja Martynas Mažvydas, bit-titolu “Nibnu Ewropa ċentrata fuq iċ-ċittadini – l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew”. Aktar minn 50 ċittadin u rappreżentant tas-soċjetà ċivili tal-Litwanja pparteċipaw għal din il-*lecture*. Is-Sur DIAMANDOUROS ta wkoll *lecture* fl-Università tal-Liġi tal-Litwanja, bit-titolu “Demokrazija, affidabilità u l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman” u pparteċipaw għaliha kważi 200 student u riċerkatur. Dan l-avveniment ta l-okkażjoni lill-Ombudsman li jiltaqa' mas-Sur Alvydas PUMPUTIS, Dekan ta' l-Università tal-Liġi tal-Litwanja u rappreżentanti oħra ta' l-Università. Matul il-permanenza tiegħu għewwa Vilnius, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sur Michael GRAHAM, Kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għewwa l-Litwanja.

IL-POLONJA

Mit-28 ta' April sat-2 ta' Mejju, l-Ombudsman kellu nurmu ta' laqgħat, preżentazzjonijiet u avvenimenti tal-medja ġol-Polonja.

Iż-żjara bdiet b'ikla ġo Krakovja offruta mill-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili tal-Polonja, is-Sur Andrzej ZOLL. Il-parteċipanti għal din l-ikla kienu jinkludu s-Sinjura Maria NOWAKOWSKA, Viċi-President tal-Jagiellonian University ta' Jagiellonja għar-Riċerka u Relazzjonijiet Internazzjonali u s-Sur Fryderyk ZOLL, Assistent Professor fid-Dipartiment tal-Liġi ta' l-Università Jagiellonian.

Fid-29 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa mas-Sur Jacek MAJCHROWSKI, Sindku tal-Belt ta' Krakovja. Wara huwa mar l-Università Jagiellonian għar-Riċerka u Relazzjonijiet Internazzjonali, fejn ġie milqugħ mill-Viċi-President, is-Sinjura Maria NOWAKOWSKA. Il-preżentazzjoni pubblika tas-Sur DIAMANDOUROS fl-Università, bit-titolu “L-istat tad-dritt, demokrazija u l-istituzzjoni ta' l-ombudsman – prospettiva Ewropea” saret fid-Dipartiment tal-Liġi u ġiet organizzata mis-Sur Fryderyk ZOLL, Assistent Professur fid-Dipartiment. Aktar minn 60 student ipparteċipaw għal din il-preżentazzjoni.

Fit-30 ta' April, għewwa Varsavja, l-ewwel laqgħa tal-ġurnata għas-Sur DIAMANDOUROS kienet ma' l-Ambaxxatur Bruno DETHOMAS, Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ġol-Polonja u mas-Sur Toon STREPPPEL, Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew. Is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa wkoll mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili u mad-Diretturi ta' l-Unitajiet u l-Kapijiet tas-Sezzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju. Wara l-ikel, is-Sur ZOLL mexxa laqgħa flimkien mar-rappreżentanti minn varjetà kbira ta' ONG. Is-Sur DIAMANDOUROS, akkumpanjat mad-Deputat Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili, s-Sur Jerzy ŚWIĄTKIEWICZ, imbagħad kellu laqgħat mas-Sur Marek SAFJAN, President tat-Tribunal Kostituzzjonali, mas-Sur Roman HAUSER, President tal-Qorti Amministrattiva Suprema u mas-Sur Longin PASTUSIAK, Kelliem tas-Senat.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Andrzej Zoll, Ombudsman tal-Polonja. Varsavja, Polonja, 30 April 2004.

Aktar tard filgħaxija, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni pubblika dwar “Drittijiet taċ-ċittadini, rimedji u l-Ombudsman Ewropew” fil-Forum Ewropew tan-Natolin Campus tal-Kulleġ ta’ l-Ewropa. Aktar minn 60 student attwali u preċedenti pparteċipaw għall-preżentazzjoni. Ingħatat introduzzjoni mis-Sur Piotr NOWINA-KONOPKA, Viċi-Rettur tal-Kulleġ ta’ l-Ewropa. L-Ombudsman imbagħad akkumpanja s-Sur Andrzej ZOLL għaċ-ċelebrazzjonijiet tat-tkabbir ta’ l-UE fil-Pilsudski Square, fejn iltaqgħu mal-President tal-Polonja, is-Sur Aleksander KWASNIEWSKI u l-Presidenti taż-żewġ kmamar tal-Parlament.

Fl-1 ta’ Mejju, il-ġurnata bdiet b’laqgħa mal-President tal-Polonja, is-Sur Aleksander KWASNIEWSKI, li ġiet segwita minn ikla b’unur it-tkabbir, organizzata mill-President u mill-Ministru tal-Kultura, fil-Kastell Irjali ta’ Varsavja.



Is-Sur Diamandouros jagħti taħdita lill-istudenti tal-*College of Europe* tal-Campus ta’ Natolin. Natolin, Polonja, 30 ta’ April 2004.

L-AWSTRIJA

Fl-24 u fil-25 ta' Mejju, l-Ombudsman żar l-Awstrija.



Is-Sur Peter Kostelka, Chair tal-Bord ta' l-Ombudsman Awtrijakk, is-Sur Diamandouros u s-Sur Heinz Fischer, President-elett ta' l-Awstrija. Vjenna, Awstrija, 24 ta' Mejju 2004.

Fl-24 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS kellu numru ta' laqgħat ġo Vjenna mas-Sur Heinz FISCHER, President-elett ta' l-Awstrija, mas-Sur Andreas KHOL, President tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament u mas-Sur Franz FIEDLER, President tal-Qorti ta' l-Awdituri. Is-Sur Dieter BÖHMDORFER, Ministru tal-Ġustizzja organizza iklja fl-unur tas-Sur DIAMANDOUROS.

Fil-ġurnata ta' wara, l-Ombudsman kellu laqgħat mas-Sinjura Beate WINKLER, Direttriċi taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Xenofobja u mas-Sur Michael REINPRECHT, Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew ġo l-Awstrija. Iż-żjara tas-Sur DIAMANDOUROS intemmet bi preżentazzjoni pubblika dwar "L-Istat tad-Dritt, id-demokrazija u l-Ombudsman" fl-akkademja Diplomatika ġewwa Vjenna, li ġiet organizzata ma' Akkademja u Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa l-Awstrija.

IR-RUMANIJA

Mis-26 sat-28 ta' Mejju, l-Ombudsman żar ir-Rumanija.

Is-Sur DIAMANDOUROS ġie milqugħ mill-Avukat tal-Poplu tar-Rumanija, is-Sur Ioan MURARU, id-Deputat tiegħu, is-Sur Gheorghe IANCU, is-Segretarju Ġenerali ta' l-istituzzjoni, is-Sur Niculae LAPA u s-Sinjura Andreea ABRUDAN, esperta fir-relazzjonijiet barranin. Aktar tard wara nofs in-nhar, is-Sur DIAMANDOUROS żar id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa Bukarest, fejn iltaqa' mas-Sinjura Anne de LIGNE, Kap tas-Sezzjoni PHARE, mas-Sinjura Raluca PRUNĂ u mas-Sinjura Camelia SUICĂ, rispettivament, 'Task' Maniġer u Mexxej tat-Team responsabbli għall-Affarijiet Interni u l-Ġustizzja.

Fis-27 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS żar l-uffiċċju ta' l-Avukat tal-Poplu fejn kellu laqgħa ma' l-Ombudsman u ma' membri għolja ta' l-istaff. Kien hemm żar il-Ministeru tal-Ġustizzja wara nofs in-nhar, fejn is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Simona-Maya TEODOROIU, Segretarja ta' l-Istat għall-Ġustizzja. Fit-28 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS żar il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija, fejn ġie milqugħ mis-Segretarja Ġenerali ta' l-istituzzjoni, is-Sinjura Ruxandra SABĂREĂNU. Iż-żjara ntemmet b'laqgħa mal-President tal-Qorti Kostituzzjonali, s-Sur Nicolae POPA.



Is-Sur Ioan Muraru, Avukat tal-Poplu tar-Rumanija, is-Sur Diamandouros u s-Sur Nicolae Popa, President tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija. Bukarest, Rumanija, 28 ta' Mejju 2004.

IL-GREĊJA

Mit-30 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS kellu numru ta' laqgħat, preżentazzjoni u avvenimenti tal-medja fil-Greċja. L-Ombudsman Grieg, is-Sur Yorgos KAMINIS, akkumpanjah fl-avvenimenti kollha.

Fit-30 ta' Ġunju, filgħodu, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa mas-Sur Prokopis PAVLOPOULOS, Ministru ta' l-Intern, l-Amministrazzjoni Pubblika u d-Deċentralizzazzjoni. Huwa ltaqa' mas-Sur Costas SIMITIS, ex-Prim Ministru u mas-Sur Nicos CONSTANTOPOULOS, Kap tal-Partit Synaspismos. Wara nofs in-nhar, is-Sur DIAMANDOUROS ġie milqugħ mis-Sinjura Anna BENAKI-PSAROUDA, President tal-Parlament Grieg, u wara mis-Sinjura Aleka PAPARIGHA, Segretarja Ġenerali tal-Partit Komunista tal-Greċja u mis-Sur George KARATZAFERIS, Mexxej tal-Partit Popolari ta' l-Ortodossi (LAOS).

Filgħaxija, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni pubblika fil-Fondazzjoni Nazzjonali tar-riċerka. Il-preżentazzjoni, bit-titolu "L-Ombudsman Ewropew bħala mekkaniżmu għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej" ġie organizzat mill-organizzazzjonijiet non-governattivi "OPEK", "Paremvassi" u "Moviment taċ-Ċittadini". Il-ġurnata ta' wara, is-Sur DIAMANDOUROS ta preżentazzjoni pubblika fl-Esperia Palace Hotel. Il-preżentazzjoni, bit-titolu "L-Ombudsman Ewropew, l-amministrazzjoni pubblika Ewropea u ċ-ċittadini Ewropej: relazzjoni li qed tiżviluppa", ġiet organizzata mill-ELIAMEP (Fondazzjoni Griega għall-Politika Ewropea u Barranija).

Aktar tard dakinhar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur George PAPANDREOU, Kap tal-Moviment Panelleniku Soċjalista (PASOK). Fil-għaxija, huwa kellu laqgħa fil-Palazz Presidenzjali mas-Sur Kostis STEFANOPOULOS, President tal-Greċja.

Fit-2 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Kostas KARAMANLIS, Prim Ministru tal-Greċja. Fl-istess ġurnata, huwa kellu wkoll laqgħat mal-President tal-Kunsill ta' l-Istat, is-Sur Christos GERARIS u mal-Kapijiet tar-Rappreżentanza tal-Parlament Ewropew u tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għewwa Atena, is-Sur George KASIMATIS u s-Sur George MARKOPOULIOTIS rispettivament.



Is-Sur Yorgos Kaminis, Ombudsman Grieg, is-Sur Kostas Karamanlis, Prim Ministru tal-Greċja u s-Sur Diamandouros. Atena, Greċja, 2 ta' Lulju 2004.

L-OLANDA

Is-Sur DIAMANDOUROS żar l-Olanda (Rotterdam, The Hague, Leiden u Nijmegen) mill-15 sad-19 ta' Settembru.

F'The Hague, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-kollega nazzjonali tiegħu, is-Sur Roel FERNHOUT, Ombudsman ta' l-Olanda, li akkumpanjah fil-laqgħat tiegħu mas-Sur Atzo NICOLAÏ, Ministru għall-Affarjiet Ewropej ta' l-Olanda u mas-Sur Pieter VAN DIJK, membru tal-Kunsill ta' l-Istat u ex-imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Waqt li kien f'The Hague, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sur Lambert VAN NISTELROOIJ MEP, mas-Sur Hans Blokland MEP, mas-Sinjura Corien WORTMANN-KOOL MEP, kif ukoll mas-Sur Nico WEGTER, Direttur tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea ġo l-Olanda, mas-Sur Sjerp VAN DER VAART, Direttur ta' l-Uffiċċju ta' l-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew u mas-Sinjura Marion VAN EMDEN, Direttriċi tal-Moviment Ewropew ġo l-Olanda.

Matul il-waqfa tiegħu f' Rotterdam, l-Ombudsman ta' żewġ preżentazzjonijiet pubbliċi: waħda dwar "L-irwol doppju ta' l-ombudsman" fit-tielet Konferenza ta' Kwalità għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi fl-UE u waħda dwar "L-Ombudsman Ewropew: il-gwardjan ta' l-amministrazzjoni tajba" fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università Erasmus. Hu kellek ukoll fil-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Leiden dwar "Il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew". Waqt li kien f'Rotterdam, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa ma' l-Ombudsman Muniċipali, is-Sur Migiel VAN KINDEREN.

Il-Ħadd 19 ta' Settembru ġewwa Nijmegen, is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur FERNHOUT ħadu sehem fil-kommemorazzjoni tas-60 anniversarju ta' l-operazzjoni tal- "Market Garden". Il-kommemorazzjoni kienet tinkludi diskors mis-Sindku ta' Nijmegen fis-sala tal-belt, u parata tal-veterani alleati u ċerimonja tat-tqegħid ta' kuruni tal-fjuri fejn il-monument tal-gwerra, fejn kemm is-Sur DIAMANDOUROS kif ukoll is-Sur FERNHOUT poġġew kuruni tal-fjuri f'isem ta' l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Roel Fernhout, Ombudsman ta' l-Olanda.
L-Aja, l-Olanda, 17 ta' Settembru 2004.

IL-PORTUGALL

Mill-21 sat-22 ta' Ottubru 2004, l-Ombudsman żar il-Portugall.



© l-OmbudsmanPortugiz

Is-Sur Diamandouros, is-Sur Henrique Nascimento Rodrigues (it-tieni mix-xellug), Ombudsman tal-Portugall u membri tal-persunal tagħhom. Lisbona, Portugall, 21 ta' Ottubru 2004.

Matul iż-żjara ta' jumejn ġewwa Liżbona, l-Ombudsman kellu l-opportunità li jiltaqa' mal-Prim Ministru, s-Sur Pedro SANTANA LOPES, mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin, is-Sur António MONTEIRO u mal-Ministru tal-Ġustizzja, is-Sur José AGUIAR BRANCO. Huwa ġie milqugħ mill-President ta' l-Assemblea, is-Sur João MOTA AMARAL li organizza iklha, fejn ipparteċipaw rappreżentanti għolja tal-parlament li jkopru virtwalment il-partiti politiċi kollha. L-Ombudsman kellu skambju informali ta' opinjonijiet mal-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja u Affarijiet



Interni, is-Sur António VITORINO u ħa sehem f'ikla ospitata mill-Ombudsman Portugiż, fejn ipparteċipaw ukoll il-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema, is-Sur Manuel Fernando DOS SANTOS SERRA, l-aġent President tal-Qorti Kostituzzjonali, is-Sur MOURA RAMOS u l-ex Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u attwalment Membru tal-Parlament, is-Sur Jaime GAMA, flimkien mas-Sur Jorge MIRANDA mill-Università ta' Lisbona. Matul il-permanenza ta' l-Ombudsman, il-Kap ta' l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew, is-Sur Paulo SANDE, ospita wkoll ikla ta' xogħol ma' Membri Portugiżi tal-Parlament Ewropew inklużi membri mill-grupp tal-PPE, is-Sinjura Assunção ESTEVES, mill-Grupp tal-PSE, is-Sur Luís Manuel CAPOULAS SANTOS, is-Sur Fausto CORREIA, is-Sur António COSTA, is-Sinjura Edite ESTRELA, is-Sur Emanuel JARDIM FERNANDES, is-Sinjura Elisa FERREIRA, is-Sinjura Ana Maria GOMES, is-Sinjura Jamila MADEIRA u mill-grupp ta' l-UEN, is-Sinjura Ilda FIGUEIREDO u s-Sur Sérgio RIBEIRO.

Bil-ġħan li jilħaq aktar liċ-ċittadini, l-Ombudsman tkellem waqt avveniment organizzat mill-Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea għol Portugall, is-Sinjura Margarida MARQUES. It-titolu tad-diskors ta' l-Ombudsman kien "Nibnu Ewropa ċentrata fuq iċ-ċittadini: l-Ombudsman Ewropew u l-Konstituzzjoni Ewropea". Aktar minn 30 persuna pparteċipaw għall-laqgħa u pparteċipaw b'sessjonijiet vivaċi ta' domandi u risposti li kienu jkopru kwistjonijiet bħall-immigrazzjoni, d-diskriminazzjoni, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u amministrazzjoni xierqa. Wara l-laqgħa kien hemm riċeviment, fejn l-Ombudsman iddiskuta x-xogħol tiegħu ma' membri tal-pubbliku. Fit-tieni ġurnata taż-żjara tiegħu, l-Ombudsman tkellem fil-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Lisbona dwar "id-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea u l-Ombudsman Ewropew". Is-Sur Jorge MIRANDA introduċa l-Ombudsman ma' udjenza ta' madwar 50 student u ma' membri tal-fakultà.

FRANZA

Mill-1 sat-2 ta' Diċembru 2004, l-Ombudsman żar Pariġi.

Wara laqgħa bilaterali qasira ma' l-Ombudsman Franċiż, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, l-Ombudsman Ewropew impenja ruħu fi skambju ta' opinjonijiet mal-Kapijiet tas-Servizz ġo l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Franċiż, immexxija mis-Sur Bernard DREYFUS, Direttur fi grad Għoli. Huwa kellu ikla wkoll ma' l-ex-Ombudsman Franċiż, is-Sur Bernard STASI, fejn huma ddiskutew l-irwol attwali tas-Sur STASI fit-twaqqif ta' Awtorità Għolja għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u l-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza fi Franza. L-Ombudsman iltaqa' mas-Segretarju ta' l-Istat responsabbli għar-Riforma ta' l-Istat, is-Sur Eric WOERTH, u wara mal-Konsultent tal-Prim Ministru għall-Affarijiet Ewropej, is-Sur Pascale ANDREANI. Fit-tieni ġurnata taż-żjara ta' l-Ombudsman iltaqa' mas-Sur Renaud DENOIX DE SAINT-MARC, Viċi-President tal-Kunsill ta' l-Istat, is-Sur Jean-Claude COLLIARD, membru tal-Kunsill Kostituzzjonali, u s-Sinjura Claudie HAIGNERE, Ministru għall-Affarijiet Ewropej.

Matul iż-żjara ta' jumejn ġewwa Pariġi, l-Ombudsman indirizza udjenza ta' 35 student fl-Istitut ta' l-Istudji Politiċi dwar is-suġġett "l-Ombudsman Ewropew u ċ-ċittadinanza Ewropea". Is-Sur Renaud DEHOUSSE introduċa lill-Ombudsman, filwaqt li s-Sinjura Florence DELOCHE-GAUDEZ, Segretarja Ġenerali tal-Forum Ewropew tal-Fakultà tax-Xjenzi Politiċi, mexxiet id-diskussjoni. L-Ombudsman kellu wkoll l-oportunità matul il-waqfa tiegħu li jiltaqa' mas-Sur Jean-Guy GIRAUD, Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew ġo Pariġi u mas-Sur Yves GAZZO, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea.

6.3 KONFERENZI OĦRA U LAQGĦAT

L-Ombudsman qed jiġi mitlub dejjem aktar biex jieħu sehem f'konferenzi u laqgħat madwar l-Ewropa. It-temi diskussi jvarjaw mill-isforzi ta' l-UE biex tikkomunika ma' ċ-ċittadini għall-Konstituzzjoni għall-Ewropa, u mill-proposta għal Aġenzija ġdida għad-Drittijiet Fundamentali għall-Unjoni, għall-possibiltà ta' liġi dwar l-amministrazzjoni tajba għall-istituzzjonijiet u korpi ta'



L-UE. L-Ombudsman huwa dejjem ħerqan li jieħu sehem b'mod attiv f'dawn il-laqqhat, li jgħinu biex iqajmu kuxjenza dwar ix-xogħol tiegħu fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin. Fejn ma jistax jieħu sehem personalment, l-Ombudsman jafda r-rappreżentazzjoni ta' l-istituzzjoni lil membru ta' l-*istaff* rilevanti.

L-Ombudsman iqajjem aktar kuxjenza dwar ix-xogħol tiegħu u dwar il-firxa ta' kwistjonijiet li jiġi mitlub jieħu ħsieb matul laqqhat ma' rappreżentanti politiċi, ma' membri ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi, gruppi ta' interess, studenti u ċittadini, biex insemmu xi wħud. L-*istaff* ta' l-Ombudsman huwa attiv bl-istess mod f'dan ir-rigward. Is-Sezzjoni li ġejja tagħti rendikont tal-firxa sħiħa ta' attivitajiet bħal dawn matul l-2004.

JINKLUDU L-OMBUDSMAN

Konferenza Ministerjali Informali dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa" - Wicklow, l-Irlanda

Mis-6 sas-7 ta' April, l-Ombudsman ħa sehem f'Konferenza Ministerjali Informali organizzata mill-Ministru Irlandiż ta' l-Istat għall-Affarijiet Ewropej, is-Sur Dick ROCHE, ġewwa County Wicklow, fl-Irlanda. It-titolu tal-Konferenza kien "Nikkomunikaw l-Ewropa" u fiha pparteċipaw ministri u segretarji ta' l-istat għall-affarijiet Ewropej minn Stati Membri, minn pajjiżi applikanti u minn pajjiżi kandidati, minn delegazzjonijiet mill-Balkani tal-Punent u rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-Konferenza wara ftuħ formali mill-Ministru ROCHE u diskorsi mis-Sur Pat COX, President tal-Parlament Ewropew u mis-Sur António VITORINO, Kummissarju Ewropew. Huwa nnota l-irwol importanti li għandu l-Ombudsman biex jagħti s-saħħa liċ-ċittadini u dwar id-drittijiet tagħhom. Huwa qal li b'dan il-mod, l-Ombudsman jista' jgħin jindirizza l-isfidi li "Nikkomunikaw l-Ewropa" liċ-ċittadini ġo Unjoni akbar. Is-Sur DIAMANDOUROS kompli billi nnota l-bżonn li jingħataw riżultati konkreti liċ-ċittadini, billi dawn jiġu mogħtija l-possibiltà li jgawdu id-drittijiet relati ma' l-UE.

Konferenza Internazzjonali dwar "Il-pożizzjoni tal-Qrati Kostituzzjonali wara l-integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea" - Bled, Slovenja

L-Ombudsman ħa sehem f'konferenza internazzjonali bit-titolu "Il-pożizzjoni tal-Qrati Kostituzzjonali wara l-integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea" miżuma ġewwa Bled, Slovenja, mit-30 ta' Settembru sat-2 ta' Ottubru. Il-konferenza ġiet miftuħa mill-President tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Slovenja, is-Sinjura Dragica WEDAM LUKIĆ. Id-diskorsi tal-ftuħ ingħataw mis-Sur Erwan FOUÉRÉ, Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ġo l-Slovenja, mis-Sur Christos ARTEMIDES, President tal-Konferenza Internazzjonali tal-Qrati Kostituzzjonali Ewropej, mis-Sur Didier MAUS, Imħallef tat-Tribunal Kostituzzjonali ta' Andorra, mis-Sur Luzius WILDHABER, President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem, mis-Sur Vassilios SKOURIS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u mis-Sur DIAMANDOUROS.

Wara kien hemm preżentazzjoni ta' l-esperjenzi tal-Qrati Kostituzzjonali ta' xi Stati Membri ta' l-UE, dwar is-Sistema Legali ta' l-UE. Saru kontribuzzjonijiet minn rappreżentant tal-Qrati Kostituzzjonali ta' l-Awstrija, Ġermanja u l-Italja.

Fl-1 ta' Ottubru, rappreżentanti tal-Qrati Kostituzzjonali tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u Slovenja, kif ukoll tal-Qrati Supremi ta' Ċipru u l-Estonja, għamlu preżentazzjoni dwar l-emendi kostituzzjonali relatati ma' l-integrazzjoni ma' l-UE, ma' l-irwol tal-qrati kostituzzjonali wara l-integrazzjoni ma' l-UE u stima tal-volontà tagħhom biex jaffrontaw sfidi ġodda.

Is-Sinjura Dragica WEDAM LUKIĆ għamlet id-diskors ta' l-egħluq.

© Il-Pożizzjoni tal-Qrati Kostituzzjonali Konferenza Internazzjonali



Is-Sur Diamandouros jindirizza il-Konferenza Internazzjonali dwar "Il-Pożizzjoni tal-Qrati Kostituzzjonali wara l-Integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea". Bled, Slovenja, 30 ta' Settembru 2004.

34 Asser Colloquium dwar il-Liġi Ewropea - The Hague, l-Olanda

Fil-15 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fit-34 Sessjoni ta' l-Asser Colloquium dwar il-Liġi Ewropea, bit-titolu "Il-Kostituzzjoni ta' l-UE: L-Aħjar triq il-quddiem?". Is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fis-Sessjoni Parallela III A dwar "Il-ħajja demokratika ta' l-Unjoni Ewropea" bi preżentazzjoni fuq "L-Ombudsman Ewropew u l-Kostituzzjoni Ewropea". Is-Sessjoni kienet immexxija mis-Sinjura Deirdre CURTIN, Professur fl-Utrecht School of Governance.

Preżentazzjoni fl-Università ta' Ateni - Greċja

Fit-22 ta' Diċembru, l-Ombudsman għamel preżentazzjoni fid-Dipartiment ta' Xjenza Politika u l-Amministrazzjoni Pubblika ta' l-Università ta' Ateni. Il-preżentazzjoni kienet parti mill-Programm ta' wara l-gradwazzjoni fl-Istudji Ewropej u Internazzjonali tad-Dipartiment. It-titolu tal-preżentazzjoni ta' l-Ombudsman kien "Regola tal-liġi, demokrazija, responsabbiltà u l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman".

Oħrajn

Fid-19 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ġewwa Pariġi mas-Sinjura Noelle LENOIR, Ministru Franċiż għall-Affarijiet Ewropej biex jiddiskutu numru ta' kwistjonijiet amministrattivi dwar l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fit-28 ta' Jannar, l-Ombudsman għamel preżentazzjoni pubblika fil-fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Udine, Italja. Is-Sur DIAMANDOUROS ġie milqugħ mir-Rettur ta' l-Università, is-Sur Furio HONSELL. Madwar 100 persuna pparteċipaw għall-preżentazzjoni, inklużi, s-Sur Maurizio MARESCA, Professur tal-Liġi Internazzjonali, u l-Ombudsman Reġjonali tal-Friuli Venezia-Giulia, is-Sinjura Caterina DOLCHER.



Is-Sur Diamandouros flimkien ma' studenti mill-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Udine, fl-Italja, 28 ta' Jannar 2004.

Fl-istess ġurnata, l-Ombudsman iltaqa' mal-President tar-reġjun Taljan tal-Friuli Venezia-Giulia, is-Sur Riccardo ILLY. Matul din il-laqgħa, l-Ombudsman ippreżenta il-Kodiċi Ewropew għal Kondotta Amministrattiva Tajba, li kien ta' interess kbir għall-President. Il-President wara ppropona li dan il-Kodiċi għandu jiġi adottat mill-amministrazzjoni reġjonali tal-Friuli Venezia-Giulia.

Aktar tard, dakinhar, l-Ombudsman ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-membri tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste. L-Ombudsman ta' Trieste, is-Sur Alessandro ZANMARCHI, kien preżenti għal din il-laqgħa wkoll.

Fid-29 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors lill-istudenti tal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Trieste, Italja. Saret introduzzjoni mis-Sur Sergio BARTOLE, Direttur tad-Dipartiment ta' Xjenzi Ġuridiċi.

Fil-11 ta' Frar, is-Sur García VALLEDOR, il-Ministru għar-Relazzjonijiet Esterni fil-gvern reġjonali ta' l-Asturias (Spanja) għamel żjara lill-Ombudsman Ewropew ġo Strasburgu. Miegħu kien hemm il-Kap tal-Kabinett tiegħu, is-Sur Jorge PRADO, is-Sinjura Maria Luisa BERGAZ MEP, u s-Sur Dionisio FERNÁNDEZ, Konsulent Politiku tal-Grupp Magħqud tax-Xellug fil-Parlament Ewropew. Is-Sur García VALLEDOR semma r-rieda tal-gvern ta' l-Asturias li jressaq proposta ta' liġi quddiem il-parlament reġjonali għat-twaqqif ta' ombudsman. Is-Sur DIAMANDOUROS laqa' din l-inizzjattiva u offra l-appoġġ tiegħu u ta' l-istaff tiegħu.

Fid-9 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' diversi rappreżentanti mill-Grupp Għal Appoġġ tad-Diżabilità tal-Parlament Ewropew (EPDSG), inkluża s-Sinjura Marie LUIJTEN, s-Sinjura Saija JARVENTAUSTA, s-Sur Helge POULSEN u s-Sur Philip SCOTT. EPDSG, li jikkonsisti minn numru ta' uffiċjali mill-Parlament ikkonċernati ma' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma diżabilità, li esprimew appoġġ għax-xogħol ta' l-Ombudsman dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità. Ir-rappreżentanti tal-Grupp laqgħu l-inkjesta fuq inizzjattiva personali ta' l-Ombudsman dwar l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità u l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ilmenti differenti dwar l-integrazzjoni ta' tfal b'diżabilità fl-Iskejjel Ewropej. Is-Sur DIAMANDOUROS ta deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet f'dan il-qasam u għamel kuraġġ lill-EPDSG biex jipprovdu aktar informazzjoni li tista' tkun ta' għajjnuna lill-Ombudsman fl-inkjesta tiegħu.

Fit-12 ta' Marzu, is-Sur Péter BÁRÁNDY, Ministru Ungeriż għall-Ġustizzja akkumpanjat mis-Sinjura Judit DEMETER, mis-Sur Lipót HOLTZ u mis-Sur István SOMOGYVÁRI, u mis-Sur Zoltán TAUBNER, Ambaxxatur Ungeriż fil-Kunsill ta' l-Ewropa, għamel żjara lis-Sur DIAMANDOUROS



ġo Strasburgu. Ġew diskussi numru ta' kwistjonijiet, inkluż il-koperazzjoni bejn il-Kummissarji Parlamentari Unergeriżi u l-Ombudsman Ewropew fid-dawl tas-sħubija ta' l-Ungerija ma' l-UE.

Fil-25 ta' Marzu, l-Ombudsman Ewropew għamel preżentazzjoni pubblika fil-Fakultà ta' Xjenza Politika fl-Università ta' Genoa, Italja. Is-Sur DIAMANDOUROS ġie ntrodott mis-Sur Adriano GIOVANNELLI, Dekan tal-Fakultà. Għall-preżentazzjoni pparteċipaw madwar 70 persuna.

Fl-istess ġurnata, is-Sur DIAMANDOUROS kien il-kelliem ewlieni f'konferenza organizzata mis-*Società di letture e conversazioni scientifiche* ġewwa Genova. Hu ġie milqugħ għan-nom tas-Soċjetà, mill-President, is-Sur Umberto COSTA, u mis-Sur Gianpaolo GANDOLFO. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fuq "L-Istat tad-Dritt, id-demokrazija u l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman: prospettiva Europea".

Fis-26 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President tal-Kunsill tal-Ligurja, is-Sur Francesco BUZZONE, f'Genova u ddiskutew l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fis-27 ta' Marzu, ġewwa Leriçi, Italja, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sindku tal-Muniċipalità ta' Leriçi, is-Sur Emanuele FRESCO, biex jimmarkaw l-inawgurazzjoni ta' l-uffiċċju responsabbli għar-relazzjonijiet mal-pubbliku.

Fl-14 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ġo Strasburgu mas-Sur Taro NAKAYAMA, mas-Sur Yoshito SENGOKU, mas-Sur Yukio EDANO, mas-Sur Okiharu YASUOKA u mas-Sur Motohiko KONDO, Membri tal-Parlament mill-Ġappun. Il-parlamentari, Membri tal-Kumitat għar-Riċerka dwar il-Kostituzzjoni għall-Ġappun, kienu akkumpanjati mis-Sur Ryuichi SHOJI, Konslu-Ġenerali tal-Ġappun ġewwa Strasburgu. Ġew diskussi kwistjonijiet relatati mal-kwadru kostituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea u l-irwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fis-16 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellew lil aktar minn 100 student Taljan, li kienu qegħdin bħala parti minn żjara ta' jumejn lill-Parlament Ewropew. L-istudenti kienu rebħu kompetizzjoni organizzata mill-Parlament bil-għan li tiżdied il-kuxjenza dwar l-UE. L-Ombudsman spjega l-irwol tiegħu lill-istudenti u rrisponda sensiela ta' domandi dwar ix-xogħol tiegħu.

Fl-10 ta' Diċembru, fl-okkażjoni tal-parteeipazzjoni tiegħu f'Konferenza ġo Istanbul, it-Turkija, is-Sur DIAMANDOUROS għamel żjara lil Qdusija Tiegħu BARTHOLOMEW, Arċisqof ta' Kostantinopli, Ruma Ġdida u Patrijarka Ekumenikali tal-Knisja Ortodossa Kristjana.

JINKLUDU L-ISTAFF TA' L-OMBUDSMAN

Avvenimenti u laqgħat

Fl-24 ta' Frar, is-Sur Olivier VERHEECKE, Konsulent Legali Prinċipali, iltaqa' mas-Sur Anar CAHANGIRLI u mas-Sur Anar KARIMOV, mill-Missjoni ta' Azerbaijan fl-UE, biex jiddiskutu kollaborazzjoni possibbli bejn l-Ombudsman ta' l-Azerbajġan imwaqqaf reċentement u l-Ombudsman Ewropew.

Fit-13 ta' Mejju, is-Sur Kostas KOURTIKAKIS, student li qed jagħmel il-Ph.D. fl-Università ta' Pittsburgh, USA, żar l-uffiċċju ta' Brussel ta' l-Ombudsman Ewropew biex jagħmel intervista lill-Uffiċjal responsabbli għall-Internet u l-Komunikazzjonijiet ta' l-Ombudsman, is-Sur Ben HAGARD u l-Uffiċjal għall-Istampa u l-Komunikazzjonijiet, is-Sinjura Rosita AGNEW, dwar in-netwerk Ewropew ta' ombudsmen. Is-Sur KOURTIKAKIS wara żar Strasburgu, fejn għamel intervista lill-Ombudsman, lill-Kap tad-Dipartiment Legali, is-Sur Ian HARDEN, u lill-Uffiċjal Legali, is-Sur Peter BONNOR. Dawn l-intervisti kienu jikkonċentraw l-irwol tan-netwerk Ewropew ta' ombudsmen fl-għajnuna għall-implimentazzjoni korretta tal-liġi ta' l-UE fil-livell ta' l-Istati Membri.

Fl-1 ta' Ottubru, is-Sur Olivier VERHEECKE rrisponda għal domandi dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman mingħand is-Sur Alexandros TSADIRAS, ex-apprendist fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman



u student li qed jagħmel il-PhD fl-Università ta' Oxford. Fit-8 ta' Ottubru, is-Sur VERHEECKE iltaqa' mas-Sinjura Neeltje SMITSKAMP, studenta mill-Università ta' Amsterdam, għal intervista simili.

Fil-5 ta' Ottubru, is-Sur Ian HARDEN u s-Sinjura Rosita AGNEW żaru Amsterdam għal Konferenza Ministerjali Informali bit-titolu "Nikkomunika l-Ewropa". Din il-laqgħa tkompli wara l-ewwel laqgħa fuq is-suġġett li saret ġewwa Wicklow, l-Irlanda, f'April 2004. Din il-konferenza għet organizzata mill-Ministru Olandiż għall-Affarijiet Ewropej, is-Sur Atzo NICOLAÏ, biex tindirizza l-kwistjoni dwar kif iġġiegħel iċ-ċittadini jhossuom aktar involuti fl-Ewropa, b'mod partikulari minħabba r-referenda li ġejjin dwar il-Kostituzzjoni Ewropea. Ministri jew uffiċjali pubbliċi mill-25 Stat Membru kif ukoll mill-pajjiżi kandidati, attendew din il-laqgħa, flimkien mal-Kummissarji António VITORINO u Margot WALLSTRÖM u l-President tal-Parlament Ewropew Josep BORRELL. L-ex President tal-Parlament Ewropew Pat COX mexxa l-laqgħa. Filwaqt li l-Ombudsman innifsu ma' setax jieħu sehem fil-laqgħa, id-diskors tiegħu bit-titolu "Nikkomunika l-Ewropa – l-opportunitajiet ippreżentati mill-Kostituzzjoni" tqassmet lill-parteċipanti kollha u lill-istampa. Il-laqgħa saret fil-pubbliku.

Fit-23 ta' Novembru, is-Sur Olivier VERHEECKE laqa' fl-uffiċċju ta' Brussell, lis-Sur Sinisa RODIN, Professur tal-Liġi Kostituzzjonali u Liġi Ewropea fl-Università ta' Zagreb. Hu kien qed iżur l-istituzzjonijiet ta' l-UE fil-kwadru tal-"Programm ta' l-Unjoni Ewropea għall-Viżitaturi".

Mis-6 sas-7 ta' Diċembru, l-Aġenzija Svediża għall-Immaniġjar Pubbliku organizzat laqgħa informali ta' esperti biex jiddiskutu l-prospett ta' liġi amministrattiva għall-UE biex jikkunsidraw il-possibiltà ta' Żona Amministrattiva Ewropea fil-futur. Aktar minn 50 persuna pparteċipaw għall-laqgħa, inklużi uffiċjali pubbliċi u akkademiċi mill-Ewropa kollha. Is-Sur Ian HARDEN u s-Sinjura Rosita AGNEW irrapreżentaw l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman. Matul is-sessjoni ta' l-ewwel ġurnata, bit-titolu "Regolamentazzjoni ta' amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet ta' l-UE – l-esperjenza s'issa u l-potenzjal ta' l-Artikolu III-398", is-Sur HARDEN tkellem dwar il-Kodiċi Ewropew ta' Imġieba Amministrattiva xierqa. It-tieni ġurnata kienet tiffoka fuq "l-Integrazzjoni ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri: Jista' jkun hemm *Roadmap* għal Żona Amministrattiva Ewropea?"

Fid-9 ta' Diċembru, s-Sur Olivier VERHEECKE laqa' fl-Uffiċċju ta' Brussell, lis-Sur Lodewijk BOS, Segretarju għall-Kummerċ fir-Rappreżentanza Permanenti ta' l-Olanda fl-UE, u tah informazzjoni dwar il-possibiltà għall-kumpaniji li jilmentaw ma' l-Ombudsman.

Fil-15 ta' Diċembru, is-Sur Olivier VERHEECKE ħa sehem f'Panel ta' livell għoli dwar "Il-proposta għal Aġenzija ta' l-UE għad-Drittijiet tal-bniedem: opportunità għal politika koerenti tad-drittijiet tal-bniedem", li għet organizzata mill-gruppi ta' esperti ta' Brussell "Iċ-Ċentru". Id-dibattitu kien immexxi mis-Sur Walter VAN GERVEN, ex-Avukat Ġenerali fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u Professur fl-Università Kattolika ta' Leuven. Il-kelliema tal-Panel kienu s-Sur Jonathan FAULL, Direttur-Ġenerali tad-DG tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà, is-Sur Jorg POLAKIEWICZ mill-Kunsill ta' l-Ewropa u s-Sinjura Alpha CONNELLY, Kap Eżekuttiv tal-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-bniedem. Wara numru ta' preżentazzjonijiet kien hemm dibattitu mqanqal.

Preżentazzjonijiet tal-grupp

Fl-2004, is-Sur DIAMANDOUROS u membri ta' l-istaff tiegħu spjegaw l-irwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman lil dawn li ġejjin:

Jannar

- grupp ta' studenti mill-*Hochschule Magdenburg-Stendal*, Ġermanja
- grupp ta' studenti mill-*Institut des Hautes Etudes Européennes* ta' l-Università Robert Schuman ġewwa Strasburg, fi Franza;



Frar

- 50 student, akkumpanjati mis-Sur Willem BONEKAMP, mill-Università ta' Twente, l-Olanda;
- 10 rappreżentanti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi mil-Latvja;
- 40 student, immexxija mis-Sur Michael McKEEVER, mit-Trinity School ta' Nottingham, Renju Unit;
- impjegati miċ-ċivil mill-Akkademja Federali Ġermaniża ta' l-Amministrazzjoni Pubblika. Dan il-grupp kien akkumpanjat mill-mexxej tas-seminarju, is-Sinjura Christiane BÖDDING;

Marzu

- 10 impjegati miċ-ċivil fi grad għoli jieħdu sehem f'laqgħa organizzata mill-*Ecole Nationale d'Administration* (ENA) ta' Franza, ġo Strasburgu, fi Franza;
- 7 impjegati miċ-ċivil mid-dipartimenti ta' l-affarijiet ta' l-UE tal-Parlament Daniż;
- 50 student mill-Assoċjazzjoni tal-Liġi Ewropea ta' l-Istudenti (ELSA), minn Padova, l-Italja;
- membri tal-*Club des médiateurs du service public* ġo Pariġi. Din il-laqgħa ġiet organizzata mill-Ombudsman tar-RATP (l-awtorità tal-belt ta' Pariġi għat-trasport), is-Sur Cyrille DE LA FAYE;
- grupp ta' studenti mill-Università tad-Danimarka tan-nofs in-nhar, Odense;
- 45 student mit-*Technische Universität Chemnitz*, fil-Ġermanja, fi ħdan il-qafas ta' vjaġġ għal Strasburgu organizzat mill-*Bildungswerk Sachsen der Deutschen Gesellschaft e.V.* Il-parteċipanti kienu akkumpanjati mis-Sinjura Elke FEILER mill-*Bildungswerk*;

April

- 45 student, akkumpanjati mill-għalliem tagħhom, is-Sur GRAF, minn *Staatliche Berufsschule Landsberg am Lech*, Bavarja, il-Ġermanja;
- 50 student mill-*Europa-Institut* ta' l-Università ta' Saarbrücken, il-Ġermanja. L-istudenti kienu akkumpanjati mis-Sinjura HÖRRMANN u mis-Sinjura ELSNER mill-*Europa-Institut*;
- 17-il student mill-provinċja reġjonali ta' Agrigento, l-Italja. Il-vjaġġ ta' l-istudenti ġo Strasburgu kien mogħti lir-rebbieħa ta' kompetizzjoni bit-titolu "L-Identità Ewropea";
- 27 apprendist mir-Rumanija ħadu sehem f'laqgħa dwar l-amministrazzjoni pubblika fl-*Ecole Nationale d'Administration* (ENA), Strasburgu, Franza;
- 50 parteċipant fil-Konferenza Annwali ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Infurmazzjoni ġewwa Edinburgu, l-Iskozja. It-titolu ta' din il-konferenza kien "Ewropa li tinbidel: sfidi u opportunitajiet għall-professionista ta' l-infurmazzjoni";
- 50 parteċipant fil-Laqgħa Ewropea tas-Soċjetà Internazzjonali Kolping. Din il-laqgħa kien immexxi mis-Sur Anton SALESNY;

Mejju

- 20 student mill-Università ta' Eberhard Karls ġo Tübingen, il-Ġermanja. Din iż-żjara ġiet organizzata mis-Sur Rudolf HRBEK;
- grupp ta' 16-il uffiċjal minn pajjiżi differenti mill-Asja li kienu qed jipparteċipaw f'kurs ta' staħriġ organizzat miċ-*Centre des Etudes Européennes de Strasbourg*. Dan il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Felix MÜLLER;
- 35 student mill-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant, fi ħdan il-qafas ta' żjara organizzata mis-Sinjura Elke FEILER mill-*Bildungswerk Sachsen der Deutschen Gesellschaft e.V.*; is-Sinjura FEILER



organizzat ukoll żjara ta' 35 rappreżentant ta' assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u kummerċjant mis-Sassonia biex jismgħu dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman;

- 34 membru mill-Partit Soċjal Demokratiku minn Copenhagen, id-Danimarka;
- 30 student mill-Università ta' Viadrina, Frankfurt an der Oder, il-Ġermanja;
- 30 student minn skola għall-infermiera f'Herne, Ġermanja, fil-kuntest ta' laqgħa organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung ġo Königswinter;
- parteċipanti għal avveniment ta' jumejn bit-titolu "Laqgħa dwar il-petizzjonijiet u d-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-UE" organizzat mid-DG għat-Tkabbir tal-Kummissjoni Ewropea (Uffiċċju TAIEX) għall-Membri tal-Parlament ta' l-Istati Membri l-Ġodda, kif ukoll għar-Rumanija, Bulgarija u t-Turkija;
- 30 viżitatur mill-Aġenzija Żvediża dwar l-Immaniġjar ta' Emerġenza, akkumpanjati mis-Sinjura Ing-Marie PERSSON mill-Aġenzija;
- 30 impjegat ċivili mir-reġjun ta' Aragon, Spanja, ipparteċipaw f'laqgħa organizzata mill-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA);

Ġunju

- parteċipanti għal laqgħa ta' jumejn bit-titolu "Sostenn għall-kompetittività permezz ta' amministrazzjoni pubblika ta' kwalità" organizzat mill-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA);
- 50 student mill-Università ta' Potsdam, il-Ġermanja, akkumpanjati mis-Sur Eckart KLEIN;
- grupp ta' studenti mill-fakultà tax-xjenza politika, akkumpanjati mill-Assistent Professur is-Sinjura Francesca VASSALLO mill-Università ta' Southern Maine, Stati Uniti;
- grupp ta' 23 persuna inklużi membri mill-bord ta' superviżjoni tal-Volksbank Bühl, il-Ġermanja. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Klaus GRAS;
- parteċipanti għas-"Seminarju dwar petizzjonijiet u drittijiet taċ-ċittadini ta' l-UE" organizzat mid-DG għat-Tkabbir tal-Kummissjoni Ewropea (Uffiċċju TAIEX) għall-Membri tal-Parlament tal-Bulgarija u esperti Bulgari fil-Kummissjoni;
- parteċipanti fis-seminarju "Drittijiet tal-bniedem u l-Unjoni Ewropea", organizzat fl-Londra mill-Justice flinkien mal-Monckton Chambers u d-Doughty Street Chambers;
- 30 membru mill-Kiwanis Club minn Offenburg, il-Ġermanja;
- 50 student minn Baden, l-Awstrija;

Lulju

- 30 avukat Franċiż f'għurnata ta' studju bit-titolu "Entretiens communautaires". Dan l-avveniment kien organizzat mid-Délégation des Barreaux de France għewwa Brussell;
- 35 rappreżentant mid-Dipartiment għall-Iskejjel tar-reġjun ta' Mittelfranken, il-Ġermanja;

Settembru

- 40 student li qed jieħdu sehem f'laqgħa organizzata minn Karl-Arnold-Stiftung għewwa Königswinter, Ġermanja. L-istudenti kienu akkumpanjati mis-Sur Benjamin WITTEKIND;
- grupp ta' viżitaturi mill-Uffiċċju ta' l-Istat għall-Ittri u s-Sejħiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;



- 30 impjegat ċivili minn ministeri Ġermaniżi differenti, fil-kuntest ta' żjara fi Brussel organizzata mill-*Bundesakademie für Öffentliche Verwaltung*;
- 30 segretarju jaħdmu fl-iskejjel ġewwa North Rhine-Westphalia, fil-kuntest ta' seminarju organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung* ġewwa Königswinter;

Ottubru

- studenti li kienu qed jattendu d-19-il Sessjoni ta' l-Istitut Ewropew għall-Affarijiet Pubbliċi u l-Lobbying (EIPAL) ġewwa Brussell;
- 30 parteċipant f'seminarju organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung* ġewwa Königswinter;
- 20 membru ta' grupp mill-*Bildungswerk für Demokratie, soziale Politik und Öffentlichkeit*, il-Ġermanja;
- grupp ta' viżitaturi mill-Punti ta' Informazzjoni fil-Greċja;
- 25 persuna li jaħdmu għall-Unjoni Demokratika Kristjana fil-Ġermanja, fil-kuntest ta' laqgħa organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung* ġewwa Königswinter;

Novembru

- parteċipanti f'konferenza ġo Budapest bit-titolu "Libertà ta' l-informazzjoni illum u għada". Il-konferenza ġiet organizzata mill-Arkivju tas-Soċjetà Miftuħa u l-Kummissarju Ungeriż għall-Protezzjoni tad-Data u għall-Libertà ta' l-Infommazzjoni, s-Sur Attila PÉTERFALVI.
- 60 membru tal-*Club Europe*, immexxija mis-Sur Pascal MANGIN, l-attaxé tas-Sindku ta' Strasburg u għall-affarijiet Ewropej u internazzjonali, tas-Sindku Ta' Strasburg, Franza;
- 120 parteċipant fil-laqgħa tal-Partit ta' AKEL ġewwa Nikosija, Ċipru;
- 30 impjegat miċ-ċivil u ġurnalista mill-Greċja, fuq stedina tas-Sinjura Maria MATSOUKA MEP, Viċi-Chair tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet;
- 25 impjegat mill-Unjoni Demokratika Kristjana tal-Ġermanja, fil-qafas ta' laqgħa organizzata mill-*Karl-Arnold-Stiftung* ġo Königswinter;
- grupp ta' impjegati miċ-ċivil fi grad għoli mill-Kroazja, fil-kuntest ta' laqgħa organizzata mill-*Ecole Nationale d'Administration* (ENA), Strasburg, Franza;

Diċembru

- riċerkaturi li jispeċjalizzaw fil-liġi amministrattiva Ewropea, f'laqgħa organizzata mis-Sur Jacques ZILLER mid-Dipartiment tal-Liġi ta' l-Istitut ta' L-Università Ewropea, l-Italja.

6.4 RELAZZJONIJIET MAL-MEDJA

Il-medja tilgħab rwol importanti fit-tisħiħ ta' l-impatt tax-xogħol reattiv u proattiv ta' l-Ombudsman. Billi jirrapurtaw dwar l-immaniġjar ta' l-ilmenti u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, l-istampa, il-medja tax-xandir u l-medja elettronika jgħinu biex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar is-servizz li jagħti l-Ombudsman. Ta' l-istess importanza hija l-attenzjoni li tiġbed il-medja għal każijiet fejn jista' jkun hemm bżonn ta' ċertu grad ta' pressjoni pubblika, partikolarment f'każijiet fejn l-Ombudsman jara l-bżonn li jagħmel rimarka kritika, abbozz ta' rakkomandazzjoni jew rapport speċjali lill-Parlament. F'dawk il-każijiet, il-medja tista' tenfasizza aktar l-importanza tal-każ, u għalhekk iġġiegħel lill-istituzzjoni jew il-korp biex isib soluzzjoni għaċ-ċittadin. Fl-aħħar, l-Ombudsman huwa xi



kultant mitlub li jagħti kont lill-medja tal-prijoritajiet tiegħu u l-opinjonijiet u r-raġunijiet li hemm warajhom.

L-attivitajiet tal-medja ta' l-ombudsman ivarjaw minn intervisti f'konferenzi ta' l-istampa u minn artikoli miktuba għal komunikazzjonijiet lill-istampa. Dawn l-inizzjattivi jistgħu jkunu marbuta jew ma' avveniment importanti, per eżempju il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali lill-Kumitat fuq il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, jew direttament ma' inkjesti ta' l-Ombudsman. Kull kuntatt jippermetti lill-Ombudsman biex jirrispondi għal domandi dwar l-irwol tiegħu, biex jispjega l-opinjoni tiegħu fuq kwistjonijiet importanti u biex jenfasizza l-prijoritajiet tiegħu u jiddefinixxi l-aspirazzjonijiet tiegħu.

L-Ombudsman ħareġ erbgħa u tletin komunikazzjoni lill-istampa fl-2004, jiġifieri waħda kull 11-il ġurnata. Imqas lill-ġurnalisti u partijiet interessati madwar l-Ewropa, dawn il-komunikazzjonijiet lill-istampa għenu biex iqajmu kuxjenza dwar l-aktar każijiet importanti matul is-sena. Dawn kienu jinkludu fost l-oħrajn, problemi fl-immaniġjar ta' materjal radioattiv fl-Istitut tal-Kummissjoni għall-Elementi tat-Transuranju ġewwa l-Ġermanja, l-integrazzjoni tan-nies b'diżabilità mill-Kummissjoni Ewropea u nuqqasijiet possibbli f'inkjesta ta' l-OLAF għal allegazzjonijiet ta' frodi.

L-Ombudsman wettaq aktar minn 40 intervista lil rappreżentanti ta' l-istampa, tax-xandir u tal-medja elettronika fl-2004, ġewwa Strasburgu, Brussell u, matul iż-żjarat ta' informazzjoni, f'postijiet oħra. Huwa ppreżenta x-xogħol tiegħu u rrisponda għal domandi matul konferenzi ta' l-istampa, aġġornamenti, laqgħat u ikliet. Din it-taqsimha tagħti lista ta' l-intervisti li taw l-Ombudsman u l-istaff tiegħu matul l-2004 u tinkludi numru ta' avvenimenti tal-medja organizzati matul is-sena.

- Fit-8 ta' Jannar, l-Ombudsman ta ntervista lis-Sur Cai RIENÄCKER, ġurnalist mir-radju pubbliku Ġermaniż, *ARD*. Id-domandi kienu jinkludu l-prijoritajiet ta' l-Ombudsman, każijiet mill-Ġermanja li kienu suċċess u Koperazzjoni ma' ombudsman nazzjonali u reġjonali u korpi simili.
- Fit-13 ta' Jannar, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sinjura Lise LANCON għal *Strasburgu Magazine*. Il-ġurnalista staqsiet domandi ġenerali dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman, bħan-numru u t-tip ta' lmenti ġestiti u l-isforzi li ttieħdu biex titqajjem kuxjenza dwar l-Ombudsman.
- Fl-14 ta' Jannar, ġurnalist Taljan, is-Sur Paolo MAGAGNOTTI, intervistat is-Sur DIAMANDOUROS għal dokumentarju qasir dwar l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew biex jixxandar fl-Italja u barra mill-Italja.
- Fil-15 ta' Jannar, l-Ombudsman ġie intervistat bit-telefown mis-Sinjura Tina SPILIOTI minn gazzetta Ċiprijotta li toħroġ kull ġimgħa, *Neos Typos*. Is-Sinjura SPILIOTI staqsiet lill-Ombudsman dwar ix-xogħol tiegħu, partikularment fil-pajjiżi applikanti.
- Fis-26 ta' Jannar, fil-qafas ta' żjara ta' informazzjoni ġewwa s-Slovenja, l-Ombudsman ġie ntervistat mit-televisin pubblika Slovena. Is-Sur DIAMANDOUROS irrisponda għal domandi dwar l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew u r-relazzjonijiet tiegħu ma' l-Ombudsman għad-Drittijiet tal-bniedem tas-Slovenja, is-Sur Matjaž HANŽEK.
- Fis-27 ta' Jannar, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman tas-Slovenja organizza konferenza stampa biex jimmarka t-tmiem taż-żjara ta' l-Ombudsman Ewropew. Madwar 15-il ġurnalist hađu sehem u staqsew domandi dwar il-kwalità ta' l-amministrazzjoni ta' l-UE u r-rispons ta' l-amministrazzjoni għall-inkjesti ta' l-Ombudsman. Huma xtaqu wkoll eżempji ta' lmenti indirizzati mill-Ombudsman Ewropew.
- Aktar tard dakinhar, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sinjura Urška MLINARIČ mill-gazzetta Slovena li toħroġ kuljum, *Večer*, u mis-Sinjura Barbara KUŽNIK mir-radju nazzjonali u mis-Sinjura Tanja TAŠTANOSKA mill-gazzetta li toħroġ kull ġimgħa *Žurnal*.
- Fid-29 ta' Jannar, l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman Reġjonali tal-Friuli Venezia-Giulia, is-Sinjura Caterina DOLCHER, hađu sehem f'konferenza ta' l-istampa organizzata mill-Kunsill Reġjonali ta' Trieste, Italja. Matul l-avveniment, is-Sur DIAMANDOUROS irrisponda għal

domandi mis-Sur Pietro COMELLI, *Il Piccolo*, mis-Sur Luciano SANTIN, *Messaggero Veneto*, mis-Sinjura Sonia SICCO, *ANSA*, mis-Sur Alvise SFORZA, *Antenna 3*, mis-Sur Duccio PUGLIESE, *LUXA TV*, u mis-Sur Pierpaolo DOBRILLA, *CENTRO TV Friuli Venezia-Giulia*.

- Fil-11 ta' Frar, is-Sur Olivier VERHEECKE, Kunsulent Legali Prinċipali, ġie intervistat live lis-Sinjura SIMONOT mir-Radju ta' Brussel *BFM* dwar id-deċizzjoni ta' l-Ombudsman dwar il-politika tal-Parlament Ewropew fir-rigward tat-tipjip fil-bini tiegħu.
- Fid-19 ta' Frar, fil-kwadru taż-żjara ta' informazzjoni ġewwa s-Slovakkja, l-Ombudsman u s-Sur Pavel KANDRÁČ, Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, ħadu sehem f'konferenza ta' l-istampa fil-bini tal-Kanċellerija tal-Kunsill Nazzjonali tas-Slovakkja, li kienet immexxija mis-Sur Azelio FULMINI, Kap ta' l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew fis-Slovakkja.
- Fl-1 ta' Marzu is-Sur DIAMANDOUROS ta konferenza stampa fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta' Ċipru, is-Sinjura Eliana NICOLAOU. Madwar 15-il ġurnalista attendew l-avveniment.



Is-Sur Diamandouros u s-Sinjura Eliana Nicolaou, Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta' Ċipru, jindirizzaw konferenza stampa. Nikosija, Ċipru, 1 ta' Marzu 2004.

- Fl-istess ġurnata, s-Sur DIAMANDOUROS wettaq ntervista televiżiva ta' 35 minuta lill-ġurnalista s-Sur Kyriakos PIERIDES miċ-*Cyprus Broadcasting Corporation (CYBC)*. Is-CYBC kopriet ukoll il-preżentazzjoni li s-Sur DIAMANDOUROS wettaq fit-3 ta' Marzu, f'laqgħa maċ-Ċiprijotti Griegi u Torok, ko-organizzata mill-Forum għall-Modernizzazzjoni tas-Soċjetà (OPEK) u l-pjattaforma ta' ONGs taċ-Ċiprijotti Torok "il-Pajjiż huwa Tagħna". Iż-żewġ avvenimenti ġew imxandra f'programm wieħed dedikat għal-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew.
- Fit-2 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ġie intervistat mill-istazzjonijiet tat-televixin u tar-radju differenti fl-uffiċċju tal-Ministru Ċiprijott għall-Affarijiet Interni, is-Sur Andreas CHRISTOU.
- Fid-9 ta' Marzu, is-Sinjura Cristina CARPINELLI, ġurnalista ta' *Radio 24* radju Taljan, intervistat is-Sur DIAMANDOUROS għal programm li jixxandar kull ġimgħa dwar l-affarijiet ta' l-UE.
- Fil-11 ta' Marzu, is-Sur Miguel ADROVER, Produttur ta' *Europa 2004* għat-Televixin Pubbliku Spanjol *TVE*, intervista lill-Ombudsman. L-għan ta' l-intervista kien biex jinforma liċ-ċittadini Spanjoli dwar l-irwol tiegħu.
- Fil-11 ta' Marzu, is-Sinjura Rosita AGNEW, Uffiċjal għall-Istampa u l-Komunikazzjonijiet, ġiet intervistata bit-telefown mis-Sur Christophe NONNENMACHER għal *Strasburgu Magazine*. Il-ġurnalista staqsa dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-ombudsman.

- Fl-24 ta' Marzu, iż-żjara ta' l-Ombudsman fir-Repubblika Ċeka spiċċat b'konferenza stampa fl-Uffiċċju ta' l-Infurmazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea (EUIP) ġewwa Praga. Madwar 15-il persuna kienu preżenti għal dan l-avveniment, li ġie segwit minn numru ta' intervisti bilaterali ma' l-Ombudsman.
- Fis-27 ta' Marzu, l-Ombudsman ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-ġurnalisti f'laqgħa organizzata mill-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Liguria, Italja.
- Fil-31 ta' Marzu, is-Sinjura Luísa GODINHO, mill-istazzjon televiżiv pubbliku Portugiż, RTP2, intervistat lis-Sur DIAMANDOUROS bħala parti minn sensiela ta' intervisti biex jixxandru fil-kampanja ta' l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' l-2004. Is-Sinjura GODINHO talbet lis-Sur DIAMANDOUROS biex jiddeskrivi l-valur tax-xogħol tiegħu għaċ-ċittadini, biex jelenka l-isfidi prinċipali li qed jaffaċċja l-Ombudsman u biex jispjega l-viżjoni tiegħu għall-futur ta' l-istituzzjoni.
- Fis-16 ta' April, l-Ombudsman Ewropew kellu konferenza stampa fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Latvja għad-Drittijiet tal-Bniedem ġewwa Riga. Wara l-preżentazzjoni ta' l-Ombudsman tal-mandat tiegħu u ta' xogħlu, kien hemm sessjoni twila u mqanqla, fejn aktar minn tużżana membri ta' l-istampa għamlu numru ta' domandi fuq affarijiet differenti. Dawn kienu jinkludu domandi dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman, ix-xogħol ma' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, inkjesti dwar ksur tal-liġi tal-Komunità fil-livell nazzjonali, kwistjonijiet ta' korruzzjoni u politika tal-lingwa.
- Wara l-konferenza stampa, l-Ombudsman ġie intervistat mill-gazzetta *Lauku Avīze* u mill-perjodiku fil-lingwa Russa *YAC*.
- Fid-19 ta' April, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sinjura Danutė JOKUBĖNIENĖ mill-perjodiku tal-Litwanja *Ekstra*.
- Fl-20 ta' April, l-Ombudsman ġie ntervistat ġewwa Vilnius mis-Sinjura Austė STOŠKUTĖ għall-perjodiku *Euro-Integration News*.
- Fil-21 ta' April, l-Ombudsman kellu konferenza stampa ġewwa s-*Seimas* (Parlament) tal-Litwanja. Wara deskrizzjoni qasira taż-żjara tiegħu fil-Litwanja, l-Ombudsman irrisponda għal domandi dwar il-każijiet tiegħu, in-natura ta' l-ilmenti, il-koperazzjoni ma' l-Ombudsmen tal-Litwanja u l-aspettattivi tiegħu dwar l-ilmenti mil-Litwanja wara s-sħubija.

© is-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja



Is-Sur Diamandouros jindirizza konferenza stampa. Vilnius, Litwanja, 21 ta' April 2004.



- Wara l-konferenza stampa, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sinjura Jūratė NEDVECKAITĖ mill-gazzetta ta' kull ġimgħa tal-Litwanja *Laikas*.
- Fis-26 ta' April, l-Ombudsman kellu aġġornament ta' l-istampa mal-ġurnalisti, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tar-*Rapport Annwali 2003*. Tmien ġurnalisti ħadu sehem fl-aġġornament, inklużi s-Sinjura Aine GALLAGHER, minn *Reuters*, is-Sinjura Johanna VESIKALLIO, mill-Aġenzija għall-Istampa tal-Finlandja, is-Sur Tobias BUCK, *Financial Times*, is-Sur Brandon MITCHENER, *The Wall Street Journal Europe*, is-Sur Hans-Martin TILLACK, *Stern*, is-Sur Marcello FARAGGI, *Media/ARTE*, is-Sur Brian BEARY, *European Report* u s-Sur Triadafilos STANGOS, mit-televixin Griega *ERT*. Is-Sur DIAMANDOUROS enfasizza l-aktar żviluppi mportanti għall-Ombudsman u għaċ-ċittadini fl-2003 u rrisponda għal domandi dwar ir-*Rapport Annwali*.
- Ftit qabel l-intervista lill-istampa, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sinjura Charlotte HJORTH minn *Europe-By-Satellite*, l-aġenzija ta' l-aħbarijiet ta' l-UE. Id-domandi tas-Sinjura HJORTH kienu jiffokaw fuq il-valur ta' l-istituzzjoni għaċ-ċittadini.
- Fis-26 ta' April, l-Ombudsman ġie intervistat mis-Sur Triadafilos STANGOS, ġurnalista mit-televixin Griega *ERT* u l-Programm Ewropew, *Eurocentrics*. L-intervista kienet tiffoka fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman fl-2003 u fuq il-prioritajiet tas-Sur DIAMANDOUROS fl-uffiċċju tiegħu.
- Aktar tard dakinhar, l-Ombudsman ġie intervistat minn stazzjon televiżiv ieħor – din id-darba it-televixin ta' l-Estonja. Il-ġurnalista, is-Sur Indrek TREUFELDT, staqsieh x'jistgħu jistennew iċ-ċittadini ta' l-Estonja mill-uffiċċju tiegħu u kif setgħu jressqu lment miegħu.
- Fit-30 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta konferenza stampa ġo Varsavja, li kienet immexxija mill-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili ġol-Polonja, is-Sur Andrzej ZOLL. Aktar minn 12-il ġurnalisti kien preżenti, b'rappreżentanti mill-gazzetti, perjodiċi, televixin u radju prinċipali. Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta x-xogħol tiegħu u r-raġunijiet taż-żjara tiegħu fil-Polonja. Id-domandi kienu jkopru t-tipi ta' ilmenti li jirċievi l-Ombudsman, iż-żmien medju li jieħu każ biex jiġi indirizzat, il-Kodiċi ta' Imġieba Amministrattiva Tajba u d-diskrezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fid-deċiżjoni ta' xi tisser amministrazzjoni ħażina.
- Wara l-konferenza stampa kien hemm intervisti mas-Sinjura Małgorzata BORKOWSKA mill-perjodiku *Trybuna* u s-Sinjura Marzena KAWA mill-istazzjon tat-televixin TVP3.
- Fis-6 ta' Mejju, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sur Leo LINDER mill-*Leo Linder Filmproduktion* għal filmedukattiv għal studenti Ġermaniżi bit-titolu "Istruzzjonijiet għall-utenti dwar l-Ewropa". Din l-intervista kienet tiffoka fuq il-kontribuzzjoni li jagħmel l-Ombudsman Ewropew biex iressaq l-Unjoni aktar viċin taċ-ċittadini. Is-Sur LINDER iffilmja l-*istaff* ta' l-Ombudsman waqt x-xogħol u semma' l-każ ta' ċittadin Ġermaniż li ġie miċħud ir-residenza ġewwa l-Lussemburgu.
- Fis-6 ta' Mejju, is-Sur José MARTÍNEZ ARAGÓN, Konsulent Legali Prinċipali, għamel preżentazzjoni dwar l-irwol ta' l-Ombudsman lil grupp ta' 20 ġurnalist minn pajjiżi differenti, li kienu qed jieħdu sehem fil-Ġimgħat Ewropej tal-Komunikazzjoni, organizzati mill-Università Kattolika ta' Lyon.
- Matul iż-żjara tiegħu ġewwa Ankara, t-Turkija, fil-11 u t-12 ta' Mejju, s-Sur DIAMANDOUROS ta aġġornamenti lil ġurnalisti minn stazzjon tat-televixin *NTV*, mir-radju nazzjonali *TRT*, mill-gazzetta ta' kuljum *Yani Safek* u minn aġenziji ta' l-aħbarijiet *Anadolu*, *Anka* u *Cihan*. Is-Sur DIAMANDOUROS irrisponda għal domandi dwar il-kompetenza ta' l-ombudsman, il-kwalitajiet meħtieġa minn persuna sabiex tiġi eletta ombudsman u l-konnessjoni bejn il-proposta għat-twaqqif ta' ombudsman fit-Turkija u l-applikazzjoni tat-Turkija għal sħubija ma' l-UE.
- Fis-27 ta' Mejju, ġurnalist mill-gazzetta *România Liberă* pparteċipa għal preżentazzjoni mis-Sur DIAMANDOUROS lil grupp ta' uffiċjali mill-uffiċċju ta' l-Avukat tal-Poplu tar-Rumanija dwar l-irwol u s-suċċessi prinċipali ta' l-Ombudsman Ewropew. Fit-tmien tad-diskors tas-Sur DIAMANDOUROS, il-ġurnalist għamel numru ta' domandi dwar l-iskop tal-poteri ta' l-Ombudsman Ewropew u d-drittijiet taċ-ċittadini tar-Rumanija fl-UE.



- Fit-30 ta' Ġunju, fil-qafas ta' żjara uffiċċjali fil-Greċja, s-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur Nicos CONSTANTOPOULOS, kap tal-Partit Synaspismos, ġew intervistati flimkien mill-istampa.
- Aktar tard dakinhar, is-Sur DIAMANDOUROS wettaq konferenza stampa lil grupp ta' 15-il ġurnalista ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Istampa Barranija ġo Ateni.
- Fl-1 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS wettaq konferenza stampa fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Grieg ġo Ateni, fejn hu ġie intervistat ukoll mis-Sur Ilias BENEKOS, ġurnalista mill-gazzetta Griega *Imerisia*.
- Aktar tard dakinhar, is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur George PAPANDREOU, kap tal-Moviment Soċjalista Panelleniku (PASOK) ġew intervistati flimkien mill-istampa flimkien fil-bini tal-Parlament Grieg.
- Fid-19 ta' Lulju, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sur Toivo TÄNAVSUU, ġurnalista għall-*Eesti Pävaleht*, gazzetta ta' kuljum nazzjonali ta' l-Estonja. Is-Sur TÄNAVSUU staqsa lis-Sur DIAMANDOUROS dwar id-differenza li l-Ombudsman Ewropew jista' jagħmel fil-ħajja taċ-ċittadini, ir-relazzjonijiet tiegħu miċ-ċittadini ta' l-istess nazzjonalita' tiegħu u l-ilmenti li rċieva sa dik il-ġurnata mill-Estonja.
- Fid-9 ta' Settembru, is-Sinjura Marie CAOUELETTE mill-gazzetta ta' kuljum Kanadiża, *Le Soleil*, intervistat lill-Ombudsman ġo Quebec City. L-intervista saret wara d-diskors prinċipali ta' l-Ombudsman fit-VIII Konferenza Dinjija ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman, fejn hu indirizza d-domanda: "Jista' r-rikonoxximent tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' l-individwi jirbaħ il-perssoni għaż-żieda tas-sigurtà?"
- Fis-16 ta' Settembru, s-Sur DIAMANDOUROS ġie intervistat, ġo Rotterdam, mis-Sur Frits BALTESEN għall-gazzetta Olandiża *NRC Handelsblad*.
- Fl-14 ta' Ottubru, l-Ombudsman ippreżenta xogħlu lil 17-il ġurnalista mill-Finlandja, mill-Iżvezja, mill-Iżlanda u min-Norveġja. Il-preżentazzjoni kienet parti minn laqgħa ta' taħriġ organizzata miċ-Ċentru Nordiku ta' Ġurnaliżmu bbażat f' Århus. Matul is-sessjoni, l-Ombudsman irrisponda domandi dwar l-irwol reattiv tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' indirizzar ta' lmenti u l-irwol proattiv tiegħu, l-aktar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħu.
- Fl-20 ta' Ottubru, s-Sinjura Anja VOGEL intervistat lis-Sur DIAMANDOUROS għall-programm "*L'Europe au quotidien*" fuq ir-radju Franċiż, *France Info*.
- Fil-21 ta' Ottubru, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sinjura Joana FERREIRA DA COSTA għall-gazzetta ta' kuljum nazzjonali Portugiża, *O Público*. Il-ġurnalista kienet interessata fit-tipi prinċipali ta' lmenti indirizzati mill-Ombudsman, ir-raġuni għaliex iċ-ċittadini għandhom jużaw is-servizzi ta' l-Ombudsman minflok ma' jmorru l-Qorti u l-grad ta' influwenza li għandu l-Ombudsman fuq l-istituzzjonijiet ta' l-UE. L-Ombudsman fisser xogħlu bl-eżempji ta' numru ta' lmenti li rċieva mill-Portugall.
- Aktar tard dakinhar, l-Ombudsman ġie ntervistat mill-ġurnalisti s-Sur Martin CABRAL u s-Sur Nuno ROGEIRO minn network ta' aħbarijiet Portugiż ta' 24 siegħa *SIC Noticias* għal programm bit-titolu "Soċjetà tan-Nazzjonijiet". L-Ombudsman wettaq preżentazzjoni mqanqla dwar xogħlu, kif ukoll argumenta dwar l-importanza li jiġu mħarsa d-drittijiet taċ-ċittadini u enfazzza l-appoġġ tiegħu għall-Kostituzzjoni għall-Ewropa.
- Fit-22 ta' Ottubru, l-Ombudsman beda l-ġurnata b'intervista mas-Sur Paulo PENA mill-perjodiku ta' aħbarijiet, *Visão*. Il-ġurnalista ffoka fuq l-opinjoni ta' l-Ombudsman dwar id-domanda sensittiva tal-bilanċ bejn il-bżonn għal sigurtà pubblika u l-ħarsien tal-libertajiet individwali.
- Waqt l-istess ġurnata, l-Ombudsman wettaq intervista qasira mal-ġurnalista minn stazzjon tar-radju Portugiż *Radio Renascença*, li kien interessat b'mod partikulari fix-xogħol ta' l-Ombudsman fil-qasam tad-diskriminazzjoni.



- Fis-16 ta' Novembru, l-Ombudsman ħa sehem f'ikla organizzata mill-Press Club ġewwa Strasburg. Il-kelliem prinċipali f'dan l-avveniment kien il-Ministru Franċiż għall-Affarijiet Ewropej, is-Sinjura Claudie HAIGNERE. Il-Ministru stieden l-Ombudsman biex jindirizza l-udjenza dwar l-opinjoni tiegħu dwar il-Kostituzzjoni għall-Ewropa. L-Ombudsman iffoka fuq l-importanza tal-Karta għad-Drittijiet Fundamentali u enfażizza li hu kien ser jaħdem biex jippromwovi t-tagħrif tal-Karta fost iċ-ċittadini. Madwar 40 persuna kienu preżenti għall-ikla, inklużi ġurnalisti, konsulenti u akkademiċi. Is-Sur Daniel RIOT, Editur Ewropew ta' *France 3*, mexxa l-avveniment.
- Ukoll fis-16 ta' Novembru, l-Ombudsman indirizza għaxar ġurnalisti minn *Radio France* f'laqgħa ta' taħriġ organizzat mis-Sur Quentin DICKINSON, Kap ta' l-Affarijiet Ewropej għall-istazzjon tar-radju. Il-ġurnalisti ġew minn kull parti ta' Franza u kienu qed iqattgħu ġimgħa ġewwa Strasburg biex jitgħallmu dwar l-istituzzjonijiet Ewropej. L-Ombudsman spjega l-irwol tiegħu u ta eżempji ta' lmenti mressqa minn ċittadini u minn organizzazzjonijiet Franċiżi.
- Fis-17 ta' Novembru, l-Ombudsman ġie ntervistat mis-Sur Alex TAYLOR għal programm tat-televixin *Vivre en Europe*. Dan il-programm jindirizza suġġetti Ewropej speċifiċi kull xahar u jixxandar fuq l-istazzjon tat-televixin ta' l-Assemblea Nazzjonali Franċiża. Is-Sur TAYLOR talab lill-Ombudsman biex jispjega x-xogħol tiegħu liċ-ċittadini u jipprovdi eżempji tal-każijiet Franċiżi li huwa ttratta.
- Fit-22 ta' Novembru, fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman għall-2003 lill-Parlament Ewropew, is-Sur Olivier VERHEECKE ġie ntervistat "live" mis-Sur François KIRCH minn radju ta' Brussell *BFM* fil-kwadru ta' programm bit-titolu *12-13 Europe*.
- FL-1 ta' Diċembru, l-Ombudsman kellu ntervista televiżiva mas-Sinjura Caroline DE CAMARET mill-istazzjon *Public Sénat* għall-programm bit-titolu *"Paroles d'Europe"*. Il-ġurnalista staqsiet lill-Ombudsman biex jispjega x-xogħol tiegħu u biex jagħti eżempji konkreti ta' każijiet li kien ittratta. Hija staqsiet dwar l-implikazzjonijiet tal-Kostituzzjoni Ewropea għall-Ombudsman u għaċ-ċittadini b'mod aktar ġenerali.
- Fit-2 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS, flimkien ma l-Ombudsman Franċiż, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, ġew ntervistati mill-editur ta' *Les Annonces de la Seine*, is-Sur Jean-René TANCREDE. Il-ġurnalista staqsa lill-Ombudsman Ewropew dwar is-suċċessi ta' l-istituzzjoni tiegħu fl-aħħar deċennju, l-isforzi tiegħu biex jaħdem aktar mill-qrib maċ-ċittadini ta' l-istess nazzjonalità u dwar il-prijoritajiet tiegħu għall-futur.
- Aktar tard dakinhar, is-Sur DIAMANDOUROS kellu ntervista telefown mas-Sinjura Dominique DE COURCELLES minn *Radio France Internationale*. L-iskop ta' din l-intervista kien li jispjega liċ-ċittadini Franċiżi meta, għaliex u kif għandhom jilmentaw ma' l-Ombudsman.
- Wara din l-intervista kien hemm konferenza stampa organizzata mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea flimkien ma' l-Uffiċċju ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew ġewwa Pariġi. Wara preżentazzjoni dwar "l-Unjoni Ewropea: id-drittijiet taċ-ċittadini u l-ombudsman", is-Sur DIAMANDOUROS irrisponda domandi dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ilmenti ambjentali u l-possibiltà tal-ftuħ ta' uffiċċji ta' l-Ombudsman Ewropew f'kull Stat Membru. Madwar 15-il ġurnalista attendew dan l-avveniment, li kien immexxi mis-Sur Yves GAZZO, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni. Il-Komunikazzjoni ta' l-istampa maħruġa mill-Ombudsman Franċiż fl-okkażjoni taż-żjara ta' l-Ombudsman Ewropew f'Pariġi tqassmet lill-ġurnalisti preżenti.



6.5 PUBBLIKAZZJONIJIET

L-Ombudsman se jagħmel dak kollu possibbli biex jilħaq l-akbar udjenja possibbli bil-għan li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u, b'mod partikulari, id-dritt tagħhom li jilmentaw. L-istituzzjoni tiddependi fil-parti l-kbira fuq pubblikazzjonijiet stampati biex jiġu informati l-persuni interessati u l-pubbliku b'mod ġenerali. Fl-2004, il-pubblikazzjonijiet li ġejjin ġew prodotti u mqassma lill-partijiet interessati:

Rapport Annwali 2003; verżjoni fotokopjata (11-il lingwa)

Verżjoni ffotokopjata tar-*Rapport Annwali 2003* ta' l-Ombudsman kienet disponibbli f'April għall-Membri tal-Kumitat Għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, sabiex il-Kumitat seta' jiddelibera fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman qabel id-dibattitu plenarju sħiħ aktar tard dik is-sena.

Rapport Annwali 2003 – Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi; verżjoni fotokopjata (20 lingwa)

F'April, verżjoni ffotokopjata tal-pubblikazzjoni tar-*Rapport Annwali 2003, Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi* kienet disponibbli għall-Membri tal-Kumitat Għall-Petizzjonijiet fil-11-il lingwa uffiċjali u fid-disa' lingwi tal-pajjiżi applikanti.

Ombudsmen Ewropew – Fuljett; Ħarġa Nru. 2 u Nru. 3 (5 lingwi)

Ħarġiet Nru. 2 u Nru. 3 tal-fuljett ta' kull sentejn tan-netwerk Ewropew ta' Ombudsmen u tar-Reġjuni Ewropea ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman tqassmu f'April u f'Ottubru rispettivament, lill-ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, kif ukoll lill-Membri tal-Kumitat Għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

L-Ombudsman Ewropew – Tagħrif fil-qosor fuljett (25 lingwa)

Fi sforz li jtejjeb it-tagħrif dwar xogħlu fost il-pubbliku b'mod ġenerali, l-Ombudsman ħareġ fuljett qasir biex jispjega x'jista' u x'ma jistax jagħmel u ta eżempji ta' l-ilmenti li hu kien solva. Dan il-fuljett ippubblikat fil-lingwi uffiċjali, u dawk ta' l-applikanti u l-kandidati jipprovdri risposti għal domandi bħal "Liema ilmenti jista' jittratta?", "U jekk ma jistax jittratta l-ilment?", "Liema riżultat għandu jkun mistenni?" u "Min aktar jista' jgħini?". B'pubblikazzjoni ta' aktar minn 650 000 kopja, dan il-fuljett ġie introdott fl-1 ta' Mejju u ġie ċċirkolat sew. Aktar tard dik is-sena, ġie prodott fil-lingwa tal-Kroatzja.

L-Ombudsman Ewropew – Jista' jgħinek? Fuljett u formola għall-ilmenti (21 lingwa)

Ftit wara s-sħubija ta' l-Istati Membri ġodda, ġie ppublikat f'21 lingwa tat-Trattat fuljett u formola għall-ilmenti *L-Ombudsman Ewropew – Jista' jgħinek?* Billi jiddeskrivi l-irwol ta' l-Ombudsman u jispjega min jista' jilmenta u kif, dan il-fuljett iservi bħala gwida utli għal dawk li jridu jużaw is-servizzi ta' l-Ombudsman. Tqassam f'Settembru lill-ombudsmen, lill-MPE, lir-rappreżentanzi ta' l-istituzzjonijiet u l-uffiċji ta' informazzjoni u lill-kuntatti u n-netwerks tal-Kummissjoni.

Rapport Annwali 2003; verżjoni bil-kulur (20 lingwa)

L-20 verżjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-UE tar-*Rapport Annwali 2003* ta' l-Ombudsman b'dehra ġdida, tqassam f'Ottubru lill-MEPs, lill-istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE, lill-ombudsmen u lill-kuntatti u n-netwerks tal-Kummissjoni Ewropea. Fi sforz li jsir l-aħjar użu mill-fondi pubbliċi u li jiġi rrispettat l-ambjent, l-Ombudsman għażel li jistampa b'mod limitat ir-*Rapport Annwali* sħiħ (10 000 kopja), filwaqt li t-*Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi* kienu disponibbli għal udjenja akbar (24 000 kopja).



Rapport Annwali 2003 Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi; verżjoni bil-kulur (20 lingwa)

Il-verżjonijiet f'20 lingwa tat-Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi, li kienu disponibbli f'Novembru, tqassmu lir-riċipjenti tar-Rapport Annwali, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, lill-organizzazzjonijiet professjonali u universitajiet.

6.6 KOMUNIKAZZJONIJIET 'ONLINE'

Komunikazzjoni bl-'e-mail

F'April 2001, ġiet miżjuda fil-websajt fi 12-il lingwa, formola għall-ilmenti li tista' tintbagħat b'mod elettroniku. Wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, il-formola kienet disponibbli f'dis-a' lingwi oħra. Rekord ta' 55% mill-ilmenti kollha li waslu lill-Ombudsman fl-2004 intbagħtu bl-Internet, u minnhom proporzjon kbir intbagħat permezz tal-formola elektronika għall-ilmenti.

Is-sena 2004 rat l-akbar żieda f'talbiet għall-informazzjoni fl-email prinċipali ta' l-ombudsman Ewropew. B'kollox, 8,010 minn dawn l-e-mails waslu u ntbagħtitilhom risposta. Minn dawn, 4,809 kienu e-mails lil numru konsiderevoli ta' riċipjenti mibgħuta miċ-ċittadini bħala parti minn numru ta' kampanji. Il-kwistjonijiet koperti minn din il-massa ta' e-mails kienu jinkludu l-ewtanasja, il-limiti tas-sigurtà ta' l-Iżrael, l-eżamijiet fuq l-annimali, il-foki żgħar u l-hekk imsemmija "Kwistjoni ta' Buttiglione". L-e-mails kollha rċevew risposta li tispjega l-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew u fejn possibbli, li tagħti nformazzjoni dwar lil min għandha tiġi ndirizzata l-kwistjoni imqajjma.

Aktar minn 3,200 talba individwali għall-informazzjoni waslu bl-e-mail fl-2004, ipparagunati ma' madwar 2,000 fl-2003 u l-2002 flimkien. Kollha rċevew risposta individwali minn membru xierqa ta' l-istaff ta' l-Ombudsman.

Żviluppi tal-websajt

Fl-2004, il-websajt ta' l-Ombudsman (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) ġiet mibdula f'sens lingwistiku. Fl-aħħar ta' April, il-homepages tas-sit u l-paġni ta' navigazzjoni, qabel fi 11-il lingwa, kienu disponibbli f'10 lingwi ġodda – id-disa' lingwi ta' l-Istati Membri ġodda ta' l-UE u ta' l-Irlanda.

Fl-istess xahar, l-Ombudsman ippreżenta r-Rapport Annwali 2003 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Għall-ewwel darba, Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport ġie prodott b'mod separat. Ir-Rapport Annwali u t-Sommarju Eżekuttiv ġew miżjuda lill-websajt f'20 lingwa.

Sabiex jinforma aħjar lill-pubbliku ġenerali dwar ix-xogħol tiegħu, ġie ppublikat fuljett ġdid bit-titolu *L-Ombudsman Ewropew – Tagħrif fil-qosor*. Dan ġie ppublikat għall-ewwel darba fl-2004 u f'25 lingwa (il-21 lingwa tat-trattat u l-erba' lingwi tal-pajjiżi applikanti għal sħubija ta' l-UE). Barraminnekk, il-fuljett bit-titolu *L-Ombudsman Ewropew – Jista' jgħinek?* li jinkludi formola għall-ilmenti, reġa' ġie ppublikat fl-2004 u kien disponibbli għall-ewwel darba f'21 lingwa. Iż-żewġ pubblikazzjonijiet, kif ukoll il-verżjoni elektronika tal-formola ta' l-ilmenti, kienu disponibbli fuq il-webiste fil-verżjonijiet kollha tal-lingwi.

Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2004 (wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea), saru 195 288 żjara fil-'homepages' tal-websajt ta' l-Ombudsman Ewropew. L-aktar li ġiet ikkonsultata kienet il-verżjoni bl-Ingliż (45 566 żjara), u wara kien hemm il-verżjonijiet bil-Franċiż, bit-Taljan, bl-Ispanjol, bil-Ġermaniż u bil-Pollakk. F' termini ta' l-oriġini ġeografika taż-żjarat, l-akbar numru ta' viżitaturi



ġie mill-Italja (16 950 żjara), u wara kien hemm il-viżitaturi mill-Belġju, minn Spanja, minn Franza, mill-Ġermanja u mill-Polonja.

Sabiex jiżgura li l-websajt ta' l-*euro-ombudsman* tibqa' fuq quddiem fost is-siti ta' l-UE, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem matul l-2004 fix-xogħol tal-Kumitat Editorjali ta' l-Internet Inter-Istituzzjonali (CEiii). Iċ-CEiii huwa iċċerjat mid-Direttorat-Ġenerali għall-Istampa u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, u jgħaqqad flimkien rappreżentanti responsabbli għal kwistjonijiet ta' l-Internet fl-istituzzjonijiet u fil-korpi ta' l-UE. Il-Kumitat iltaqa' f'ħames okkażjonijiet fl-2004, biex jiddiskuti u jikkordina kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu fost affarijiet oħra mat-tkabbir ta' l-UE, il-multi-lingwalizmu, id-*domain names* ta' l-Internet, mad-dritt tal-awtur, websajt inter-istituzzjonali, u koperazzjoni fuq kuntratti u servizzi.



DAĦLA

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

2 ILMENTI U INKJESTI

3 DEĊIŻJONIJIET LI JSEGWU INKJESTA

4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI OĦRA

6 KOMUNIKAZZJONIJIET


7 ANNESSI



A STATISTIĊI

1 KAŻI TRATTATI MATUL L-2004

| | |
|--|------------------|
| 1.1 NUMRU TOTALI TA' KAŻI FL-2004..... | 4 048 |
| – inkjesti mhux magħluqa fil-31.12.2003 | 183 ¹ |
| – inkjesti li jistennew deċiżjoni dwar l-ammissibilità fil-31.12.2003..... | 131 |
| – ilmenti li waslu fl-2004 | 3 726 |
| – inizjattiva personali ta' l-Ombudsman Ewropew | 8 |



Żieda fl-ilmenti 1996 – 2004


¹ Li minnhom erbgħa kienu inkjesti fuq inizjattiva personali ta' l-Ombudsman Ewropew u 179 inkjesta ibbażati fuq ilmenti.




1.2 EŻAMI TA' AMMISSIBILITÀ/INAMMISSIBILITÀ KOMPLETAT94,6%

1.3 KLASSIFIKAZZJONI TA' L-ILMENTI

1.3.1 Skond it-tip ta' azzjoni li ttieħdet mill-Ombudsman Ewropew għall-benefiċċju ta' l-ilmentatur




1.3.2 Skond il-Mandat ta' l-Ombudsman Ewropew






BARRA MILL-MANDAT




FIL-MANDAT

Ilmenti Ammissibbli




Ilmenti mhux ammissibbli





2 TRASFERIMENTI U PARIRI



- Parir biex isir kuntatt ma' ombudsman ieħor jew biex issir petizzjoni lil parlament regionali jew nazzjonali (906)
- Parir biex isir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea (359)
- Parir biex titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew (179)
- Parir biex isir kuntatt ma' korpi oħra (613)
- Trasferimenti (71)
 - Lill-Parlament Ewropew (13)
 - Lill-Kummissjoni Ewropea (4)
 - Lill-Ombudsman nazzjonali jew reġjonali (54)




3 INKJESTI FL-2004 534

Fl-2004, l-Ombudsman Ewropew ħa ħsieb 534 inkjesta, 351 domanda mibdiya fl-2004 (li minnhom tmienja fuq inizjattiva personali) u 183 domanda li ma ntemmux fil-31.12.2003.

3.1 ISTITUZZJONIJET U KORPI SUĠĠETTI GĦAL INKJESTI


(F'xi każi, żewġ istituzzjonijiet jew korpi, jew aktar jintlaqtu mill-inkjesti)





3.2 TIP TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA ALLEGATA

(F'xi każi kienu allegati żewġ tipi ta' amministrazzjoni ħażina)




3.3 PROPOSTI GĦAL SOLUZZJONIJIET TA' ĦBIBERIJA, ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET U RAPPORTI SPEĊJALI MHEJJJA FL-2004

| | |
|--|----|
| – proposti għal soluzzjonijiet ta' ħbiberija | 12 |
| – abbozz ta' rakkomandazzjonijiet | 17 |
| – rapporti speċjali | 1 |




3.4 INKJESTI MAGĦLUQA B'DEĊIŻJONI MMOTIVATA 251²

(Inkjesta tista' tiġi magħluqa minħabba waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin)



4 ORİĠINI TA' L-ILMENTI REĠISTRATI FL-2004

4.1 SORS TA' L-ILMENTI




²

Li minnhom erbgħa fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman.




























4.2 TQASSIM LINGWISTIKU TA' L-ILMENTI





4.3 ORIĠINI ĠEOGRAFIKA TA' L-ILMENTI

| Pajjiż | Numru ta' Ilmenti | % ta' Ilmenti | % tal-Popolazzjoni ta' l-UE | Rata ³ |
|--|-------------------|---------------|-----------------------------|-------------------|
|  Malta | 38 | 1,0 | 0,1 | 11,7 |
|  Il-Lussemburgu | 40 | 1,1 | 0,1 | 10,9 |
|  Ċipru | 59 | 1,6 | 0,2 | 10,0 |
|  Il-Belġju | 268 | 7,2 | 2,3 | 3,2 |
|  L-Islovenia | 38 | 1,0 | 0,4 | 2,3 |
|  Il-Finlandja | 73 | 2,0 | 1,1 | 1,7 |
|  L-Irlanda | 53 | 1,4 | 0,9 | 1,6 |
|  Il-Greċja | 129 | 3,5 | 2,4 | 1,4 |
|  Spanja | 482 | 12,9 | 9,2 | 1,4 |
|  Il-Portugall | 116 | 3,1 | 2,3 | 1,4 |
|  Is-Slovakja | 52 | 1,4 | 1,2 | 1,2 |
|  Ir-Repubblika Ċeka | 98 | 2,6 | 2,2 | 1,2 |
|  L-iżvezja | 84 | 2,3 | 2,0 | 1,2 |
|  L-Awstrija | 69 | 1,9 | 1,8 | 1,1 |
|  Il-Polonja | 285 | 7,6 | 8,3 | 0,9 |
|  Id-Danimarka | 32 | 0,9 | 1,2 | 0,7 |
|  Il-Ġermanja | 464 | 12,4 | 18,0 | 0,7 |
|  L-Olanda | 88 | 2,4 | 3,5 | 0,7 |
|  L-Ungerija | 53 | 1,4 | 2,2 | 0,6 |
|  Il-Litwanja | 18 | 0,5 | 0,8 | 0,6 |
|  L-Estonja | 7 | 0,2 | 0,3 | 0,6 |
|  Franza | 303 | 8,1 | 13,5 | 0,6 |
|  L-Italja | 269 | 7,2 | 12,6 | 0,6 |
|  Il-Latvja | 9 | 0,2 | 0,5 | 0,5 |
|  Ir-Renju Unit | 195 | 5,2 | 13,0 | 0,4 |
| Oħra | 404 | 10,9 | | |

3

Din il-figura għet ikkalkolata billi għet diviża l-perċentwali ta' l-ilmenti mal-perċentwali tal-popolazzjoni. Fejn ir-riżultat huwa akbar minn 1, dan jindika li l-pajjiż ikkonċernat iressaq aktar ilmenti quddiem l-Ombudsman min-numru ta' lmenti li setgħu għew previsti meta wieħed iqis id-daqs tal-popolazzjoni tiegħu. Il-perċentwali fit-tabella hawn fuq tqarrbu sa punt deċimali.



B IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN

Baġit indipendenti

L-Istatut ta' l-Ombudsman Ewropew fil-bidu kien jaħseb biex il-Baġit ta' l-Ombudsman ikun anness ma' l-ewwel taqsima (Parlament Ewropew) tal-Baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

F'Diċembru ta' 1999, il-Kunsill iddeċieda li l-Baġit ta' l-Ombudsman għandu jkun indipendenti. Sa mill-1 ta' Jannar 2000⁴, il-Baġit ta' l-Ombudsman sar sezzjoni indipendenti tal-Baġit ta' l-Unjoni Ewropea (Taqsimha VIII-A).

Struttura tal-Baġit

Il-Baġit ta' l-Ombudsman huwa maqsum fi tliet titoli. Titolu 1 tal-Baġit jinkludi s-salarji, *allowances* u spejjeż oħra relatati ma' l-*istaff*. Dan it-titolu jinkludi wkoll l-ispiża tal-missjonijiet li jwettqu l-Ombudsman u l-*istaff* tiegħu. Titolu 2 tal-Baġit ikopri bini, tagħmir u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet. Titolu 3 jinkludi kapitlu wieħed, li minnu titħallas is-sħubija f'organizzazzjonijiet internazzjonali ta' l-ombudsmen.

Koperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Biex ma' jkunx hemm duplikazzjoni bla bżonn ta' *staff* amministrattiv u tekniku, ħafna mis-servizzi meħtieġa mill-Ombudsman jingħataw mill-Parlament Ewropew jew permezz tal-Parlament Ewropew. L-oqsma fejn l-Ombudsman iserraħ, ftit jew wisq, fuq l-għajnuna tas-servizzi tal-Parlament jinkludu:

- persunal, primarjament fit-tnejn ta' kuntratti u deċiżjonijiet dwar drittijiet individwali;
- verifika ta' nfiq u biex jinżammu l-kontijiet;
- traduzzjoni, interpretazzjoni u stampar;
- kiri ta' spazju għall-uffiċċji;
- informatika, telekomunikazzjonijiet u posta.

Il-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Parlament Ewropew wasslet biex ikunu ffrankati somom kbar sew ta' flus mill-Baġit tal-Komunità. Fil-fatt bis-saħħa tal-koperazzjoni mal-Parlament Ewropew wasslet biex ma jkunx hemm żieda qawwija fl-*istaff* amministrattiv ta' l-Ombudsman.

Fejn is-servizzi pprovduti lill-Ombudsman jinvolvu nefqa diretta żejda mill-Parlament Ewropew, ikun hemm ħlas li jsir minn kont komuni. L-uffiċċji u s-servizzi ta' traduzzjoni huma l-oqsma fejn issir l-ikbar nefqa li tiġi ttrattata b'dan il-mod.

Fil-baġit ta' l-2004 kien hemm ammont wieħed sħiħ biex ikopri l-ispejjeż għall-Parlament Ewropew biex ipprova s-servizzi, li jikkonsistu biss f'ħin ta' l-*istaff*, bħal amministrazzjoni tal-kuntratti ta' l-*istaff*, salarji u *allowances* u firxa ta' servizzi tal-kompjuter.

Il-koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew bdiet permezz ta' Kwadru ta' Ftehim li jgħib id-data tat-22 ta' Settembru 1995, u tkomplet bis-saħħa ta' Ftehim fuq Koperazzjoni Amministrattiva u Ftehim fuq Koperazzjoni dwar il-Baġit u l-Finanzi, iffirmati fit-12 ta' Ottubru 1995.

F'Diċembru 1999, l-Ombudsman u l-President tal-Parlament Ewropew iffirmax ftehim li jgħedded il-ftehim ta' Koperazzjoni, b'modifiki, għas-sena 2000 u li jipprova biex dan jibqa' jgħedded awtomatikament fis-snin ta' wara.

⁴ Regolament tal-Kunsill 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru 1999 ĠU L 326/1.



II-Baġit ta' l-2004

Il-pjan ta' twaqqif ta' l-Ombudsman fl-2004 wera total ta' 38 post.

L-ammont totali ta' approprijazzjonijiet tal-bidu disponibbli fil-Baġit ta' l-Ombudsman ta' l-2004 kien ta' €5,817,468.00. Titolu 1 (Nefqa relatata ma' persuni li jaħdmu ma' l-Istituzzjoni) ammonta għal €4,944,500.00. Titolu 2 (Bini, tagħmir u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet) ammonta għal €869,968.00. Titolu 3 (Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali mwetqqa mill-Istituzzjoni) ammonta għal €3,000.00.

L-iskeda li ġejja turi n-nefqa fl-2004 skond l-approprijazzjonijiet li saru.

| | | |
|-----------------|-----|--------------|
| Titolu 1 | EUR | 4 173 642,33 |
| Titolu 2 | EUR | 892 632,78 |
| Titolu 3 | EUR | 2 644,78 |
| Total | EUR | 5 068 919,89 |

Id-dħul jikkonsisti l-aktar minn tnaqqis fir-remunerazzjoni ta' l-Ombudsman u l-*istaff* tiegħu. F'dak li huma ħlasijiet ta' dħul, d-dħul totali fl-2004 kien €530 367.85.

II-Baġit ta' l-2005

Il-Baġit ta' l-2005, li tħejja matul l-2004, jipprovdi għal pjan ta' twaqqif ta' 51 post, li jirrapreżenta żieda ta' 13 mill-pjan ta' twaqqif għall-2004. Din iż-żieda hija l-aktar minħabba t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u l-bżonn ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman biex ikollu disponibbli tagħrif xieraq kemm tal-lingwi kif ukoll tas-sistemi legali ta' l-Istati Membri ġodda.

L-approprijazzjonijiet totali għall-2005 huma ta' €7 312 614. Titolu 1 (Nefqa relatata ma' persuni li jaħdmu ma' l-Istituzzjoni) jammonta għal €6 239 614. Titolu 2 (Bini, tagħmir u u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet) jammonta għal €1 070 000. Titolu 3 (Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali mwettqa mill-Istituzzjoni) jammonta għal €3 000.

Il-Baġit għall-2005 jipprovdi għal dħul totali ta' €720 241.



C PERSUNAL

OMBUDSMAN EWROPEW

P. Nikiforos DIAMANDOUROS

P. Nikiforos DIAMANDOUROS twieled f'Ateni, il-Greċja, fil-25 ta' Ġunju 1942. Ġie elett Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar 2003 u laħaq fl-1 ta' April 2003.

Mill-1998 sa l-2003, hu kien l-ewwel Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja. Hu kien ukoll Professur ta' "Politika Komparattiva" fid-Dipartiment ta' Xjenza Politika u Amministrazzjoni Pubblika ġewwa l-Università ta' Ateni mill-1993 (bħalissa fuq 'leave'). Mill-1995 sa l-1998 serva bħala Direttur u Chairman taċ-Ċentru Nazzjonali Grieg għar- Riċerka Soċjali (EKKE).

Huwa rċieva il-lawrja B.A. mill-Università ta' Indiana (1963) u l-lawrji M.A. (1965), M.Phil. (1969) u Ph.D. (1972) mill-Università ta' Columbia. Qabel ma' ngħaqad mal-Fakultà ta' l-Università ta' Ateni fl-1988, kien maħtur bħala għalliem u maħtur ukoll fuq tagħlim u riċerka fl-Università ta' l-Istat ġewwa New York u ma' l-Università ta' Columbia rispettivament (1973-78). Mill-1980 sa l-1983, serva ta' Direttur ta' l-Iżvilupp fil-Kulleġġ ta' Ateni ġewwa Ateni, il-Greċja. Mill-1983 sa l-1988, kien Direttur tal-Programm dwar l-Ewropa tal-Punent u l-Lvant Nofsani u l-Lvant Qarib tal-Kunsill għax-Xjenza Soċjali u Riċerka fi New York. Mill-1988 sa l-1991, kien Direttur ta' l-Istitut Grieg għall-Istudji Internazzjonali u Strateġiċi ġewwa Ateni, organizzazzjoni dwar riċerka politika, mwaqqfa b'fondi mill-Fondazzjonijiet Ford u MacArthur. Fl-1997, kien maħtur "Visiting Professor" ta' xjenza politika fiċ-Ċentru Juan March għal Studji Avanzati fix-Xjenzi Soċjali (Madrid).

Huwa serva ta' President għall-Assoċjazzjoni Griega tax-Xjenza Politika (1992-98) u ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Istudji Moderni Griegi ta' l-Istati Uniti (1985-88). Fl-1999 u fl-2000, kien maħtur membru tal-Kummissjoni Nazzjonali Griega għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kunsill Nazzjonali għar-Riforma Amministrattiva rispettivament. Fl-2000, kien parteċipant fil-Konferenza Bilderberg. Mill-1990, kien co-chair tas-Sotto Kumitat fuq l-Ewropa t'Isfel tal-Kunsill dwar Xjenza Soċjali u Riċerka, New York, liema attivitajiet huma ffinanzjati minn fondi mill-Fondazzjoni Volkswagen. Huwa wkoll Editur Ġenerali konġunt tas-Sensiela dwar l-Ewropa ta' Isfel il-ġdida ppublikata minn Johns Hopkins University Press u jirċievi wkoll fondi għal riċerka għall-Fulbright u National Endowment for Humanities.

Huwa kiteb b'mod estensiv fuq il-politika u l-istorja tal-Greċja, in-Nofsinhar ta' l-Ewropa u l-Ewropa tax-Xlokk u, b'mod aktar speċifiku, fuq id-demokratizzazzjoni, l-bini ta' stat u nazzjoni, u r-relazzjoni bejn il-kultura u l-politika.

SEGRE TARJAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

Is-Segretarjat ta' l-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għat-tmexxija ta' l-uffiċċju personali ta' l-Ombudsman. Huwa jieħu ħsieb l-aġenda ta' l-Ombudsman, jikkoordina l-korrispondenza li tidħol u li toħroġ, jagħti pariri dwar ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE, jieħu ħsieb l-aspetti tal-protokoll tax-xogħol ta' l-istituzzjoni u jieħu ħsieb id-doveri segretarjali għall-Ombudsman.

Nicholas CATEPHORES

Assistant ta' l-Ombudsman Ewropew
Tel. +33 3 88 17 23 83

Eleni-Anna GALATIS

Sekretarja ta' l-Ombudsman Ewropew
Tel. +33 3 88 17 25 28



DIPARTIMENT LEGALI

Id-Dipartiment Legali jikkonsisti fil-biċċa l-kbira minn avukati li janalizzaw l-ilmenti li jaslu lill-Ombudsman Ewropew u jmexxu l-inkjesti. Il-Kap tad-Dipartiment Legali jagħti parir lill-Ombudsman dwar l-istrateġija legali u d-direzzjoni ta' l-istituzzjoni u jieħu ħsieb l-immaniġġjar tad-Dipartiment. L-Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali jieħu ħsieb l-operazzjoni ta' kontroll ta' kwalità interna u s-sistemi ta' l-immaniġġjar ta' informazzjoni u jikkoordina l-kontribuzzjoni tad-Dipartiment għar-Rapport Annwali.

Fl-2004, id-Dipartiment kien jikkonsisti mill-Kap tad-Dipartiment Legali, sitt Konsulenti Legali Prinċipali, ħames Uffiċjali Legali, Assistent Legali u l-Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali. Id-Dipartiment Legali ssupervizjona għaxar apprendisti matul l-2004.

Ian HARDEN

Kap tad-Dipartiment Legali
Tel. +33 3 88 17 23 84

Ian HARDEN twieled ġewwa Norwich, l-Ingilterra, fit-22 ta' Marzu 1954. Huwa studja l-liġi fil-Kulleġġ Churchill, ġewwa Cambridge, u rċieva BA b'first class honours fl-1975, u l-LLB fl-1976. Wara l-gradwazzjoni, huwa ngħaqad mal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Sheffield, fejn hu kien għalliem mill-1976 sa l-1990, u Għalliem fi grad għoli mill-1990 sa l-1993, u Reader mill-1993 sa l-1995, and u Professur fil-Liġi Pubblika mill-1995 il' quddiem. Huwa ngħaqad ma' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew bħala Konsulent Legali Prinċipali fl-1996, sar Kap tas-Segretarjat mill-1997 sa l-1999, imbagħad Kap tad-Dipartiment Legali mill-2000 il' quddiem. Huwa l-awtur u ko-awtur ta' ħafna pubblikazzjonijiet dwar il-liġi ta' l-UE u l-liġi pubblika, inklużi *The Contracting State* (Buckingham: Open University Press, 1992); *Flexible Integration: towards a more effective and democratic Europe* (London CEPR, 1995) and *European Economic and Monetary Union: the Institutional Framework* (Kluwer Law International, 1997). Huwa membru ta' l-Association Française des Constitutionnalistes u tal-"Istudju tal-Grupp Parlamentari" fir-Renju Unit.

Murielle RICHARDSON

Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali
Tel. +33 3 88 17 23 88

UFFIĊJALI LEGALI

L-Uffiċjali Legali jieħdu ħsieb l-ilmenti, li jistgħu jiġu preżentati lill-Ombudsman f'waħda mill-21 lingwa tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Huma jipproponu u jwettqu inkjesti fuq inizzjattiva personali, risposti għal rikjesti għal informazzjoni miċ-ċittadini, jipprovdu għajjnuna lill-Ombudsman fuq kwistjonijiet legali, jagħtu parir fuq proċeduri legali, żviluppi u tradizzjonijiet ta' l-Istati Membri rispettivi u jirrappreżentaw l-Ombudsman f'xi avvenimenti pubbliċi.

**Elodie BELFY**

Assistenti Legali
Tel. +32 2 284 39 01

Peter BONNOR

Assistent Legali
Tel. +33 3 88 17 25 41

Benita BROMS

Kap tal-Ferġha ta' Brussel
Konsulenta Legali Prinċipali
Tel. +32 2 284 25 43

Alessandro DEL BON

Uffiċjal Legali (sal-31.05.2004)
Tel. +33 3 88 17 23 82

Marjorie FUCHS

Uffiċjal Legali
Tel. +33 3 88 17 40 78

Gerhard GRILL

Konsulent Legali Prinċipali
Tel. +33 3 88 17 24 23

Marta HIRSCH-ZIEMBINSKA

Konsulenta Legali Prinċipali
Tel. +33 3 88 17 27 46

Andrea JANOSI

Konsulent Legali Prinċipali (sat-30.09.2004)

José MARTÍNEZ ARAGÓN

Konsulent Legali Prinċipali
Tel. +33 3 88 17 24 01

Tina NILSSON

Uffiċjal Legali
Tel. +32 2 284 14 17

Ida PALUMBO

Uffiċjal Legali
Tel. +33 3 88 17 23 85

Olivier VERHEECKE

Konsulent Legali Prinċipali
Tel. +32 2 284 20 03

APPRENDISTI**Mari AMOS**

Apprendista (mill-01.02.2004 sal- 31.12.2004)

Sigita BRUZAITE

Apprendista (mill-01.02.2004 sal- 31.07.2004)

Liv-Stephanie HAUG

Apprendista (mill-31.07.2004)

Georgios KATHARIOS

Apprendista (mill-01.09.2004)
Tel. +32 2 284 38 49

Daniel KOBLENCZ

Apprendista (mill-01.09.2004)
Tel. +32 2 284 38 31

Jernej LETNAR CERNIC

Apprendista (mill-01.09.2004)
Tel. +33 3 88 17 29 64

Wiebke PANKAUKE

Apprendista (mill- 01.09.2004)
Tel. +33 3 88 17 24 02

Pagona-Maria REKAITI

Apprendista (sat-30.06.2004)

Andrea SACK

Apprendista (mill-01.09.2004)
Tel. +33 3 88 17 39 31

Tereża SAMANOVA

Apprendista (mill-01.02.2004 sal- 31.12.2004)

Asta UPTAITE

Apprendista (mill-01.10.2004)
Tel. +32 2 284 26 09



DIPARTIMENT TA' L-AMMINISTRAZZJONI U FINANZI

Id-Dipartimenti ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi huwa responsabbli għax-xogħol kollu li mhux legali fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman. Huwa magħmul minn tliet setturi – il-Persunal, is-Settur ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi, is-Settur tal-Ġestjoni ta' l-Ilmenti u s-Settur tal-Komunikazzjonijiet. Il-Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi jikkoordina x-xogħol tad-Dipartiment, jieħu ħsieb l-immaniġġjar ta' l-*istaff* tad-Dipartiment, jipproponi u jissuperviżjona l-istrateġija amministrattiva u finanzjarja ta' l-istituzzjoni, jirrapreżenta l-Ombudsman f'numru ta' fora interistituzzjonali, u huwa responsabbli għall-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' l-*Baġit* ta' l-Ombudsman.

João SANT'ANNA

Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi

Tel. +33 3 88 17 53 46

João SANT'ANNA twieled f' Setúbal, il-Portugall, fit-3 ta' Mejju 1957. Huwa studja liġi fl-Università ta' Lisbona mill-1975 sa l-1980, u rreġistrat mal-professjoni f'Lisbona fl-1981. Bejn l-1980 u l-1982, huwa ħadem bħala avukat fid-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Interni tal-Portugall fir-Reġjun ta' Lisbona. Bejn l-1982 u l-1984, huwa kompli l-istudji legali tiegħu fil-qasam tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, fl-Università Ludwig-Maximilian u fl-Istitut Max-Planck għewwa Munich. Wara li mar lura l-Portugall fl-1984, kien maħtur Kap tad-Diviżjoni Legali u Amministrattiva fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Interni tal-Portugall fir-Reġjun ta' Lisbona. Fl-1986, huwa sar uffiċjal tal-Parlament Ewropew, ħadem fid-Direttorati-Ġenerali għall-Infurmazzjoni u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, għar-Riċerka, għall-Persunal u l-Finanza u fl-aħħar fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew. Huwa nġhaqad ma' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew bħala Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi fl-2000.

SETTUR TAL-PERSUNAL, AMMINISTRAZZJONI U FINANZI

Is-Settur tal-Persunal, Amministrazzjoni u Finanzi, huwa l-aktar settur varjat f'dak li għandu x'jaqsum mal-funzjonijiet li dan is-settur iwettaq.

Ir-responsabbiltajiet finanzjarji, li ġejjin mill-fatt li l-Ombudsman Ewropew għandu *Baġit* indipendenti, huma maqsuma bejn erba' Uffiċjali Finanzjarji, li huma responsabbli għall-preparazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-*Baġit*.

L-Uffiċjal għall-Infurmazzjoni u Teknoloġija, huwa responsabbli, b'Koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, għall-bżonnijiet ta' informatika ta' l-uffiċċju kollu. Hu jieħu ħsieb il-*'hardware'* u s-*'software'* li juża l-*istaff* kollu, jiżviluppa databases u applikazzjonijiet oħra għall-użu ntern, jipproponi u jimplimenta xirjiet u ż-żarmar ta' tagħmir u jipprovdi għall-appoġġ ta' l-utenti.

Doveri oħra nklużi f'dan is-settur jinkludu kwistjonijiet ta' *staff* u rekłutaġġ, korrispondenza li tidħol u toħroġ, is-switchboard tat-telefown, l-infrastruttura ta' l-uffiċċju, il-koordinazzjoni tat-traduzzjoni ta' dokumenti, il-librerija ta' rieferenza legali u l-arkivji ta' l-istituzzjoni.

**Rachel DOELL***Segretarja**Tel. +33 3 88 17 23 98***Jean-Pierre FEROMONT***Uffiċjal Finanzjarju**Tel. +32 2 284 38 97***Giovanna FRAGAPANE***Uffiċjal Finanzjarju (mill-01.05.2004)**Tel. +33 3 88 17 29 62***Alexandros KAMANIS***Uffiċjal Finanzjarju (sad- 29.02.2004)***Isgouhi KRIKORIAN***Segretarja**Tel. +33 3 88 17 25 40***Gaël LAMBERT***Uffiċjal għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni**Tel. +33 3 88 17 31 31***Juan Manuel MALLEA***Segretarju**Tel. +33 3 88 17 23 01***Charles MEBS***Segretarju**Tel. +33 3 88 17 70 93***Elizabeth MOORE***Segretarja (sat- 30.11.2004)***Véronique VANDAELE***Uffiċjal Finanzjarju**Tel. +32 2 284 23 00***Félicia VOLTZENLOGEL***Segretarja**Tel. +33 3 88 17 23 94***Christophe WALRAVENS***Uffiċjal Finanzjarju (mill-01.02.2004)**Tel. +33 3 88 17 24 03***SETTUR TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET**

Is-Settur tal-Komunikazzjonijiet huwa responsabbli għall-politika ta' komunikazzjoni ta' l-istituzzjoni fir-rigward ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, il-Komunità ta' l-ombudsmen u l-pubbliku b'mod ġenerali. Is-Settur jiżgura bl-istess mod komunikazzjonijiet effettivi fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman.

L-Uffiċjal ta' l-Istampa u l-Komunikazzjonijiet u l-Uffiċjal ta' l-Internet u l-Komunikazzjonijiet huma responsabbli biex jipprovdu parir dwar il-komunikazzjonijiet lill-Ombudsman. Huma jaqsmu x-xogħol li għandu x'jaqsm ma' żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman lill-Istati Membri preżenti u futuri, avvenimenti esterni, diskorsi, t-tħejjija tar-Rapport Annwali (b'koperazzjoni mad-Dipartiment Legali) u l-kuntatti ma' l-ombudsmen fl-Ewropa, filwaqt li huma responsabbli rispettivament għar-relazzjonijiet mal-medja u l-pubblikazzjonijiet, u l-Internet. L-Assistent għas-Settur tal-Komunikazzjonijiet jgħinhom fin-numru kbir ta' xogħolijiet, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-Internet, pubblikazzjonijiet u kuntatti, filwaqt li huma responsabbli wkoll biex jorganizzaw żjarat ta' gruppi fl-uffiċċju ta' Strasburg.

L-Uffiċjal għall-Komunikazzjonijiet huwa ħolqa mportanti bejn is-Settur tal-Komunikazzjonijiet u d-Dipartiment Legali. Huwa responsabbli għal kwistjonijiet ta' komunikazzjonijiet interni, bħall-Intranet legali ta' l-Uffiċċju, l-arkivju awdjo-viżwali, u t-tagħlim inizjali ta' membri ġodda ta' l-istaff. Huwa responsabbli wkoll għall-immaniġġjar tal- -e-mail prinċipali ta' l-istituzzjoni, u huwa responsabbli biex jiżviluppa proċeduri għall- immaniġġjar effiċjenti ta' l-ilmenti u t-talbiet ta' l-informazzjoni.

Rosita AGNEW*Uffiċjal għall-Istampa u l-Komunikazzjonijiet**Tel. +32 2 284 25 42***Ben HAGARD***Uffiċjal għall-Internet u l-Komunikazzjonijiet**Tel. +33 3 88 17 24 24***Alessandro DEL BON***Uffiċjal għall-Komunikazzjonijiet (mill-01.06.2004)**Tel. +33 3 88 17 23 82***Dace PICOT-STIEBRINA***Assistent għas-Settur tal-Komunikazzjonijiet**Tel. +33 3 88 17 40 80*

SETTUR GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' L-ILMENTI

Is-Settur għall-Immaniġġjar ta' l-Ilmenti huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni, għad-distribuzzjoni u progress ta' l-ilmenti mressqa quddiem l-Ombudsman Ewropew. Is-Settur jiżgura li l-ilmenti kollha huma reġistrati f' 'database', jingħataw għarfien, u jiġu trażmessi lid-Dipartiment Legali. Huwa responsabbli għall-immaniġġjar ta' korrispondenza li dieħla u ħierġa li għandha x'taqsam ma' l-ilmenti, jiżgura li r-rekords fid-database jiġu aġġornati matul il-proċedura ta' l-ilmenti, jimmonitorja l-konformità ma' l-iskadenzi, jipproduċi statistiċi relatati ma' l-ilmenti, u l-iffajljar ta' dokumenti relatati ma' l-ilmenti.

Séverine BEYER*Segretarja**Tel. +33 3 88 17 23 93***Isabelle FOUCAUD***Segretarja**Tel. +33 3 88 17 23 91***Bruno BISMARQUE-ALCÂNTARA***Segretarju (mill-05.01.2004)**Tel. +33 3 88 17 20 91***Isabelle LECESTRE***Segretarja**Tel. +33 3 88 17 24 29***Evelyne BOUTTEFROY***Segretarja**Tel. +33 3 88 17 24 13***Gabrielle SHERIDAN***Segretarja (mis-16.02.2004)**Tel. +33 3 88 17 24 08***Elaine DRAGO***Segretarja (mill-01.11.2004)**Tel. +33 3 88 17 31 31*



D INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET

1 SKOND IN-NUMRU TAL-KAŻ

2002

| | |
|--------------------------|----|
| 1435/2002/GG | 77 |
| 1769/2002/(IJH)ELB | 96 |
| 1876/2002/OV | 59 |
| 1878/2002/GG | 94 |
| 1889/2002/GG | 78 |
| 1963/2002/IP | 95 |
| 1986/2002/OV | 79 |
| 2007/2002/ADB..... | 79 |
| 2185/2002/IP | 80 |
| 2204/2002/MF | 81 |

2003

| | |
|-------------------------|-----|
| 0253/2003/ELB | 99 |
| 0260/2003/OV | 75 |
| 0278/2003/JMA | 82 |
| 0378/2003/MF | 91 |
| 0415/2003/(IJH)TN | 73 |
| 0701/2003/IP | 83 |
| 0753/2003/GG | 84 |
| 0821/2003/JMA | 55 |
| 0841/2003/(FA)OV | 60 |
| 0849/2003/JMA | 61 |
| 0900/2003/TN..... | 62 |
| 0907/2003/ELB | 56 |
| 0953/2003/(FA)OV | 90 |
| 1110/2003/ELB | 69 |
| 1196/2003/ELB | 101 |
| 1219/2003/GG | 100 |
| 1286/2003/JMA | 63 |
| 1304/2003/(ADB)PB | 64 |
| 1319/2003/ADB..... | 85 |

| | |
|-----------------------------|-----|
| 1320/2003/(ADB)ELB..... | 74 |
| 1367/2003/OV | 86 |
| 1481/2003/OV | 65 |
| 1571/2003/OV | 93 |
| 1600/2003/ADB..... | 69 |
| 1624/2003/ELB | 87 |
| 1874/2003/GG | 87 |
| 1949/2003/(TN)(IJH)TN | 70 |
| 2046/2003/GG | 76 |
| 2124/2003/ADB..... | 70 |
| 2126/2003/PB | 57 |
| 2183/2003/(TN)(IJH)TN | 71 |
| 2210/2003/MHZ..... | 98 |
| 2216/2003/MHZ..... | 92 |
| 2225/2003/(ADB)PB | 103 |
| 2239/2003/(AJ)TN | 89 |
| 2333/2003/GG | 89 |
| 2371/2003/GG | 58 |
| OI/1/2003/ELB | 105 |
| OI/2/2003/GG | 104 |
| OI/5/2003/IJH..... | 106 |

2004

| | |
|--------------------|-----|
| 0032/2004/GG | 102 |
| 0220/2004/GG | 72 |
| 0221/2004/GG | 66 |
| 0326/2004/IP | 66 |
| 0435/2004/GG | 71 |
| 0480/2004/TN..... | 67 |
| 0520/2004/TN..... | 71 |
| 0760/2004/GG | 100 |
| 1044/2004/GG | 68 |



2 SKOND IS-SUĠĠETT

Agrikoltura (CAP)

| | |
|--------------------|-----|
| 1219/2003/GG | 100 |
| 0760/2004/GG | 100 |

Drittijiet taċ-Ċittadini

| | |
|---------------------|----|
| 0753/2003/GG | 84 |
| 1286/2003/JMA | 63 |
| 2333/2003/GG | 89 |
| 2371/2003/GG | 58 |
| 0220/2004/GG | 72 |
| 1044/2004/GG | 68 |

Politika dwar il-Kompetizzjoni

| | |
|--------------------|----|
| 1963/2002/IP | 95 |
|--------------------|----|

Politika dwar il-Konsumatur

| | |
|--------------------|----|
| 2126/2003/PB | 57 |
|--------------------|----|

Kuntratti

| | |
|-----------------------------|----|
| 1878/2002/GG | 94 |
| 1889/2002/GG | 78 |
| 1986/2002/OV | 79 |
| 0953/2003/(FA)OV | 90 |
| 1874/2003/GG | 87 |
| 1949/2003/(TN)(IJH)TN | 70 |
| 2124/2003/ADB | 70 |
| 0435/2004/GG | 71 |

Koperazzjoni fl-Iżvilupp

| | |
|---------------------|----|
| 0253/2003/ELB | 99 |
| 1624/2003/ELB | 87 |
| 2124/2003/ADB | 70 |
| 0326/2004/IP | 66 |

Edukazzjoni, tagħrif vokazzjonali u żgħażaġħ

| | |
|--------------------|----|
| 0221/2004/GG | 66 |
|--------------------|----|

Ambjent

| | |
|---------------------|----|
| 0278/2003/JMA | 82 |
| 2124/2003/ADB | 70 |

Impjiegi

| | |
|--------------------|----|
| 0480/2004/TN | 67 |
|--------------------|----|

Moviment ħieles ta' persuni u servizzi

| | |
|--------------------|----|
| 0701/2003/IP | 83 |
|--------------------|----|

Saħħa pubblika

| | |
|---------------------|----|
| 0849/2003/JMA | 61 |
| 2126/2003/PB | 57 |

Riċerka u teknoloġija

| | |
|--------------------|----|
| 1876/2002/OV | 59 |
|--------------------|----|

Għajnuna ta' l-Istat

| | |
|--------------------|----|
| 2185/2002/IP | 80 |
|--------------------|----|

Impjegati

– Reklutaġġ

| | |
|--------------------------|-----|
| 1435/2002/GG | 77 |
| 0378/2003/MF | 91 |
| 0821/2003/JMA | 55 |
| 1110/2003/ELB | 69 |
| 1196/2003/ELB | 101 |
| 1320/2003/(ADB)ELB | 74 |
| 1367/2003/OV | 86 |
| 1571/2003/OV | 93 |
| 1600/2003/ADB | 69 |
| 2216/2003/MHZ | 92 |
| 2225/2003/(ADB)PB | 103 |

– Domandi oħra

| | |
|---------------------|-----|
| 2204/2002/MF | 81 |
| 0907/2003/ELB | 56 |
| 1319/2003/ADB | 85 |
| 2046/2003/GG | 76 |
| 2210/2003/MHZ | 98 |
| OI/1/2003/ELB | 105 |
| OI/2/2003/GG | 104 |
| 0032/2004/GG | 102 |

Trasport

| | |
|------------------------|----|
| 2239/2003/(AJ)TN | 89 |
|------------------------|----|



3 SKOND IT-TIP TA' AMMINISTRAZZJONI MHUX XIERQA ALLEGATA

Dewmien li seta' ġie evitat

| | |
|-----------------------------|----|
| 1963/2002/IP | 95 |
| 2185/2002/IP | 80 |
| 0260/2003/OV | 75 |
| 1319/2003/ADB..... | 85 |
| 1949/2003/(TN)(IJH)TN | 70 |
| 2124/2003/ADB..... | 70 |
| 2333/2003/GG | 89 |
| 0435/2004/GG | 71 |

Diskriminazzjoni

| | |
|---------------------|-----|
| 0278/2003/JMA | 82 |
| 0821/2003/JMA | 55 |
| 1367/2003/OV | 86 |
| 2210/2003/MHZ..... | 98 |
| 2216/2003/MHZ..... | 92 |
| 2126/2003/PB | 57 |
| OI/2/2003/GG | 104 |
| 0326/2004/IP | 66 |

Żball fil-proċedura ta' l-Artikolu 226

| | |
|------------------------|----|
| 2007/2002/ADB..... | 79 |
| 0701/2003/IP | 83 |
| 0841/2003/(FA)OV | 60 |
| 0849/2003/JMA | 61 |
| 0480/2004/TN..... | 67 |
| 1044/2004/GG | 68 |

Nuqqas jew rifjut ta' informazzjoni

| | |
|-------------------------|-----|
| 1986/2002/OV | 79 |
| 0415/2003/(IJH)TN | 73 |
| 0753/2003/GG | 84 |
| 0907/2003/ELB | 56 |
| 1110/2003/ELB | 69 |
| 1196/2003/ELB | 101 |
| 1286/2003/JMA | 63 |
| 1319/2003/ADB..... | 85 |
| 1320/2003/(ADB)ELB..... | 74 |
| 1367/2003/OV | 86 |
| 1874/2003/GG | 87 |
| 2126/2003/PB | 57 |
| 2239/2003/(A)TN | 89 |
| 2371/2003/GG | 58 |

Nuqqas ta' trasparenza

| | |
|-------------------------|----|
| 1304/2003/(ADB)PB | 64 |
| 1481/2003/OV | 65 |
| 0220/2004/GG | 72 |

Żball legali

| | |
|-------------------------|----|
| 0900/2003/(IJH)TN | 62 |
| 1571/2003/OV | 93 |

Negliġenza

| | |
|--------------------|----|
| 1963/2002/IP | 95 |
| 2185/2002/IP | 80 |
| 2204/2002/MF | 81 |
| 0260/2003/OV | 75 |
| 1600/2003/ADB..... | 69 |

Żbalji proċedurali

| | |
|--------------------------|-----|
| 1769/2002/(IJH)ELB | 96 |
| 2007/2002/ADB..... | 79 |
| 2216/2003/MHZ..... | 92 |
| OI/1/2003/ELB | 105 |
| 0326/2004/IP | 66 |

Raġunament

| | |
|------------------------|----|
| 0953/2003/(FA)OV | 90 |
|------------------------|----|

Inġustizzja

| | |
|------------------------|-----|
| 1435/2002/GG | 77 |
| 1876/2002/OV | 59 |
| 1878/2002/GG | 94 |
| 1889/2002/GG | 78 |
| 1986/2002/OV | 79 |
| 0378/2003/MF | 91 |
| 0953/2003/(FA)OV | 90 |
| 1219/2003/GG | 100 |
| 2046/2003/GG | 76 |
| 0032/2004/GG | 102 |
| 0221/2004/GG | 66 |

**Amministrazzjoni mhux xierqa oħra**

| | |
|-----------------------------|-----|
| 1876/2002/OV | 59 |
| 1986/2002/OV | 79 |
| 0253/2003/ELB | 99 |
| 0953/2003/(FA)OV | 90 |
| 1624/2003/ELB | 87 |
| 2183/2003/(TN)(IJH)TN | 71 |
| OI/5/2003/IJH..... | 106 |



KIF TAGĦMEL KUNTATT MA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

BIL-POSTA

L-Ombudsman Ewropew
1, avenue du Président Robert Schuman
B.P. 403
67001 Strasbourg Cedex
Franza

BIT-TELEFOWN

+33 3 88 17 23 13

BIL-FAKS

+33 3 88 17 90 62

BL-E-MAIL

euro-ombudsman@europarl.eu.int

WEBSITE

<http://www.euro-ombudsman.eu.int>



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.eu.int

ISBN 92-95022-61-0

